

Brussell, 17 ta' Lulju 2025  
(OR. en)

11770/25

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0555 (COD)**

---

---

COMPET 760	POLGEN 95
IND 285	ECOFIN 1028
MI 558	COH 145
CADREFIN 112	INDEF 76
FIN 900	CULT 86
RECH 332	CYBER 215
ESPACE 55	JAI 1101
CONSOM 146	DIGIT 148
DUAL USE 37	DATAPROTECT 161
EDUC 330	FREMP 210
TELECOM 252	RELEX 1030
ENER 380	COPS 388
ENV 722	UD 169
CLIMA 283	AUDIO 66
AGRI 361	PROCIV 102
TRANS 314	IPCR 57
SAN 472	MAP 40
PHARM 106	FISC 191
BIOTECH 4	CODEC 1049
POLMIL 222	IA 92

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 16 ta' Lulju 2025

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion: COM(2025) 555 final

---

Suġġett: Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività ("FEK"), inkluż il-programm speċifiku għal attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fid-difiża, li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/522, (UE) 2021/694, (UE) 2021/697, (UE) 2021/783, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/696, (UE) 2023/588, (UE) [EDIP]

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 555 final.



Mehmuż: COM(2025) 555 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 16.7.2025  
COM(2025) 555 final

2025/0555 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (“FEK”), inkluż il-programm speċifiku għal attivitajiet ta’ riċerka u innovazzjoni fid-difiża, li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/522, (UE) 2021/694, (UE) 2021/697, (UE) 2021/783, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/696, (UE) 2023/588, (UE) [EDIP]**

(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2025) 555 final} - {SWD(2025) 555 final} - {SWD(2025) 556 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK, il-Fond) huwa parti mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) ta' wara l-2027, li għandu l-għan li jikkonsolida 14-il strument ta' finanzjament individwali mill-QFP attwali f'qafas wieħed biex joperaw bħala kapaċità ta' investiment biex tissaħħaħ il-kompetittività Ewropea fit-teknoloġiji u fis-setturi strateġiċi kritiċi għall-kompetittività tal-UE mir-riċerka kollaborattiva sal-espansjoni, l-innovazzjoni, il-varar u l-manifattura industrijali u tal-infrastruttura, inklużi l-ħiliet, u b'appoġġ għal proġetti u kumpaniji inklużi SMEs, start-ups, kumpaniji akbar, universitajiet u entitajiet tar-riċerka, filwaqt li jaġixxi bħala għodda ta' ingranaġġ u juża strumenti baġitarji biex jattira investimenti privati, istituzzjonali u nazzjonali.

Matul dawn l-aħħar 30 sena, id-diskrepanzi fil-produttività bejn l-UE u ekonomiji avvanzati oħra żdiedu, u b'hekk l-UE saret inqas kompetittiva meta mqabbla ma' ekonomiji ewlenin oħrajn. L-UE bħalissa għadha lura f'diversi oqsma, inklużi l-iżvilupp teknoloġiku, il-prestazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni, l-implimentazzjoni tal-infrastruttura, id-dinamiżmu fis-suq, u l-kapaċità industrijali. F'dawn l-aħħar snin, li kienu kkaratterizzati mill-avvanzi teknoloġiċi rapidi, il-kompetizzjoni ekonomika dejjem akbar, il-kontroll ta' infrastrutturi abilitanti ewlenin, u l-protezzjoniżmu kummerċjali, it-tiġħ tal-kompetittività tal-Unjoni Ewropea sar prijorità kritika. Dan, u l-impatt potenzjali li għandha fuq il-prosperità tagħna ġie enfasizzat minn diversi rapporti reċenti, inkluż ir-Rapport ta' Draghi dwar il-Futur tal-Kompetittività Ewropea u r-Rapport ta' Letta "Much More Than a Market", li r-rakkomandazzjonijiet tagħhom kienu l-bażi għall-Boxxla għall-Kompetittività.

Il-Boxxla għall-Kompetittività<sup>1</sup>, li ġiet adottata mill-Kummissjoni Ewropea f'Jannar 2025, tagħmel dijanjożi ta' kwistjonijiet sinifikanti li jxekklu l-kompetittività fl-UE. Kwistjoni ċentrali li ġiet identifikata hija dik tad-distribuzzjoni tal-infiq tal-Unjoni f'diversi programmi li jikkoinċidu, li ħafna minnhom jiffinanzjaw inizjattivi simili iżda b'rekwiżiti differenti, li jikkomplikaw l-kombinament effettiv tal-finanzjament.

Il-Boxxla tidentifika diversi fatturi ewlenin meħtieġa biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni: (1) it-tnaqqis tad-diskrepanza fl-innovazzjoni, (2) id-dekarbonizzazzjoni, u (3) it-tnaqqis tad-dipendenzi eċċessivi u t-titjib tas-sigurtà. Barra minn hekk, tenfasizza ħames faċilitaturi orizzontali: (1) is-simplifikazzjoni, (2) it-tneħħija tal-ostakli fis-Suq Uniku, (3) il-finanzjament, (4) il-ħiliet u l-impjiegi ta' kwalità, u (5) il-koordinazzjoni aħjar. Is-simplifikazzjoni, il-finanzjament, u l-koordinazzjoni aħjar huma l-fokus primarju tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, bl-għan li jindirizzaw sfidi bħal: (1) l-appoġġ subottimali matul il-perkors tal-investiment—mir-riċerka fundamentali u r-riċerka applikata sal-espansjoni, l-implimentazzjoni industrijali, u l-manifattura; (2) il-ħtiġijiet ta' investiment għoli biex jiġu ssodisfati l-prijoritajiet tal-Unjoni, inkluża t-tranżizzjoni lejn l-enerġija nadifa u dik diġitali; u (3) xenarju ta' finanzjament tal-Unjoni kumpless u mhux koordinat. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi huwa mistenni li jkollu impatt pożittiv, għalkemm indirett, fuq problemi oħra identifikati fil-Boxxla għall-Kompetittività, bħad-diskrepanza fl-innovazzjoni, filwaqt li jnaqqas ukoll id-dipendenza tal-Ewropa fuq sorsi esterni għat-teknoloġiji kritiċi u r-riżorsi, u b'hekk itejjeb is-sigurtà u r-reżiljenza.

---

<sup>1</sup> COM(2025) 30 final

Il-FEK ma huwiex l-unika inizjattiva biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni. Dan jikkomplementa miżuri oħra mħabbra fil-Boxxla għall-Kompetittività. Din il-proposta tallinja mal-Komunikazzjoni dwar il-Perkors lejn il-QFP li jmiss<sup>2</sup>, li ddeskriviet l-objettivi għall-Baġit tal-Unjoni li jmiss li jkun aktar sempliċi, aktar iffukat, b'impatt akbar, u li kapaċi jindirizza l-komplessitajiet, id-dgħufijiet u r-riġiditajiet attwali. Il-Komunikazzjoni tenfasizza wkoll li l-flessibilità hija kruċjali biex tiġi żgurata l-kapaċità tal-baġit li jrispondi għal realtà li qed tinbidel, b'enfasi fuq sfidi bħat-tisħiħ tal-kompetittività tal-Unjoni, li jeħtieġ azzjoni konġunta f'Europa magħquda. Il-kumpaniji li għandhom jiġu koperti mit-28 reġim futur għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw ukoll mill-FEK, speċjalment peress li dan ir-reġim għandu l-għan li jissimplifika l-operazzjonijiet transfruntieri u jinkoraġġixxi l-investment fi ħdan is-suq uniku tal-UE.

Il-FEK se jkun strutturat fuq erba' twieqi ta' politika li jirriflettu prijoritajiet strateġiċi kruċjali għall-kompetittività u r-reżiljenza tal-Unjoni (mill-IA u t-teknoloġija diġitali sal-ispazju, mit-teknoloġija nadifa sal-bijoteknoloġija, mid-difiża sas-saħħa). L-arkitettura miftuħa tiegħu tgħin lill-Fond jrispondi malajr għal sfidi u prijoritajiet ġodda billi jipprovdi direzzjoni u strateġija ġenerali. Din l-arkitettura l-ġdida tippermetti l-istabbiliment ta' prijoritajiet ta' politika fil-livell ta' kull tieqa, li l-appoġġ jiġi mmirat b'mod effettiv mir-riċerka applikata għall-manifattura u l-implimentazzjoni, inklużi l-infrastruttura u l-ħiliet speċifiċi, li jiddependu fuq għodod ta' finanzjament adattati għall-ħtiġijiet tal-proġetti u t-tneħħija tar-riskji għall-investment billi jiġi offrut proporzjon xieraq ta' ingranaġġ/impatt tal-baġit tal-Unjoni. Barra minn hekk, ir-Regolament dwar il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (UE) [XXX]<sup>3</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [il-programm qafas ta' Orizzont Ewropa għar-Riċerka u l-Innovazzjoni] se jkun marbut mill-qrib mal-komponenti tal-FEK biex jiżgura perkors tal-investment bla xkiel mill-idea sas-suq.

Il-FEK se jimobilizza b'mod flessibbli s-sett ta' għodod finanzjarju kollu pprovdut mill-baġit tal-Unjoni (inklużi s-self, l-għotjiet, l-ekwità, il-kważi-ekwità, it-taħlit, l-akkwist u l-garanziji). Il-garanzija baġitarja u l-istrumenti finanzjarji jsiru disponibbli għat-twieqi ta' politika kollha, u b'hekk ikunu jistgħu jintużaw f'oqsma ta' finanzjament taħt Fond uniku. Se jiġu żgurati wkoll sinerġiji ma' programmi oħra, bis-saħħa ta' approċċ aktar integrat fil-livell strateġiku u fil-livell operazzjonali. Minbarra s-sett ta' għodod finanzjarju tal-FEK, il-Fond se jipprovdi appoġġ ta' konsulenza għall-proġetti matul iċ-ċiklu ta' investment biex irawwem l-oriġinazzjoni u l-iżvilupp tal-proġetti, jappoġġa l-iżvilupp tal-ħiliet u jipprovdi appoġġ trażversali għan-negozji għal SMEs u start-ups u jiffaċilita t-tkabbir tan-negozju, l-aċċess għall-finanzjament u l-investimenti tagħhom. L-istruttura integrata tippermetti wkoll sinerġiji ma' partijiet strutturali oħra tal-QFP, bħar-Regolament dwar Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (UE) [XXX]<sup>4</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali]. Il-FEK jikkontribwixxi għall-kompetittività tal-Unjoni u jkopri firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika mir-riċerka u l-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, l-ispazju, id-difiża, l-ambjent, is-saħħa, l-appoġġ għas-suq uniku, l-ekonomija ċirkolari sat-tranżizzjoni tal-enerġija. Il-Fond jinkludi attivitajiet li bħalissa jitwettqu taħt 14-il programm tal-Unjoni: Orizzont Ewropa (HE, Horizon Europe) bħala programm awtonomu iżda marbut mill-qrib mal-FEK, il-Fond għall-Innovazzjoni (FI), il-Programm Ewropa Diġitali (DEP, Digital Europe Programme), il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa – Diġitali (FNE), il-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF, European Defence Fund), l-Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon (ASAP, Act in Support of Ammunition Production), l-Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni (EDIRPA, European Defence Industry Reinforcement through

---

<sup>2</sup> COM(2025) 46 final

<sup>3</sup> ĠU L..., p

<sup>4</sup> ĠU L..., p

Common Procurement Act ), il-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP, European Defence Industry Programme), il-programm l-UE għas-Saħħa, il-Programm Spazjali Ewropew, IRIS, InvestEU, il-Programm tas-Suq Uniku (Fergħa tal-SMEs), u LIFE (ara l-Anness 7 tar-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt għal aktar dettalji dwar kull wieħed minn dawn il-programmi). Id-daqs ta' dawn il-programmi illum huwa varjat ħafna, bl-Orizzont Ewropa jkun l-akbar, b'EUR 93 biljun fuq 7 snin taħt dan il-QFP (2021-2027), u bil-Fond għall-Innovazzjoni jkun it-tieni l-akbar, li jammonta għal madwar EUR 40 biljun fil-perjodu 2020-2030 (iffinanzjat mid-dħul tal-ETS skont l-Artikolu 10a(8) tad-Direttiva 2003/87/KE).

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Il-FEK jallinja mal-objettivi deskritti fil-Komunikazzjoni dwar it-Triq lejn il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss, bl-għan ta' baġit aktar iffukat, aktar sempliċi u b'impatt akbar.

Sabiex tissaħħaħ il-kompetittività, il-FEK se jibni fuq l-esperjenza bil-Programm InvestEU<sup>5</sup> li ġabar għadd ta' strumenti finanzjarji taħt qafas uniku u semplifikat u rnexxielu jimmobilizza b'suċċess il-finanzjament pubbliku u privat, bl-użu ta' garanzija tal-UE relattivament modesta, filwaqt li pprovda addizzjonalità u allinja mal-għanijiet ta' politika tal-Unjoni.

Il-FEK se jkun marbut mill-qrib mal-għaxar Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni stabbilit skont ir-Regolament (UE) [XXX] [il-programm ta' Orizzont Ewropa għar-Riċerka u l-Innovazzjoni] permezz tal-iżvilupp ta' programmi ta' ħidma integrati u ġabra unika ta' regoli fir-Regolament dwar il-FEK. Dan se jkun kruċjali biex jiġi żgurat perkors tal-investment bla xkiel mir-riċerka sal-bidu, l-espansjoni, l-implimentazzjoni u l-manifattura globali, mill-idea sas-suq. L-azzjonijiet diretti tal-JRC se jappoġġaw l-objettivi tat-twieqi ta' politika tal-FEK.

Il-FEK se jkun koerenti ma' u komplimentari għall-fondi l-ġodda l-oħra li se jappoġġaw il-finanzjament relatat mas-saħħa – għal attivitajiet relatati mal-prevenzjoni tal-mard u mar-Regolament dwar il-promozzjoni tas-saħħa (UE) [XXX]<sup>6</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u l-appoġġ tal-Unjoni għall-preparatezza u għar-rispons f'każ ta' emerġenza tas-saħħa], ir-Regolament (UE) [XXX]<sup>7</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Ewropa Globali], ir-Regolament (UE) [XXX] [il-Pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali]. Rabta qawwija bejn il-FEK u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa mmodernizzata (FNE) hija kruċjali (ir-Regolament (UE) [XXX]<sup>8</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa]). Il-proġetti infrastrutturali transfruntieri dwar id-dekarbonizzazzjoni, ir-reżiljenza diġitali, tat-trasport u tal-enerġija, kif ukoll il-mobbiltà huma vitali għat-titjib tal-kompetittività, is-sigurtà u t-tnaqqis tad-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni. Hemm sinerġiji ċari bejn in-networks trans-Ewropej fl-enerġija u t-trasport appoġġati mill-FNE u proġetti fl-ambitu tal-FEK. L-infrastrutturi tal-konnettività diġitali transfruntiera li, skont ir-rapport ta' Draghi, huma vitali biex l-Ewropa tkun globalment kompetittiva, se jiġu ffinanzjati taħt il-FEK sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji mal-kapaċitajiet diġitali l-oħra.

Għandhom jiġu żgurati sinerġiji bejn il-FEK minn naħa waħda u l-Fond għall-Innovazzjoni u l-programm tas-Suq Uniku min-naħa l-oħra fir-rigward tal-appoġġ għal:

- id-dekarbonizzazzjoni industrijali u l-innovazzjoni b'mod partikolari fil-qasam tat-teknoloġiji nodfa (il-Fond għall-Innovazzjoni).

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, **li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017**

<sup>6</sup> ĠU L., p

<sup>7</sup> ĠU L., p

<sup>8</sup> ĠU L., p

- It-teknoloġġi diġitali, l-infrastruttura pubblika diġitali pan-Ewropea u s-soluzzjonijiet diġitali fil-qasam tad-dwana u t-tassazzjoni (il-programm tas-Suq Uniku).

Għal dan l-għan, il-FEK għandu jiżgura koerenza mal-azzjonijiet ippjanati li għandhom jiġu implimentati taħt il-Fond għall-Innovazzjoni u l-programm tas-Suq Uniku, b'mod partikolari meta jiġu żviluppati programmi ta' ħidma. Kif imħabbar fil-Patt għal Industrija Nadifa, il-Bank għad-De karbonizzazzjoni Industrijali se jitqiegħed fi ħdan il-governanza tal-FEK.

Sa tmiem l-2025, il-Kummissjoni għandha tipproponi l-qafas leġislativ għas-Sistemi tal-UE fl-Ispazju u l-Governanza tagħhom li jibnu fuq l-acquis tal-UE tar-regolamenti dwar l-Ispazju u IRIS<sup>2</sup>.

Il-kompetittività se tirċievi wkoll appoġġ mill-Pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri u mill-politiki esterni. Barra minn hekk, se jiġu mfittxija sinerġiji bejn il-FEK u attivitajiet oħra tal-Unjoni li jappoġġaw oqsma ta' politika marbuta mill-qrib mal-kompetittività. B'mod partikolari, il-FEK se jippermetti l-kombinament u l-akkumulazzjoni ta' finanzjament għal azzjonijiet li jappoġġaw l-oġettivi ta' aktar minn programm wieħed tal-Unjoni. Il-FEK se jkun miftuħ ukoll għal kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja jew mhux finanzjarja li tappoġġa l-oġettivi tal-kompetittività, inkluż mill-Istati Membri, minn pajjiżi terzi u minn organizzazzjonijiet internazzjonali. Barra minn hekk, se jiġi ffaċilitat l-appoġġ mir-Regolament (UE)[XXX] [il-pjanijiet ta' sħubija Nazzjonali u Reġjonali] għal proġetti li ngħataw is-Siġill tal-Kompetittività. Se jiġu mfittxija sinerġiji u komplementarjetà, mill-ippjanar sal-implimentazzjoni, b'mod partikolari mal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment. L-implimentazzjoni ta' dawn l-attivitajiet kollha ta' sinerġija se tnaqqas ir-rekwiżiti tar-rapportar u taż-żamma tar-rekords għar-riċevituri mnaqqsa għall-minimu meħtieġ.

Il-FEK għandu jaħdem ukoll f'sinerġija mal-programm il-ġdid Erasmus+ għall-iżvilupp tal-ħiliet, u bl-oġettiv li tiġi implimentata l-Unjoni tal-ħiliet. L-appoġġ għall-finanzjament mill-FEK għall-ħiliet f'setturi strateġiċi jkun komplimentari għall-appoġġ mill-Erasmus+ għall-bini u t-titjib tal-ħiliet għal impjiegi u ħajjiet ta' kwalità permezz tat-tagħlim tul il-ħajja u l-iżvilupp, l-attrazzjoni u ż-żamma tat-talent.

#### • **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-FEK huwa konsistenti mal-Boxxla għall-Kompetittività li pprovdiet pjan direzzjonali għat-tiħ tal-kompetittività, li jibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet ta' dawn ir-rapporti. Barra minn hekk, il-FEK se jappoġġa b'mod sostanzjali l-Patt għal Industrija Nadifa, li ddeskriva l-ħtieġa li jiġu aċċellerati d-dekarbonizzazzjoni, l-industrijalizzazzjoni mill-ġdid u l-innovazzjoni, filwaqt li jlaqqa' flimkien l-azzjoni klimatika u l-kompetittività taħt strateġija ġenerali waħda ta' tkabbir.

Il-FEK jikkomplimenta wkoll it-twettiq ta' Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u se jampjifika l-effetti tagħha. Is-swieq kapitali aktar profondi se jippermettu lill-assiguraturi, lill-fondi tal-pensjonijiet, lill-banek u lill-manigġers tal-assi jipparteċipaw fi proġetti appoġġati mill-FEK u b'hekk jipprovdu opportunitajiet ta' tfaddil u ta' investment għaċ-ċittadini tal-UE għall-benefiċċju aħħari ta' dawk li jfaddlu u taċ-ċittadini.

Il-FEK huwa konsistenti bis-sħiħ mal-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali, li jstabbilixxi l-miri diġitali komuni tal-Unjoni u qafas ta' governanza biex tiġi aċċellerata t-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa fl-infrastruttura, fil-ħiliet u fis-servizzi<sup>9</sup>.

<sup>9</sup> Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481

B'mod partikolari, l-investimenti diġitali tal-FEK jirrispondu għad-diskrepanzi u l-prijoritajiet identifikati fir-rapport dwar *l-Istat tad-Deċennju Diġitali 2025*, b'mod partikolari fil-konnettività diġitali, fl-informatika avvanzata u fil-ħiliet diġitali, filwaqt li jappoġġaw l-oġettivi tal-Unjoni ta' sovranià diġitali.

Għadd ta' inizjattivi oħra huma rilevanti wkoll għall-attivitajiet implimentati taħt il-FEK, inklużi: L-Att dwar il-Materja Prima Kritika, l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, l-Att dwar iċ-Ċipep, il-Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku, ir-Regolament dwar l-Ekodiżinn għal Prodotti Sostenibbli, l-Att dwar l-IA, l-Att dwar Ewropa Interoperabbli, L-Istrateġija għax-Xjenzi tal-Ħajja, l-Att dwar il-Materjali Avvanzati, il-Pakkett Farmaċewtiku, L-Istrateġija għall-Kontromiżuri Mediċi, il-White Paper dwar id-Difiża, L-Istrateġija ta' Sigurtà Ekonomika, L-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza, L-Istrateġija Komprensiva għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti u l-Patt Ewropew għall-Oċeani. Il-FEK huwa konsistenti wkoll mad-dimensjoni esterna tal-kompetittività, mal-impjenji internazzjonali tal-Unjoni, inkluż fil-qasam tal-kummerċ.

## **2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

### **• Bażi legali**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju indikattiv għall-FEK, inkluż il-finanzjament tal-Unjoni Ewropea għat-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u d-Dekarbonizzazzjoni Industrijali, għat-Tmexxija Diġitali, għas-Saħħa, il-Bijoteknoloġija, l-Agrikoltura u l-Bijoeconomija, għar-Reżiljenza, l-industrija tad-Difiża u l-Ispazju.

Peress li l-FEK jikkostitwixxi qafas għal atti bażiċi separati tal-programm u l-oqsma ta' politika kkonċernati, il-proposta tiddependi fuq għadd ta' bażijiet legali separati, li kull waħda għandha tiġi applikata għall-parti(jiet) rilevanti tal-FEK:

- L-Artikolu 43(2) TFUE b'rabta mas-segwitu tal-oġettivi tal-politika agrikola komuni.
- L-Artikolu 168(5) tat-TFUE fir-rigward tal-attivitajiet rilevanti mfassla biex jipproteġu u jtejbu s-saħħa tal-bniedem billi jappoġġaw il-kompetittività tas-setturi tas-saħħa, tal-bijoteknoloġija, tal-agrikoltura u tal-bijoeconomija;
- L-Artikolu 172 tat-TFUE fir-rigward tal-attivitajiet rilevanti li jappoġġaw il-kompetittività permezz tat-trasformazzjoni diġitali f'oqsma ta' interess pubbliku;
- L-Artikolu 173(3) tat-TFUE fir-rigward ta' attivitajiet li jappoġġaw il-kompetittività tal-bażi industrijali tal-Unjoni Ewropea, inkluż appoġġ għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, speċifikament biex jadattaw għall-isfidi ekonomiċi l-ġodda fl-oqsma tar-riċerka, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u dik diġitali, is-saħħa, il-bijoteknoloġija, l-agrikoltura, il-bijoeconomija, l-ispazju, is-sigurtà u d-difiża;
- L-Artikolu 175 tat-TFUE fir-rigward tal-ħtieġa li jitkomplew u jittejbu l-miżuri barra mill-Fondi msemmija fl-Artikolu 175 tat-TFUE għal attivitajiet biex tittejjeb il-kompetittività fis-suq intern kollu, inkluż permezz ta' miżuri ta' twessigħ, filwaqt li titqies il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;
- L-Artikoli 182(4), 183 u t-tieni subparagrafu ta' 188 tat-TFUE fir-rigward tal-attivitajiet rilevanti li jappoġġaw ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tad-difiża;
- L-Artikolu 189(2) tat-TFUE fir-rigward tal-attivitajiet rilevanti li jappoġġaw il-politika dwar l-ispazju tal-Unjoni;

- L-Artikolu 192(1) tat-TFUE fir-rigward tal-attivitajiet rilevanti li jippreservaw, jipproteġu u jtejbju l-kwalità tal-ambjent u l-attivitajiet li jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa biex jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima;
- L-Artikolu 194(2) tat-TFUE fir-rigward tal-funzjonament tas-suq tal-enerġija; is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni; l-effiċjenza fl-enerġija u l-iffrankar tal-enerġija kif ukoll l-iżvilupp ta' forom ta' enerġija ġodda u rinnovabbli; u l-interkonnessioni tan-networks tal-enerġija.
- L-Artikolu 212(2) tat-TFUE fir-rigward ta' attivitajiet b' appoġġ ta' sħab strateġiċi għall-industrija tad-difiża;
- L-Artikolu 322(1), il-punt (a), dwar l-adozzjoni tar-regoli finanzjarji li jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura li għandha tiġi adottata għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit u għall-preżentazzjoni u l-awditjar tal-kontijiet.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Ir-rispons għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-Unjoni jrid jiġi koordinat fil-livell tal-Unjoni biex ikun verament effettiv. Il-ġbir tar-riżorsi f'dan il-livell isahha l-impatt u l-valur tal-investimenti billi jikseb ekonomiji ta' skala fit-trawwim u t-tneħħija tar-riskji għall-investment f'oqsma ta' politika kritiċi għall-kompetittività Ewropea. Dan l-approċċ huwa aktar kosteffettiv milli kieku l-Istati Membri jaġixxu b'mod indipendenti.

In-nuqqas ta' investment persistenti mis-settur privat f'oqsma kritiċi—bħall-infrastruttura, it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u l-kapaċità industrijali—huwa aggravat minn swieq kapitali frammentati, li jimpedixxu investment transfruntier effiċjenti. Minkejja tfaddil privat għoli, dawn ma jiġux ikkonvertiti b'mod adegwat f'investimenti ta' terminu twil meħtieġa għal awtonomija strateġika.

L-infiq pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp fl-Unjoni għadu frammentat u mhux allinjat mal-prijoritajiet tal-Unjoni kollha, bil-biċċa l-kbira tal-finanzjament ġej minn baġits individwali tal-Istati Membri. Azzjoni fil-livell tal-Unjoni biss tista' tappoġġa l-iskala u t-tip ta' proġetti li l-Istati Membri ma jistgħux jiksbu waħedhom, u b'hekk toħloq massa kritika għal proġetti u sħubijiet b'impatt.

Barra minn hekk, il-koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni tippromwovi l-kollaborazzjoni, essenzjali għat-trawwim ta' effetti konsegwenzjali tal-għarfien u għat-tnaqqis tar-riskji għall-investment, u b'hekk issaħħa il-kompetittività. Approċċ mifrux mal-Unjoni kollha joffri ekonomiji ta' skala u kooperazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati, kruċjali biex tingħata spinta lill-valorizzazzjoni tal-għarfien u biex jittejbju l-kapaċitajiet.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, programm tal-Unjoni ġestit direttament huwa fl-aħjar pożizzjoni biex jiżgura l-applikazzjoni ta' sett uniku ta' regoli għall-kooperazzjoni transfruntiera fl-aktar oqsma ta' politika strateġiċi koperti mill-FEK, u b'hekk jiżgura l-allinjament tal-politika u joħloq ekonomiji ta' skala fis-setturi u fl-Istati Membri kollha.

- **Proporzjonalità**

L-azzjonijiet proposti ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni u l-valur miżjud tal-Unjoni.

- **Għażla tal-istrument**

L-att bażiku jieħu l-forma ta' regolament adottat skont il-proċedura leġislattiva ordinarja f'konformità mat-TFUE biex jiżgura li l-obbligi jkunu direttament vinkolanti fuq ir-riċevituri tal-FEK u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni.

### 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Din il-proposta hija bbażata fuq l-analiżi estensiva tal-valutazzjonijiet tal-impatt, l-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu għall-programmi tal-2021-2027 li jaqgħu fl-ambitu ta' din l-inizjattiva u fuq l-evalwazzjonijiet *ex-post* disponibbli għall-programmi tal-2014-2020. Lista sħiħa tal-evalwazzjonijiet analizzati hija pprovduta fl-Anness 1 tal-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni Ewropea wettqet konsultazzjoni pubblika biex tiġbor għarfien dwar il-finanzjament tal-Unjoni għall-kompetittività bi tħejjija għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss li jibda fl-2028. Din il-konsultazzjoni, li saret fuq 12-il ġimgħa u kienet tinkludi kwestjonarju online u dokumenti ta' pożizzjoni, immirat firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati bħal ċittadini, negozji, SMEs, awtoritajiet pubbliċi, u akkademiċi.

Sommarju tas-sejbiet minn 2 034 tweġiba u 462 dokument ta' pożizzjoni żvela nuqqas ta' investiment mifruq fir-riċerka u l-innovazzjoni u diskrepanza notevoli fl-innovazzjoni ma' kompetituri globali bħala sfidi ewlenin għall-kompetittività tal-Unjoni. Il-konsultazzjoni enfasizzat il-ħtieġa li l-koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni tiġbor ir-riżorsi b'mod effettiv, u b'hekk jinkisbu ekonomiji ta' skala u jittejjeb l-impatt tal-investimenti f'oqsma bħall-infrastruttura, l-innovazzjoni u s-setturi strateġiċi.

Ir-rispondenti appoġġaw miżuri li jiffukaw fuq iż-żieda fil-finanzjament għal prijoritajiet strateġiċi, l-iżgurar tal-kontinwità fil-finanzjament mir-riċerka sal-manifattura, u l-limitazzjoni tad-dipendenzi tal-Unjoni f'setturi strateġiċi. Dawn il-miżuri tqiesu bħala meħtieġa biex jiġi indirizzat l-appoġġ frammentat fil-perkors tal-investiment kollu, li jfixkel il-kompetittività billi jipprevjeni t-trasformazzjoni effiċjenti tat-tfaddil f'investimenti għal terminu twil.

L-isfidi inkludew ukoll swieq kapitali frammentati u investiment privat insuffiċjenti, speċjalment li jaffettwa lill-SMEs u lill-kumpaniji scale-up. Fost ir-rispondenti, in-negozji u l-istituzzjonijiet akkademiċi enfasizzaw l-importanza ta' investimenti akbar fir-riċerka u l-iżvilupp, fil-modernizzazzjoni tal-infrastruttura, u fid-dekarbonizzazzjoni biex tinżamm il-kompetittività. Minkejja rispons pożittiv dwar diversi stadji tal-proċess ta' finanzjament, tqajjem tħassib dwar skedi ta' żmien twal għall-evalwazzjoni, nuqqas ta' trasparenza, u proċeduri ta' applikazzjoni kumplessi, li jaffettwaw b'mod partikolari lill-SMEs u lill-applikanti ġodda. Is-simplifikazzjoni u l-koerenza fil-programmi kollha ġew issuġġeriti bħala modi biex jittejjeb il-proċess ta' finanzjament.

Il-konsultazzjoni pubblika ġiet ikkomplementata b'attivitajiet oħra ta' konsultazzjoni għall-partijiet ikkonċernati rilevanti kemm fl-industrija kif ukoll fl-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni.

Għall-partijiet ikkonċernati tal-industrija, id-disa' laqgħa plenarja tal-Forum Industrijali li saret fid-19 ta' Marzu 2025, iffukat fuq il-Fond Ewropew għall-Kompetittività l-ġdid. Il-parteċipanti, irrappreżentati minn aktar minn 60 membru minn industrija u assoċjazzjonijiet ta' impriżi differenti kif ukoll mill-Istati Membri ġew mistiedna jipprovdu l-feedback tagħhom dwar il-problemi relatati mal-kompetittività u jikkondividu ideat dwar kif għandhom jiġu indirizzati dawn l-isfidi. Il-kontribut li wasal ikkonferma fil-biċċa l-kbira l-feedback tal-partijiet ikkonċernati riċevut matul il-konsultazzjoni pubblika, filwaqt li enfasizza l-ħtieġa li jiġu allinjati r-riċerka u l-politika industrijali u l-għodod ta' finanzjament.

Sommarju aktar dettaljat tal-konsultazzjoni mwettqa fil-qafas ta' din il-proposta jinsab fl-Anness 2 tal-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Din il-proposta hija bbażata fuq analiżi mhux fuq il-post estensiva li tkopri madwar 140 dokument, inklużi l-valutazzjonijiet tal-impatt imsemmija hawn fuq, l-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu u l-evalwazzjonijiet *ex-post*. Ġew ikkonsultati wkoll serje ta' rapporti u dokumenti ta' politika u xjentifiċi rilevanti.

L-analiżi fuq il-post kompliet titlesta permezz ta' mmudellar ekonomiku mwettaq miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC, Joint Research Centre) għall-kwantifikazzjoni ta' impatti magħżula u analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji imwettqa minn konsulent estern. Lista komprensiva ta' sorsi użati għall-finijiet ta' din il-proposta tista' tinstab fl-Anness 1 tal-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta. Metodoloġija dettaljata użata għall-finijiet tal-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji u l-immudellar tista' tinstab fl-Anness 4 tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju pprovda kummenti għall-valutazzjoni tal-impatt.

Fil-valutazzjoni tal-impatt ġew ikkunsidrati tliet għażliet ta' politika,

L-ewwel għażla hija “*Żamma tal-istatus quo plus*”, li fiha l-14-il programm iżommu r-regoli tagħhom stess, iżda l-Kummissjoni tipprova tiżgura konsistenza aktar orizzontali fil-fondi kollha, filwaqt li tibni fuq l-approċċ STEP.

It-tieni għażla hija “Koordinazzjoni mtejba bejn il-programmi u ġabra ta' regoli komuni”, li tmur lil hinn billi tarmonizza r-regoli fil-programmi kollha, b'mod partikolari billi tallinja l-oġettivi, il-fergħat, u l-pilastri, kif ukoll l-għodod ta' implimentazzjoni u d-dispożizzjonijiet legali orizzontali.

It-tielet għażla hija “Konsolidazzjoni tal-programmi f'Fond Ewropew għall-Kompetittività ġdid”, li tiġbor il-programmi rilevanti tal-Unjoni f'fond wieħed b'direzzjoni strateġika li tagħti prijorità lill-politika aktar milli lill-programmi.

L-għażla ppreferuta hija t-tielet għażla, peress li toffri sett komprensiv ta' miżuri ta' politika biex jingħelbu n-nuqqasijiet attwali fix-xenarju ta' finanzjament tal-Unjoni relatati mal-kompetittività deskritti hawn fuq.

L-għażla C hija mistennija li tnaqqas il-kostijiet amministrattivi għall-benefiċjarji billi tintegra l-punti ta' aċċess u tintroduċi ġabra unika ta' regoli, tissimplifika l-proċess ta' finanzjament u toħloq ambjent aktar effiċjenti u favorevoli għan-negozju, li b'mod partikolari jkun ta' benefiċċju għal industriji b'rata għolja ta' tkabbir, SMEs, start-ups innovattivi, u proġetti li jeħtieġu appoġġ għall-investiment fuq terminu twil.

Proċess ta' applikazzjoni simplifikat u aġġornat iżid iċ-ċarezza għall-promoturi tal-proġetti u jiffaċilita b'mod ġenerali l-aċċess għall-finanzjament.

L-għażla C tikkonsolida wkoll il-proċessi ta' finanzjament u twessa' l-aċċess għall-għodod finanzjarji, filwaqt li tippermetti lill-Unjoni tisfrutta aħjar il-potenzjal tagħha li timmobilizza l-kapital privat u żżid il-flessibbiltà baġitarja. L-għażla ssaħħa ukoll ir-rabtiet bejn ir-riċerka fundamentali u l-istadji avvanzati tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-manifattura, filwaqt li tiżgura struttura ekonomika dinamika fl-Unjoni u twassal aħjar l-ideat fis-suq. Sabiex jiġi żgurat is-

suċċess tal-għażla ppreferuta, l-Unjoni se timplimenta miżuri biex timminimizza l-impatti negattivi potenzjali, inkluż billi tibbilanċja l-flessibbiltà mal-ħtieġa ta' prevedibbiltà.

L-għażla ppreferuta tinvolvi xi kostijiet ta' aġġustament għall-applikanti u għall-benefiċjarji li diġà jibbenefikaw mill-fondi tal-Unjoni. Madankollu, filwaqt li jkun meħtieġ adattament inizjali għall-fond il-ġdid, il-benefiċjarji jkollhom iwettqu dan il-proċess ta' taġlim darba biss, aktar milli ripetutament għal programmi multipli.

F'termini tas-suq, qafas ta' finanzjament unifikat għandu l-għan li jtejjeb il-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej billi jagħmel il-finanzjament aktar aċċessibbli u allinjat b'mod strateġiku. Dan jappoġġa wkoll l-awtonomija strateġika Ewropea u jnaqqas id-dipendenzi kritiċi.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Wieħed mill-pilastri ewlenin ta' din il-proposta huwa s-simplifikazzjoni, li se tinkiseb permezz tal-integrazzjoni tal-punti ta' aċċess u l-introduzzjoni ta' ġabra unika ta' regoli, filwaqt li jiġi ssimplifikat il-proċess ta' finanzjament u jinħoloq ambjent aktar effiċjenti u favorevoli għan-negożju, b'mod partikolari għall-benefiċċju ta' industriji b'rata għolja ta' tkabbir, l-SMEs, l-istart-ups innovattivi, u proġetti li jeħtieġu appoġġ għall-investiment fuq terminu twil.

Proċess ta' applikazzjoni simplifikat u aġġornat se jżid iċ-ċarezza għall-promoturi tal-proġetti u jiffaċilita b'mod ġenerali l-aċċess għall-finanzjament.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta hija konformi u tirrispetta l-valuri tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u d-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta), fejn l-oġġettivi tal-inizjattiva proposta huma marbuta mal-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali u mal-applikazzjoni tal-Karta. Pereżempju, il-proposta tippromwovi d-dritt għall-ħajja u għall-ħajja privata billi tippromwovi d-dekarbonizzazzjoni kif ukoll l-ugwaljanza billi tippromwovi l-oportunitajiet indaqs u trawwem id-diversità fix-xenarju tal-investiment kollu.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-FEK għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034 għandu jkun ta' EUR 234 300 000 000 fi prezzijiet kurrenti. Din id-distribuzzjoni indikattiva tal-ammont għandha titqassam kif ġej:

- EUR 11 000 000 000 għal attivitajiet li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ġenerali msemmija fl-Artikolu 3, kif implimentati b'mod partikolari permezz ta' attivitajiet trażversali bħall-appoġġ mhux tematiku tal-Istrument InvestEU tal-FEK, imsemmi fil-Kapitolu II, it-Taqsima 2; Konsulenza għall-Proġetti, Kollaborazzjoni mal-SMEs, żvilupp tal-ħiliet u Aċċess għall-Finanzjament, imsemmi fil-Kapitolu III.
- EUR 26 210 000 000 għall-oġġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (a).
- EUR 20 393 000 000 għall-oġġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (b).
- EUR 51 493 000 000 għall-oġġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (c).

- EUR 125 204 000 000 għall-oġġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (d).

Hija inkluża dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva b'aktar informazzjoni baġitarja.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Din l-inizjattiva se tiġi mmonitorjata permezz tal-qafas ta' prestazzjoni għall-baġit ta' wara l-2027, li jipprevedi rapport ta' implimentazzjoni matul il-fażi ta' implimentazzjoni tal-programm, kif ukoll evalwazzjoni retrospettiva li għandha titwettaq f'konformità mal-Artikolu 34(3) tar-Regolament (Unjoni, Euratom) 2024/2509. Applikazzjoni simplifikata tal-qafas ta' prestazzjoni se tintuża għall-garanzija baġitarja u għall-istrumenti finanzjarji. L-implimentazzjoni ta' strumenti xprunati mis-suq teħtieġ sforzi ta' simplifikazzjoni biex jattiraw lill-investituri privati sabiex jappoġġaw oqsma ta' politika tal-Unjoni.

L-evalwazzjoni se titwettaq f'konformità mal-Linji Gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar u se tkun ibbażata fuq indikaturi rilevanti għall-oġġettivi tal-programm.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

- Il-Kapitolu I jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK) bħala parti mill-Programm Qafas pluriennali għall-2028-2034, li jiffoka fuq it-tisħiħ tal-kompetittività tal-Unjoni f'setturi strateġiċi. Dan jistabbilixxi l-oġġettivi, il-baġit u r-regoli ta' finanzjament tal-Fond, li għandhom l-għan li jappoġġaw proġetti fis-setturi tat-tranżizzjoni lejn l-enerġija nadifa u dik diġitali, tas-saħħa, u tar-reżiljenza, tas-sigurtà u tad-difiża. L-għanijiet ewlenin jinkludu ż-żieda fl-impatt teknoloġiku u ekonomiku, it-tnaqqis tad-dipendenzi strateġiċi, l-attirar tal-investment privat, u l-appoġġ għall-infrastruttura u l-SMEs. Il-kapitolu jenfasizza l-allinjament tal-politiki tar-riċerka u dawk industrijali biex jissaħħu l-industriji tal-Unjoni globalment, filwaqt li tiġi żviluppata infrastruttura kritika, u jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' hilit. L-oġġettivi speċifiċi jiffukaw fuq it-trawwim tal-innovazzjoni u l-kompetittività f'setturi kritiċi bħat-teknoloġija nadifa, is-saħħa, it-tranżizzjoni diġitali, is-sigurtà u d-difiża. Il-kapitolu jenfasizza l-investment mill-ġdid tar-redditi biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-Unjoni u jinkludi linji gwida għall-ħidma mal-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi biex jiġu estiżi l-oportunitajiet ta' investment. Dan jistabbilixxi l-ġabra unika ta' regoli. Barra minn hekk, jiżgura koordinazzjoni strateġika tar-riżorsi u jistabbilixxi l-arranġamenti ta' governanza.

- Il-Kapitolu II jintroduċi s-“Sett ta' Għodod tal-FEK” magħmul minn għotjiet, akkwist, u koordinazzjoni ta' għodod ta' politika industrijali, u l-Istrument InvestEU tal-FEK, li juża għodod finanzjarji bħal self, ekwità u garanziji li mistennija jimmobilizzaw investment privat u pubbliku sinifikanti allinjat mal-prijoritajiet tal-Unjoni. Dan jistabbilixxi regoli komuni għal attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni kollaborattivi, filwaqt li jqis l-ispeċifitàjiet immirati taħt Orizzont Ewropa, u jiżgura l-koordinazzjoni tal-għodod ta' politika industrijali, inklużi l-ktajjen tal-valur, iż-żieda fil-produzzjoni, l-iżvilupp tal-hilit u l-azzjonijiet kritiċi tal-kompetittività. L-Istrument InvestEU tal-FEK jiddeskrivi kif il-finanzjament se jiġi ġestit u użat mis-sħab ta' implimentazzjoni fis-suq, b'enfasi fuq oqsma ewlenin bħall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi. Il-finanzjament scale-up eżistenti għat-teknoloġija profonda taħt il-Fond Scale-up Europe imħabbar fl-Istrateġija għall-

kumpaniji Start-up u Scale-up se jitwettaq skont it-termini miftiehma fil-QFP attwali. Il-finanzjament scale-up futur kollu fil-QFP 2028-2034 se jsir taħt il-FEK.

- Il-Kapitolu III għandu l-għan li jtejjeb is-servizzi ta' Konsulenza għall-Proġetti, jappoġġa l-kollaborazzjoni mal-SMEs, u jissimplifika l-aċċess għall-finanzjament. Dan jistabbilixxi Konsulenza għall-Proġetti ċentralizzata għal appoġġ għall-investiment fl-oqsma kollha ta' politika, servizzi ta' appoġġ għan-negozji u network tal-Unjoni għan-negozji biex jissaħħu l-SMEs u l-istart-ups sabiex jiġi promoss it-tkabbir tagħhom u l-aċċess għall-finanzjament u l-investimenti tal-Unjoni permezz ta' servizzi ta' konsulenza u ta' sħubija.
- Il-Kapitoli IV – VII jipprevedu dispożizzjonijiet aktar dettaljati għall-implimentazzjoni ta' kull waħda mit-twieqi ta' politika tal-FEK.
- Il-Kapitolu VIII, bit-titolu “Dispożizzjonijiet Finali” jagħti dettalji dwar il-qafas proċedurali u amministrattiv għall-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK). Jiddeskrivi kif il-Kummissjoni Ewropea se tiġi appoġġata minn kumitat b'konfigurazzjonijiet differenti, li jiffoka fuq setturi differenti għall-adozzjoni tal-programmi ta' ħidma. Il-kapitolu jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti delegati, li jistgħu jiġu rrevokati mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill jekk ikun meħtieġ. Jiddeskrivi wkoll it-tħassir ta' diversi regolamenti eżistenti tal-Unjoni biex jiġu simplifikati fl-istruttura l-ġdida u jinkludi arranġamenti tranżizzjonali biex tiġi żgurata bidla bla xkiel lejn qafas tal-FEK. Ir-regolament huwa mistenni li jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2028, u jorbot lill-Istati Membri kollha.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (“FEK”), inkluż il-programm speċifiku għal attivitajiet ta’ riċerka u innovazzjoni fid-difiża, li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/522, (UE) 2021/694, (UE) 2021/697, (UE) 2021/783, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/696, (UE) 2023/588, (UE) [EDIP]**

(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 168(5), l-Artikolu 172, l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 173(3), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 175, l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 182(4), l-Artikolu 183 flimkien mal-Artikolu 188, it-tieni paragrafu, l-Artikolu 189(2), l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 194(2), l-Artikolu 212(2) u l-Artikolu 322(1), il-punt (a) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>10</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>11</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri,

Filwaqt li jaġixxu f’konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju indikattiv għall-Fond Ewropew għall-Kompetittività (“FEK”), inkluż il-programm speċifiku għar-riċerka u l-innovazzjoni fid-difiża, li għandu jikkostitwixxi l-ammont ta’ referenza primarja, skont it-tifsira tal-ftehim interistituzzjonali dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji, għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali. Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, il-prezzijiet attwali huma kkalkolati billi jiġi applikat deflatur fiss ta’ 2 %.
- (2) L-Unjoni qed tiffaċċja perjodu determinanti għall-futur tagħha, minn perspettiva politika, ekonomika, soċjali, ambjentali, klimatika u ta’ sigurtà, inklużi riskji akbar ta’ theddid militari konvenzjonali. Ir-rapport ta’ Draghi dwar il-futur tal-Kompetittività Ewropea<sup>12</sup> ppreżenta viżjoni għda biex it-tkabbir sostenibbli fl-Ewropa jerġa’ jingħata

<sup>10</sup> ĠU C , , p .

<sup>11</sup> ĠU C , , p .

<sup>12</sup> Il-futur tal-kompetittività Ewropea: Rapport ta’ Mario Draghi, Settembru 2024, [https://commission.europa.eu/topics/eu-competitiveness/draghi-report\\_mt](https://commission.europa.eu/topics/eu-competitiveness/draghi-report_mt)

l-ħajja. Ir-rapport ta' Letta<sup>13</sup> ddeskriva kif l-Ewropa trid tingrana s-Suq Uniku tagħha biex tikseb pożizzjoni ta' tmexxija fil-kompetizzjoni globali. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Boxxla għall-Kompetittività<sup>14</sup> pprovdiet pjan direzzjonali għat-tisħiħ tal-kompetittività, li jibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet ta' dawn ir-rapporti. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt għal Industrija Nadifa<sup>15</sup> spjegat il-ħtieġa li jiġu aċċellerati d-dekarbonizzazzjoni, l-industrijalizzazzjoni mill-ġdid u l-innovazzjoni, li jlaqqgħu flimkien l-azzjoni klimatika u l-kompetittività taħt tkabbir ġenerali wieħed. Il-Pjanijiet ta' Azzjoni Industrijali Settorjali, bħal daww għas-setturi Awtomobilistiċi, tal-Azzar u l-Metalli u tas-Sustanzi Kimiċi għandhom l-għan li jiżguraw il-kompetittività, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza fuq terminu twil tal-industrija Ewropea. L-Istat tad-Deċennju Diġitali 2025<sup>16</sup> jenfasizza l-ħtieġa urġenti li titrawwem il-kooperazzjoni u li jiżiedu l-investimenti pubbliċi u privati għat-tisħiħ tat-tmexxija diġitali, is-sovranià u l-inklużività tal-Unjoni. Il-White Paper Konġunta dwar il-Prontezza tad-Difiża Ewropea<sup>17</sup> tenfasizza l-ħtieġa li jsir investiment mill-ġdid sostanzjali u rapidu fid-difiża b'apoġġ għal-libertà ta' azzjoni tal-Ewropa. Barra minn hekk, il-prijoritajiet tal-Istrateġija ta' Sigurtà Ekonomika jkomplu jenfasizzaw il-ħtieġa kruċjali li jiġi żgurat il-vantaġġ teknoloġiku tal-Unjoni u li jitneħħa r-riskju għar-relazzjonijiet ekonomiċi inkluż billi tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista u b'hekk jitnaqqsu d-dipendenzi fuq ħaddieħor. Il-Patt Ewropew għall-Oċeani jiddeskrivi l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kompetittività u tiġi aċċelerata t-tranżizzjoni strateġika fis-setturi tal-ekonomija blu kollha, b'enfasi speċjali fuq id-dekarbonizzazzjoni u l-espansjoni tal-innovazzjoni. Kif deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Triq lejn il-QFP li jmiss,<sup>18</sup> il-baġit tal-Unjoni fuq terminu twil li jmiss jeħtieġ li jkun aktar iffukat, aktar sempliċi, aktar flessibbli, u prevedibbli u jwettaq aħjar il-prijoritajiet tal-Unjoni, inkluż it-tisħiħ tal-kompetittività tal-Unjoni.

- (3) Sabiex terġa' tikseb u ssaħħaħ il-vantaġġ kompetittiv tagħha, huwa essenzjali li l-Unjoni terġa' tagħti l-ħajja liċ-ċiklu tal-innovazzjoni billi tiżviluppa l-kapaċità ta' innovazzjoni fixkiela tagħha u tinvesti f'teknoloġiji emerġenti, avvanzati u strateġiċi b'potenzjal ekonomiku sinifikanti. Sabiex tiżgura l-awtonomija tagħha fl-ekonomija globali, l-Unjoni jenħtieġ li tiggarrantixxi t-tmexxija teknoloġika u industrijali tagħha f'setturi strateġiċi, billi tibda bi ktajjen tal-provvista ta' materja prima kritika, l-iżvilupp u l-manifattura ta' teknoloġiji strateġiċi fl-Ewropa, kif ukoll il-mitigazzjoni tar-riskji li jaffettwaw is-sigurtà u r-reżiljenza tagħha li jirriżultaw minn dipendenzi esterni kritiċi. Dan jista' jsir billi jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment, b'mod proporzjonat u mingħajr ma ssir evizzjoni tal-finanzjament privat, meta jitqiesu l-ħtiġijiet ta' investiment għoli għat-twettiq tal-prijoritajiet tal-Unjoni, inkluż għad-dekarbonizzazzjoni u t-tranżizzjoni diġitali. Jenħtieġ li ssir aktar enfasi fuq l-ingranaġġ tal-parteċipazzjoni tas-settur privat billi jittejjeb l-użu ta' mekkaniżmi ta'

<sup>13</sup> Ir-Rapport ta' Enrico Letta dwar il-Futur tas-Suq Uniku, April 2024, <https://www.consilium.europa.eu/media/ny3j24sm/much-more-than-a-market-report-by-enrico-letta.pdf>.

<sup>14</sup> [Il-Boxxla għall-Kompetittività - il-Kummissjoni Ewropea](#)

<sup>15</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, "Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni, COM(2025) 85 final, 26.2.2025.

<sup>16</sup> COM(2025) 290 L-Istat tad-Deċennju Diġitali 2025: Inkomplu nibnu s-sovranià u l-futur diġitali tal-UE.

<sup>17</sup> Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar "Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika" JOIN(2023) 20 final, 20.6.2023.

<sup>18</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Il-perkors lejn il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, COM(2025) 46 final, 11.2.2025.

kondiviżjoni tar-riskju bejn il-fondi tal-Unjoni u l-investituri privati, sabiex jiġi żgurat użu effiċjenti tal-finanzjament pubbliku. Dan se jibni fuq il-progress miksub fir-rigward tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u jimplifika l-impatt tiegħu, li se jipprovdi x-xenarju regolatorju meħtieġ biex l-investimenti privati jirnexxu. L-użu ta' kwalunkwe riżorsa nazzjonali addizzjonali huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE.

- (4) Dan jeħtieġ li l-finanzjament tal-Unjoni joffri appoġġ lin-negozji u lill-proġetti matul il-perkors kollu tal-investment. Dan il-vjaġġ jinkludi l-istadji kollha tal-iżvilupp u l-manifattura ta' teknoloġiji, prodotti u servizzi strateġiċi fl-Ewropa, mir-riċerka applikata, permezz tal-forom kollha ta' innovazzjoni, l-espansjoni, l-implimentazzjoni industrijali, sal-manifattura u l-użu fis-suq, inklużi l-appoġġ għall-investment u l-kostijiet operazzjonali, l-infrastruttura u l-ħiliet. Il-perkors tal-investment ma huwiex lineari peress li l-istadji kollha jibnu fuq xulxin, u l-ideat għal prodotti jew servizzi ġodda jistgħu jinħolqu fi kwalunkwe stadju. Il-finanzjament Ewropew jeħtieġ li jindirizza din ir-realtà mhux lineari bil-flessibbiltà akbar għall-ġoti tal-appoġġ filwaqt li tinżamm il-prevedibbiltà għall-finanzjament.
- (5) Dan jeħtieġ ukoll li l-finanzjament tal-Unjoni jiffaċilita l-ħolqien u l-espansjoni ta' ekosistemi innovattivi u industrijali, fejn atturi differenti jinteraġixxu b'mod sinerġetiku. L-ekosistemi ta' suċċess ikollhom interazzjonijiet intensivi u aġli u kollaborazzjoni bejn il-kumpaniji żgħar u kbar, l-universitajiet, l-istituzzjonijiet ta' riċerka, il-fornituri tal-infrastruttura, l-investituri kif ukoll l-awtoritajiet pubbliċi. Mingħajr tali kollaborazzjonijiet f'ekosistemi tal-innovazzjoni u dawk industrijali individwali u bejniethom, il-potenzjal tal-innovazzjoni jibqa' mhux sfruttat.
- (6) Il-konnettività diġitali hija kruċjali biex trawwem il-kollaborazzjoni fl-ekosistema, taċċellera l-innovazzjoni, tippermetti aċċess mingħajr xkiel u sigur għal kapatajiet u soluzzjonijiet diġitali kritiċi madwar l-Unjoni, tiffaċilita s-sħubijiet pubbliċi-privati transfruntieri, u trawwem l-interoperabbiltà u l-kosteffettività.
- (7) Għalhekk, l-għan tal-FEK huwa li jistabbilixxi kapata' ta' investment biex jappoġġa l-kompetittività Ewropea f'teknoloġiji, infrastrutturi, prodotti u servizzi u setturi strateġiċi, li jipprovdi perkors tal-investment b'inqas xkiel. Se jippromwovi l-ħolqien, il-kollaborazzjoni, u l-espansjoni tal-innovazzjoni, il-finanzjament privat u l-ekosistemi industrijali.
- (8) Fl-UE, għadhom jeżistu disparitajiet persistenti fil-kompetittività u fil-prestazzjoni tal-innovazzjoni fir-reġjuni kollha. Wara sforzi sostnuti kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali biex titneħħa d-diskrepanza fl-innovazzjoni, wasal iż-żmien li jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ ta' kull reġjun. Billi tiżgura li r-reġjuni inqas żviluppatti jkunu konnessi b'mod effettiv mal-ktajjen tal-valur tal-UE, l-Unjoni kollha kemm hi se tkun f'pożizzjoni aħjar biex tikkompeti globalment.
- (9) Ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE u l-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej jirrappreżentaw assi uniċi u strateġiċi li huma ta' benefiċċju għall-Unjoni kollha kemm hi – inklużi l-prossimità għal pajjiżi terzi, kundizzjonijiet eċċezzjonali għar-riċerka dwar l-ispazju u l-astrofiżika, potenzjal abbundanti ta' enerġija rinnovabbli, bijodiversità rikka, u żoni marittimi estensivi. Il-FEK jenħtieġ li jingrana l-potenzjal tagħhom bħala insedjamenti ġeostrateġiċi, b'mod partikolari b'appoġġ għall-obiettivi tal-Unjoni dwar is-sigurtà, il-preparatezza, il-ktajjen tal-valur reġjonali, u l-kompetittività.
- (10) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura koordinazzjoni u sinerġiji mill-qrib bejn is-sorsi ta' finanzjament kollha tal-Unjoni fil-QFP. Għal dan l-għan, il-Programm Qafas għar-

Riċerka u l-Innovazzjoni se jkun marbut mill-qrib mal-FEK: biex jiġi żgurat li l-industrija Ewropea tingrana r-riżultati tar-riċerka ffinanzjata mill-Unjoni biex tkompli twettaq l-innovazzjoni u tipproduċi fl-Ewropa. Sabiex jitrawmu s-sinerġiji, il-programmi ta' ħidma adottati skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jintegraw f'parti speċifika u ddedikata u jiżguraw koerenza mal-komponent "Kompetittività", il-Parti II "Kompetittività u Soċjetà" tar-Regolament (UE) [XXX]<sup>19</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Il-programm qafas ta' Orizzont Ewropa għar-Riċerka u l-Innovazzjoni]<sup>20</sup> u f'konformità mal-proċedura tal-kumitat stabbilita f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, il-FEK għandha tiżgura koerenza mat-tipi ta' azzjonijiet ippjanati li għandhom jiġu implimentati taħt il-Fond għall-Innovazzjoni, b'mod partikolari meta jiġu żviluppati programmi ta' ħidma.

- (11) Sabiex jitrawmu s-sinerġiji bejn l-azzjonijiet taħt il-FEK u l-Fond għall-Innovazzjoni, il-programmi ta' ħidma tal-FEK jenħtieġ li jiżguraw koerenza mal-prijoritajiet u t-tipi ta' azzjonijiet li jistgħu jiġu ffinanzjati taħt il-Fond għall-Innovazzjoni. Flimkien, il-FEK, Orizzont Ewropa, u l-Fond għall-Innovazzjoni se jipprovdu appoġġ koerenti għall-kompetittività tal-Unjoni.
- (12) Barra minn hekk, biex tiġi prevista rabta b'saħħitha mal-Għodda għall-Koordinazzjoni tal-Kompetittività, il-programm ta' ħidma tal-FEK għandu jiżgura koerenza mal-proġetti magħżula u mal-prijoritajiet ta' kompetittività identifikati taħt l-Għodda.
- (13) Il-kooperazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati tista' tkun ta' benefiċċju għall-kompetittività Ewropea u l-ingranaġġ tal-investimenti privati huwa meħtieġ biex jitwettqu l-oġettivi tal-FEK. Għalhekk, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu implimentati partijiet mill-baġit tal-FEK permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati flimkien ma' entitajiet pubbliċi u privati oħra, meta din hija l-aktar formola ta' implimentazzjoni effettiva biex jintlaħqu l-oġettivi ta' politika stabbiliti għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, filwaqt li tiġi żgurata l-addizzjonalità u tiġi evitata l-evizzjoni tal-investimenti privati. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti sħubijiet pubbliċi-privati fil-forma ta' Impriżi Konġunti meta jkun meħtieġ involviment mill-qrib tal-Unjoni u jenħtieġ li jiġu żgurati drittijiet tal-vot xierqa għall-Unjoni kif ukoll koinvestment suffiċjenti minn sħab oħra biex jiġi ingranat l-appoġġ tal-Unjoni. Fid-dawl tat-trawwim ta' sinerġiji u effiċjenzi, huwa meħtieġ, abbażi tal-ħtiġijiet ivvalutati, li jiġu żgurati funzjonijiet ċentralizzati ta' stabbiliment u amministrattivi għall-impriżi konġunti. Għalhekk, l-għadd ta' impriżi konġunti jenħtieġ li jkun limitat kemm jista' jkun.
- (14) Il-FEK jenħtieġ li juża s-sett ta' għodod kollu tal-baġit tal-Unjoni biex jisfrutta investimenti pubbliċi u privati addizzjonali, b'mod partikolari minn investituri istituzzjonali matul il-perkors kollu tal-investment. Dan jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' "kultura ta' investment" billi jingrana aħjar il-fondi pubbliċi u jneħħi r-riskju għall-potenzjal tal-baġit tal-Unjoni. Dan se jimmassimizza l-valur miżjud tal-azzjoni tal-Unjoni u jattira l-kapital privat biex jiżgura bażi kompetittiva ta' innovazzjoni u industrijali, ukoll billi juża strumenti ta' finanzjament innovattivi inkluż il-koinvestment pubbliku-privat b'redditi ta' riskju asimetriċi. F'dan ir-rigward, l-użu ta' strumenti finanzjarji li jattiraw investituri privati jenħtieġ li jkun l-għażla privileġġata kull meta dan ikun possibbli.
- (15) Ir-rapport ta' Draghi jappella għal iżjed appoġġ għall-investment biex titneħħa d-diskrepanza fl-investment, u jagħraf li InvestEU huwa l-istrument ewlieni għall-kondiviżjoni tar-riskji li għandu jintuża. L-Istrument InvestEU tal-FEK jenħtieġ li

---

<sup>19</sup> GÜ L..., p  
<sup>20</sup> COM(2025) 543

jistabbilixxi garanzija baġitarja unika u jipprovdi strumenti finanzjarji biex jappoġġa l-kompetittività tal-UE.

- (16) F'ambjent ekonomiku, soċjali, tas-sigurtà u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza reċenti wriet il-ħtieġa li l-qafas finanzjarju pluriennali u l-programmi tiegħu jkunu aktar flessibbli. Għal dak l-għan, u f'konformità mal-obiettivi tal-FEK, il-finanzjament jenħtieġ li jqis kif xieraq, fil-proċedura baġitarja, il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni filwaqt li jiżgura l-prevedibbiltà meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-investimenti.
- (17) Il-FEK jenħtieġ li jiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament mill-programmi tal-Unjoni permezz ta' proċeduri ffukati fuq l-utent, rapidi, sempliċi u armonizzati u jenħtieġ li jtejjeb il-koerenza fost l-istrumenti tal-Unjoni u mal-investimenti tal-Istati Membri. Il-FEK jenħtieġ li jqiegħed lill-benefiċjarji tal-finanzjament tal-Unjoni, u b'mod partikolari lill-industrija, lill-SMEs, lis-start-ups u l-iscale-ups, inklużi dawk stabbiliti taħt it-28 reġim li ġej, fiċ-ċentru tat-tfassil tal-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni.
- (18) Il-FEK jenħtieġ li jopera permezz ta' erba' twieqi ta' politika li jirriflettu l-prijoritajiet ta' politika ewlenin tal-Unjoni: It-Tranżizzjoni lejn l-Enerġija Nadifa u d-Dearbonizzazzjoni Industrijali; It-Tmexxija Diġitali; Is-Saħħa, il-Bijoteknoloġija, l-Agricoltura u l-Bijoeconomija; ir-Reżiljenza u s-Sigurtà, l-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju.
- (19) L-infrastruttura hija faċilitatur essenzjali għall-kompetittività Ewropea. L-investimenti fl-infrastruttura huma kundizzjoni meħtieġa għall-funzjonament xieraq tas-suq uniku tal-UE, għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u għaż-żieda tar-reżiljenza u s-sigurtà tal-Unjoni. Pereżempju, in-network trans-Ewropew tat-trasport irawwem forom sostenibbli ta' trasport, jippromwovi soluzzjonijiet diġitali u tat-trasport multimodali u interoperabbli mtejba, u b'hekk jikkontribwixxi għal funzjonament bla xkiel tas-suq intern. In-networks trans-Ewropej għall-enerġija huma kruċjali għal Unjoni tal-Enerġija ġenwina biex jippermettu l-obiettivi tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni billi jgħaqqdu n-networks tal-elettriku u tal-enerġija nadifa tal-pajjiżi tal-Unjoni biex jiżguraw l-indipendenza u l-kompetittività tal-enerġija tagħna. Għal dan l-għan, huwa essenzjali l-iżvilupp ta' interkonnetturi transfruntieri, tal-grilji domestiċi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni. L-appoġġ tal-FEK se jaħdem b'mod koerenti u kumplimentari għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE). Huwa essenzjali li l-kompetittività tal-Ewropa tipprevedi sinerġiji bejn l-iżvilupp ta' networks trans-Ewropej fl-enerġija u t-trasport b'impatt transfruntier qawwi appoġġat mill-FNE, u appoġġ għall-investment għad-dearbonizzazzjoni, il-modernizzazzjoni u l-espansjoni tat-trasport, l-enerġija u l-infrastruttura diġitali taħt il-FEK.
- (20) Barra minn hekk, in-networks diġitali Trans-Ewropej huma essenzjali għall-interkonnessjoni tan-networks tat-telekomunikazzjoni nazzjonali u internazzjonali, filwaqt li jippermettu aċċess transfruntier bla xkiel u sigur għal kapaċitajiet tal-computing ta' prestazzjoni għolja, għall-cloud, għad-data u għall-IA. F'dan ir-rigward, huwa essenzjali li jiġu żviluppati, protetti u miżmuma l-infrastrutturi għall-kompetittività, bħan-networks terrestri ewlenin u l-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini, filwaqt li tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz f'każ ta' inċidenti kif ukoll li jiżdiedu l-kapaċitajiet ta' detezzjoni fil-baċiri tal-baħar biex tittejjeb is-sigurtà tal-kejbils sottomarini, kif huwa enfasizzat fil-Komunikazzjoni Konġunta "Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar is-Sigurtà tal-Kejbils".

- (21) Is-saħħa kompetittiva tal-Unjoni tinsab fin-nies tagħha. Il-Boxxla għall-Kompetittività tidentifika l-promozzjoni tal-ħiliet u l-impjiegi ta' kwalità bħala faċilitatur orizzontali. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew jenfasizzaw li “wara l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Unjoni tal-ħiliet tal-5 ta' Marzu 2025, għandhom jsiru aktar sforzi biex jissaħħu l-akkwist, ir-rikonoxximent u ż-żamma tal-ħiliet fl-UE kollha, mill-bini ta' ħiliet bażiċi għal impenn fit-tagħlim tul il-ħajja, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet, f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu”. Djalogu b'saħħtu huwa parti minn dan. Il-kapital uman tagħna huwa kruċjali għall-prosperità tal-Unjoni, ir-reżiljenza ekonomika tagħha u l-ekonomija soċjali tas-suq unika tagħha. Huwa essenzjali li titrawwem il-prosperità, inklużi impjiegi ta' kwalità għolja, billi tingħata spinta lit-tkabbir tal-produttività, filwaqt li l-industriji tal-Unjoni jsiru aktar kompetittivi u innovattivi, jiġu attirati investimenti addizzjonali, u jiġu appoġġati suq uniku dinamiku u sigurtà ekonomika mtejbja. Il-FEK jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-Unjoni tal-ħiliet<sup>21</sup> billi jappoġġa l-iżvilupp ta' forza tax-xoġħol kwalifikata mgħammra bil-ħiliet speċifiċi meħtieġa fl-oqsma strateġiċi ta' investiment tal-Fond, permezz tat-tagħlim tul il-ħajja, l-edukazzjoni, proġetti ta' taħriġ u apprendistati, u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità attraenti aċċessibbli għal kulħadd u billi jakkumpanja l-investimenti tal-FEK b'investiment fil-ħiliet biex jittaffa n-nuqqas ta' ħiliet fis-settur strateġiku partikolari tal-FEK u għandu jkun indikat meta jkun inkluż. Dan jinkludi Garanzija tal-ħiliet li jenħtieġ li tippermetti lill-ħaddiema f'setturi li għaddejjin minn ristrutturar biex iġeddu u jtejbju l-ħiliet, f'konformità mal-istrateġiji ta' tranżizzjoni nazzjonali, reġjonali u/jew settorjali rilevanti. Il-FEK jenħtieġ li jappoġġa l-intelliġenza tal-ħiliet, it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet, u jrawwem sħubijiet pubbliċi-privati bejn l-universitajiet, il-fornituri tal-VET, in-negozji, b'mod partikolari l-SMEs, is-sħab soċjali u l-istituti tar-riċerka. Il-FEK jista' jappoġġa wkoll l-attivitajiet tal-Alleanzi tal-Universitajiet, anke f'kooperazzjoni mal-impjegaturi, biex itejjeb it-twettiq tagħhom fir-rigward tal-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet u t-talent.
- (22) Il-FEK għandu jikkontribwixxi għall-oġġettivi tad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija Ewropea billi jippromwovi l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji nodfa. Il-FEK se jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Patt għal Industrija Nadifa, billi jagħmel it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u d-dekarbonizzazzjoni xprunaturi ta' tkabbir u kompetittività għall-industriji Ewropej. Għal dan l-għan, il-FEK se jappoġġa d-dekarbonizzazzjoni b'approċċ teknoloġikament newtrali, filwaqt li jirrikonoxxi l-kontribut ta' teknoloġiji differenti għall-ibbilanċjar tal-grilja u l-akkoppjament tas-settur, biex jallinja b'mod partikolari mal-ħtiġijiet ta' investiment tas-setturi intensivi fl-enerġija. Barra minn hekk, jenħtieġ li javvanza l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli, filwaqt li jiżgura enerġija sigura, affordabbli, effiċjenti u nadifa għall-Ewropej kollha. Il-FEK se jikkontribwixxi għall-bidla lejn ekonomija dekarbonizzata, ċirkolari, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, newtrali għall-klima, reżiljenti għall-ilma u b'bażi bijoloġika. Se jappoġġa wkoll il-produzzjoni industrijali sostenibbli, pożittiva għan-natura u reżiljenti f'industriji intensivi fl-enerġija fl-Unjoni, f'konformità mal-oġġettivi tal-proposta li ġejja għall-Att għall-Aċċellerazzjoni tad-Dekarbonizzazzjoni Industrijali. Jenħtieġ li jappoġġa wkoll l-oġġettivi tar-Regolament (UE) 2024/1724<sup>22</sup> tal-Parlament

<sup>21</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, L-Unjoni tal-ħiliet, COM(2025) 90 final, 5.3.2025.

<sup>22</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tiħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (ĠU L, 2024/1735, 28.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1735/oj>).

Ewropew u tal-Kunsill (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti), filwaqt li jsaħħaħ il-kapaċità tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u ż-żieda fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni u l-investment f'infrastruttura relatata. Sabiex jiġi ddekarbonizzat is-settur tat-trasport, fost l-oħrajn, il-FEK se jinvesti wkoll fi fjuwils sostenibbli, fl-infrastruttura relatata u f'assi tal-mobbiltà kif ukoll fil-modernizzazzjoni u fid-diġitalizzazzjoni tat-trasport.

- (23) Il-FEK se jikkontribwixxi wkoll għall-protezzjoni, għar-restawr u għat-titjib tal-kwalità tal-ambjent, inklużi l-ilma, il-kosta, il-baħar u l-ħamrija, għat-tnaqqis tat-tniġġis, għall-waqfien u t-treġġiġħ lura tat-telf tal-biodiversità u għall-indirizzar tad-degradazzjoni tal-ekosistemi terrestri u tal-baħar, filwaqt li jsaħħaħ ir-reżiljenza għall-klima u tal-ilma. It-tieqa tat-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u d-Dekarbonizzazzjoni tal-FEK jenħtieġ li tiffinanzja proġetti li jikkontribwixxu għal dawn l-oġettivi.
- (24) Il-proġetti u l-attivitajiet taħt it-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u d-Dekarbonizzazzjoni Industrijali għandhom jippromwovu l-effiċjenza fl-enerġija, l-enerġija rinnovabbli integrata, l-enerġiji ġodda, ir-rinnovazzjonijiet enerġetiċi, u soluzzjonijiet innovattivi tat-tiħin u t-tkessiħ.
- (25) Il-produttività tal-manifattura tal-Unjoni tiddependi wkoll fuq l-effiċjenza fir-riżorsi, bil-materjal ta' input li jirrappreżenta porzjon sinifikanti tal-kostijiet tal-produzzjoni. L-approċċi ċirkolari għall-prodotti u l-manifattura jagħtu spinta lill-produttività tar-riżorsi, filwaqt li l-attivitajiet taż-żamma tal-valur bħall-manifattura mill-ġdid, ir-rinnovazzjoni u t-tiswija jipprovdu opportunitajiet sinifikanti ta' impjeg. Il-FEK jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-bijoekonomija, għall-ekonomija ċirkolari u għall-aċċess għall-materjali inklużi l-bijomaterjali.
- (26) L-Unjoni tista' ssir mexxejja globali fit-teknoloġiji diġitali, bħall-intelliġenza artifiċjali, l-identità diġitali, is-semikondutturi, ir-robotika, it-teknoloġiji kwantistiċi, it-teknoloġiji spazjali u oħrajn billi tisfrutta l-potenzjal mhux sfruttat tar-riċerkaturi u l-industriji taġħna. Il-FEK jenħtieġ li jippromwovi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet u infrastrutturi u kapaċitajiet diġitali madwar l-Unjoni għall-benefiċċju tas-soċjetà u l-ekonomija Ewropea.
- (27) In-nuqqas ta' investment kroniku fis-settur tat-teknoloġija Ewropea huwa waħda mir-raġunijiet ewlenin għan-nuqqas ta' kompetittività tal-Unjoni, meta mqabbla mal-kompetituri globali taġħna. Barra minn hekk, is-sovranià Ewropea fit-teknoloġiji u fl-infrastrutturi diġitali saret kruċjali għar-reżiljenza, għas-sigurtà u għad-demokrazija taġħna, kif huwa enfasizzat fir-rapport dwar l-Istat tad-Deċennju Diġitali 2025 li enfasizza wkoll id-diskrepanzi sinifikanti li fadal biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni għall-2030, b'mod partikolari għall-iżvilupp tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA) u tat-teknoloġiji tal-ispace, tas-semikondutturi, tal-5G u tal-ħiliet diġitali.
- (28) Filwaqt li t-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa qed taċċellera, id-diversi dipendenzi kritiċi fuq fornituri mhux tal-Unjoni (minn materja prima, semikondutturi avvanzati, u ċipep tal-IA sa sistemi, infrastrutturi u servizzi) jeħtieġu alternattivi Ewropej li jankraw it-trasformazzjoni diġitali fl-ekonomija tal-Ewropa, bil-valuri kondiviżi taġħna bħala d-differenzjatur essenzjali, inkluż bl-ingranaġġ tas-setgħa ta' teknoloġiji b'sors miftuħ. L-appoġġ għat-tmexxija diġitali huwa xprunat minn inizjattivi ta' politika regolatorji u mhux regolatorji tal-Unjoni fil-qasam diġitali bħall-Att dwar l-IA, il-Kontinent tal-IA u l-Pjan ta' Azzjoni għall-IA, l-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA, l-Att dwar l-Iżvilupp tal-Cloud u tal-IA, l-Istrateġija għal Unjoni Ewropea tad-Data, l-Att dwar in-Networks Diġitali, l-Istrateġija Kwantistika tal-UE u l-Att Kwantistiku, l-Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà, l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika u l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà, il-

White Paper għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, u r-reviżjoni tal-Att tal-UE dwar iċ-Ċipep, u minn inizjattivi ta' politika futuri. L-oqsma diġitali li fihom għandu jsir investiment jinkludu għadd ta' teknoloġiji avvanzati kritiċi bħall-Intelliġenza Artifiċjali (IA) u t-tewmin diġitali li jaħdmu bl-IA, ir-robotika, is-semikondutturi, it-teknoloġiji awtonomi jew dawk kwantistiċi. Dawn jinkludu wkoll infrastrutturi ewlenin bħall-identità diġitali, il-cloud, il-computing ta' prestazzjoni għolja u l-computing kwantistiku, il-komunikazzjoni, l-infrastruttura avvanzata ta' osservazzjoni taħt l-ilma, u l-infrastrutturi ta' rilevament, in-networks ta' konnettività diġitali, inklużi l-kejbils sottomarini, kif ukoll il-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà, tad-difiża jew tal-ispazju. It-trawwim tal-adozzjoni tagħhom fis-setturi privati u pubbliċi jagħmel l-ekonomija tagħna kollha aktar kompetittiva, sigura, sovrana, u sostenibbli, filwaqt li jsaħħaħ ir-reżiljenza u l-preparatezza tas-soċjetà. Barra minn hekk, it-teknoloġiji diġitali interoperabbli qed jixprunaw il-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku, filwaqt li jservu għall-integrazzjoni tas-suq uniku, li huwa l-aktar pass importanti għalina biex l-istart-ups diġitali Ewropej isiru kompetittivi globalment. Il-progress teknoloġiku u l-innovazzjoni f'kull settur ekonomiku, u b'hekk il-produttività u l-kompetittività tagħhom, huma essenzjalment xprunati mill-integrazzjoni ta' żviluppi diġitali speċifiċi għas-settur u l-użu ta' soluzzjonijiet diġitali li jenħtieġ li jiġu appoġġati fil-FEK kollu.

- (29) Il-progress teknoloġiku u l-innovazzjoni f'kull settur ekonomiku, u b'hekk il-produttività u l-kompetittività tagħhom huma essenzjalment xprunati mill-integrazzjoni ta' żviluppi diġitali speċifiċi għas-settur u l-użu ta' soluzzjonijiet diġitali li jenħtieġ li jiġu appoġġati fil-Fond kollu fil-kuntest tal-attivitajiet żviluppanti fit-twieqi ta' politika differenti tal-FEK. Id-dipendenza fuq fornituri b'riskju għoli f'setturi kritiċi tista' toħloq riskju strateġiku ta' interferenza barranija u tipperikola s-sigurtà, ir-reżiljenza u s-sovranietà tal-Unjoni. Il-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA, European Union Agency for Cybersecurity), għandu rwol ewlieni fit-twettiq ta' valutazzjonijiet tar-riskju tas-sigurtà koordinati tal-UE tal-ktajjen tal-provvista kritiċi, filwaqt li jqis il-fatturi ta' riskju tekniċi u, fejn rilevanti, mhux tekniċi f'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) 2022/2555<sup>23</sup>.
- (30) L-Ewropa trid tippoteġi l-interess tas-sigurtà tagħha kontra fornituri li jistgħu jirrappreżentaw riskju persistenti għas-sigurtà minħabba l-interferenza potenzjali minn pajjiżi terzi kif ukoll is-sigurtà tagħhom, b'mod partikolari ċ-ċibersigurtà. Għalhekk huwa meħtieġ li jitnaqqas ir-riskju ta' dipendenza persistenti fuq fornituri b'riskju għoli fis-suq intern, inkluż fil-katina tal-provvista tal-ICT, peress li jista' jkollhom impatti negattivi potenzjalment serji fuq is-sigurtà għall-utenti u għall-kumpaniji madwar l-Unjoni u l-infrastruttura kritika tal-Unjoni f'termini tal-integrità tad-data u tas-servizzi kif ukoll id-disponibbiltà tas-servizz. Din ir-restrizzjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju proporzjonata u miżuri ta' mitigazzjoni assoċjati kif iddefiniti fil-politiki u fil-liġijiet tal-Unjoni.
- (31) L-użu b'suċċess tal-interoperabbiltà b'mod transfruntier għandu potenzjal sostanzjali u mhux sfruttat, speċjalment għall-kompetittività tan-negozji Ewropej. Għalhekk, huwa essenzjali li jsir investiment fl-iżvilupp ta' infrastrutturi pubbliċi diġitali pan-Ewropej li jinkludu networks, soluzzjonijiet u servizzi diġitali interoperabbli, siguri u sovrani biex jiġi indirizzat ix-xenarju frammentat tal-interoperabbiltà madwar l-Unjoni, b'mod

<sup>23</sup> Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148; Test b'rilevanza għaż-ŻEE, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2555/2022-12-27>.

partikolari biex is-settur pubbliku tal-Istati Membri jiġi ttrasformat f'ekosistema diġitali interkonnessa, bla xkiel, u aġli. L-implimentazzjoni tal-interoperabbiltà mill-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej fil-livelli kollha hija prekundizzjoni għal settur pubbliku reżiljenti u xprunat mill-innovazzjoni li jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-Unjoni ta' kompetittività, sovranià teknoloġika u sigurtà.

- (32) Sabiex tittejjeb is-saħħa pubblika u tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni, huwa kruċjali li tiġi indirizzata ż-żieda ta' mard komunikabbli u mhux komunikabbli permezz ta' strateġiji mmirati għall-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard u investimenti kontinwi, inkluż fis-setturi tal-apparati farmaċewtiċi u mediċi. Tali azzjoni, flimkien mat-trawwim ta' sistemi tas-saħħa effettivi, aċċessibbli u reżiljenti, tista' tagħti spinta sinifikanti lill-produttività tal-forza tax-xogħol billi ttejjeb is-saħħa tal-popolazzjoni u ttaffi n-nuqqas ta' ħaddiema, filwaqt li tappoġġa wkoll is-sistemi tas-saħħa li jixprunaw l-innovazzjoni. L-ingranaġġ tad-data dwar is-saħħa huwa essenzjali f'dawk l-isforzi, peress li jippermetti t-teħid ta' deċiżjonijiet infurmat. Barra minn hekk, it-trawwim tal-innovazzjoni permezz tas-solidifikazzjoni tal-perkors ibbażat fuq l-evidenza minn skoperti mediċi għal soluzzjonijiet kummerċjabbli huwa kruċjali għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-Unjoni u huwa ta' benefiċċju wkoll għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-provvista.
- (33) Il-bijoekonomija hija magna tat-tkabbir li tippermetti lill-Ewropa tagħmel suċċess mit-tranżizzjoni ekoloġika u ssaħħaħ il-kompetittività u l-awtonomija strateġika tagħha. Għalkemm il-bijoekonomija tal-Ewropa diġà qed issawwar mill-ġdid l-ekosistemi industrijali, issaħħaħ l-awtonomija strateġika, u tiftaħ il-valur fis-setturi strateġiċi kollha, huwa kruċjali li jissaħħu l-investimenti, l-inizjattivi u l-istrateġiji fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex tinġieb minn niċċa għan-norma fis-setturi u r-reġjuni kollha tal-Unjoni sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tagħha, u b'mod partikolari għall-industriji ewlenin. Hemm bżonn li jitrawmu l-kompetittività, is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-ġustizzja tas-setturi tal-agrikoltura, tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-forestrija, taż-żoni rurali u dawk kostali u li jingħata kontribut għas-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni fuq terminu twil.
- (34) L-investimenti, l-inizjattivi u l-istrateġiji huma meħtieġa biex titneħħa d-diskrepanza fl-innovazzjoni u biex jiġu aċċellerati l-iskoperta, l-iżvilupp, it-tneħħija tar-riskji, id-dimostrazzjoni, l-espansjoni tal-innovazzjonijiet tal-bijoekonomija, biex tiġi appoġġata l-adozzjoni tagħhom mis-suq, sabiex jiġi pprovdut finanzjament tul il-vjaġġ tal-innovazzjoni għall-istart-ups u biex jespandu l-kumpaniji bi tkabbir għoli, sabiex tiġi massimizzata l-effiċjenza fir-riżorsi u biex tiġi żgurata l-provvista tal-bijomassa miksuba b'mod sostenibbli. Il-bijoekonomija tikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni, billi tipprovidi alternattivi sostenibbli għal prodotti u proċessi bbażati fuq il-fossili, iżda wkoll għaċ-ċirkolarità, it-tranżizzjoni lejn l-enerġija nadifa, il-kultivazzjoni karbonika, il-bijodiversità, is-servizzi ekosistemiċi, u r-restawr tan-natura.
- (35) It-trawwim tar-reżiljenza tal-industrija Ewropea huwa essenzjali biex l-Unjoni tibqa' kompetittiva anke fi żminijiet ta' kriżi u huwa essenzjali għas-sigurtà tal-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata r-reżiljenza tagħha, il-FEK jenħtieġ li jappoġġa azzjonijiet immirati biex inaqqsu d-dipendenzi u jiddiversifikaw il-provvista f'setturi strateġiċi bħas-settur tal-materja prima, u b'hekk isaħħu l-kapaċitajiet tal-Unjoni għal provvista sigura ta' materja prima kritika sostenibbli tul il-każ tal-valur kollha f'konformità mal-oġġettivi tar-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (l-Att dwar il-

Materja Prima Kritika)<sup>24</sup> u l-industrija tas-sustanzi kimiċi, li jirfdu kważi s-setturi kollha tal-industrija. L-insegwiment ta' aġenda kummerċjali ambizzjuża u ta' benefiċċju reċiproku huwa essenzjali għall-kapaċità tal-Unjoni li tiddiversifika l-ktajjen tal-provvista tagħha u tnaqqas id-dipendenzi b'mod effettiv.

- (36) Barra minn hekk, il-kuntest ġeopolitiku, b'mod partikolari l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, espona lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha għal riskju għoli ta' materjalizzazzjoni ta' theddid militari konvenzjonali, b'mod partikolari għal dawk li jmissu mar-Russja, il-Belarusja u l-Ukrajna. Meta jitqies dan, flimkien mat-theddid fil-kumpliment tal-fruntieri tal-UE, iż-żieda fl-investiment fid-difiża titqies li hija prijorità, inkluż għal proġetti bħal-Linja tad-Difiża Baltika u t-Tarka tal-Fruntiera tal-Lvant. L-industrija tad-difiża u l-ispazju huma ekosistemi ewlenin biex jiżguraw ir-reżiljenza u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni Ewropea u jżidu l-prontezza u l-preparatezza tal-Unjoni f'konformità mal-White Paper għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030<sup>25</sup>. Din tappoġġa wkoll l-enfasi tal-Unjoni fuq is-sostenibbiltà, il-kompetittività, ir-reżiljenza u s-sigurtà u l-pożizzjoni tal-Unjoni fid-dinja. Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB, European Defence Technological and Industrial Base) hija prerekwiżit indispensabbli għall-prontezza tad-difiża u għal deterrenza kredibbli. Hija essenzjali wkoll għall-protezzjoni taċ-ċittadini Ewropej, filwaqt li tiżgura l-kapaċità tal-Unjoni li twieġeb għall-isfidi emerġenti tas-sigurtà, li tappoġġa lill-Ukrajna, u li żżomm il-pożizzjoni tal-Ewropa bħala attur globali. L-EDTIB hija rikonoxxuta bħala assi strateġiku, li jikkontribwixxi għar-reżiljenza ekonomika u s-sigurtà, l-innovazzjoni, it-tmexxija teknoloġika u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni. Madwar l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, is-settur tad-difiża qed jevolvi b'mod rapidu, b'teknoloġiji avvanzati u atturi ġodda li għandhom rwol dejjem aktar importanti. Iċ-ċikli ta' innovazzjoni qed jaċċelleraw ukoll, b'enfasi dejjem akbar fuq il-prototipar, l-ittestjar u l-validazzjoni rapidi, inkluż f'ambjenti operazzjonali reali. Sabiex tittejjeb il-mobbiltà militari, jeħtieġ li jiġu żviluppati investimenti f'assi ċivili-militari ġodda, inklużi assi tal-mobbiltà u infrastruttura b'użu doppju. L-appoġġ koordinat u sostnut għall-EDTIB huwa għalhekk kruċjali biex tissaħħaħ is-sigurtà kollettiva tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, għall-iżvilupp ta' proġetti ta' difiża ta' interess komuni għall-Unjoni kollha, u għall-prontezza tad-difiża tal-Ewropa. Fir-rigward ta' dan, jenħtieġ li jiġu ffinanzjati wkoll azzjonijiet li jappoġġaw it-tiżiħ tal-baży teknoloġika u industrijali tad-difiża tal-Ukrajna, peress li l-industrija tagħha se tkun essenzjali biex tappoġġa l-ħtiġijiet ta' difiża akbar Ewropej. Għal dan l-għan, il-FEK għandu jiġi implimentat filwaqt li jitqiesu l-oġġettivi tal-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża u għandu jkun konsistenti mal-prijoritajiet tal-kapaċità ta' difiża maqbula b'mod komuni mill-Istati Membri fil-qafas tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK).
- (37) It-teknoloġija, id-data u s-servizzi spazjali tal-Unjoni saru indispensabbli fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej u jaqdu rwol essenzjali fil-ħarsien tal-interessi strateġiċi. L-ispazju jikkontribwixxi għas-setturi kollha tal-ekonomija mill-agrikoltura sal-banek. Huwa faċilitatur kritiku għas-sigurtà u d-difiża, u għall-funzjonament tajjed u l-kompetittività tal-ekonomija pereżempju billi jipprovdi servizzi ta' pożizzjoni preċiżi għal spettru wiesa' ta' setturi u utenti, li jvarjaw mill-avjazzjoni sal-baħar, u b'hekk għandu rwol ewleni għall-Ewropa u għall-indipendenza u s-sovranià taċ-ċittadini

<sup>24</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jstabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1724 u (UE) 2019/1020 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L, 2024/1252, 3.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1252/oj>

<sup>25</sup> Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ppreżentaw il-White Paper għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, 19.03.2025.

Ewropej. L-ispazju huwa kruċjali għall-kisba tal-prijoritajiet tal-UE u l-għanijiet strateġiċi tagħha, inkluż għall-prosperità ekonomika u s-sigurtà ekonomika, id-dekarbonizzazzjoni, it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. L-ispazju jikkontribwixxi għas-sigurtà ekonomika tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Dan jixpruna wkoll ir-riċerka xjentifika u l-innovazzjoni teknoloġika, b'effetti konsegwenzjali f'firxa wiesgħa ta' setturi. Fl-aħħar nett, l-ispazju joffri pjattaforma għall-kooperazzjoni internazzjonali u d-diplomazija spazjali biex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-Unjoni bħala sieħeb affidabbli fix-xena globali.

- (38) Il-komponenti spazjali taħt il-FEK huma sensittivi. Is-servizzi tagħhom iridu jkunu robusti u kompletament affidabbli. Il-kontinwità tas-servizzi tagħhom u livell għoli ta' sigurtà jridu jiġu żgurati, anke fl-aktar sitwazzjonijiet ta' kriżi serji. Ir-riperkussjonijiet tal-ksur ta' dawk il-kundizzjonijiet potenzjalment jista' jkollhom konsegwenzi severi għas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Għal dak l-għan, jenħtieġ li japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċirkostanzi speċifiċi.
- (39) Il-FEK jenħtieġ li jappoġġa wkoll l-għanijiet ta' politika ta' Ewropa aktar sikura u aktar sigura li tkun imħejjija aħjar kontra t-theddid għas-sigurtà, b'mod partikolari billi jtejjeb il-kompetittività tal-industrija Ewropea u l-awtonomija strateġika, inklużi s-sigurtà marittima u doganali, l-infrastruttura kritika tal-enerġija u tat-trasport u l-preparatezza ċivili. Sabiex jiġu indirizzati ż-żieda ta' theddid għas-sigurtà u dak ibridu bħat-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, iċ-ċiberkriminalità, id-diżastri klimatiċi u l-attakki fuq l-infrastruttura kritika, il-FEK għandu jappoġġa l-isforzi tal-Ewropa biex iżżid l-għarfien tagħha dwar it-theddid, jibni reżiljenza u jagħti spinta lill-investimenti fis-sigurtà u jippromwovi l-preparatezza mit-tfassil fis-setturi rilevanti kollha.
- (40) Qed naraw dejjem aktar l-istess teknoloġiji użati għall-applikazzjonijiet tas-suq u tad-difiża, spiss xprunati minn innovaturi start-up. Għalhekk huwa imperattiv li jinstabu miżuri biex jiġu sfruttati aħjar is-sinerġiji potenzjali bejn il-qasam ċivili u dak tad-difiża u tat-teknoloġiji b'użu doppju. It-teknoloġiji, il-materjali, l-għarfien, jew il-prodotti b'użu doppju li jistgħu jintużaw kemm għal skopijiet ċivili kif ukoll militari jistgħu jiġu appoġġati fil-FEK kollu, biex tiġi żgurata rabta aħjar tal-industrija teknoloġika tal-Unjoni mal-bażi industrijali tad-difiża tagħha kif ukoll mal-kapital tal-innovazzjoni teknoloġika tal-Ewropa.
- (41) Sabiex tiġi żgurata l-prevedibbiltà għall-partijiet ikkonċernati u jiġi pprovdut livell suffiċjenti ta' ċertezza għall-ippjanar tal-investment, il-FEK jenħtieġ li jstabbilixxi distribuzzjoni baġitarja indikattiva fit-twieqi ta' politika għall-perjodu 2028 sal-2034 filwaqt li jżomm il-flessibbiltà għar-riallokazzjoni ta' partijiet tal-baġit f'konformità ma' sfidi ġodda u prijoritajiet emerġenti matul id-durata tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jiġi żgurat li ċertu pakkett baġitarju minimu jkun disponibbli għall-ippjanar u l-impenji fuq terminu twil imqasma fuq diversi snin f'pagamenti annwali f'kull tieqa ta' politika, li jippermettu lill-Unjoni tikkonsolida d-domanda tagħha u tidħol f'relazzjonijiet strateġiċi fit-tul mar-riċevituri, tagħti prevedibbiltà fuq terminu twil lill-industrija u lill-ekosistema finanzjarja, u tippermetti l-istabbiliment ta' infrastrutturi importanti tal-Unjoni, bħal dik għall-ġestjoni tal-idroġenu u tal-karbonju industrijali, sistemi bis-satellita ta' klassi dinjija, infrastrutturi ta' osservazzjoni taħt l-ilma, iċ-ċibersigurtà, is-semikondutturi, il-computing kwantistiku, IA u ta' prestazzjoni għolja jew l-infrastruttura kritika, u proġetti tad-difiża jew tal-ispazju ta' interess komuni.

- (42) Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi importanti u jiġi ġestit il-FEK, jenħtieġ li jiġi pprovdut livell suffiċjenti ta' riżorsi għall-implimentazzjoni tal-FEK. Għalhekk, il-pakkett baġitarju jenħtieġ li jipprovdi kontribuzzjoni suffiċjenti għall-ispiża tal-ġestjoni tal-FEK.
- (43) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill japplika għal dan l-att bażiku. Jistabbilixxi r-regoli dwar l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, inklużi r-regoli dwar l-għotjiet, il-premjijiet, id-donazzjonijiet mhux finanzjarji, l-akkwist, il-ġestjoni indiretta, l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>26</sup>, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95<sup>27</sup>, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96<sup>28</sup> u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939<sup>29</sup>, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (UE, Euratom) Nru 883/2013 u (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF, European Anti-Fraud Office) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) għandu l-kompetenza li jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u attivitajiet illegali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.<sup>30</sup> F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u, kif xieraq, lill-UPPE u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.
- (44) Sabiex tiġi promossa l-kompetittività tal-Unjoni, minbarra l-baġit tagħha, kull fejn ikun possibbli, il-FEK għandu jattira u jiġġenera dħul estern assenjat addizzjonali. F'dan ir-rigward, il-FEK għandu jkun miġfuf u jiffaċilita sinerġiji u kooperazzjoni għal kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja jew mhux finanzjarja li tista' tappoġġa l-oġġettivi

<sup>26</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/883/oj>).

<sup>27</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1995/2988/oj>).

<sup>28</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1996/2185/oj>).

<sup>29</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1939/oj>).

<sup>30</sup> Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2017/1371/oj>).

tal-kompetittività, inkluż mill-Istati Membri, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

- (45) Sabiex tiġi promossa r-reżiljenza tal-ekonomija tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi, il-FEK jenħtieġ li jippermetti l-preferenza tal-Unjoni ta' appoġġ għall-manifattura u l-iżvilupp ta' teknoloġiji u setturi strateġiċi li jinsabu fl-Unjoni, b'mod partikolari għal azzjonijiet relatati mal-assi strateġiċi, l-interessi, l-awtonomija jew is-sigurtà tal-Unjoni. Huwa essenzjali li l-finanzjament Ewropew jikkontribwixxi għall-użu ta' teknoloġiji strateġiċi żviluppatti fl-Unjoni u ffinanzjati permezz ta' finanzjament Ewropew. Sabiex jappoġġa l-iżvilupp u l-manifattura fl-Unjoni ta' teknoloġiji strateġiċi ffinanzjati mill-Unjoni, il-FEK jenħtieġ li jippermetti li l-appoġġ tiegħu jiġi kkundizzjonat permezz ta' restrizzjonijiet fuq il-kontroll, restrizzjonijiet fuq it-trasferimenti tal-assi u restrizzjonijiet fuq il-provvista għall-użu ta' prodotti u teknoloġiji speċifiċi.
- (46) L-attivitajiet tal-FEK jenħtieġ li jkunu miftuħa għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fejn dan ikun fl-interess tal-Unjoni. Għal dak l-għan, l-Unjoni tista' tassoċja, bis-sħiħ jew parzjalment, pajjiżi terzi mal-attivitajiet taħt il-FEK. Jenħtieġ li l-Assoċjazzjoni tkun soġġetta għal bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiżi terzi u tiżgura l-protezzjoni tal-interess finanzjarju u, fejn rilevanti, tas-sigurtà tal-Unjoni.
- (47) Il-FEK jenħtieġ li jkun miftuħ u jiffaċilita sinerġiji ma' attivitajiet oħra tal-Unjoni li jappoġġaw oqsma ta' politika marbuta mill-qrib mal-kompetittività, inkluż il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, il-politiki u l-programmi esterni b'ġestjoni kondiwiża mal-Istati Membri. Dan jenħtieġ li jippermetti l-kombinament u l-akkumulazzjoni ta' finanzjament għal azzjonijiet li jappoġġaw l-oġettivi ta' aktar minn qasam ta' politika wieħed tal-Unjoni. Jenħtieġ li tiġi stabbilita kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiġu żgurati l-konsistenza u l-komplementarjetajiet bejn il-FEK u r-Regolament (UE) [XXX] [il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali]. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi ffaċilitat l-appoġġ mir-Regolament (UE) [XXX] [il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali] u mill-FEK għal proġetti li jkunu ngħataw is-Siġill tal-Kompetittività, filwaqt li jittieħed vantaġġ mill-valutazzjoni qabel l-attribuzzjoni tal-għajnuna mill-Istat u mingħajr preġudizzju. Il-kriterji għall-għoti tas-Siġill tal-Kompetittività jenħtieġ li jitfasslu b'mod li jkun jista' jissiġilla u jaġixxi wkoll bħala garanzija tal-kwalità filwaqt li jipprovdi assigurazzjonijiet lill-investituri istituzzjonali li l-proġett ġie vverifikat kif xieraq. Is-Siġill tal-Kompetittività jenħtieġ li jingħata lil proġetti ta' kwalità għolja li jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-FEK. Il-FEK jista' jiġi implimentat b'mod konġunt ma' programmi oħra tal-Unjoni jew ma' kodonaturi jew ma' koinvestituri oħra, u dawk is-sħab jenħtieġ li jkunu jistgħu jipparteċipaw f'kumitati ta' evalwazzjoni għal proċeduri tal-għoti ffinanzjati b'mod konġunt. L-implimentazzjoni ta' dawk l-attivitajiet kollha ta' sinerġija jenħtieġ li tkun sempliċi. Ir-rekwiżiti ta' rapportar u ta' żamma tar-rekords għar-riċevituri jenħtieġ li jitnaqqsu, fejn possibbli għal fluss kuntrattwali uniku ta' rapportar u ta' pagament b'sett uniku ta' regoli għall-appoġġ kollu pprovdut.
- (48) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jiffoka fuq il-kisba tal-oġettivi ta' politika. Fil-każijiet kollha, il-finanzjament tal-FEK għandu jiġi pprovdut fil-forma li tista' tilħaq bl-aħjar mod l-oġettivi tiegħu, filwaqt li jiġi limitat il-piż amministrattiv għar-riċevituri għall-minimu assolut. Meta jimplementa l-baġit, il-FEK jenħtieġ li jipprovdi s-sett sħiħ ta' għodod ta' appoġġ tal-Unjoni u jiżgura sinerġiji bejn il-politiki appoġġati tiegħu, b'mod partikolari billi jippermetti proċeduri tal-għoti komuni simplifikati biex jiġu segwiti l-oġettivi ta' aktar minn politika waħda. Bħala tali, l-eliminazzjoni tar-rapportar finanzjarju li huwa ta' piż permezz tal-użu l-aktar wiesa' possibbli ta' finanzjament

mhux marbut mal-kost jenħtieġ li tiġi segwita bħala miżura ewlenija ta' simplifikazzjoni.

- (49) Il-FEK jenħtieġ li jappoġġa sett varjat ta' politiki li jikkontribwixxu għall-kompetittività, filwaqt li jipprovi sett armonizzat ta' linja bażi ta' kriterji ta' eliġibbiltà biex jipprovi direzzjoni politika u jiżgura livell suffiċjenti ta' protezzjoni tal-interessi ekonomiċi u ta' sigurtà billi jiffoka l-appoġġ tal-Unjoni fuq ir-riċevituri fl-Istati Membri, inklużi l-Pajjiżi u t-Territorji ekstra-Ewropej. Fejn meħtieġ, il-FEK jenħtieġ li jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi ta' eliġibbiltà għal setturi u teknoloġiji strateġiċi, inklużi ktajjen tal-valur sottostanti, infrastrutturi kritiċi tal-Unjoni u kapaċitajiet speċifiċi.
- (50) Il-FEK jenħtieġ li jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma kif stabbilit f'dan ir-Regolament. Il-programmi ta' ħidma jistgħu jiġu adottati f'format annwali jew pluriennali. Dan tal-aħħar jista' b'mod partikolari jitqies għall-finijiet tal-appoġġ tal-Unjoni pprovdut għal garanziji baġitarji u strumenti finanzjarji, bil-ħsieb li tiġi pprovduta prevedibbiltà lis-sħab involuti fl-implimentazzjoni. Il-mod ta' implimentazzjoni magħżul jirrifletti l-ħtiġijiet identifikati għad-direzzjonalità, il-flessibbiltà, il-prevedibbiltà u l-effiċjenza, li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi tar-Regolament. F'konformità mar-Regolament (UE Euratom) 2024/2059, il-programmi ta' ħidma u d-dokumenti tas-sejħa se jistabbilixxu aktar dettalji tekniċi ta' implimentazzjoni għall-baġit fis-sett kollu ta' politiki appoġġati mill-FEK, inklużi kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà u tal-ġhoti skont l-istrument tal-implimentazzjoni tal-baġit, kemm jekk għotjiet, kif ukoll jekk akkwist, u l-oġettivi speċifiċi tal-politika segwiti. F'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju, jenħtieġ li r-restrizzjonijiet tal-eliġibbiltà japplikaw għal fornituri b'riskju għoli, għal raġunijiet ta' sigurtà. Il-programmi ta' ħidma huma wkoll il-post xieraq għall-allokkazzjoni tal-baġit f'konformità mal-prijoritajiet ta' politika li qed jevolvu, u jenħtieġ li jistabbilixxu l-kontribuzzjonijiet, il-kundizzjonijiet speċifiċi u r-riżultati mistennija.
- (51) Sabiex l-istrumenti finanzjarji u l-garanzija baġitarja jattiraw b'mod effettiv il-flus privati, is-sħab ta' implimentazzjoni jeħtieġ li jkun assoċjati mill-qrib. Dan jiżgura d-direzzjoni u l-allinjament tal-politika, kif ukoll il-ġenerazzjoni ta' riżervi ta' proġetti. L-esperjenza u t-tagħlimiet miksuba bl-implimentazzjoni tal-Programm InvestEU jenfasizzaw l-importanza tal-linji gwida dwar l-investment fil-ħolqien ta' din il-proċedura ta' xiri sfurzati u fil-forniment tal-prevedibbiltà u l-viżibbiltà meħtieġa għas-sħab u l-investituri ta' implimentazzjoni, sabiex dawn jistabbilixxu l-kapaċità organizzazzjonali tagħhom u joriġinaw ir-riżerva tal-investimenti, filwaqt li jippermettu l-flessibbiltà meħtieġa biex tiġi żgurata direzzjoni ta' politika adegwata matul l-implimentazzjoni. Il-linji gwida dwar l-investment jenħtieġ li jinkludu deskrizzjoni dettaljata tal-oqsma ta' politika ta' intervent u fokus fuq l-investment bl-għan li tiġi żgurata l-addizzjonalità u tiġi inċentivata l-attrazzjoni ta' investment privat u pubbliku b'appoġġ għall-oġettivi ta' politika u l-proġetti strateġiċi tal-Unjoni. Il-linji gwida dwar l-investment jenħtieġ li jitħejjew f'konsultazzjoni mas-sħab ta' implimentazzjoni biex jibbenefikaw mill-għarfien tagħhom dwar is-suq, u jippermettulhom jinvestu f'oqsma prijoritarji tal-Unjoni u jinċentivawhom għat-teħid ta' aktar riskju. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-iżviluppi li qed jevolvu, il-linji gwida dwar l-investment jistgħu jiġu rieżaminati fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP.
- (52) Il-finanzjament scale-up eżistenti għat-teknoloġija profonda taħt il-Fond Scaleup Europe mħabbar fl-Istrateġija għall-Kumpaniji Start-up u Scale-up, li kien jeżisti fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jitwettaq skont it-termini

miftiehma fil-QFP 2021-2027. Il-finanzjament kollu bil-fażijiet skont il-QFP 2028-2034 jenħtieġ li jsir taħt il-FEK.

- (53) Sabiex jintlaħaq l-objettiv li r-riżultati tar-riċerka jissarfu fis-swieq u tissaħħaħ il-preżenza industrijali tal-Unjoni f'teknoloġiji u setturi strateġiċi, ir-Regolament (UE) [XXX] [il-programm qafas ta' Orizzont Ewropa għar-Riċerka u l-Innovazzjoni] se jkun marbut mill-qrib mal-FEK u se jappoġġa l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni kif stabbilit mit-twieqi ta' politika tal-FEK. Il-programmi ta' ħidma tal-FEK se jinkludu azzjonijiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni, f'parti speċifika ddedikata. Dan jista' jinkludi wkoll kontribuzzjonijiet għal sħubijiet Ewropej stabbiliti taħt il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, fejn meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tal-FEK. Il-programmi ta' ħidma tal-FEK għandhom jistabbilixxu wkoll prijoritajiet ta' politika li se jiggwidaw l-isfidi tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council).
- (54) Sabiex jitrawmu ktajjen tal-valur reżiljenti tal-Unjoni mifruxa f'diversi Stati Membri, il-programmi ta' ħidma jistgħu jinkludu sejħiet għall-espansjoni tal-ktajjen tal-valur speċjali li għandhom jappoġġaw kemm it-tnejn tal-proġetti kif ukoll l-attrazzjoni ta' kapital pubbliku u privat addizzjonali biex jintegraw il-fornituri, il-manifatturi u l-innovaturi minn Stati Membri differenti u jiddiversifikaw is-sorsi tal-provvista.
- (55) Sabiex titrawwem il-kompetittività tal-industrija Ewropea permezz ta' innovazzjoni minn isfel għal fuq xprunata mill-industrija, il-programmi ta' ħidma jistgħu jinkludu proċeduri speċjali tal-ġotti minn isfel għal fuq f'żewġ istadji biex jiġu identifikati u appoġġati l-mexxejja tat-teknoloġija tal-UE permezz ta' konsorzji xprunati mill-industrija.
- (56) Jenħtieġ li jiġi stabbilit sett ta' għodod ta' finanzjament orizzontali u trażversali għas-servizz tat-twieqi ta' politika kollha, li joffri kull forma ta' appoġġ permess mir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2059, bħal strumenti finanzjarji, inkluż l-appoġġ ipprovdut fil-forma ta' ekwità. L-għażla tal-istrument ta' finanzjament speċifiku u b'mod partikolari jekk l-appoġġ ikunx ripagabbli jew le, għandha tiddependi fuq in-natura tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati (pereżempju l-fallimenti sottostanti tas-suq, il-ħtieġa speċifika, in-natura tal-industrija, l-istadju tal-iżvilupp jew it-tip ta' benefiċjarju). L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jnaqqas ir-riskju għall-proġetti sal-punt meħtieġ biex jinvesti s-settur privat u biex il-proġett ikun jista' jitwettaq b'suċċess. Irrati ta' kofinanzjament jenħtieġ li jkun baxxi kemm jista' jkun u għoljin kemm ikun meħtieġ biex jitwettaq il-proġett appoġġat. Tista' tintuża taħlita ta' għodod ta' finanzjament, inklużi operazzjonijiet ta' taħlit u taħlita ta' finanzjament. Il-FEK jenħtieġ li jipprovdwi wkoll lil kull qasam ta' politika pariri dwar l-aktar għodda ta' finanzjament xierqa li għandha tintuża għall-azzjonijiet speċifiċi tiegħu, skont, fost l-oħrajn, l-istadju tal-iżvilupp, il-ħtiġijiet speċifiċi tal-industrija u l-fallimenti sottostanti tas-suq.
- (57) Il-konsultazzjonijiet ma' diversi partijiet ikkonċernati, inklużi dawk tar-riċerkaturi u tal-industrija, tas-sħab soċjali, kif ukoll tal-investituri, tal-utenti finali u tas-soċjetà ċivili, mill-SMEs, minn organizzazzjonijiet żgħar sa kbar, jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-prijoritajiet tal-FEK. Dawk il-konsultazzjonijiet jenħtieġ li jkun strutturati permezz ta' bordijiet konsultattivi inkluż il-Bord tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK li l-kompitu tiegħu jenħtieġ li jkun li jipprovdwi għarfien u jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar ix-xejriet tal-politika, il-ħtiġijiet ta' investiment, u l-implimentazzjoni tal-FEK mill-perspettiva tal-promoturi tal-proġetti, bl-għan li jiġi żgurat li r-rispons mill-komunitajiet ikun rifless fit-tfassil tal-programmi ta' ħidma.

- (58) Il-Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs, Important Projects of Common European Interest) huma strument ta' għajnuna mill-Istat u għodda ta' politika industrijali vvalutata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 107(3), il-punt (b), tat-TFUE<sup>31</sup>. Dawn jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tkabbir ekonomiku, għall-ħolqien tal-impjiegi, għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u għall-kompetittività u r-reżiljenza tal-industrija u l-ekonomija tal-Unjoni. L-IPCEIs jagħmluha possibbli li jinġabru flimkien l-għarfien, l-għarfien espert, ir-riżorsi finanzjarji, u l-atturi ekonomiċi madwar l-Unjoni u li jinħolqu effetti konsegwenzjali pożittivi għall-Unjoni kollha. L-IPCEIs jippermettu wkoll li jiġu attirati l-investimenti privati fi proġetti b'riskju għoli li huma essenzjali biex l-innovazzjoni rivoluzzjonarja tinġieb eqreb lejn proġetti ta' implimentazzjoni industrijali u tal-infrastrutturi ta' importanza kbira għall-Unjoni b'aċċess miftuħ u mhux diskriminatorju. Minħabba l-aspetti komuni tal-oġettivi segwiti, il-FEK se jrawwem sinerġiji bejn il-finanzjament tal-Unjoni u l-IPCEIs billi jappoġġa proġetti speċifiċi integrati fl-IPCEIs, abbażi tal-kontribut tagħhom għall-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, bħar-reżiljenza tal-Unjoni, u l-kapaċità tal-finanzjament tal-FEK li jwessa' l-parteċipazzjoni, b'mod partikolari tal-SMEs, jew li titwessa' l-kopertura tal-Istati Membri, kif ukoll li jizjed il-valur miżjud tal-Unjoni.
- (59) Is-sitwazzjoni ġeopolitika li dejjem qed tevolvi tenfasizza l-hteġa li l-Ewropa tiżgura l-awtonomija strateġika tagħha stess u tevita d-dipendenzi strateġiċi. Il-FEK se jinkludi l-possibbiltà li tiġi appoġġata ż-żieda fil-produzzjoni u li jitwettqu azzjonijiet ta' kompetittività aċċellerati għal proġetti li joffru appoġġ speċifiku għall-awtonomija strateġika Ewropea. Dan huwa pereżempju l-każ għal proġetti li ntgħażlu bħala strateġiċi skont ir-Regolament (UE) 2024/1252 (l-Att dwar il-Materja Prima Kritika), ir-Regolament (UE) 2024/1724 (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti) u r-Regolament (UE) 2025/102 (l-Att dwar il-Mediċini Kritiċi).
- (60) Il-mekkaniżmu ta' assigurazzjoni mutwa (MIM, mutual insurance mechanism) stabbilit skont Orizzont Ewropa u ġestit mill-Kummissjoni wera li huwa mekkaniżmu ta' salvagwardja importanti li jimmitiga r-riskji assoċjati mal-ammonti dovuti u mhux rimborżati minn parteċipanti li ma humiex inadempjenti. Għalhekk, il-MIM jenħteġ li jtkompla u, fejn rilevanti, ikun miftuħ għall-użu minn azzjonijiet taħt il-FEK.
- (61) Sabiex jiġu esplorati l-possibbiltajiet kollha biex tittejjeb il-kompetittività Ewropea, il-FEK jenħteġ li jipprovdi qafas strutturat għal esperimentazzjoni mmirata fl-għoti u fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, b'mod partikolari biex jiġu mmirati aħjar u aċċellerati l-proċeduri tal-għoti tal-Unjoni u tiġi simplifikata u aċċellerata l-implimentazzjoni tagħhom għall-benefiċċju tar-riċevituri. Dan għandu jippermetti, f'qafas definit b'mod konkret, li jiġu speċifikati fuq bażi ta' każ b'każ ċerti azzjonijiet jew kategoriji ta' azzjonijiet li jibbenefikaw minn ċerti żidiet, derogi u eċċezzjonijiet minn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni u li jiġi ttestjat l-impatt f'ambjent reali għall-perjodu limitat tad-durata tal-FEK filwaqt li jiġi żgurat li jkunu fis-seħħ salvagwardji xierqa, b'mod partikolari interess Ewropew komuni. L-applikazzjoni ta' miżuri sperimentali tista' tipprovdi tagħlimiet għall-valutazzjoni ta' bidliet futuri fil-qafas legali orizzontali għall-għoti ta' appoġġ mill-Unjoni.
- (62) Fejn meħteġ u ġġustifikat kif xieraq, l-FEK jenħteġ li jipprovdi mekkaniżmu ta' intervent immirat biex jipprovdi appoġġ tal-Unjoni b'mod deliberat għal ċerti azzjonijiet ta' importanza strateġika u ekonomika. Meta ċerti proġetti importanti ma jkunux jistgħu

<sup>31</sup> Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, Kriterji għall-analiżi tal-kompatibbiltà mas-suq intern tal-għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni tal-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni C/2021/8481 (ĠU C 528, 30.12.2021, p. 10).

jigü implimentati b'suċċess fl-iskeda ta' żmien għat-tlestija ta' proċeduri tal-għoti kompetittivi regolari, il-FEK jenħtieġ li jipprevedi wkoll il-possibbiltà li jigü implimentati direttament proġetti eċċellenti li baqgħu mhux iffinanzjati taħt l-ebda programm tal-Unjoni jew li jkompli jappoġġa finanzjarjament proġetti li jaħdmu tajjeb u mingħajr xkiel fil-passi li jmiss tagħhom matul il-perkors tal-investment, mingħajr ma jigü impost piż amministrattiv addizzjonali għar-riċevituri. Barra minn hekk, f'konformità mal-approċċ meħud mil-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti, bħall-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti (NZIA, Net Zero Industry Act), l-Att dwar il-Materja Prima Kritika (CRMA, Critical Raw Materials Act) jew id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED III, Renewable Energy Directive III) u referenzjat fil-komunikazzjoni dwar il-Patt għal Industrija Nadifa (CID, Clean Industrial Deal) u l-Istrateġija għas-Suq Uniku, każijiet li fihom proġetti speċifiċi jitqiesu li huma ta' interess pubbliku jew preżunti li huma ta' interess pubbliku prevalenti jistgħu jigü identifikati f'leġiżlazzjoni separata jew futura eżistenti.

- (63) Meta jkun meħtieġ u debitament ġustifikat, il-FEK jenħtieġ li jkun jista' tipprovdi wkoll mekkaniżmu ta' "intervent aċċellerat" biex jaċċellera l-għoti ta' appoġġ tal-Unjoni biex jigü indirizzati l-ħtiġijiet urġenti ta' finanzjament sabiex tkun tista' ssir l-implimentazzjoni b'suċċess ta' ideat kummerċjali importanti fis-suq uniku fejn tali finanzjament ma jkunx disponibbli, f'livell suffiċjenti, fis-suq. Għal dan l-għan, minħabba l-urġenza, ċerti kontrolli jenħtieġ li jitwettqu biss wara l-għoti ta' finanzjament, l-iffaċilitar u l-limitazzjoni tal-piż amministrattiv għar-riċevituri u l-għoti ta' ċertezza finanzjarja bl-aktar mod rapidu possibbli filwaqt li jigü aċċettat livell raġonevoli ta' riskju finanzjarju għall-Unjoni proporzjonat mal-oġettivi segwiti.
- (64) Meta jkun meħtieġ u debitament ġustifikat, il-FEK jenħtieġ li jinċentiva lin-negozzi ġodda u lill-innovaturi stabbiliti barra mill-Unjoni jirrilokaw jew jinvestu, u jibnu n-negozju tagħhom fis-suq uniku, billi jipprovdi mekkaniżmu ta' "intervent inċentivanti" li jattira start-ups u innovaturi ta' suċċess mid-dinja kollha, filwaqt li juża wkoll in-network tiegħu ta' Delegazzjoni tal-UE. Għal dan l-għan, ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà, pereżempju fir-rigward tal-istabbiliment fl-Istati Membri jew fil-pajjiżi assoċjati fil-bidu tal-appoġġ tal-Unjoni, jenħtieġ li jigü rrinunzjati temporanjament biex ir-riċevitur ikun jista' jigü risistemati fi żmien stabbilit bl-assigurazzjoni ta' appoġġ sussegwenti tal-Unjoni. L-interess finanzjarju tal-Unjoni jenħtieġ li jigü protett kif xieraq, u jenħtieġ li l-pagamenti ma jigüx ipprovdu sakemm jigü ssodisfati r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà.
- (65) Meta jkun meħtieġ u debitament ġustifikat, il-FEK jenħtieġ li jippermetti mod aktar flessibbli u aċċessibbli ta' identifikazzjoni, għażla u appoġġ għal proġetti u ideat innovattivi, inkluż billi jipprevedi proċeduri tal-għoti newtrali għall-istrumenti li jippermettu lir-riċerkaturi, lill-impredituri, lill-kumpaniji u lil ċittadini oħra jipproponu s-soluzzjoni ta' innovazzjoni tagħhom mingħajr it-tnaqqis jew il-limitazzjoni artifiċjali inizjali tal-appoġġ tal-Unjoni għal għotja, akkwist jew forma oħra ta' appoġġ tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-ideat jigü vvalutati u magħżula abbażi tal-mertu tagħhom fl-indirizzar tal-isfida rispettiva jew tal-prijorità tal-politika tal-Unjoni, u l-aktar strument xieraq u effettiv tal-implimentazzjoni tal-baġit biex jigü appoġġati dawn l-ideat, kemm jekk għotjiet, akkwist jew oħrajn, jenħtieġ li jintgħażel biss wara abbażi tar-rekwiżiti u l-merti tal-proġett individwali.
- (66) Meta jkun meħtieġ u debitament ġustifikat, il-FEK jenħtieġ li jissimplifika u jaċċellera wkoll l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għal ċerti proġetti importanti.

- (67) L-Istrument InvestEU tal-FEK jenħtieġ li jipprovdi l-garanzija baġitarja u l-istrumenti finanzjarji biex jimmobilizza investment addizzjonali madwar l-Unjoni biex jappoġġa l-kompetittività Ewropea f'teknoloġiji, servizzi u setturi strateġiċi.
- (68) L-Istrument InvestEU tal-FEK se jiġi implimentat mis-sħab, inkluż il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, il-banek u l-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali kif ukoll l-aġenziji ta' kreditu għall-esportazzjoni. L-arkitettura miftuħa se tibqa' aspett ewlieni tal-Istrument InvestEU tal-FEK, filwaqt li tibni fuq il-kollaborazzjoni u l-esperjenza wiesgħa taħt il-Programm InvestEU. Il-Kummissjoni u l-Grupp tal-BEI jenħtieġ li jaħdmu fi sħubija bl-objettiv li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Istrument InvestEU tal-FEK u jrawmu l-konsistenza, l-inklużività, l-addizzjonalità, u l-implimentazzjoni effiċjenti tiegħu.
- (69) Sabiex jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn u jiġu żgurati implimentazzjoni rapida u appoġġ għas-suq b'kontinwità matul il-perjodi ta' programmazzjoni, l-implimentazzjoni tal-Istrument InvestEU tal-FEK se tibni fuq il-komunità ta' sħab ta' implimentazzjoni vvalutati mill-pilastru tal-Programm InvestEU, l-arranġamenti kuntrattwali u l-prodotti finanzjarji rilevanti eżistenti. Barra minn hekk, biex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja tajba, implimentazzjoni aktar rapida u simplifikazzjoni għall-entitajiet fdati, l-implimentazzjoni tal-Istrument InvestEU jenħtieġ li tibni fuq ftehimiet eżistenti, mudelli għal arranġamenti legali u kuntrattwali, kif ukoll għodod stabbiliti ta' monitoraġġ u rapportar. Dan itejjeb l-impatt tal-appoġġ tal-Unjoni u jippermetti li ssir aktar enfasi fuq l-appoġġ effiċjenti għar-riċevituri finali. Il-Kummissjoni tista' tiddependi u terġa' tuża bis-sħiħ jew parzjalment il-ftehimiet mas-sħab ta' implimentazzjoni konklużi skont ir-Regolament (UE) 2021/253, u fuq valutazzjonijiet magħmula minnha stess jew minn entitajiet oħra fil-kuntest ta' ftehimiet skont dak ir-Regolament.
- (70) Sabiex is-sħab ta' implimentazzjoni jingħataw aċċess usa' għall-Istrument InvestEU tal-FEK, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tikkonkludi ftehimiet b'ġestjoni indiretta mal-kategoriji kollha ta' entitajiet elenkati skont l-Artikolu 62(1), il-punt (c), ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2059. Sabiex jiġi sfruttat il-kapital privat, jenħtieġ li l-korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni jkunu eliġibbli wkoll li jiġu fdati b'mod eċċezzjonali, wara valutazzjoni pożittiva tal-pilastru, bl-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji jew ta' garanziji baġitarji, inkluż meta jkunu kkombinati ma' għotjiet jew ma' forom oħra ta' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjonijiet ta' taħlit, sal-punt li tali korpi jiġu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati. Tali korpi jenħtieġ li jintgħażlu filwaqt li titqies in-natura tal-istrument finanzjarju jew tal-garanzija baġitarja li għandha tiġi implimentata, l-esperjenza u l-kapaċità finanzjarja u operazzjonali ta' dawk il-korpi, u r-regoli u l-proċeduri tagħhom għall-verifika tal-vijabbiltà ekonomika tal-proġetti tar-riċevituri finali. L-għażla jenħtieġ li tkun trasparenti, iġġustifikata minn raġunijiet oġġettivi u ma għandhiex twassal għal kunflitt ta' interess.
- (71) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza, il-garanzija baġitarja u l-istrumenti finanzjarji, inkluż meta jiġu kkombinati ma' appoġġ mhux ripagabbli fl-operazzjonijiet ta' taħlit, skont l-Istrument InvestEU tal-FEK, jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mat-Titolu X tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.
- (72) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fl-implimentazzjoni tal-garanziji baġitarji, tal-istrumenti finanzjarji u tal-operazzjonijiet ta' taħlit taħt programmi differenti tal-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa gwida inklużi arranġamenti tekniċi u termini u

kundizzjonijiet biex jiġu implimentati dawn il-forom ta' appoġġ taħt dawk il-programmi.

- (73) Sabiex jikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi ammont massimu tal-garanzija baġitarja skont l-Istrument InvestEU tal-FEK, rata ta' proviżjonament għal dik il-garanzija baġitarja f'konformità mal-Artikolu 214(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, u obbligu għall-Kummissjoni li tivvaluta dik ir-rata ta' proviżjonament kull sena f'konformità mal-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 41(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u f'konformità mal-qafas ta' ġestjoni tar-riskju tal-Kummissjoni u l-possibbiltà li partijiet terzi u pajjiżi terzi jikkontribwixxu speċifikament għall-Istrument InvestEU tal-FEK.
- (74) Huwa meħtieġ li tiġi pprovduta l-possibbiltà li l-Istrument InvestEU tal-FEK, inkluża l-garanzija baġitarja, iservi bħala għodda orizzontali ta' twettiq għal politiki oħra tal-Unjoni, biex jipprovdi appoġġ taħt programmi oħra tal-Unjoni f'konformità mal-objettivi stabbiliti f'dawk il-programmi. Għal dak l-għan, il-proviżjonament korrispondenti tal-obbligazzjonijiet finanzjarji jenħtieġ li jsir minn dawk il-programmi l-oħra. Fejn programmi oħra tal-Unjoni jikkontribwixxu għall-objettivi tal-politiki interni tal-Unjoni, l-appoġġ fil-forma ta' garanzija baġitarja jew strumenti finanzjarji, inkluż meta kkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjoni ta' taħlit, jenħtieġ li jiġi pprovdut esklużivament permezz tal-Istrument InvestEU tal-FEK.
- (75) L-Istrument InvestEU tal-FEK jenħtieġ li jipprovdi post wieħed u ċentralizzat għall-istabiliment u l-ġestjoni ta' garanzija baġitarja u l-istrumenti finanzjarji kollha li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-politiki interni tal-Unjoni, li se jikkontribwixxu għal effiċjenza mtejba u jżidu l-impatt tal-politika tal-finanzjament tal-Unjoni. Il-prodotti finanzjarji stabbiliti skont ir-Regolament InvestEU huma għajjnuna mill-Istat konsistenti skont it-tifsira tal-Artikolu 212(2) tar-Regolament (Unjoni, Euratom) 2024/2509. Il-Kummissjoni u s-sħab ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jiżguraw li prodotti finanzjarji ġodda li għandhom jiġu stabbiliti skont dan ir-Regolament ikunu għajjnuna mill-Istat konsistenti skont it-tifsira tal-Artikolu 212(2) tar-Regolament (Unjoni, Euratom) 2024/2509 biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni rapida tagħhom.
- (76) Filwaqt li l-istart-ups u l-iscale-ups innovattivi Ewropej huma muturi essenzjali tat-tkabbir u tal-kompetittività, u filwaqt li jiġi rikonoxxut li qed jiffaċċjaw ostakli persistenti għall-aċċess għall-finanzjament meħtieġ fl-Unjoni, l-Istrument InvestEU tal-FEK jenħtieġ li jipprovdi appoġġ finanzjarju mmirat għat-tkabbir u l-espansjoni tal-kumpaniji fl-Unjoni fl-istadji kollha — mill-fażi tal-bidu u ta' start-up sal-fażi scale-up u l-manifattura industrijali. L-Istrument InvestEU tal-FEK jenħtieġ li jipprovdi finanzjament dirett u indirett għall-kumpaniji Ewropej bl-għan li jattira investituri privati — u b'hekk jisfrutta l-potenzjal sħiħ tal-intraprenditorija u l-investment Ewropej. Dan se jagħti s-setgħa lill-istart-ups u l-iscale-ups u jsaħħaħ it-tmexxija globali tal-Unjoni fit-teknoloġija u fl-industrija, filwaqt li jnaqqas id-diskrepanzi fl-innovazzjoni u fl-investment tal-Ewropa u jwettaq l-ambizzjoni tal-Unjoni ta' tat-Tfaddil u tal-Investimenti. L-Istrument tal-InvestEU tal-FEK jinkludi faċilità li għandha l-għan li tiżgura li l-intrapriżi b'rata għolja ta' tkabbir li jiżviluppaw jew jużaw teknoloġiji innovattivi, inkluż f'oqsma importanti għall-interessi strateġiċi u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, ikunu jistgħu jaċċessaw kapital adegwat biex jespandu n-negozji tagħhom. Se jimobilizza l-investimenti mis-swieq kapitali tal-Ewropa, f'konformità mal-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni.

- (77) Jenħtieġ li tiġi stabbilita Konsulenza għall-Proġetti biex tappoġġa l-oġġettivi tal-FEK, filwaqt li tibni fuq iċ-Ċentru ta' Konsulenza ta' InvestEU. Għandha torbot l-appoġġ konsultattiv ma' entitajiet privati u pubbliċi madwar l-Ewropa, toffri servizzi mfassla apposta lil benefiċjarji potenzjali u tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' sensiela ta' operazzjonijiet ta' investiment potenzjali taħt il-FEK. Fl-istess ħin, ir-rwol tas-servizzi ta' appoġġ għan-negozju bħan-Network "UE għan-Negozji", fost l-oħrajn, jenħtieġ li jkun li jagħmlu n-negozji Ewropej aktar innovattivi u kompetittivi, jikbru u jespandu fis-Suq Uniku u li jżidu l-għarfien u jikkontribwixxu għall-bini tal-kapaċità f'mezzi għall-aċċess ta' finanzjament ibbażat fuq is-suq kapitali. Sabiex jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn u jiġu żgurati implimentazzjoni rapida u appoġġ għas-suq fil-kontinwità, il-FEK jista' jiddependi fuq il-komunità ta' sħab ta' implimentazzjoni vvalutati mill-pilastru tal-Programm InvestEU.
- (78) L-SMEs jammontaw għal aktar minn 99 % tan-negozji kollha fl-Unjoni, jipprovdu żewġ terzi tal-impjiegi, u jikkontribwixxu sostanzjalment għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità ġodda fis-setturi kollha. Ditti li qed jespandu jeżistu fis-setturi u fil-livelli kollha ta' ħila innovattiva. L-istimulazzjoni tat-tkabbir u l-innovazzjoni tal-Unjoni tista' sseħħ biss billi tingħata spinta lid-diversi ditti li qed jespandu li jeżistu fil-popolazzjoni kollha tal-SMEs tal-Unjoni. L-SMEs huma essenzjali biex jinkisbu t-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-ekonomija, inkluża l-kisba tan-newtralità klimatika.
- (79) Madankollu, l-aċċess għall-finanzjament huwa ostaklu importanti għall-SMEs, speċjalment għall-istart-ups u għall-iscale-ups, peress li spiss jiddependu fuq finanzjament estern biex jappoġġaw il-pjanijiet ta' tkabbir tagħhom. L-SMEs jiffaċċjaw aktar ostakli għall-innovazzjoni u t-tkabbir li ma jaffettwawx lid-ditti akbar bl-istess mod, pereżempju n-nuqqas ta' ħiliet intraprenditorjali, in-nuqqas ta' infrastruttura tat-teknoloġija tal-aċċess, id-diffikultajiet fil-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali jew fl-aċċess għas-swieq tal-esportazzjoni u l-ktajjen tal-valur sabiex jiżviluppaw l-attivitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni tagħhom.
- (80) L-evidenza turi li l-appoġġ finanzjarju dirett lill-SMEs waħdu ma huwiex biżżejjed biex jappoġġa l-espansjoni tagħhom u li jeħtieġu u jibbenefikaw minn parir dedikat fil-livell tal-Unjoni. L-għoti ta' pariri dwar ir-regoli tas-Suq Uniku, l-innovazzjoni u l-aċċess għall-finanzjament jikkontribwixxi għall-kompetittività tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-appoġġ għan-negozju fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali huwa divers u għandu jgħaqqad ukoll lir-reġjuni inqas żviluppati u ultraperiferiċi. L-inizjattivi eżistenti tal-Unjoni bħan-Network Enterprise Europe, il-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni bejn ir-Raggruppamenti u ċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali għenu biex titnaqqas din id-diskrepanza. Għaldaqstant, għandu jiġi stabbilit Network "UE għan-Negozji", li jibni fuq in-Network Enterprise Europe (EEN, Enterprise Europe Network), il-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni bejn ir-Raggruppamenti (ECCP, European Cluster Collaboration Platform) u networks oħra, biex jiġu simplifikati u razzjonalizzati s-servizzi ta' konsulenza u ta' sħubija.
- (81) Il-FEK se tappoġġa l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament u ssaħħaħ il-kompetittività tal-SMEs tal-Unjoni permezz ta' żewġ mezzi ewlenin: L-ewwel nett, minbarra n-Network "UE għan-Negozji", il-FEK se jwettaq ukoll attivitajiet trażversali addizzjonali ffukati fuq it-tiżiħ tal-kompetittività tal-SMEs. It-tieni nett, it-twieqi ta' politika tal-FEK għandhom jinkludu azzjonijiet dedikati għall-SMEs immirati lejn l-SMEs f'setturi strateġiċi, bħal sistemi ta' bonus biex jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni tal-SMEs, bl-għan li jrawmu l-innovazzjoni, it-tkabbir u l-espansjoni tal-SMEs. Jista' jingħata appoġġ speċjali għall-aċċess u d-disponibbiltà tal-finanzi għall-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja fis-setturi kollha tal-ekonomija, inkluż il-mikrofinanzjament

u l-appoġġ għall-intrapriżi soċjali. Barra minn hekk, sett ta' għodod finanzjarji flessibbli skont il-FEK għandu jiżgura li l-SMEs ikunu jistgħu jirċievu t-tip ta' appoġġ li jkun jaqdi l-ħtiġijiet tagħhom bl-aħjar mod matul il-perkors tal-investment tagħhom.

- (82) Sabiex jiġu appoġġati aktar il-prinċipji ta' simplifikazzjoni u aċċess faċli għall-opportunitajiet ta' finanzjament tal-Unjoni għall-benefiċjarji, il-FEK jenħtieġ li joffri portal uniku li jiċentralizza l-informazzjoni dwar u l-aċċess għall-opportunitajiet kollha ta' finanzjament tal-Unjoni u jappoġġa attivitajiet oħra. Il-portal uniku jenħtieġ li jiffaċilita u jaċċellera l-aċċess għall-fondi, il-finanzjament u l-investimenti tal-Unjoni u oħrajn, jirrazzjonalizza l-approċċ filwaqt li jibni fuq il-Portal għall-Finanzjament u għall-Offerti, il-Portal InvestEU, il-Portal ta' Aċċess għall-Finanzjament, il-Portal STEP u pjattaformi rilevanti oħra. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li ssir applikazzjoni diretta għall-opportunitajiet ta' finanzjament fuq il-portal uniku.
- (83) Il-FEK għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]<sup>32</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inklużi regoli biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-prinċipji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament, regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, regoli għall-istabbiliment ta' portal ta' appoġġ tal-Unjoni, regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà.
- (84) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza reċenti wriet il-ħtieġa għal qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-Unjoni aktar flessibbli. Għal dak l-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-FEK, il-finanzjament jenħtieġ li jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u fir-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit.
- (85) Sabiex jintlaħqu l-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-FEK, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-bidliet fl-ammont massimu tal-garanzija baġitarja u r-rata ta' proviżjonament, kif ukoll fir-rigward ta' ċerti miżuri b'appoġġ għall-politika dwar l-ispazju. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni ttwettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>33</sup>. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.
- (86) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-FEK permezz ta' ċerti miżuri stabbiliti fil-programmi ta' ħidma kif ukoll ċerti miżuri b'appoġġ għall-politika dwar l-ispazju, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni.

<sup>32</sup> ĠU L., p

<sup>33</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree\\_interinst/2016/512/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_interinst/2016/512/oj).

Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>34</sup>.

- (87) Għalkemm il-programmi ta' ħidma u atti oħra li jimplementaw dan ir-Regolament jikkonċernaw kompiti speċifiċi ta' implimentazzjoni tal-baġit li ma jeħtiġux għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni u li normalment ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fir-Regolament (UE) Nru 182/2011, jenħtieġ li l-proċedura konsultattiva tintuża għall-adozzjoni ta' ċerti atti kif iddefiniti f'dan ir-Regolament, inklużi programmi ta' ħidma li jimplementaw attivitajiet għal tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, is-saħħa, il-bijoteknoloġija, l-agrikoltura u l-bijoeconomija, u t-tmexxija diġitali, ir-reżiljenza u s-sigurtà, l-industrija tad-difiża u l-ispazju, peress li dawk l-atti jenħtieġ li jiġu appoġġati bis-sħiħ u joħlqu sinerġiji ma' attivitajiet nazzjonali u ta' ġestjoni kondiviża mwettqa mill-Istati Membri. Minħabba s-sensittività u l-importanza partikolari tas-sinerġiji u l-koordinazzjoni sħiħa mal-Istati Membri fil-qasam tar-reżiljenza u s-sigurtà, l-appoġġ għall-industrija tad-difiża u l-ispazju, il-proċedura ta' eżami jenħtieġ li tintuża għall-adozzjoni ta' programmi ta' ħidma f'dawn l-oqsma.
- (88) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni li jkunu applikabbli immedjatament f'każijiet iġġustifikati debitament meta programm ta' ħidma ma jkunx ġie adottat fi żmien suffiċjenti qabel is-sena tal-implimentazzjoni tal-baġit sabiex jiżgura l-kontinwità tal-operat tal-appoġġ tal-Unjoni, b'mod partikolari ta' attivitajiet operazzjonali kritiċi, bħas-sistemi bis-satellita u l-infrastrutturi kritiċi, jew ikun meħtieġ li jiġi adottat b'mod rapidu biex jirreaġixxi minnufiħ għal kriżi jew emerġenzi eċċezzjonali oħra simili li jkunu debitament sostanzjati, meta dan ikun meħtieġ għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza.
- (89) Il-FEK jissostitwixxi l-programmi stabbiliti bir-Regolamenti (UE) 2021/522,<sup>35</sup> (UE) 2021/694,<sup>36</sup> (UE) 2021/696, (UE) 2021/697,<sup>37</sup> (UE)<sup>38</sup> 2021/783,<sup>39</sup> (UE) 2023/588,<sup>40</sup> , u jħassar id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (UE) 2021/696, (UE) 2023/588 u (UE) [EDIP].

<sup>34</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13–18.

<sup>35</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/522 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (il-“Programm l-UE għas-Saħħa”) għall-perjodu 2021-2027, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/522/oj>).

<sup>36</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 (ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/694/oj>).

<sup>37</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/696/oj>).

<sup>38</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/697/oj>).

<sup>39</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni dwar il-Klima (LIFE), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 (ĠU L 172, 17.5.2021, p. 53, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/783/oj>).

<sup>40</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2023 li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027 (ĠU L 79, 17.3.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/588/oj>).

## Kapitolu I

### Dispożizzjonijiet Ġenerali

#### TAQSIMA 1

#### OBJETTIVI U STRUTTURA TAL-FOND

##### *Artikolu 1*

##### **Suġġett**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Kompetittività (il-“FEK”), inkluż programm speċifiku dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni fid-difiża msemmi fl-Artikolu 182(3) tat-TFUE u jistabbilixxi l-oġġettivi tal-FEK, il-baġit tiegħu għall-perjodu 2028-2034, il-forom ta’ appoġġ tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta’ tali appoġġ taħt attivitajiet trażversali u politiki speċifiċi appoġġati mill-FEK.
2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi:
  - (a) Tieqa ta’ “Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u Dekarbonizzazzjoni Industrijali” – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu IV, u li tikkontribwixxi għall-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (a);
  - (b) Tieqa ta’ “Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura u Bijoeconomija” – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);
  - (c) Tieqa ta’ “Tmexxija Diġitali” – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu VI, u li tikkontribwixxi għall-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (c);
  - (d) Tieqa ta’ “Reżiljenza u Sigurtà, Industrija tad-Difiża, u Spazju” – implimentata permezz ta’ attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu VII, inkluż il-programm speċifiku għar-riċerka u l-innovazzjoni fid-difiża msemmi fil-paragrafu 1, u li tikkontribwixxi għall-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (d).
3. Ir-Regolament jistabbilixxi wkoll qafas legali li għandu l-għan li jiżgura s-sigurtà tal-provvista, li jneħħi l-ostakli għall-investment u l-konġestjonijiet fil-produzzjoni u li jappoġġa l-kompetittività tal-bażi industrijali tal-Unjoni.

##### *Artikolu 2*

##### **Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
  - (1) “Ftehim dwar konsulenza” tfisser strument legali li bih il-Kummissjoni u s-sieħeb konsultattiv jispeċifikaw il-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta’ servizzi ta’ konsulenza għall-proġetti;
  - (2) “Sieħeb konsultattiv” tfisser kontroparti eliġibbli bħal istituzzjoni finanzjarja jew entità oħra li magħha l-Kummissjoni tkun ikkonkludiet ftehim dwar konsulenza bl-

għan li timplimenta inizjattiva konsultattiva waħda jew aktar, minbarra l-inizjattivi konsultattivi implimentati permezz ta' fornituri tas-servizzi esterni kkuntrattati mill-Kummissjoni jew permezz ta' aġenziji eżekuttivi;

- (3) “Kompartment” tfisser parti mill-Istrument InvestEU tal-FEK iddefinit mill-orġini tar-riżorsi li jappoġġaw l-appoġġ;
- (4) “Kontroll” tfisser il-kapaċità li tkun eżerċitata influwenza deċiżiva fuq entità legali b'mod dirett jew indirett permezz ta' entità legali intermedja waħda jew aktar;
- (5) “Struttura maniġerjali eżekuttiva” tfisser il-korp ta' entità legali maħtur f'konformità mal-liġi nazzjonali, u li, fejn applikabbli, jirrapporta lill-uffiċjal kap eżekuttiv jew lil kwalunkwe persuna oħra li jkollha setgħa deċiżjonali komparabbli, u li jkollu s-setgħa li jstabbilixxi l-istrateġija, l-oġġettivi u d-direzzjoni ġenerali tal-entità legali, u jissorvelja u jimmonitorja t-teħid ta' deċiżjonijiet maniġerjali;
- (6) “Grupp tal-BEI” tfisser il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), is-sussidjarji tiegħu, u entitajiet oħra stabbiliti skont l-Artikolu 28(1) tal-Protokoll Nru 5 dwar l-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investment (l-Istatut tal-BEI);
- (7) “ftehim ta' garanzija” tfisser strument legali li bih il-Kummissjoni u sieħeb ta' implimentazzjoni jispeċifikaw il-kundizzjonijiet biex jipproponu operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment sabiex jingħataw il-benefiċċju tal-garanzija tal-Istrument InvestEU tal-FEK, għall-għoti tal-garanzija baġitarja għal dawk l-operazzjonijiet u għall-implimentazzjoni tagħhom f'konformità ma' dan ir-Regolament;
- (8) “Interess pubbliku imperattiv” tfisser, għall-finijiet tal-Artikolu 20, raġuni prevalenti biex jiġi pprovdut appoġġ tal-Unjoni għal ċerta azzjoni, jew sett ta' azzjonijiet, minħabba kontribuzzjoni ċara u sinifikanti għall-kisba tal-oġġettivi ta' politika skont il-FEK, li tiġġustifika l-applikazzjoni ta' regoli aċċellerati u simplifikati għall-għoti;
- (9) “Sieħeb ta' implimentazzjoni” tfisser istituzzjoni finanzjarja eliġibbli jew intermedjarju li miegħu l-Kummissjoni tkun ikkonkludiet ftehim ta' garanzija;
- (10) “Proġett importanti ta' interess Ewropew komuni” (IPCEI, Important project of common European interest) tfisser proġett li jissodisfa l-kriterji kollha stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Kriterji għall-analiżi tal-kompatibbiltà mas-suq intern tal-ġhajjnuna mill-Istat għall-promozzjoni tal-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni jew kwalunkwe reviżjoni sussegwenti ta' dik il-Komunikazzjoni;
- (11) “Perkors tal-investment” tfisser il-proċess kontinwu ta' appoġġ finanzjarju pubbliku u privat u mekkaniżmi ta' appoġġ għall-politika pprovduti lir-riċevituri tul il-katina kollha tal-iżvilupp tiegħu, inkluża serje komprensiva ta' attivitajiet involuti fl-allokkazzjoni ta' riżorsi finanzjarji u l-għoti ta' appoġġ biex jitrawmu l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku. Dan il-vjaġġ jinkludi, iżda ma huwiex limitat għall-bidu mill-fażijiet ta' riċerka fundamentali u applikata, bi progress mill-istadji ta' espansjoni, l-implimentazzjoni industrijali, u javvanza għall-kulminazzjoni fil-manifattura fuq skala sħiħa u l-maturità industrijali u l-internazzjonalizzazzjoni;
- (12) “Operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment” jew “operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investment” tfisser operazzjonijiet biex jiġu pprovduti finanzi b'mod dirett jew indirett lil riċevituri finali permezz ta' prodotti finanzjarji, imwettqa minn sieħeb ta' implimentazzjoni f'ismu stess, ipprovduti mis-sieħeb ta' implimentazzjoni f'konformità mar-regoli, il-politiki u l-proċeduri interni tiegħu u li

jigū kkontabilizzati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tas-sieħeb ta' implimentazzjoni jew, fejn applikabbli, żvelati fin-noti għal dawk id-dikjarazzjonijiet finanzjarji;

- (13) “Entitajiet ġuridiċi” tfisser persuna ġuridika maħluqa u rikonoxxuta bħala tali skont id-dritt tal-Unjoni, nazzjonali jew internazzjonali, inklużi strutturi għall-Programm Ewropew dwar l-Armamenti (SEAP, European Armament Programme), stabbilit f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]<sup>41</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [EDIP], li għandha l-personalità ġuridika u l-kapaċità li taġixxi f'isimha stess, teżerċita drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi, jew entità legali li ma għandhiex personalità ġuridika, kif imsemmi fl-Artikolu 200(2), il-punt (c), tar-Regolament Finanzjarju;
- (14) “Tieqa ta' politika” tfisser qasam immirat għal appoġġ mis-sett ta' għodod tal-FEK kif stabbilit fl-Artikolu 3(2);
- (15) “Akkwist pubbliku prekkummerċjali” tfisser l-akkwist ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp li jinvolvu l-kondiviżjoni tar-riskji u l-benefiċċji skont il-kundizzjonijiet tas-suq fejn hemm separazzjoni ċara tas-servizzi tar-riċerka u l-iżvilupp akkwistati mill-implimentazzjoni ta' volumi kummerċjali ta' prodotti finali;”
- (16) “Konsulenza għall-proġetti” tfisser konsulenza li tappoġġa l-investment, inklużi attivitajiet ta' bini tal-kapaċità u ta' żvilupp tas-suq, u servizzi ta' aċċellerazzjoni tan-negożju pprovduti minn sħab konsultattivi, minn fornituri esterni tas-servizzi kuntrattati mill-Kummissjoni jew permezz ta' aġenziji eżekuttivi;
- (17) “Siġill tal-Kompetittività” tfisser tikketta tal-kwalità mogħtija lil proposta sottomessa għal sejħa għal proposti li tissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-kwalità stabbiliti fil-proċedura tal-għoti iżda li tista' tirċievi appoġġ minn sorsi ta' finanzjament oħra tal-Unjoni jew nazzjonali;
- (18) “Kumpanija żgħira b'kapitalizzazzjoni medja” tfisser entità kif iddefinita fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2025/3500 finali;
- (19) “Intrapriża żgħira u ta' daqs medju” jew “SME” (small and medium-sized enterprise) tfisser intrapriża mikro, żgħira u ta' daqs medju skont it-tifsira tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE;
- (20) “Partijiet ikkonċernati” tfisser individwi, gruppi, jew organizzazzjonijiet li huma affettwati minn u li jistgħu jkunu involuti fl-implimentazzjoni tal-programm;
- (21) “Infrastruttura” tfisser l-elementi fiżiċi u virtwali kollha meħtieġa għall-forniment ta' servizzi u attivitajiet ekonomiċi, inklużi networks, grilji u assi, kif ukoll assi tal-mobbiltà marbuta mal-infrastruttura, it-trawwim tad-dekarbonizzazzjoni, ir-reżiljenza, l-effiċjenza, id-diġitalizzazzjoni, u l-interoperabbiltà;

### *Artikolu 3*

#### **Objettivi**

1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li jżid il-kompetittività Ewropea, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi matul il-perkors tal-investment billi:
  - (a) iwassal impatt teknoloġiku, ekonomiku u ambjentali mill-investimenti tal-Unjoni, inkluż billi jiżviluppa innovazzjoni fixkiela u inkrementali, u teknoloġiji emerġenti, mill-aktar avvanzati, b'użu doppju u strateġiċi b'potenzjal ekonomiku sinifikanti,

---

<sup>41</sup> ĠU L..., p

inkluż billi jiżviluppa u jaċċellera l-manifattura u l-implimentazzjoni industrijali tagħhom;

- (b) inaqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni;
  - (c) jindirizza l-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment, inkluż billi jattira kapital privat u investituri istituzzjonali kif ukoll finanzjament pubbliku b'mod proporzjonat, filwaqt li jevita d-duplikazzjoni u mingħajr l-evizzjoni tal-investituri privati; iservi bħala pjattaforma integrata għat-twassil ta' appoġġ finanzjarju mmirat lill-kumpaniji start-ups, scale-ups, u kumpaniji strateġiċi fil-fażijiet kollha tal-iżvilupp, inklużi dawk li jseguw b'mod attiv il-varar tal-manifattura, industrijali u tas-suq;
  - (d) isaħħaħ l-integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-Unjoni f'allinjament mal-oġettiv li tinkiseb Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, inklużi soluzzjonijiet biex tiġi indirizzata l-frammentazzjoni tas-swieq kapitali tal-Unjoni, jiġu eliminati l-ostakli u jinħolqu inċentivi għal investimenti privati u jiġu ddiversifikati u msaħħa s-sorsi ta' finanzjament għall-intrapriżi tal-Unjoni fl-Istati Membri kollha, inklużi dawk bi swieq kapitali inqas żviluppati;
  - (e) jallinja r-riċerka, l-innovazzjoni u l-appoġġ tal-politika industrijali biex l-eċċellenza fir-riċerka tal-Unjoni tissarraf f'saħħa industrijali tal-Unjoni fis-swieq globali u jiġi żgurat il-futur tal-manifattura fl-Ewropa;
  - (f) jiżviluppa infrastruttura transfruntiera u kritika tal-Unjoni li hija kruċjali għall-kompetittività tal-Unjoni, u l-indipendenza strateġika b'mod partikolari l-enerġija u t-trasport, l-infrastruttura diġitali u tas-sigurtà, id-difiża u l-ispazju kif ukoll l-infrastruttura soċjali u d-data u s-servizzi relatati;
  - (g) isaħħaħ il-kompetittività tal-SMEs u tal-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja stabbiliti fl-Unjoni u l-kapaċità tagħhom li jikbru u jespandu, b'mod partikolari billi jtejjeb l-aċċess tagħhom għall-finanzi, inkluż l-investiment privat, il-mikrofinanzjament u l-appoġġ għall-intrapriżi soċjali bħala faċilitazzjoni tal-aċċess għall-finanzjament tal-Unjoni, permezz ta' proċeduri aktar rapidi, simplifikati u armonizzati; inaqas u jiżgura piż proporzjonat ta' rapportar;
  - (h) jindirizza n-nuqqasijiet ta' ħiliet kritiċi għat-tipi kollha ta' impjiegi ta' kwalità f'setturi strateġiċi għall-kompetittività tal-UE, permezz ta' investiment fil-ħiliet kemm orizzontali kif ukoll speċifiku, li jikkontribwixxi għad-disponibbiltà tal-ħiliet f'teknoloġiji emerġenti futuri, u billi jfittex li jakkumpanja l-investimenti b'investiment fil-ħiliet u jindika meta jiġi inkluż;
  - (i) jiżgura l-integrazzjoni tas-Suq Uniku, inkluż billi jappoġġa inizzjattivi fi kwalunkwe stadju tal-perkors tal-investiment b'effetti konsegwenzjali pożittivi għas-Suq Uniku u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-valur tiegħu;
  - (j) jappoġġa azzjonijiet għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-leġislazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni;
  - (k) jiżgura tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija sostenibbli, dekarbonizzata u diġitali li tkun ġusta u li tappoġġa lill-ħaddiema u lill-komunitajiet.
2. Taħt l-oġettivi ġenerali stabbiliti fil-paragrafu 1, il-FEK għandu b'mod partikolari jseghi l-oġettivi speċifiċi li ġejjin:

- (a) Għall-appoġġ għat-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u d-De karbonizzazzjoni Industrijali, l-oġġettivi speċifiċi ta' appoġġ għad-de karbonizzazzjoni tal-industrija Ewropea, inklużi l-SMEs u l-industriji intensivi fl-enerġija, il-manifattura tat-teknoloġija nadifa u l-ktajjen tal-provvista tagħha, u li jikkontribwixxu għall-bidla lejn ekonomija sostenibbli, ċirkolari, tal-enerġija, effiċjenti fl-użu tal-ilma u tar-riżorsi, newtrali għall-klima u reżiljenti. Dan jinkludi l-adozzjoni mill-industriji ta' teknoloġiji ta' de karbonizzazzjoni u soluzzjonijiet oħra għall-proċessi u l-attivitajiet industrijali tagħhom, kif ukoll id-de karbonizzazzjoni tal-provvista tal-enerġija, il-promozzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija, l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet ta' enerġija rinnovabbli u nadifa, l-iżvilupp ta' flessibilità tas-sistema tal-enerġija, l-adozzjoni mis-swieq ewlenin għal prodotti nodfa, l-iżvilupp, ir-reżiljenza, l-integrazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-infrastrutturi u s-sistemi tal-enerġija u tat-trasport, it-tiġħ tal-mobbiltà intelliġenti u l-fjuwils alternattivi sostenibbli, kif ukoll it-tiġħ tal-ekonomija blu sostenibbli, l-iżvilupp ta' mudelli kummerċjali innovattivi bbażati fuq in-natura u soluzzjonijiet min-naħa tad-domanda għal bini, trasport u industrija nodfa u de karbonizzati, u żieda fil-produzzjoni li tikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika tal-Ewropa.
- (b) Għall-appoġġ għas-Saħħa, il-Bijoteknoloġija, l-Agricoltura u l-Bijoeconomija:
- (1) Għall-appoġġ għas-saħħa, l-oġġettivi speċifiċi tat-trawwim tal-innovazzjoni u l-kompetittività tas-settur tas-saħħa filwaqt li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista u l-kapaċità industrijali biex jitrażżnu theddid transfruntier serju għas-saħħa fil-futur; it-titjib u l-protezzjoni tas-saħħa pubblika u tal-popolazzjoni, billi tingħata prijorità lill-promozzjoni tas-saħħa u lill-prevenzjoni tal-mard tul il-ħajja permezz ta' approċċ ta' politiki tas-saħħa fil-politiki kollha u "saħħa waħda", u billi jissaħħu l-innovazzjoni u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa.
  - (2) Għall-appoġġ għall-bijoteknoloġija, l-oġġettivi speċifiċi ta' kontribut għall-iżvilupp u l-adozzjoni skalabbli, id-disponibbiltà u l-aċċessibilità tal-prodotti mediċinali, tal-apparat mediku, tad-dijanostika u ta' kontromiżuri mediċi oħra.
  - (3) Għall-appoġġ għall-politika tal-bijoeconomija, l-oġġettivi speċifiċi tat-trawwim ta' bijoeconomija innovattiva u kompetittiva fl-Unjoni, inkluż fl-oqsma tal-materjali u l-prodotti b'bażi bijoloġika, il-manifattura, il-prodotti tal-ikel innovattivi u l-bijosustanzi kimiċi; inkluż appoġġ lill-SMEs, lill-istart-ups u lill-iscale-ups, kontribut għall-iżvilupp u l-adozzjoni skalabbli, id-disponibbiltà u l-aċċessibilità tal-innovazzjonijiet tal-bijoeconomija, inklużi dawk ibbażati fuq il-bijoteknoloġija transsettorjali avvanzata; it-tiġħ tal-ktajjen tal-provvista u ż-żieda tar-reżiljenza tagħhom.
  - (4) Għall-appoġġ għall-agricoltura u s-sigurtà tal-ikel, l-oġġettivi speċifiku tat-trawwim tal-kompetittività, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-agricoltura, is-sajd u l-akkwakultura, il-forestrija u ż-żoni rurali u dawk kostali u r-rwol tagħhom fit-tranżizzjoni lejn ekonomija reżiljenti għall-klima, intelliġenti fl-użu tal-ilma, pożittiva għan-natura u l-protezzjoni tal-bijodiversità tar-riżorsi naturali filwaqt li jingħata kontribut għas-sigurtà tal-ikel fuq terminu twil fl-Unjoni.

- (c) Għall-appoġġ għall-politika ta' Tmexxija Diġitali, l-oġġettivi speċifiċi tat-trawwim tal-innovazzjoni u l-kompetittività tas-settur diġitali għal Unjoni kompetittiva u sigura u li twassal il-benefiċċji tagħha liċ-ċittadini u lis-soċjetà, lill-amministrazzjonijiet pubbliċi u lin-negozji madwar l-Unjoni. Dan għandu jinkludi, iżda ma jkunx limitat għall-appoġġ għall-ktajjen u l-attivitajiet diġitali kollha tal-valur u tal-provvista inkluż l-appoġġ għall-istart-ups, l-iscale-ups u l-SMEs, b'mod partikolari tul id-dimensjonijiet li ġejjin: Il-kisba ta' tmexxija fit-teknoloġiji diġitali u tal-IA, inkluż permezz tat-trasferiment tat-teknoloġija u l-innovazzjoni, u permezz ta' infrastrutturi avvanzati bħal tewmin diġitali li jaħdmu bl-IA; Il-kisba tas-sovranità teknoloġika billi jinbnew ekosistemi diġitali reżiljenti u jiġi żgurati livell għoli ta' ċibersigurtà fl-Unjoni; L-iffaċilitar tas-setgħa diġitali għan-negozji u għaċ-ċittadini billi jiġu installati applikazzjonijiet u servizzi, infrastrutturi, kapaċitajiet u kompetenzi diġitali avvanzati u billi tissaħħaħ l-interoperabbiltà madwar l-Unjoni, inkluż l-appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-kumpaniji, inklużi l-SMEs, il-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, l-istart-ups u l-iscale-ups; L-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali u l-interoperabbiltà tas-setturi pubbliċi u privati permezz tal-użu rapidu tal-IA, tat-teknoloġiji tal-kartieri, bħall-kartieri tal-Kartieri tal-UE tal-Identità Diġitali u s-servizzi fiduċjarji stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 u l-portafolli kummerċjali Ewropej li ġejjin u soluzzjonijiet innovattivi diġitali oħra. Appoġġ għall-industriji kulturali u kreattivi, li jikkomplementa l-programm AgoraEU.
- (d) Għall-appoġġ għall-politika "Reżiljenza u Sigurtà, Industrija tad-Difiża u l-Ispazju", rISPettivament l-oġġettivi speċifiċi ta':
- (1) Għall-appoġġ għar-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista, l-oġġettivi speċifiċi tat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-Ewropa billi tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni fl-esplorazzjoni, l-estrazzjoni, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ tal-materja prima u d-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq tal-provvista, u t-titjib tad-disponibbiltà f'waqtha ta' tali prodotti, inkluż permezz tat-tnaqqis taż-żmien meħtieġ għall-konsenja tagħhom, l-allokazzjoni ta' slots tal-manifattura jew il-kumulazzjoni ta' riżerva ta' prodotti, prodotti intermedji jew materja prima.
  - (2) Għall-appoġġ għall-industrija tad-difiża tal-UE, l-oġġettivi speċifiċi tal-promozzjoni tal-prontezza industrijali tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha permezz tat-tisħiħ tal-kompetittività, ir-rispons u l-kapaċità tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB), inkluż l-appoġġ għall-istart-ups, l-iscale-ups u l-SMEs, it-trawwim ta' ekosistema innovattiva tad-difiża tal-UE; Ir-riċerka kollaborattiva u l-iżvilupp ta' prodotti u teknoloġiji tad-difiża, inklużi teknoloġiji rivoluzzjonarji għad-difiża; Il-kooperazzjoni matul iċ-ċiklu tal-ħajja tat-tagħmir tad-difiża, b'mod partikolari fl-akkwist fil-qasam tad-difiża u għall-iżvilupp ta' proġetti Ewropej għad-difiża ta' interess komuni; Aġġustament tal-industrija għal bidliet strutturali.
  - (3) Għall-implimentazzjoni tas-sistemi fl-ispazju u l-politika dwar l-ispazju tal-UE, l-oġġettivi speċifiċi tal-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-operazzjoni ta' sistemi fl-ispazju, il-forniment ta' informazzjoni, data u servizzi avvanzati bbażati fl-ispazju li jappoġġaw il-politiki tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tas-sigurtà, id-difiża, it-tkabbir sostenibbli, il-protezzjoni tal-ambjent u r-reżiljenza għall-klima, l-involvement globali u l-indipendenza strateġika; Il-

massimizzazzjoni tal-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-attivitajiet ibbażati fl-ispazju, b'mod partikolari billi jitravwem l-iżvilupp ta' ekonomija spazjali tal-Unjoni innovattiva u kompetittiva u l-appoġġ għall-iżvilupp ta' Suq Uniku ġenwin għall-attivitajiet fl-ispazju, inklużi r-riċerka kollaborattiva u l-innovazzjoni għall-prodotti u t-teknoloġiji spazjali u l-appoġġ għall-SMEs; It-tisħiħ tas-sikurezza, is-sigurtà u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet kollha tal-ispazju ekstrasferiku; Il-promozzjoni tar-rwol tal-Unjoni bħala attur globali fis-settur spazjali.

- (4) Għall-appoġġ għas-sigurtà industrijali ċivili, l-oġġettivi speċifiċi tat-tisħiħ tal-kompetittività u r-rispons tal-industrija Ewropea tas-sigurtà ċivili, fl-oqsma ta' applikazzjoni tas-sigurtà, ir-reżiljenza ta' infrastrutturi kritiċi u b'użu doppju, it-teknoloġiji inkluża l-infrastruttura kritika tal-enerġija, u s-soluzzjonijiet għall-kontroll tal-merkanzija u l-persuni fil-fruntieri, il-protezzjoni tal-fruntieri, is-sigurtà marittima, is-sigurtà doganali u t-tnejja ċivili kontra t-treddid għas-sigurtà, kif ukoll it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-utenti finali rilevanti.

#### *Artikolu 4*

##### **Baġit**

1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-FEK għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034 għandu jkun ta' EUR 234 300 000 000 fi prezzijiet attwali.
2. Id-distribuzzjoni indikattiva tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tkun kif ġej:
  - (a) EUR 11 000 000 000 għal attivitajiet li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ġenerali msemmija fl-Artikolu 3, kif implimentati b'mod partikolari permezz ta' attivitajiet trażversali bħall-appoġġ mhux tematiku tal-Istrument InvestEU tal-FEK, imsemmi fil-Kapitolu II, it-Taqsima 2; Il-konsulenza għall-proġetti, il-Kollaborazzjoni mal-SMEs, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-aċċess għall-finanzjament, imsemmi fil-Kapitolu III;
  - (b) EUR 26 210 000 000 għall-oġġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (a);
  - (c) EUR 20 393 000 000 għall-oġġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);
  - (d) EUR 51 493 000 000 għall-oġġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (c);
  - (e) EUR 125 204 000 000 għall-oġġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (d);
3. L-impenji baġitarji għal attivitajiet mifruxa fuq aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq diversi snin f'pagamenti akkont annwali.
4. L-appropriazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni lil hinn mill-2034 biex ikopru l-ispejjeż neċessarji biex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, biex jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet mhux kompluti sa tmiem il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, kif ukoll l-ispejjeż li jkopru l-attivitajiet u s-servizzi operazzjonali kritiċi.
5. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u r-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 5 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-FEK, bħall-attivitajiet preparatorji, ta'

monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni, is-sistemi u l-pjattaformi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, l-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluża l-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, u kull assistenza teknika u amministrattiva oħra jew spejjeż relatati mal-persunal imġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-FEK.

## TAQSIMA 2

### ĠABRA UNIKA TA' REGOLI

#### *Artikolu 5*

#### **Riżorsi addizzjonali**

1. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, il-pajjiżi terzi, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew partijiet terzi oħra, jistgħu jagħmlu kontribuzzjonijiet finanzjarji jew mhux finanzjarji addizzjonali disponibbli għall-FEK, jew kwalunkwe waħda mill-attivitajiet jew l-oġettivi speċifiċi tagħha msemmija fl-Artikolu 3(2), inklużi kontribuzzjonijiet speċifiċi għall-garanzija baġitarja u strumenti finanzjarji tal-Istrument InvestEU tal-FEK kif imsemmi fl-Artikolu 21. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2), il-punti (a), (d), jew (e) jew l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.
2. Ir-riżorsi allokatil lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq talba tagħhom, f'konformità mal-Artikolu X tar-Regolament (UE) [XXX][*ir-Regolament NRPF*], jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-FEK. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament jew indirettament f'konformità mal-Artikolu 62(1)(a) jew (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Dawn għandhom ikunu addizzjonali għall-ammont imsemmi fl-Artikolu 4. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx daħlet f'impenn legali taħt ġestjoni diretta jew indiretta għal ammonti addizzjonali magħmula disponibbli b'dan il-mod għall-FEK, l-ammonti mhux impenjati korrispondenti jistgħu, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, jiġu ttrasferiti lura għal kapitolu rispettiv wieħed jew aktar tal-Pjan jew is-suċċessuri tagħhom.
3. Kwalunkwe dħul iġġenerat minn attivitajiet u komponenti skont il-Kapitolu VII, it-Taqsima 3 ta' dan ir-Regolament, għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 għall-FEK jew għas-suċċessur tiegħu.
4. [Mill-1 ta' Jannar 2028 / id-data tal-bidu tal-programm], b'deroga mill-ewwel, mit-tieni u mir-raba' subparagrafi tal-Artikolu 212(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, id-dħul, ir-ripagamenti u l-irkupri minn strumenti finanzjarji ffinanzjati minn dan ir-Regolament, il-predeċessur tiegħu, u dawk imsemmija fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2021/523 għandhom jintużaw biex jipprovdu appoġġ tal-Unjoni taħt il-FEK. B'deroga mill-punt (f) tal-Artikolu 21(3) u f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, dawn ir-riżorsi għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern lill-FEK.
5. [Mill-1 ta' Jannar 2028 / id-data tal-bidu tal-programm], b'deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 216(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe surplus ta' provvedimenti għall-garanzija baġitarja stabbiliti mir-Regolamenti (UE) 2015/1017 u (UE) 2021/523 jista' jintuża biex jipprovdi appoġġ mill-Unjoni taħt il-FEK. Dawn ir-

riżorsi għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament 2024/2509 lill-FEK.

## Artikolu 6

### Finanzjament alternattiv, ikkombinat u kumulattiv

1. Il-FEK għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' wkoll tirċievi kontribuzzjoni oħra taħt il-FEK. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tkun ibbażata fuq il-kostijiet eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat fuq bażi *pro rata* f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.
2. Il-proċeduri tal-għoti taħt il-FEK jistgħu jitwettqu b'mod konġunt taħt ġestjoni diretta jew indiretta mal-Istati Membri, mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, mad-dipartimenti, mal-korpi u mal-aġenziji tagħhom, mal-pajjiżi terzi, mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew ma' partijiet terzi oħra, dment li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji kif ukoll tal-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni. Tali proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal sett uniku ta' regoli u jwasslu għall-konklużjoni ta' impenn legali uniku. Għal dak l-għan, is-sħab jistgħu jagħmlu r-riżorsi disponibbli għall-FEK f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament, jew is-sħab jistgħu jiġu inkarigati bl-implimentazzjoni tal-proċedura tal-għoti, fejn applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Fi proċeduri tal-għoti konġunt, ir-rappreżentanti tas-sħab għall-proċedura tal-għoti konġunt jistgħu jkunu wkoll membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

## Artikolu 7

### Koordinazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-implimentazzjoni konsistenti tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u tal-Fond għall-Innovazzjoni.
2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom, b'mod proporzjonat għar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, jiffaċilitaw il-koordinazzjoni u l-koerenza bejn il-Fond Ewropew għall-Kompetittività u l-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali dwar prijoritajiet ta' kompetittività komuni f'oqsma u proġetti ewlenin magħżula meqjusa ta' importanza strateġika u ta' interess Ewropew komuni.
3. Il-FEK se jiġi implimentat f'sinerġija ma' fondi oħra tal-Unjoni, inkluż il-Fond Ewropa Globali, b'mod partikolari biex jappoġġa l-kompetittività globali, jiżgura sorsi ta' provvista diversifikati, u jsaħħaħ il-potenzjal tal-espertazzjoni u l-opportunitajiet tal-kumpaniji Ewropej.

## Artikolu 8

### Siġill tal-Kompetittività

1. Jista' jingħata Siġill tal-Kompetittività lil azzjonijiet ta' kwalità għolja li għandhom jikkonformaw mill-inqas mal-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) ikunu ġew ivvalutati fi proċedura tal-għoti taħt il-FEK;
  - (b) ikunu jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi ta' kwalità ta' dik il-proċedura tal-għoti;
2. Il-programm ta' ħidma jew id-dokumenti relatati mal-proċedura tal-għoti jistgħu jstabilixxu kundizzjonijiet addizzjonali.
3. L-Istati Membri jistgħu jappoġġaw proġetti li jkunu ngħataw siġill, jew jistgħu jipprovdw appoġġ permezz tal-FEK billi jagħmlu riżorsi addizzjonali disponibbli għall-FEK f'konformità mal-Artikolu 5(1) jew (2).
4. Il-proġetti strateġiċi skont is-CRMA, l-NZIA, is-CMA u proġetti strateġiċi oħra identifikati fil-leġislazzjoni tal-Unjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet fil-paragrafu 1, se jingħataw direttament is-Siġill tal-Kompetittività.

## Artikolu 9

### Eliġibbiltà

1. Il-kriterji ta' eliġibbiltà għandhom jiġu stabbiliti biex jappoġġaw il-kisba tal-oġettivi ġenerali u speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u japplikaw għall-proċeduri kollha tal-għoti taħt il-FEK.
2. Sakemm tiġi ssodisfata kwalunkwe kundizzjoni speċifika stabbilita f'kull tieqa jew komponent ta' politika, kategorija waħda jew aktar milli ġejjin ta' entitajiet legali jistgħu jkunu eliġibbli li jirċievu appoġġ mill-Unjoni fil-proċeduri tal-għoti taħt ġestjoni diretta u indiretta:
  - (a) l-entitajiet stabbiliti fi Stat Membru jew f'Pajjiżi u Territorji ekstra-Ewropej;
  - (b) l-entitajiet stabbiliti f'pajjiż terz assoċjat;
  - (c) l-organizzazzjonijiet internazzjonali;
  - (d) entitajiet oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati fejn il-finanzjament ta' tali entitajiet ikun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-azzjoni u jikkontribwixxi għall-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.
3. Minbarra l-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-pajjiżi terzi assoċjati li jissemew fl-Artikolu 11(1) ta' dan ir-Regolament u organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu, fejn rilevanti, jipparteċipaw ukoll fi kwalunkwe mekkaniżmu tal-akkwist stabbilit fl-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u jibbenefikaw minnu. Ir-regoli applikabbli għall-Istati Membri skont l-Artikolu 168 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 għandhom jiġu applikati, *mutatis mutandis*, għall-pajjiżi terzi assoċjati u l-organizzazzjonijiet internazzjonali parteċipanti.
4. Fi proċeduri tal-għoti, l-attivitajiet li ġejjin ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-appoġġ:
  - (a) l-attivitajiet li huma pprojbiti mid-dritt tal-Unjoni, mid-dritt internazzjonali applikabbli, jew mil-liġi nazzjonali fl-Istati Membri kollha;

- (b) l-attivitajiet li diġa huma ffinanzjati bis-siġh minn sorsi pubbliċi jew privati oħra,
  - (c) f'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju, ir-restrizzjonijiet tal-eliġibbiltà għandhom japplikaw għal fornituri ta' riskju għoli b'mod konformi mad-dritt tal-UE, għal raġunijiet ta' sigurtà.
5. Il-programm ta' ħidma jew id-dokumenti relatati mal-proċedura tal-għoti jistgħu ji-speċifikaw aktar il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti f'dan ir-Regolament jew jistabbilixxu kriterji ta' eliġibbiltà addizzjonali għal azzjonijiet speċifiċi.
  6. Ir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali ma għandhomx ikunu preżenti f'deliberazzjonijiet dwar il-kriterji tal-eliġibbiltà/tal-għoti.

### *Artikolu 10*

#### **Preferenza tal-UE**

1. L-appoġġ tal-FEK għandu jkollu fil-mira l-iżvilupp, il-manifattura u l-isfruttament fl-Unjoni ta' teknoloġiji u setturi strateġiċi, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-impenji internazzjonali. Il-proċeduri tal-għoti jistgħu japplikaw kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 sabiex jiġu protetti l-interessi tas-sigurtà strateġika u ekonomika tal-Unjoni, kif ukoll is-sigurtà u l-assi kritiċi u s-servizzi li jipprovdu.
2. Il-programm ta' ħidma, il-linji gwida għall-investment jew id-dokumenti relatati mal-proċedura tal-għoti jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà biex tiġi żgurata l-kompetittività tal-Unjoni, inklużi l-protezzjoni tal-interessi ekonomiċi u l-awtonomija tal-Unjoni fejn meħtieġ u xieraq, inkluż permezz ta' kundizzjonijiet preferenzjali bħal restrizzjonijiet jew inċentivi għall-entitajiet tal-Unjoni, filwaqt li tiġi limitata d-distorsjoni tas-suq uniku. Dawk il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà jistgħu jieħdu l-forma ta':
  - (a) restrizzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni u l-prestazzjoni li jeħtieġu li l-entitajiet parteċipanti jiġu stabbiliti, jużaw il-faċilitajiet, jew iwettqu attivitajiet fl-Istati Membri, u fejn xieraq pajjiżi eliġibbli oħra. Il-programm ta' ħidma jew id-dokumenti relatati mal-proċedura tal-għoti jistgħu jistabbilixxu aktar dettalji dwar l-applikazzjoni ta' dawn ir-restrizzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni u l-prestazzjoni;
  - (b) restrizzjonijiet fuq it-trasferiment li jeħtieġu li r-riċevituri tal-finanzjament tal-FEK, matul jew fi żmien 5 snin kalendarji wara t-tmiem ta' azzjoni, ma jittrasferux direttament jew indirettament l-operazzjonijiet kollha jew ċerti operazzjonijiet, ir-riżultati jew id-drittijiet relatati ta' aċċess u użu, inkluż l-għoti ta' liċenzji, minn Stat Membru eliġibbli jew pajjiż assoċjat lil pajjiż terz mhux eliġibbli. Inkella, il-finanzjament tal-Unjoni jista' jtnaqqas u jista' jiġi rkuprat kompletament jew parzjalment. Il-programm ta' ħidma jew id-dokumenti relatati mal-proċedura tal-għoti jistgħu jistabbilixxu aktar dettalji dwar l-applikazzjoni ta' dawn ir-restrizzjonijiet fuq it-trasferiment;
  - (c) restrizzjonijiet fuq il-provvista u l-kontenut li jeħtieġu lir-riċevituri tal-finanzjament tal-FEK jiżguraw ċertu użu jew akkwist minimu ta' tagħmir, provvisti u materjali, jew il-komponenti tagħhom, użati għall-azzjoni mill-entitajiet eliġibbli msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), sakemm dawk il-provvisti u l-materjali ma jkunux jistgħu jinkisbu b'mod raġonevoli minn dawk l-entitajiet eliġibbli. Il-programm ta' ħidma jew id-dokumenti relatati mal-proċedura tal-għoti jistgħu jistabbilixxu aktar dettalji dwar l-applikazzjoni ta' dawn ir-restrizzjonijiet fuq il-provvista u l-kontenut;

- (d) restrizzjonijiet fuq il-kontroll li jeħtieġu li r-riċevituri tal-finanzjament tal-FEK jakkwistaw u/jew iżommu l-kapaċità li jiddeċiedu, mingħajr restrizzjonijiet imposti minn entitajiet ineliġibbli, dwar il-ħolqien u l-użu tar-riżultati, inklużi l-awtorità legali u l-kapaċità Prattika li jimmodifikaw, jissostitwixxu jew ineħħu l-komponenti tar-riżultati li huma soġġetti għal restrizzjonijiet imposti minn entitajiet ineliġibbli jew minn pajjiżi terzi. Il-programm ta' ħidma jew id-dokumenti relatati mal-proċedura tal-ġhoti jistgħu jstabbilixxu aktar dettalji dwar l-applikazzjoni ta' dawn ir-restrizzjonijiet tal-awtorità tat-tfassil;
3. Il-proċeduri tal-ġhoti li jaffettwaw is-sigurtà, id-difiża jew l-ordni pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-assi u tal-interessi strateġiċi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, għandhom ikunu ristretti f'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Dawk ir-restrizzjonijiet fuq l-eliġibbiltà jistgħu, b'mod partikolari, jinkludu:
- (a) fir-rigward tal-entitajiet parteċipanti, restrizzjonijiet fuq l-istrutturi ta' ġestjoni eżekuttivi u restrizzjonijiet fuq is-sjeda u l-kontroll li jillimitaw il-parteċipazzjoni tal-entitajiet kollha jew ta' ċerti entitajiet għal dawk l-entitajiet bi struttura ta' ġestjoni eżekuttiva, kif ukoll is-sjeda u l-kontroll minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, stabbiliti fl-Istati Membri, u fejn xieraq pajjiżi eliġibbli oħra;
- (b) fir-rigward tal-attivitajiet implimentati, il-post ta' prestazzjoni, l-użu ta' faċilitajiet, jew tat-tagħmir, restrizzjonijiet li jillimitaw l-użu għall-attivitajiet kollha jew għal ċerti attivitajiet għal dawk l-assi li jinsabu jew li joriġinaw fl-Istati Membri, u fejn xieraq pajjiżi eliġibbli oħra;
- (c) fir-rigward ta' restrizzjonijiet oħra tas-sigurtà, revizzjonijiet tas-sigurtà u valutazzjonijiet tar-riskji, approvazzjonijiet tas-sigurtà, restrizzjonijiet fuq it-trasferiment u d-drittijiet tal-aċċess, inkluż l-ġhoti ta' liċenzji biex jiġu żgurati salvagwardji xierqa għar-riżultati kollha jew għal ċerti rezultati u informazzjoni oħra ġenerata jew użata mill-azzjoni.

### *Artikolu 11*

#### **Assoċjazzjoni ta' pajjiżi terzi għal attivitajiet taħt il-FEK**

1. Il-FEK jista' jinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali, f'konformità mal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata fil-qafas ta' dawk il-ftehimiet u applikabbli għal:
- (a) il-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ukoll Andorra, Monaco u San Marino;
- (b) il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u dawk kandidati potenzjali;
- (c) il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat;
- (d) pajjiżi terzi oħra.
2. Sakemm kwalunkwe kundizzjoni speċifika possibbli stabbilita f'kull tiegħa jew komponent ta' politika tiġi ssodisfata mill-pajjiż terz interessat, il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni għall-parteċipazzjoni tal-programmi fil-FEK għandhom:
- (a) jiżguraw bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiż terz li jkun qed jipparteċipa fil-FEK;

- (b) jistabilixxu l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-programmi, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji, li jikkonsistu f'kontribuzzjoni operazzjonali u tariffa ta' parteċipazzjoni, lill-FEK u l-kostijiet amministrattivi ġenerali tiegħu;
  - (c) ma għandhomx jagħtu lill-pajjiż terz xi setgħa ta' teħid ta' deċizzjonijiet fil-programm;
  - (d) għandhom jiggwarantixxu d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u li tħares l-interessi finanzjarji tagħha;
  - (e) jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi strateġiċi, tas-sigurtà, tad-difiża u tal-ordni pubbliku tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.
3. Għall-finijiet tal-punt (d), il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa skont ir-Regolamenti (UE, Euratom) 2024/2509 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, u jiggwarantixxi li d-deċizzjonijiet ta' infurzar li jimponu obbligu pekunjarju abbażi tal-Artikolu 299 TFUE, kif ukoll is-sentenzi u l-ordnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ikunu eżegwibbli, u jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu jikkooperaw mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ta' reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali applikabbli jew regoli applikabbli oħra.
  4. Ftehimiet speċifiċi separati jistgħu jiġu konklużi f'konformità mal-Artikolu 218 tat-TFUE għal attivitajiet taħt il-FEK relatati mas-sigurtà, il-forniment ta' servizzi siguri u assi kritiċi lill-UE.

## *Artikolu 12*

### **Implimentazzjoni u forom ta' appoġġ mill-Unjoni**

1. Il-FEK għandu jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma f'konformità mal-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.
2. Il-FEK għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, taħt ġestjoni diretta jew taħt ġestjoni indiretta mal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 62(1), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament.
3. Il-proċeduri tal-għoti implimentati taħt il-FEK għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-FEK kif stabbilit fil-Kapitoli I u II ta' dan ir-Regolament, li, f'każ ta' kunflitt, għandhom jipprevalu fuq kwalunkwe regola oħra li tappartjeni għall-attivitajiet jew għall-atti ta' implimentazzjoni sussegwenti.
4. Meta l-proċeduri tal-għoti jikkonċernaw aktar minn objettiv speċifiku wieħed stabbilit fl-Artikolu 3(2), il-programm ta' ħidma jista' jispeċifika li l-proċedura tal-għoti tiġi implimentata taħt sett wieħed ta' regoli billi jiġi applikat direttament ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ikkomplementat mir-regoli ġenerali stabbiliti fil-Kapitolu I u II, jew billi jiġu applikati r-regoli ta' wieħed mill-objettivi speċifiċi kkonċernati.
5. F'ċerti ċirkostanzi debitament sostanzjati, il-finanzjament tal-Unjoni jista' jingħata mingħajr sejħa għal proposti f'konformità mal-Artikolu 198 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, inkluż mal-punt (e).
6. L-appoġġ tal-Unjoni jista' jingħata fi kwalunkwe forma f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet, akkwist, donazzjonijiet mhux finanzjarji, garanziji baġitarji, u strumenti finanzjarji.
7. Meta l-appoġġ tal-Unjoni jiġi pprovdut fil-forma ta' garanzija baġitarja u strumenti finanzjarji, inkluż meta kkombinat ma' forom oħra ta' appoġġ mhux ripagabbli fl-

operazzjonijiet ta' taħlit, dan għandu jiġi implimentat f'konformità mat-Titolu X tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 .

8. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jiġi pprovdut fil-forma ta' għotja, inkluż meta kkombinat f'operazzjonijiet ta' taħlit ma' forom oħra ta' appoġġ ripagabbli mhux appoġġat mill-baġit tal-Unjoni, il-finanzjament għandu jiġi pprovdut f'konformità mat-Titolu VIII tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u fil-forma ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet f'konformità mal-Artikolu 125(1), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, jew għażliet ta' kostijiet simplifikati, fejn meħtieġ. Il-finanzjament jista' jiġi pprovdut ukoll fil-forma ta' rimborż tal-kost reali eliġibbli meta l-oġettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jintlaħqu mod ieħor jew meta din il-formola tkun meħtieġa biex tippermetti sorsi oħra ta' finanzjament, inkluż finanzjament mill-Istati Membri.
9. F'konformità mal-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, għal azzjonijiet li jimplimentaw attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni, il-kumitat ta' evalwazzjoni jista' jkun kompost parzjalment jew kompletament minn esperti esterni indipendenti.
10. Il-kontribuzzjonijiet għal mekkaniżmu ta' assigurazzjoni mutwa stabbilit fl-Artikolu 30 tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni jistgħu jkopru r-riskju assoċjat mal-irkupru ta' somom dovuti minn riċevituri u għandhom jitqiesu bħala garanzija suffiċjenti skont l-Artikolu 155 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. L-ebda garanzija jew sigurtà addizzjonali ma għandha tiġi aċċettata mill-benefiċjarji jew imposta fuqhom.
11. Fejn ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, partijiet mill-FEK jistgħu jiġu implimentati permezz ta' Sħubijiet Pubbliċi-Privati jew Pubbliċi-Pubbliċi stabbiliti taħt il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, b'mod partikolari billi jiġu inkarigati b'kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, lil impriżi konġunti stabbiliti skont l-Artikolu 187 TFUE. L-appoġġ mill-FEK għandu jkun kundizzjonali fuq l-użu effiċjenti tal-finanzjament tal-Unjoni, kontribuzzjoni finanzjarja proporzjonata minn sħab oħra li mill-inqas tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni u drittijiet tal-vot għall-Unjoni fil-korpi governattivi li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni fis-sħubija. Għal dak l-għan, l-impriżi konġunti għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' att uniku ta' stabbiliment li jiżgura funzjonijiet amministrattivi ċentralizzati.
12. Minbarra r-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 132 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-proċeduri tal-għoti u l-impenji legali li jirriżultaw għandhom jippermettu t-terminazzjoni meta l-oġettivi tal-azzjoni x'aktarx mhux se jinkisbu affattu jew fi skedi ta' żmien stabbiliti, jew l-azzjoni tkun tilfet ir-rilevanza politika tagħha

### Artikolu 13

#### Applikazzjoni tar-regoli dwar informazzjoni klassifikata u informazzjoni sensittiva

1. Il-Kummissjoni għandha tipproteġi l-informazzjoni klassifikata f'konformità mar-regoli dwar is-sigurtà stabbiliti fid-Deċizzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444<sup>42</sup>.
2. Kull Stat Membru u pajjiż assoċjat għandu jiżgura li joffri livell ta' protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE ekwivalenti għar-regoli dwar is-sigurtà stabbiliti fid-Deċizzjoni tal-Kunsill 2013/488/UE.<sup>43</sup> L-ekwivalenza tal-protezzjoni f'pajjiżi terzi għandha tiġi stabbilita permezz ta' ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 218 tat-TFUE.
3. Għandha tintuża sistema ta' skambju sigur biex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata u informazzjoni sensittiva mal-Istati Membri u, fejn xieraq, ma' riċevituri oħra.
4. L-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni involuti fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni, inkluża l-informazzjoni klassifikata, meħtieġa għall-fini tat-tweqqif tal-proċeduri tal-għoti, l-azzjonijiet ta' implimentazzjoni, inklużi r-rapportar u l-pagamenti, kif ukoll il-kontrolli, ir-riżamijiet, l-awditi u l-investigazzjonijiet.
5. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, inklużi l-prinċipji tat-trasparenza u t-trattament ugwali, fl-istadji kollha tal-proċeduri tal-għoti li jinvolvu informazzjoni klassifikata, id-data amministrattiva meħtieġa għall-evalwazzjoni, l-għoti u l-awditjar tal-appoġġ tal-Unjoni, limitata għal informazzjoni legali, finanzjarja u proċedurali, għandha tiġi trattata bħala informazzjoni sensittiva mhux klassifikata.

### Artikolu 14

#### Bordijiet għall-Governanza u Konsultattivi

1. Huwa stabbilit Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati.
2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord jenħtieġ li jaġixxu b'integrità u onesta.
3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-regoli dettaljati dwar l-għażla u l-kompożizzjoni, ir-remunerazzjoni, ir-regoli tal-proċedura, il-kunflitti ta' interess u l-kunfidenzjalità għall-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK. Il-membri tal-Bord għandhom ikunu marbuta b'dawn it-termini.
4. Il-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK, infurmat minn osservatorju dwar it-teknoloġiji emerġenti, għandu jaġti pariri dwar id-direzzjoni ġenerali għall-FEK,

<sup>42</sup> Id-Deċizzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE, ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53–88.

<sup>43</sup> Id-Deċizzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE, ĠU [sr] L 274, [sr] 15/10/2013, p. 1–50.

jagħti pariri dwar ix-xejriet tal-kompetittività fuq terminu twil, jagħti pariri dwar oqsma ta' fallimenti tas-suq u sitwazzjonijiet subottimali ta' investment li jistgħu jiġu indirizzati fl-implimentazzjoni tal-FEK, u jagħti pariri dwar l-identifikazzjoni ta' portafolli strateġiċi ta' proġetti fi ħdan l-attivitajiet tal-FEK u bejniethom, li għalihom jista' jkun kompost f'konfigurazzjonijiet differenti orjentati lejn il-politika.

5. Għandu jiġi stabbilit Kumitat tal-Investment indipendenti taħt l-Istrument InvestEU tal-FEK (il-“Kumitat tal-Investment”).
6. Il-kompożizzjoni tal-Kumitat tal-Investment għandha tiżgura li jkollu għarfien wiesa' tas-setturi koperti mill-FEK u għarfien wiesa' tas-swieq ġeografiċi fl-Unjoni, u għandu jiżgura li l-Kumitat tal-Investment b' mod ġenerali jkun ibbilanċjat bejn il-ġeneri.
7. Il-Kumitat tal-Investment għandu jeżamina l-proposti għal operazzjonijiet ta' finanzjament u investment sottomessi mis-sħab ta' implimentazzjoni għall-kopertura taħt il-garanzija tal-Unjoni u jivverifika l-konformità mar-regoli applikabbli tal-proposti għall-finanzjament taħt l-Istrument InvestEU tal-FEK.
8. Il-Bord Konsultattiv għall-Istrument InvestEU tal-FEK għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed ta' kull sieħeb ta' implimentazzjoni u rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru. Il-Bord Konsultattiv għall-Istrument InvestEU tal-FEK għandu jipprovdi pariri dwar it-tfassil tal-prodotti finanzjarji u dwar id-direzzjoni strateġika u operazzjonali fil-qasam ta' kompetenza tiegħu. Dan għandu jipprovdi wkoll pariri dwar il-koordinazzjoni mal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council) biex tiġi żgurata l-komplementarjetà ma' finanzjament ieħor tal-Unjoni jew ma' investmenti privati. Il-Bord Konsultattiv għandu jkun ippresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.
9. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-regoli dettaljati dwar l-għażla u l-kompożizzjoni, ir-remunerazzjoni, ir-regoli tal-proċedura, il-kunflitti ta' interess u l-kunfidenzjalità għall-Kumitat tal-Investment u għall-Bord Konsultattiv għall-Istrument InvestEU tal-FEK.
10. Il-Kummissjoni u s-Sħab ta' implimentazzjoni għandhom jistabbilixxu Djalogi ta' Reviżjoni tal-Politika regolari biex jiddiskutu l-progress fl-implimentazzjoni tal-prodotti finanzjarji u jinvolvu ruħhom fl-iżviluppi ta' politika rilevanti.
11. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-partijiet ikkonċernati jiġu kkonsultati fl-iżvilupp tal-programmi ta' ħidma, bil-ħolqien ta' pjattaforma tematika waħda jew aktar għal kull tieqa.

## Kapitolu II

### SETT TA' GĦODOD TAL-FEK

#### TAQSIMA 1

#### GĦOTJIET, AKKWIST U GĦODOD TA' KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA INDUSTRIJALI

##### *Artikolu 15*

##### **Programmi ta' ħidma**

1. Il-programmi ta' ħidma jistgħu jistabbilixxu:
  - (a) l-azzjonijiet u l-baġit assoċjati mill-FEK kif ukoll l-azzjonijiet stabbiliti fil-parti speċifika ddedikata tal-programmi ta' ħidma indikati fil-paragrafu 2;
  - (b) l-istrumenti u l-forma ta' finanzjament;
  - (c) il-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-ġhoti;
  - (d) ir-rata unika ta' kofinanzjament għal kull azzjoni għall-ġhotjiet tal-kost reali;
  - (e) l-azzjonijiet li għalihom japplika l-Mekkaniżmu tal-Assigurazzjoni Mutwa skont ir-Regolament (UE) [XXX] [Orizzont Ewropa];
  - (f) ir-regoli applikabbli għall-azzjonijiet li jikkonċernaw aktar minn objettiv speċifiku wieħed;
  - (g) l-azzjonijiet li għalihom japplikaw regoli speċifiċi, b'mod partikolari dwar is-sjeda, l-isfruttament u t-tixrid, it-trasferiment u l-liċenzjar kif ukoll id-drittijiet ta' aċċess għar-riżultati;
  - (h) l-azzjonijiet li jibbenefikaw mill-mekkaniżmi stabbiliti fl-Artikolu 20;
2. Il-programmi ta' ħidma skont dan ir-Regolament għandhom jintegraw f'parti speċifika ddedikata l-attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni u l-baġit iddedikat tagħhom.
3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-programmi ta' ħidma li jimplimentaw l-obiettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punti (a), (b), (c) u (d) u għall-attivitajiet orizzontali fil-Kapitolu III. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 83(2).
4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-programmi ta' ħidma li jimplimentaw l-obiettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (d) (2), (3) u (4). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(3).
5. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati relatati mal-fatt li programm ta' ħidma ma jkunx ġie adottat sa Ottubru 1 tas-sena ta' qabel is-sena tal-implimentazzjoni tal-baġit, il-Kummissjoni għandha tadotta l-programm ta' ħidma permezz ta' atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 83(4) u mhux aktar tard minn Ottubru 15 tas-sena ta'

qabel is-sena tal-implimentazzjoni tal-baġit. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jibqgħu fis-seħħ għall-perjodu ta' implimentazzjoni tal-baġit.

6. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati relatati mal-ħtieġa għal reazzjoni immedjata għal kriżi jew għal emerġenzi eċċezzjonali u debitament sostanzjati simili oħra, il-Kummissjoni tista' tadotta programm ta' ħidma permezz ta' atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 83(4).

#### *Artikolu 16*

### **Bennej tal-ktajjen tal-valur tas-Suq Uniku**

1. Sabiex jitrawmu ktajjen tal-valur tal-Unjoni reżiljenti, il-programmi ta' ħidma jistgħu jinkludu sejħiet iddedikati għall-ktajjen tal-valur li għandhom jappoġġaw kemm it-tnejn tal-proġetti kif ukoll l-attrazzjoni tal-kapital pubbliku u privat addizzjonali biex jiġu integrati l-fornituri, il-manifatturi u l-innovaturi minn Stati Membri differenti u jiġu ddiversifikati s-sorsi tal-provvista.

#### *Artikolu 17*

### **Pijunieri tat-teknoloġija tal-UE**

1. Il-programmi ta' ħidma jistgħu jinkludu proċeduri ddedikati tal-għoti minn isfel għal fuq f'żewġ stadji biex jiġu identifikati u appoġġati l-Pijunieri tat-teknoloġija tal-UE permezz ta' konsorzji xprunati mill-industrija li jinfluwenzaw ir-rwol tagħhom bħala xprunaturi tal-innovazzjoni u tal-esportazzjoni biex isaħħu l-pożizzjoni kompetittiva globali tagħhom flimkien mal-fornituri Ewropej tal-SMEs tagħhom permezz ta' investimenti f'soluzzjonijiet ġodda u l-identifikazzjoni ta' sħab rilevanti. It-tnejn tal-proġett kif ukoll l-attrazzjoni tal-kapital pubbliku u privat addizzjonali jistgħu jiġu appoġġati.
2. Fl-ewwel stadj, tista' tiġi ppubblikata sejħa miftuħa għal espressjoni ta' interess għal prodotti, xogħlijiet jew servizzi li jistgħu jikkontribwixxu għall-kompetittività tal-Unjoni b'mod ġenerali, jew f'settur speċifikat, mingħajr speċifikazzjoni tat-tip ta' attivitajiet jew tal-istrument ta' implimentazzjoni tal-baġit li għandu jintuża.
3. Fit-tieni stadj, għandhom jiġu appoġġati l-analiżi u l-attrazzjoni tal-kapital pubbliku u privat addizzjonali.
4. Il-proposti u l-offerti għandhom jiġu evalwati u kklassifikati abbażi ta' kriterji komuni tal-għoti bħall-kontribuzzjoni komparattiva tagħhom għall-kompetittività tal-Unjoni.
5. Il-kumitat ta' evalwazzjoni għandu jiddetermina l-aktar strument xieraq tal-implimentazzjoni tal-baġit, kif ukoll jipproponi l-ammont massimu u l-forma tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni.

#### *Artikolu 18*

### **Azzjonijiet għaż-Żieda fil-Produzzjoni**

1. B'deroga mill-Artikolu 196(2) tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji jistgħu, fejn meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' manifattura essenzjali biex jappoġġaw l-oġettiv ta' reżiljenza ġenerali kif indikat fl-Artikolu 3(1), jew l-attivitajiet meħtieġa biex jiżguraw is-sigurtà, ir-reżiljenza jew il-kontinwità tas-

servizz biex jappoġġaw l-oġġettiv imsemmi fl-Artikolu 3(2), il-punt (d), ikopru azzjonijiet li bdew qabel id-data tas-sottomissjoni ta' daww l-azzjonijiet.

2. Il-programm ta' ħidma jew id-dokumenti relatati mal-proċedura tal-ġħoti ġħandhom jistabbilixxu kundizzjonijiet addizzjonali biex jiżguraw li l-appoġġ ikun meħtieġ u proporzjonat, minbarra l-kumpens żejjed u l-finanzjament doppju, ikun temporanju u jonqos maż-żmien.

#### *Artikolu 19*

#### **Żieda għall-IPCEIs**

1. Il-FEK jista' jappoġġa:
  - (a) proġetti li jipparteċipaw direttament fi Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) approvat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 107(3), il-punt (b), tat-TFUE;
  - (b) proġetti ta' segwitu bbażati fuq ir-riżultati mill-IPCEIs, kundizzjonali fuq investimenti privati sinifikanti.
2. Kwalunkwe appoġġ tal-FEK għall-IPCEI msemmi fil-paragrafu 1, ġħandu jkun kundizzjonali fuq il-kofinanzjament nazzjonali.

#### *Artikolu 20*

#### **Azzjonijiet Aċċellerati u Mmirati għall-Kompetittività**

1. Sabiex tinholq jew tiġi ffaċilitata l-possibiltà ta' appoġġ tal-Unjoni għal azzjonijiet ta' interess pubbliku imperattiv jew ta' sensitività kritika ġħaž-żmien, li inkella ma jkunux jistgħu jiġu implimentati b'mod effettiv skont ir-regoli normali applikabbli għall-baġit tal-Unjoni jew għall-politiki settorjali, il-programmi ta' ħidma jistgħu jidentifikaw ċerti proċeduri tal-ġħoti, taħt ġestjoni diretta jew indiretta, li jistgħu jibbenefikaw minn ċerti żidiet, eċċezzjonijiet, u derogi mil-liġi applikabbli, matul il-proċedura tal-ġħoti jew l-implimentazzjoni tal-attivitajiet appoġġati, skont il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
  - (a) l-azzjoni tkun meħtieġa u xierqa biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-azzjoni f'konformità mal-oġġettivi ġenerali jew speċifiċi tal-programm;
  - (b) l-azzjoni tkun iġġustifikata kif xieraq minn interess pubbliku imperattiv, u/jew tkun ta' natura sensitiva ġħaž-żmien, jew it-tnejn;
  - (c) inkella, l-azzjoni ma tistax tiġi implimentata b'mod effettiv skont ir-regoli normali applikabbli għall-proċeduri tal-ġħoti.
2. F'konformità mal-paragrafu 1, waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin jistgħu jiġu applikati għal proċedura tal-ġħoti:
  - (a) Għall-ġħotjiet, mingħajr preġudizzju għall-użu ta' proċeduri kompetittivi kull meta jkun xieraq f'konformità mal-Artikolu 192(1) u minbarra l-Artikolu 198 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-programm ta' ħidma jista' jispeċifika li proċedura tal-ġħoti tiegħu l-forma ta' intervent immirat biex:
    - (1) tiġi identifikata azzjoni ta' interessi pubbliċi imperattivi tal-Unjoni u l-benefiċjarji jew il-kategoriji ta' benefiċjarji li jistgħu jiġu mistiedna jissottomettu proposta mingħajr sejħa; jew,

- (2) jiġi stabbilit ammont sa liema jistgħu jiġu identifikati u mistiedna l-proposti li jkunu ngħataw siġill imsemmi fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament iżda li ma jkunux irċevew finanzjament mill-Unjoni minħabba nuqqas ta' baġit. L-applikanti jistgħu jiġu mistiedna jissottomettu mill-ġdid il-proposta tagħhom mingħajr sejħa; meta l-proposta tiġi sottomessa mill-ġdid mingħajr tibdil sostanzjali, l-awtorità tal-ġhoti tista' tiddeċiedi li tiddependi bis-sħiħ fuq l-evalwazzjoni pożittiva minn qabel u fuq kwalunkwe kontroll imwettaq qabel u fuq id-dokumenti ta' sostenn sottomessi; ir-raġunijiet għall-ġhoti tal-azzjoni individwali għandhom jiġu ssostanzjati kif xieraq fid-deċiżjoni tal-ġhoti u l-lista ta' azzjonijiet għandha tiġi ppubblikata fir-Rapport Annwali tal-Attività msemmi fl-Artikolu 74(9) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509; jew,
  - (3) jiġu speċifikati azzjoni u benefiċjarji, jew qasam ta' politika u kategoriji ta' benefiċjarji, u jiġi stabbilit ammont sa liema l-proposti jistgħu jiġu mistiedna għal estensjoni ta' azzjonijiet taħt il-FEK jew programmi oħra tal-Unjoni, sabiex ikomplu jew iżidu attivitajiet jew entitajiet addizzjonali, u/jew biex ikomplu jiżviluppaw ir-riżultati; meta l-azzjonijiet u l-benefiċjarji ma jkunux identifikati individwalment fil-programm ta' ħidma, ir-raġunijiet għall-ġhoti tal-azzjoni individwali għandhom jiġu sostanzjati kif xieraq fid-deċiżjoni tal-ġhoti u l-lista ta' azzjonijiet għandha tiġi ppubblikata fir-Rapport Annwali tal-Attività msemmi fl-Artikolu 74(9) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. L-ġhoti jista' jieħu l-forma ta' emenda tal-azzjoni oriġinali billi jiżdiedu attivitajiet ġodda u tiżdied il-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni.
- (b) B'deroga mill-Artikoli 199, 201, 203 fir-rigward tal-ġhotijiet jew mill-Artikolu 170(1), il-punti (b) u (c), u (2) rigward l-akkwist, tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-programm ta' ħidma jista' jispeċifika li proċedura tal-ġhoti tiegħu l-forma ta' intervent aċċellerat sabiex:
- (1) jiġu limitati r-rekwiżiti għad-deċiżjoni tal-ġhoti u l-iffirmar tal-impenji legali għall-evalwazzjoni preliminari tal-kriterji tal-ġhoti u ta' esklużjoni; id-deċiżjoni tal-ġhoti għandha tittieħed biss abbażi ta' awtodikjarazzjoni tal-applikanti u tal-offerenti dwar il-kriterji tal-għażla u tal-eliġibbiltà mingħajr talba għal dokumenti ta' sostenn korrispondenti matul il-preevalwazzjoni; l-evalwazzjoni finali, inkluż għall-kriterji tal-għażla u tal-eliġibbiltà, u t-talbiet għal kwalunkwe dokument ta' sostenn rilevanti għandhom jitwettqu fi żmien tliet xhur mill-iffirmar tal-impenn legali; u,
  - (2) tkun meħtieġa n-notifika tar-riżultati tal-evalwazzjoni preliminari lill-applikanti jew lill-offerenti fi żmien 30 jum kalendarju mill-iskadenza għas-sottomissjoni tal-proposti jew tal-offerti; id-deċiżjoni tal-ġhoti għandha tittieħed fi żmien 60 jum kalendarju mill-iskadenza għas-sottomissjoni tal-proposti jew tal-offerti u għandha tiġi eżentata, fejn applikabbli, mill-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 83; sakemm titlesta l-evalwazzjoni finali ma għandu jitħallas l-ebda prefinanzjament.

- (c) B'deroga mill-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament, il-programm ta' ħidma jista' jispeċifika li proċedura tal-għoti tiegħu l-forma ta' intervent inċentivanti biex tkun tista' ssir rinunzja temporanja u kundizzjonali tal-konformità ma' parti speċifika tal-kriterji ta' eliġibbiltà matul il-proċedura tal-għoti u partijiet mill-implimentazzjoni tal-azzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-post tal-istabbiliment; minflok, il-konformità mal-kriterji ta' eliġibbiltà rrinunzjati temporanjament għandha tinkiseb u tiġi evalwata matul l-implimentazzjoni tal-azzjoni f'perjodu ta' żmien speċifikat fl-impenn legali. Jekk il-kriterji ta' eliġibbiltà rrinunzjati temporanjament ma jiġux issodisfati fid-data speċifikata, l-azzjoni għandha titqies ineliġibbli fl-intier tagħha u kwalunkwe finanzjament tal-Unjoni għandu jiġi rkuprat kompletament; għall-interventi inċentivanti ma għandu jitħallas l-ebda prefinanzjament.
- (d) Il-programm ta' ħidma jista' jistabbilixxi proċeduri speċjali tal-għoti minn isfel għal fuq f'żewġ stadji f'konformità mar-regoli li ġejjin:
- (1) matul l-ewwel stadju, tista' titnieda sejħa għal espressjoni ta' interess mingħajr speċifikazzjoni tat-tip ta' attivitajiet jew l-istrument tal-implimentazzjoni tal-baġit li għandu jintuża, sabiex l-applikanti, l-offerenti u l-entitajiet ivvalutati skont il-pilastri jkunu jistgħu jissottomettu proposti ta' proġetti jew offerti għal prodotti, xogħlijiet jew servizzi li jistgħu jikkontribwixxu għall-kompetittività tal-Unjoni b'mod ġenerali jew f'settur speċifikat.
  - (2) il-proposti u l-offerti għandhom jiġu evalwati u kklassifikati abbażi ta' kriterji komuni għall-għoti bħall-kontribuzzjoni komparattiva tagħhom għall-kompetittività tal-Unjoni. Il-kumitat ta' evalwazzjoni għandu jiddetermina l-aktar strument xieraq tal-implimentazzjoni tal-baġit taħt ġestjoni diretta jew indiretta, b'mod partikolari għotjiet, akkwist, donazzjonijiet mhux finanzjarji, ftehimiet ta' kontribuzzjoni jew appoġġ ieħor, kif ukoll jipproponi l-ammont massimu u l-forma tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni.
  - (3) matul it-tieni stadju, fil-baġit disponibbli, proġetti jew offerti evalwati b'suċċess għandhom jiġu mistiedna jaġġustaw u jlestu l-proposta jew l-offerta tagħhom f'konformità mal-konklużjonijiet tal-kumitat ta' evalwazzjoni. Il-proċedura tal-għoti għandha, inkella, tipproċedi skont ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 12, kif applikabbli għall-istrument rispettiv tal-implimentazzjoni tal-baġit.
3. F'konformità mal-paragrafu 1, għal azzjonijiet li jirrikjedu l-ippjanar, il-kostruzzjoni u l-operazzjoni ta' faċilitajiet iffinanzjati skont il-proċeduri tal-għoti, il-programm ta' ħidma jista' jiddetermina li, skont in-natura tal-azzjoni, huwa ta' interess pubbliku u jista' jkun ta' raġuni imperattiva ta' interess pubbliku prevalenti skont it-tifsira tal-Artikolu 6(4) u l-Artikolu 16(1), il-punt (c), tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE u l-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fl-interess tad-difiża skont it-tifsira tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u fl-interessi tas-saħħa u s-sikurezza pubblika skont it-tifsira tal-Artikolu 9(1), il-punt (a) tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, f'konformità ma' u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni applikabbli bħar-Regolament 2024/1735 dwar l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, ir-RED III (id-Direttiva 2023/2413), jew l-Omnibus dwar il-Prontezza tad-Difiża (COM (2022) 349) dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet l-oħra li jifdal stabbiliti f'dawn id-dispożizzjonijiet.

## TAQSIMA 2

### STRUMENT INVESTEU TAL-FEK

#### *Artikolu 21*

#### **Qafas Ġenerali**

1. Bħala għodda ta' twettiq orizzontali għall-politiki interni tal-Unjoni, l-Istrument InvestEU tal-FEK għandu jinkludi l-garanzija baġitarja u l-istrumenti finanzjarji, inkluż meta jkun ikkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjoni ta' taħlit, għall-fini li jikkontribwixxi għall-oġġettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3, u jista' jiġi implimentat f'sinerġija ma' attivitajiet oħra tal-Unjoni jew nazzjonali, inkluż permezz ta' kompartimenti għall-Istati Membri.
2. L-Istrument InvestEU tal-FEK għandu jindirizza l-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment. L-Istrument InvestEU tal-FEK jista' b'mod partikolari jipprovdi self, garanziji, kontrogaranziji, strumenti tas-suq tal-kapital, kwalunkwe forma oħra ta' finanzjament jew tisħiħ fil-kreditu, inkluż dejn subordinat, jew investimenti f'ekwità jew kważi-ekwità, iprovduti direttament jew indirettament permezz ta' intermedjarji finanzjarji, fondi, pjattaformi tal-investment jew mezzi oħra li jkunu se jiġu mgħoddija lir-riċevituri finali.
3. L-ammont massimu tal-garanzija baġitarja taħt il-Kompartiment tal-UE tal-Istrument InvestEU tal-FEK għandu jkun ta' EUR 70 000 000 000 fi prezzijiet kurrenti. Dan għandu jkun iprovdut bir-rata ta' 50 %.
4. L-ammont minimu tal-appoġġ tal-Unjoni mill-FEK mogħti permezz tal-Istrument InvestEU tal-FEK għandu jkun ta' EUR 17 000 000 000, li għandu jintuża b'appoġġ għall-oġġettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3. Dan l-ammont minimu għandu jiżdied bil-kontribuzzjonijiet mill-programmi ta' ħidma stabbiliti fl-Artikolu 15. Il-kontribuzzjonijiet għandhom ikunu mezz preferut ta' implimentazzjoni taħt il-FEK u jintużaw għall-proviżjonament tal-garanzija baġitarja jew għall-finanzjament tal-istrumenti finanzjarji.
5. Il-linji gwida dwar l-investment stabbiliti mill-Kummissjoni għandhom jiddefinixxu f'aktar dettall l-ambitu tal-intervent b'appoġġ għall-oġġettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3. Il-linji gwida dwar l-investment għandhom jitħejjew fi djalogu mill-qrib mas-sħab potenzjali ta' implimentazzjoni.
6. Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għall-proviżjonament imsemmi fil-paragrafu 3:
  - (a) ir-rata ta' proviżjonament għandha tiġi vvalutata kull sena f'konformità mal-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 41(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509;
  - (b) għall-fini ta' appoġġ taħt programmi oħra tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 23(2), il-proviżjonament għandu jsir minn dak il-programm l-ieħor tal-Unjoni;
  - (c) il-proviżjonament għandu jiġi impenjat sal-31 ta' Diċembru 2034 u għandu jqis il-progress fl-għoti tal-garanzija baġitarja skont l-Istrument InvestEU tal-FEK.
  - (d) f'konformità mal-Artikolu 214(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-proviżjonament għandu jiġi kostitwit sal-31 ta' Diċembru 2037 u għandu jqis il-progress fl-approvazzjoni u fl-iffirmar tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investment.

7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 84 sabiex temenda l-paragrafu 3 biex taġġusta r-rata ta' proviżjonament u biex taġġusta l-ammont massimu tal-garanzija baġitarja b'sa 20 % ta' dak l-ammont.

## *Artikolu 22*

### **Appoġġ għall-iscale-ups u l-istart-ups**

1. L-Istrument InvestEU tal-FEK għandu jservi bħala l-pjattaforma integrata tal-Unjoni biex tipprovdi appoġġ finanzjarju mmirat għall-kumpaniji fil-fażijiet kollha tal-iżvilupp, l-istart-ups, l-iscale-ups, inklużi dawk li jsegwu b'mod attiv l-implimentazzjoni tal-manifattura, industrijali u tas-suq. Dan għandu jiżgura li kumpaniji Ewropej b'potenzjal għoli li jiżviluppaw jew jimplimentaw soluzzjonijiet innovattivi jkunu jistgħu jaċċessaw il-kapital u r-riżorsi biex jikbru fl-Unjoni, u b'hekk tissaħħa l-integrazzjoni tas-suq uniku u tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti.
2. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa Faċilità ta' espansjoni f'kooperazzjoni mal-Grupp tal-BEI, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra u l-Banek Promozzjonali Nazzjonali. Il-faċilità għandha tipprovdi b'mod koordinat u konsistenti, sett komprensiv ta' għodod ta' finanzjament imfassla għall-ħtiġijiet uniċi tal-iscale-ups, inklużi l-ekwità u l-kważi-ekwità indiretti u diretti, id-dejn ta' riskju, self, il-garanziji u finanzjament imħallat, bl-għan li tattira investituri privati fl-appoġġ għal żieda fil-finanzjament u fl-iffaċilitar ta' opzjonijiet ta' ħruġ. Il-faċilità għandha tkun immirata lejn l-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja.
3. Il-faċilità għandha tintervjeni meta l-investituri tas-suq ma jkunux jistgħu jipprovdu finanzjament suffiċjenti għal kumpaniji Ewropej ta' tkabbir għoli, innovattivi u strateġiċi, inkluż jekk ikun meħtieġ biex jiġu protetti l-assi strateġiċi, l-interessi, l-awtonomija jew is-sigurtà ekonomika tal-Unjoni.
4. Se tingrana l-investment pubbliku biex jikkatalizza flussi ta' kapital privati u istituzzjonali sostanzjali, bħal minn fondi ta' ekwità privata, korporazzjonijiet, fondi providenti, kumpaniji tal-assigurazzjoni, u investituri oħra fuq terminu twil, u b'hekk japprofondixxu s-swieq kapitali tal-Ewropa u jrawmu t-tkabbir sostenibbli ta' kumpaniji li qed jespandu.

## *Artikolu 23*

### **Klawżola ta' esklużività**

1. Matul il-perjodu tal-QFP 2028-2034, il-garanziji baġitarji, l-istrumenti finanzjarji, jew l-istrumenti finanzjarji implimentati direttament mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 219 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 biex jappoġġaw l-oġġettivi tal-politika fit-territorju tal-Unjoni għandhom jiġu stabbiliti biss skont din it-Taqsima.
2. Il-garanzija baġitarja, fl-ammont massimu tagħha msemmi fl-Artikolu 21(3), u l-istrumenti finanzjarji, inkluż meta tkun ikkombinata ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjoni ta' taħlit, tista' tintuża biex tipprovdi appoġġ taħt programmi oħra tal-Unjoni, inkluż il-Fond għall-Innovazzjoni tal-EU ETS u programmi oħra tal-Unjoni ffinanzjati minn sorsi għajr il-baġit tal-Unjoni, f'konformità mal-oġġettivi stabbiliti f'dawk il-programmi.

## *Artikolu 24*

### **Kompartiment tal-UE u Kompartiment tal-Istati Membri**

1. L-Istrument InvestEU tal-FEK għandu jikkonsisti f'kompartiment tal-UE u f'kompartiment tal-Istati Membri.
2. Jistgħu jsiru kontribuzzjonijiet speċifiċi għall-Istrument InvestEU tal-FEK skont l-Artikolu 5(1) f'konformità mal-Artikoli 211(2) u 221(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Kontribuzzjonijiet speċifiċi għall-garanzija baġitarja skont l-Istrument InvestEU tal-FEK għandhom jirriżultaw f'ammont addizzjonali tal-garanzija baġitarja msemmija fl-Artikolu 21(3).

## *Artikolu 25*

### **Komunità ta' sħab ta' implimentazzjoni**

1. L-Istrument InvestEU tal-FEK se jiġi implimentat mis-sħab f'mudell ta' arkitettura miftuħ, inkluż il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, il-banek u l-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali.
2. B'deroga mill-Artikolu 211(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, u soġġett għall-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, l-implimentazzjoni ta' garanzija baġitarja jew strument finanzjarju, inkluż meta kkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjoni ta' taħlit, tista' tiġi fdata lil kwalunkwe entità msemmija fl-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.
3. Minbarra l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), u l-Artikolu 211(5) tar-Regolament (UE Euratom) 2024/2059, il-korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni jistgħu wkoll jiġu fdati b'mod eċċezzjonali, wara valutazzjoni pożittiva skont il-pilastru, bl-implimentazzjoni ta' garanzija baġitarja jew strument finanzjarju, inkluż meta kkombinati ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjoni ta' taħlit, sal-punt li daww il-korpi jiġu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati li jistgħu jkunu, għal kull azzjoni, limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni. Daww il-korpi rregolati mid-dritt privat għandhom jintgħażlu billi titqies debitament in-natura tal-strument finanzjarju jew tal-garanzija baġitarja li għandha tiġi implimentata, l-esperjenza u l-kapaċità finanzjarja u operazzjonali tagħhom, u r-regoli u l-proċeduri tagħhom għall-verifika tal-vijabbiltà ekonomika tal-proġetti tar-riċevituri finali. L-għażla għandha tkun trasparenti, iġġustifikata b'raġunijiet oġġettivi u ma għandhiex twassal għal kunflitt ta' interessi.

## Kapitolu III

### Konsulenza għall-Proġetti, Kollaborazzjoni mal-SMEs, żvilupp tal-ħiliet u Aċċess għall-Finanzjament

#### TAQSIMA 1

##### KONSULENZA GĦALL-PROĠETTI

###### *Artikolu 26*

###### **Konsulenza għall-Proġetti**

1. Il-Konsulenza għall-Proġetti għandha tkun disponibbli għal strumenti ripagabbli u mhux ripagabbli. L-azzjonijiet u l-attivitajiet appoġġati taħt dan il-kapitolu għandhom jikkontribwixxu għall-oġettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u għandhom jappoġġaw u jikkomplementaw, fejn rilevanti, l-attivitajiet taħt il-kapitoli l-oħra.
2. Għandu jiġi pprovdut aċċess ċentralizzat għal servizzi ta' konsulenza u ta' aċċellerazzjoni tan-negozju, li jista' jinkludi:
  - (a) servizzi ta' konsulenza għall-investment, inklużi attivitajiet ta' żvilupp tas-suq u appoġġ konsultattiv għall-identifikazzjoni, it-tnejjija, l-iżvilupp, l-istruttura, l-akkwist u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' investment, u għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-promoturi tal-proġetti u tal-intermedjarji finanzjarji biex jimplimentaw operazzjonijiet ta' finanzjament u investment u jtejbu l-fehim u l-użu tal-istrumenti finanzjarji biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħhom. Tali appoġġ jista' jkopri kwalunkwe stadju taċ-ċiklu tal-ħajja ta' proġett jew ta' finanzjament ta' entità appoġġata;
  - (b) servizzi ta' kkwocjar u ta' aċċellerazzjoni tan-negozju mmirati lejn benefiċjarji potenzjali tal-FEK u promoturi oħra tal-proġetti, inklużi SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, start-ups u scale-ups li jappoġġaw u jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għall-finanzjament tal-FEK, u li jiffaċilitaw it-tlaqqiġ ma' investituri privati u jipromwovu l-litteriżmu finanzjarju tal-imprendituri, inkluż il-fehim tal-opportunitajiet offruti minn finanzjament ibbażat fuq is-suq kapitali;
3. Il-konsulenza għall-proġetti għandha, fost l-oħrajn, tappoġġa l-ġenerazzjoni ta' riżervi ta' proġetti u l-iżvilupp ta' proġetti potenzjali ta' investment taħt l-Istrument InvestEU tal-FEK u tikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri tagħhom. Il-konsulenza għall-proġetti għandha tikkoopera wkoll mal-alleanzi industrijali u r-raggruppamenti Ewropej. Il-konsulenza għall-proġetti għandha tkun disponibbli taħt kull tieqa ta' politika msemmija, filwaqt li tkopri setturi taħt dik it-tieqa. Barra minn hekk, l-appoġġ konsultattiv jista' jkopri oġettivi ġenerali u azzjonijiet trażversali.
4. Il-Kummissjoni tista' tikkonkludi ftehimiet dwar il-konsulenza ma' sħab konsultattivi u fornituri ta' servizzi f'konformità mal-ħtiġijiet ta' kull tieqa ta' politika. Il-Kummissjoni u s-sħab konsultattivi, inkluż il-Grupp tal-BEI, għandhom jikkooperaw mill-qrib bl-għan li jiżguraw l-effiċjenza, is-sinerġiji u l-kopertura ġeografika effettiva fl-Unjoni kollha, filwaqt li jqisu l-istrutturi u x-xogħol eżistenti.
5. Irrispettivament mill-istrument ta' implimentazzjoni tal-baġit għall-akkwiżizzjoni jew għall-forniment ta' servizzi ta' konsulenza, il-fornituri u r-riċevituri tas-servizzi

għandhom jintgħażlu f'konformità mal-prinċipji tat-trasparenza u tat-trattament ugwali, l-evitar ta' kunflitt ta' interess, inklużi interessi professjonali kunfliġġenti.

6. Meta timplimenta l-Konsulenza għall-Proġetti, il-Kummissjoni, is-sħab konsultattivi tagħha u fornituri oħra ta' servizzi għandhom, fejn xieraq, jikkollaboraw ma' fornituri oħra ta' servizzi ta' konsulenza u ta' appoġġ pubbliċi jew privati tal-Unjoni jew nazzjonali, inkluż in-Network "UE għan-Negozji".

## **TAQSIMA 2**

### **KOLLABORAZZJONI MAL-SMES**

#### *Artikolu 27*

#### **Network "UE għan-Negozji"**

1. In-Network "UE għan-Negozji" għandu jiġi stabbilit biex jgħin lin-negozji tal-Unjoni jsiru aktar kompetittivi u jinnovaw, jikbru u jespandu fis-Suq Uniku u lil hinn minnu, b'enfasi partikolari fuq l-SMEs, l-istart-ups, l-iscale-ups u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja. In-network għandu jkollu kopertura mifruxa mal-Unjoni kollha u bbilanċjata ġeografikament, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tat-tipi kollha ta' reġjuni fl-Unjoni, inklużi r-reġjuni inqas żviluppati u r-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni.

#### *Artikolu 28*

#### **Appoġġ għan-negozju**

1. Il-FEK għandu jwettaq attivitajiet trażversali ffukati fuq it-tisħiħ tal-kompetittività tal-SMEs u jikseb addizzjonalità fil-livell tal-Unjoni, inkluż permezz tal-miżuri li ġejjin:
  - (a) il-forniment ta' pariri u appoġġ integrati dwar in-negozju lill-kumpaniji, inkluż permezz ta' appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi;
  - (b) il-forniment ta' opportunitajiet ta' sħubija u l-bini tal-kapaċità;
  - (c) appoġġ u assistenza għall-aċċess għal teknoloġiji, infrastruttura u faċilitajiet tat-teknoloġija, appoġġ għall-adozzjoni mis-suq tal-innovazzjoni u appoġġ għall-organizzazzjonijiet tan-negozju, l-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, inklużi l-istart-ups u l-iscale-ups, biex jipparteċipaw fi pjattaformi u setturi kollaborattivi;
  - (d) il-promozzjoni tal-fehim kummerċjali tal-politiki tal-Unjoni, bil-kisba ta' feedback dwar l-effettività tagħhom;
  - (e) iż-żieda fl-aċċess u d-disponibbiltà ta' finanzjament għall-SMEs inklużi l-mikrofinanzjament u l-appoġġ għall-intrapriżi soċjali, u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja;
  - (f) il-faċilitazzjoni tal-aċċess għas-swieq inkluż permezz ta' appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs u l-forniment ta' informazzjoni dwar is-suq, inkluż f'reġjuni inqas żviluppati u f'reġjuni ultraperiferiċi;
  - (g) it-titjib tal-ambjent tan-negozju għall-SMEs u l-promozzjoni ta' opportunitajiet ġodda ta' negozju għall-SMEs billi jiġu appoġġati, fost l-oħrajn, il-valorizzazzjoni tal-proprietà intellettwali, l-iffissar tal-istandards u l-akkwist pubbliku;

- (h) il-promozzjoni tal-intraprenditorija, inkluża l-intraprenditorija tan-nisa u taż-żgħażaġh u l-akkwist ta' ħiliet intraprenditorjali u kummerċjali.

#### *Artikolu 29*

### **Azzjonijiet iddedikati għall-SMEs biex tiżdied il-parteciċipazzjoni tal-SMEs**

1. Kull tieqa għandha tappoġġa azzjonijiet iddedikati u speċifiċi għas-settur immirati lejn start-ups, SMEs u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja jew sejħiet għall-SMEs f'setturi strateġiċi bil-għan li jrawmu l-innovazzjoni, l-aċċellerazzjoni tan-negożju, il-kummerċjalizzazzjoni u l-espansjoni.

#### *Artikolu 30*

### **Appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet**

1. Il-FEK għandu jiffinanzja attivitajiet b'appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet, b'mod partikolari fis-setturi strateġiċi, billi jibni rabtiet b'saħħithom bejn il-fornituri tal-edukazzjoni għolja, tal-edukazzjoni vokazzjonali u tat-taħriġ, tar-riċerka applikata u tan-negożji għal ekonomija aġli, innovattiva u kompetittiva. Dan għandu jinkludi appoġġ għal Garanzija Ewropea tal-Ħiliet biex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet tal-katina tal-valur favur setturi jew professjonijiet strateġiċi tat-tkabbir fis-suq tax-xogħol permezz tat-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol u l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (VET, Vocational Education and Training) biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-fornituri tal-VET u n-negożji, speċjalment l-SMEs u tgħaqqadhom mal-ekosistemi industrijali reġjonali.

## **TAQSIMA 3**

### **ĊENTRU GĦAS-SERVIZZI TAL-BENEFIĊJARJI**

#### *Artikolu 31*

### **Aċċess għall-finanzjament tal-Unjoni**

1. F'konformità mal-Artikolu 150 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-FEK għandu jikkontribwixxi għaż-żamma u l-estensjoni tal-Ispazju Uniku għall-Iskambju Elettroniku ta' Data għall-parteciċipanti biex jiżgura aċċess simplifikat għall-finanzjament tal-Unjoni. Dik il-kontribuzzjoni għandha tkun irrispettivament mill-mod jew mill-istrument tal-implimentazzjoni tal-baġit u tinkludi servizzi konsultattivi u ta' aċċellerazzjoni tan-negożju u appoġġ għal portal uniku għall-aċċess għall-appoġġ tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX] [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni].
2. Il-FEK jista' jappoġġa kwalunkwe attività addizzjonali biex jiffaċilita u jaċċellera l-aċċess għall-finanzjament tal-Unjoni, u finanzjament u investimenti oħrajn, kif ukoll biex jiżgura l-valorizzazzjoni u l-implimentazzjoni tar-riżultati permezz ta' għodod u strumenti bħall-prova tal-kunċett, għotjiet għall-implimentazzjoni, servizzi ta' konsulenza u ta' appoġġ għan-negożji, u kwalunkwe pjattaforma ddedikata.

## Kapitolu IV

### Appoġġ għat-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u d- Dekarbonizzazzjoni Industrijali

#### Artikolu 32

##### Suġġett

1. L-azzjonijiet appoġġati taħt dan il-kapitolu għandhom jikkontribwixxu għall-oġġettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u l-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (a).
2. L-appoġġ għall-azzjonijiet taħt dan il-kapitolu għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit stabbilit fl-Artikolu 4 u kwalunkwe kontribuzzjoni addizzjonali assenjata f'konformità mal-Artikolu 5.

#### Artikolu 33

##### Attivitajiet speċifiċi li jappoġġaw politiki ta' tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u d- dekarbonizzazzjoni industrijali

1. It-tieqa tal-appoġġ għal tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, u d-dekarbonizzazzjoni industrijali għandha tiġi implimentata b'mod partikolari permezz tal-attivitajiet li ġejjin:
  - (a) “Attivitajiet LIFE”: il-forniment ta' appoġġ għal proġetti minn isfel għal fuq għad-dimostrazzjoni, l-ittestjar u l-adozzjoni mis-suq ta' soluzzjonijiet innovattivi u l-aħjar prattiki fi tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u d-dekarbonizzazzjoni industrijali u s-sensibilizzazzjoni dwar il-klima u l-ambjent għal-livelli ta' governanza rilevanti.
  - (b) L-effiċjenza enerġetika, il-ħżin tal-enerġija, ir-rispons għad-domanda, il-grilji tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni domestiċi, id-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija, l-enerġija rinnovabbli integrata, ir-rinnovazzjonijiet tal-enerġija, u s-soluzzjonijiet, is-sistemi u s-servizzi tat-tisħin u t-tkessiħ.
  - (c) Soluzzjonijiet ta' enerġija nadifa u dekarbonizzazzjoni fl-industrija, inkluża l-elettrifikazzjoni ta' industriji li jużaw ħafna enerġija, u l-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju (CCS/CCU, carbon capture, storage and utilisation), b'mod partikolari għall-enerġija, it-trasport u l-bini.
  - (d) It-tiftix ta' sorsi ta' provvista, il-produzzjoni, il-ħżin, id-distribuzzjoni u l-użu ta' fjuwils sostenibbli, li jiffaċilitaw id-dekarbonizzazzjoni tal-mobbiltà.
  - (e) Soluzzjonijiet nodfa, multimodali u diġitalizzati, sikuri għat-trasport u l-mobbiltà, inklużi assi tal-mobbiltà (eż. vetturi, bastimenti inklużi bastimenti tas-sajd, ingeni tal-ajru, vetturi ferrovjarji) u infrastrutturi (fost l-oħrajn infrastruttura ta' ċċarġjar, portijiet jew linji ta' veloċità għolja), sistemi u operazzjonijiet.
  - (f) L-appoġġ għall-iżvilupp u l-użu ta' mobbiltà intelliġenti, inklużi l-vetturi, l-infrastruttura, il-mobbiltà konnessa u awtomatizzata, is-sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku intelliġenti u servizzi relatati.
  - (g) Il-manifattura tat-teknoloġija nadifa u l-katina tal-provvista tagħha, inkluż permezz ta' appoġġ finanzjarju għal Proġetti Strateġiċi skont ir-Regolament (UE) 2024/1735, iż-

żieda fil-kapaċità tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-ktajjen tal-provvista tagħhom, u ż-żieda fil-linji tal-produzzjoni eżistenti.

- (h) It-tiġid tal-kapaċità tal-Unjoni fl-innovazzjoni u fl-użu industrijali ta' manifattura avvanzata u materjali avvanzati.
  - (i) L-ekonomija ċirkolari, l-effiċjenza fl-użu tal-ilma, is-saħħa tal-oċeani u l-politika ambjentali, inklużi soluzzjonijiet għall-protezzjoni, ir-restawr u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, inklużi l-arja, l-ilma, il-baħar u l-ħamrija, u biex jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità u biex tiġi indirizzata d-degradazzjoni tal-ekosistema, soluzzjonijiet sostenibbli għall-azzjoni klimatika fil-ktajjen tal-provvista agroalimentari u tal-forestrija.
  - (j) Ir-reżiljenza għall-klima u tal-ilma.
  - (k) Il-prevenzjoni, il-kontroll u r-rimedju tat-tniġġis.
  - (l) L-investiment, l-innovazzjoni u l-modernizzazzjoni f'setturi tal-ekonomija blu sostenibbli bħall-bini tal-bastimenti u t-tbaħħir, l-enerġija offshore, it-teknoloġiji tal-osservazzjoni tal-oċeani, it-teknoloġija blu u l-preservazzjoni tal-ekosistemi.
  - (m) Is-sostenibbiltà u t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa tal-SMEs, inkluż fit-turiżmu, fil-konstruzzjoni u f'setturi ekonomiċi oħra.
  - (n) L-adozzjoni mis-suq, il-bini tal-kapaċità u l-iżvilupp tal-ħiliet għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, inklużi t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u l-attivitajiet fuq in-naħa tad-domanda għall-enerġija (pereżempju l-Akkademji tal-industrija b'Emissjonijiet Żero Netti) u t-tranżizzjoni lejn mobbiltà sostenibbli u sikura u turiżmu sostenibbli fil-bliet, fiż-żoni rurali, fil-komunitajiet u fil-bini.
  - (o) Azzjonijiet ta' appoġġ għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni. Dan jinkludi l-appoġġ lill-istituzzjonijiet rilevanti, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati, l-istudji, l-iżvilupp u l-użu ta' għodod u infrastrutturi, inklużi l-infrastruttura u l-għodod tal-IT.
2. L-appoġġ ipprovdut permezz tal-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, jista' jiġi fornut fi kwalunkwe forma, inkluż permezz ta' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni kollaborattivi stabbiliti fir-Regolament (UE) [XXX] [il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni] u identifikat f'parti speċifika ddedikata tal-Programm ta' F'idma.

#### *Artikolu 34*

#### **Regoli komplimentari**

1. Għal attivitajiet li jappoġġaw azzjonijiet ta' koordinazzjoni u appoġġ fil-qasam tal-effiċjenza fl-enerġija u tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, l-appoġġ tal-Unjoni jista' jkopri sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' kofinanzjament.
2. B'deroga mill-Artikolu 184(6) tar-Regolament Finanzjarju, għal attivitajiet li jappoġġaw azzjonijiet ta' koordinazzjoni u appoġġ fil-qasam tal-effiċjenza fl-enerġija u t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u l-attivitajiet LIFE msemmija fl-Artikolu 34, il-paragrafu 1, il-punt (a), l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli jista' jawtorizza jew jimponi, fil-forma ta' rati fissi, finanzjament tal-kostijiet indiretti tal-benefiċjarju sa massimu ta' 25 % tal-kostijiet totali eliġibbli, esklużi l-kostijiet diretti jew indiretti ta' sottokuntrattar, li jinkludu kwalunkwe kost ta' appoġġ dirett jew indirett.

3. Il-programmi ta' ħidma għandhom jiżguraw koerenza mat-tipi ta' azzjonijiet ippjanati li għandhom jiġu implimentati taħt il-Fond imsemmi fl-Artikolu 10a(8) tad-Direttiva 2003/87/KE u koerenza u komplementarjetà mar-Regolament (UE)[XXX] [il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa]
4. Il-programmi ta' ħidma adottati f'konformità mar-regoli ta' dan ir-Regolament taħt dan il-kapitolu għandhom jintegraw f'parti speċifika ddedikata u jiżguraw koerenza mal-attivitajiet tal-Kompetittività u s-Soċjetà appoġġati skont ir-Regolament (UE) [XXX] [il-Programm Qafas ta' Orizzont Ewropa għar-Riċerka u l-Innovazzjoni]

#### *Artikolu 35*

#### **Mekkaniżmi kompetittivi ta' offerti**

1. Il-proċeduri tal-għoti taħt dan il-kapitolu jistgħu jieħdu l-forma ta' offerti kompetittivi. Dan jinkludi kuntratti għad-differenza, kuntratti tal-karbonju għad-differenza, jew kuntratti bi primjum fiss biex jappoġġaw l-investment fid-dekarbonizzazzjoni, dment li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti u l-iskopertura tal-baġit tibqa' limitata għal kontribuzzjoni massima. Il-proċeduri kompetittivi ta' offerti jistgħu jiġu implimentati permezz ta' kwalunkwe wieħed mill-istrumenti ta' implimentazzjoni tal-baġit stabbiliti fl-Artikolu 12 u f'konformità magħhom.

### **KAPITOLU V**

## **APPOĠĠ GĦAS-SAĦĦA, IL-BIJOTEKNOLOĠIJA, L-AGRIKOLTURA U L-BIJOEKONOMIJA**

#### *Artikolu 36*

#### **Dispożizzjonijiet speċifiċi li jappoġġaw politiki dwar is-saħħa, il-bijoteknoloġija, l-agrikoltura u l-bijoeconomija**

1. L-azzjonijiet appoġġati taħt dan il-kapitolu għandhom jikkontribwixxu għall-oġġettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u l-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b).
2. L-appoġġ għall-azzjonijiet taħt dan il-kapitolu għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit stabbilit fl-Artikolu 4(2), u kwalunkwe kontribuzzjoni addizzjonali għandha tiġi assenjata f'konformità mal-Artikolu 5.

#### *Artikolu 37*

#### **Attivitajiet Speċifiċi**

1. L-appoġġ għall-politika dwar is-Saħħa, il-Bijoteknoloġija, l-Agricoltura u l-Bijoeconomija għandu jiġi implimentat b'mod partikolari permezz tal-attivitajiet li ġejjin:
  - (a) It-titjib u l-protezzjoni tas-saħħa, inkluża s-saħħa transfruntiera, billi tingħata prijorità lill-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard tul il-ħajja permezz ta' politiki tas-saħħa fil-politiki kollha u "saħħa waħda", b'enfasi speċjali fuq il-mard komunikabbli u mhux komunikabbli, inklużi s-saħħa mentali, is-saħħa deġenerattiva, l-awtiżmu, il-mard kardjovaskulari, il-kanċer u mard ieħor mhux komunikabbli, inkluż dak relatat

mat-tniġġis, is-saħħa sesswali u riproduttiva u t-tisħiħ tal-inizjattivi internazzjonali tas-saħħa u l-kooperazzjoni.

- (b) It-tisħiħ tal-effiċjenza u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa billi jissaħħu l-aċċess, l-użu u l-użu mill-ġdid tad-data dwar is-saħħa u l-ġhodod, l-infrastrutturi u s-servizzi diġitali, inkluż biex jiġi appoġġat l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa, l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali u soluzzjonijiet ibbażati fuq ir-robotika fil-kura tas-saħħa, l-avvanz tat-trasformazzjoni diġitali tal-kura tas-saħħa, it-tisħiħ tal-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa, b'enfasi partikolari fuq is-saħħa pubblika u l-forza tax-xogħol tal-kura tas-saħħa, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa, anke bl-użu ta' teknoloġiji diġitali, il-promozzjoni ta' teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza, (inkluż billi tiġi appoġġata l-Valutazzjoni tat-teknoloġija tas-Saħħa), il-forniment ta' soluzzjonijiet diġitali għall-monitoraġġ u l-koordinazzjoni u l-inkoraġġiment ta' xogħol integrat fost is-sistemi tas-saħħa nazzjonali biex jiġu żgurati l-koerenza u l-effiċjenza madwar l-Unjoni.
- (c) It-trawwim tal-iżvilupp, il-kapaċità tal-produzzjoni, il-manifattura u l-użu industrijali tat-teknoloġija tas-saħħa u tal-bijoeconomija, biex tiżdied il-kompetittività tas-settur, u tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-prodotti mediċinali, l-apparati mediċi, is-soluzzjonijiet diġitali u l-kontromiżuri mediċi tal-Unjoni rilevanti għall-preparatezza u r-rispons għat-theddid transfruntier għas-saħħa, kif ukoll il-kompetittività u r-reżiljenza tas-setturi billi jiġi żgurat li tali prodotti jkunu innovattivi, sikuri, aċċessibbli, disponibbli u affordabbli, u b'hekk jiġi promoss l-aċċess ekwu madwar l-Unjoni.
- (d) L-appoġġ għall-iskoperta, l-iżvilupp, it-tneħħija tar-riskju, id-dimostrazzjoni, il-pilotaġġ u l-użu, u l-espansjoni tal-innovazzjonijiet tal-bijoteknoloġija, l-aċċellerazzjoni tal-introduzzjoni fis-suq u l-adozzjoni mis-suq ta' soluzzjonijiet tal-bijoteknoloġija, it-tisħiħ ta' ktajjen tal-valur emerġenti u l-ġhoti ta' aċċess għall-finanzi u appoġġ ieħor għall-SMEs, l-istart-ups, l-iscale-ups u l-innovaturi.
- (e) Il-protezzjoni tan-nies billi jiġu appoġġati l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki tas-sigurtà tas-saħħa, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati tal-Istati Membri, kif ukoll il-koordinazzjoni tal-pjanijiet ta' prevenzjoni, preparatezza u rispons tal-Unjoni u dawk nazzjonali.
- (f) It-trawwim ta' settur tal-bijoeconomija innovattiv u kompetittiv fl-Unjoni, inkluż floqsma tal-bijoteknoloġija tas-saħħa, tal-materjali u tal-prodotti b'bażi bijoloġika, tal-valorizzazzjoni tar-residwi tal-azjendi agrikoli u tal-foresti, tal-prodotti negattivi għall-karbonju, tal-bijomanifattura u tal-bijosustanzi kimiċi, b'mod partikolari billi jiġu appoġġati l-iskoperta, l-iżvilupp, it-tneħħija tar-riskju, id-dimostrazzjoni, il-pilotaġġ, u l-espansjoni ta' innovazzjonijiet tal-bijoeconomija; billi jiġu aċċellerati l-introduzzjoni fis-suq u l-adozzjoni mis-suq ta' materjali b'bażi bijoloġika mis-soluzzjonijiet tal-agrikoltura u l-forestrija u tal-bijoeconomija; billi jissaħħu l-ktajjen tal-valur emerġenti; billi tinbena forza tax-xogħol kwalifikata, billi jiġi pprovdut aċċess għall-finanzi u appoġġ ieħor għall-SMEs, l-istart-ups, l-iscale-ups u l-innovaturi.
- (g) It-trawwim tal-kompetittività, tas-sostenibbiltà, tar-reżiljenza u tal-ġustizzja tas-setturi tal-agrikoltura, tas-sajd, tal-akkwakultura, tal-forestrija u taż-żoni rurali u dawk kostali, u l-kontribut għas-sigurtà tal-ikel fuq terminu twil fl-Unjoni.
- (h) L-appoġġ ta' azzjonijiet għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni. Dan jinkludi l-appoġġ lill-

istituzzjonijiet rilevanti, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati, l-istudji, l-iżvilupp u l-użu ta' għodod u infrastrutturi, inklużi l-infrastruttura u l-għodod tal-IT.

2. Il-programmi ta' ħidma adottati f'konformità mar-regoli ta' dan ir-Regolament taħt dan il-kapitolu għandhom jintegraw f'parti speċifika ddedikata u jiżguraw koerenza mal-[attivitajiet ta' Kompetittività u Soċjetà appoġġati skont ir-Regolament (UE) [XXX] [il-Programm Qafas ta' Orizzont Ewropa għar-Riċerka u l-Innovazzjoni

## KAPITOLU VI

### APPOĠĠ GĦAT-TMEXXIJA DIĠITALI

#### *Artikolu 38*

##### **Dispożizzjonijiet speċifiċi li jappoġġaw il-politika ta' tmexxija diġitali**

1. L-azzjonijiet appoġġati taħt dan il-kapitolu għandhom jikkontribwixxu għall-oġettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u l-oġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (c).
2. L-appoġġ għall-azzjonijiet taħt dan il-kapitolu għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit stabbilit fl-Artikolu 4(2), il-punt (d), u kwalunkwe kontribuzzjoni addizzjonali għandha tiġi assenjata f'konformità mal-Artikolu 5.

#### *Artikolu 39*

##### **Attivitajiet speċifiċi li jappoġġaw il-politika ta' tmexxija diġitali**

1. L-appoġġ għat-tmexxija diġitali għandu jindirizza, b'mod komprensiv u koerenti, l-ambitu kollu tas-settur diġitali, bħall-Intelliġenza Artifiċjali, (inklużi l-Fabbriki u l-Gigafabbriki tal-IA), il-computing ta' prestazzjoni għolja, it-teknoloġiji kwantistiċi, is-semikondutturi u l-fotonika, ir-robotika, it-teknoloġiji tad-data kbira, it-teknoloġiji telco-edge u tal-cloud, in-networks ta' komunikazzjoni, il-konnettività avvanzata, inkluż is-6G u teknoloġiji oħra mingħajr fili, it-teknoloġiji ta' rilevament, iċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza tan-networks, l-inġinerija tas-software, ir-realtà awmentata u d-dinjiet virtwali, it-tewmin diġitali, il-kartieri diġitali tal-identità u tan-negozju tal-Unjoni, it-teknoloġiji fiduċjarji, it-teknoloġiji diġitali ġodda u emerġenti kif ukoll it-teknoloġiji u l-applikazzjonijiet diġitali transsettorjali, inklużi dawk b'potenzjal ta' użu doppju, l-appoġġ għat-teknoloġiji tad-data u l-ispazji tad-data.
2. L-appoġġ għat-tmexxija diġitali għandu jiġi implimentat b'mod partikolari permezz tal-attivitajiet li ġejjin:
  - (a) Il-kisba ta' tmexxija fit-teknoloġiji diġitali u tal-IA permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni, ir-riċerka applikata, it-trasferiment tat-teknoloġija, l-implimentazzjoni industrijali, u l-adozzjoni mis-suq. L-implimentazzjoni għandha tinkludi, iżda ma tkunx limitata għal, l-iżvilupp u l-iffurmar ta' teknoloġiji diġitali ewlenin sostenibbli li jirriflettu l-valuri tal-Unjoni, is-salvagwardja tas-sigurtà tal-Unjoni u t-trawwim tal-kompetittività tagħha globalment.
  - (b) Il-kisba tas-sovranià teknoloġika permezz tal-bini ta' ekosistemi diġitali reżiljenti, inklużi ħliet diġitali avvanzati, u l-iżgurar ta' livell għoli ta' ċibersigurtà fl-Unjoni. L-implimentazzjoni għandha tinkludi, iżda ma tkunx limitata għall-ħolqien ta' ekosistema attraenti għall-kumpaniji innovattivi fixkiela, l-SMEs, l-istart-ups u l-

iscale-ups, kif ukoll mexxejja emerġenti tal-industrija fis-settur diġitali biex jibqgħu, jikbru u jirnexxu fl-Unjoni, filwaqt li jappoġġawhom biex jiskalaw, jespandu s-swieq tagħhom, inkluż permezz tal-akkwist, u jikkontribwixxu għas-sovranià diġitali tal-Unjoni, b'enfasi fuq l-indirizzar tal-kumplessità tal-ktajjen tal-valur teknoloġiċi, l-istandardizzazzjoni, is-sigurtà tal-provvista ta' teknoloġiji, l-infrastrutturi u s-servizzi diġitali avvanzati, il-kapaċitajiet meħtieġa, inklużi l-manifattura, il-kapaċità tal-produzzjoni, u l-ħiliet diġitali avvanzati kemm fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku.

- (c) L-iffaċilitar tas-setgħa diġitali għan-negozji u għaċ-ċittadini billi jiġu implimentati applikazzjonijiet diġitali, infrastrutturi u servizzi tal-ogħla livell u sostenibbli madwar l-Unjoni. L-implimentazzjoni għandha tinkludi, iżda ma tkunx limitata għal, azzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni, l-iżvilupp, il-produzzjoni, il-manifattura, jew l-implimentazzjoni ta' infrastrutturi diġitali avvanzati fuq skala kbira madwar l-Unjoni (eż. computing ta' prestazzjoni għolja, telco-cloud-edge, Fabbriki u Gigafabbriki tal-IA, data u spazji tad-data, faċilitajiet tal-ittejtjar u tal-esperimentazzjoni, semikondutturi, il-fotonika u ċipep kwantistiċi, linji pilota, infrastrutturi tal-computing kwantistiku, tal-komunikazzjoni u tar-rilevament, ċentri taċ-ċibersigurtà, in-Network "UE għan-Negozji", Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali, infrastrutturi tal-konnettività avvanzata inklużi l-kejbils sottomarini u n-networks mhux terrestri), il-Kartieri tal-UE tal-Identità Diġitali u s-servizzi fiduċjarji kif ukoll il-Kartieri u s-servizzi Ewropej tan-Negozju, infrastruttura pubblika diġitali sigura u interoperabbli, biex taġixxi bħala faċilitatur ewlieni tat-trasformazzjoni diġitali u b'appoġġ għar-reżiljenza u l-preparatezza tas-soċjetà, filwaqt li ggħib valur miżjud ċar għan-negozji, is-servizzi pubbliċi u ċ-ċittadini. Fejn rilevanti, dawn l-azzjonijiet għandhom jiġu koordinati mal-investimenti nazzjonali u għandhom jisfruttaw b'mod ieħor il-potenzjal mhux sfruttat biex jinħoloq suq domestiku għat-teknoloġiji diġitali avvanzati "magħmula fl-Ewropa". Tali azzjonijiet jistgħu jiġu pprovduti taħt il-qafas ta' proġetti multinazzjonali stabbiliti f'konformità mad-Deċiżjoni (UE) 2022/2481, inklużi b'mod partikolari dawk implimentati permezz tal-Konsorzji Ewropej għall-Infrastruttura Diġitali jew l-Impriżi Konġunti.
- (d) L-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni tas-setturi pubbliċi u privati, inkluż biex jiġu appoġġati l-iżvilupp u ċ-ċirkolazzjoni tal-ħiliet diġitali. L-implimentazzjoni għandha tinkludi, iżda ma tkunx limitata għall-forniment tal-appoġġ meħtieġ biex jiġu aċċellerati u approfonditi l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali fis-setturi ekonomiċi kollha, permezz tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-implimentazzjoni, biex tingħata spinta lill-produttività u l-kompetittività tagħhom, b'enfasi fuq teknoloġiji aktar kumplessi, kif ukoll biex jinkisbu benefiċċji għas-soċjetà. L-appoġġ għall-applikazzjonijiet tas-settur pubbliku kif ukoll għad-diġitalizzazzjoni usa' tas-settur pubbliku għandu jkollu l-għan li jiżgura xenarju ta' servizzi pubbliċi diġitali interoperabbli u koeżiv madwar l-Unjoni kollha, jappoġġa s-sovranià teknoloġika, filwaqt li jimmassimizza l-effiċjenza tagħhom għan-negozji u għaċ-ċittadini. It-trasformazzjoni diġitali tas-setturi ekonomiċi u pubbliċi għandha tkun appoġġata wkoll mit-twieqi settorjali l-oħra tal-FEK.
- (e) Azzjonijiet ta' appoġġ għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni. Dan jinkludi l-appoġġ lill-istituzzjonijiet rilevanti, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati, l-istudji, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod u infrastrutturi, inklużi l-infrastruttura u l-għodod tal-IT.

3. L-attivitajiet taħt din it-Taqsima għandhom jappoġġaw l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-akkwist ta' kapaċitajiet, infrastrutturi, teknoloġiji u kapaċitajiet avvanzati taċ-ċibersigurtà, bl-għan li tiġi żgurata s-sigurtà tal-infrastrutturi kritiċi u tal-ktajjen tal-provvista diġitali, tiġi żviluppata stampa tas-sitwazzjoni tal-Unjoni tax-xenarju tat-theddud kif ukoll jittejjbu l-kapaċitajiet ta' identifikazzjoni u l-kapaċitajiet ta' rispons għal inċidenti; l-appoġġ għall-kompetittività tal-bażi industrijali taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni, l-iżvilupp tal-ħiliet taċ-ċibersigurtà flimkien mal-maturità ċibernetika tal-bażi industrijali Ewropea, inklużi l-SMEs.
4. Il-programmi ta' ħidma adottati f'konformità mar-regoli ta' dan ir-Regolament taħt dan il-kapitolu għandhom jintegraw f'parti speċifika ddedikata u jiżguraw koerenza mal-attivitajiet tal-Kompetittività u s-Soċjetà skont ir-Regolament (UE) [XXX] [il-Programm Qafas ta' Orizzont Ewropa għar-Riċerka u l-Innovazzjoni

## KAPITOLU VII

### APPOĠĠ GĦAR-REŻILJENZA U S-SIGURTÀ, L-INDUSTRIJA TAD-DIFIŻA U L-ISPAZJU

#### *Artikolu 40*

##### **Suġġett**

1. L-azzjonijiet appoġġati taħt din it-Taqsima għandhom jikkontribwixxu għall-oġġettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u l-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (d).
2. L-appoġġ għall-azzjonijiet taħt din it-taqsima għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit stabbilit fl-Artikolu 4(2), il-punt (e), u kwalunkwe kontribuzzjoni addizzjonali assenjata f'konformità mal-Artikolu 5.

#### *Artikolu 41*

##### **Sinerġiji tal-ispazju u tad-difiża**

1. Qiegħed jiġi stabbilit Bord Konsultattiv tal-Ispazju u d-Difiża li jista' jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar il-koordinazzjoni u l-komplementarjetà bejn l-attivitajiet tal-ispazju u tad-difiża kif stabbilit fl-Artikolu 3(2)(d), fis-subpunti (1) u (2) u fl-għodod finanzjarji relatati biex tiżied l-effiċjenza tal-investimenti u l-effettività tar-riżultati. Il-membri tal-Bord Konsultattiv imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinħatru mill-Istati Membri

## TAQSIMA 1

### APPOĠĠ GĦALL-POLITIKA TA' REŻILJENZA

#### *Artikolu 42*

##### **Attivitajiet speċifiċi li jappoġġaw il-politiki ta' reżiljenza**

1. L-appoġġ għall-politika ta' reżiljenza għandu jirrafforza l-awtonomija strateġika, is-sigurtà ekonomika u r-reżiljenza tal-industrija tal-Unjoni billi jsaħħaħ l-istadji

differenti tal-katina tal-valur tal-materja prima, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tal-provvista ta' materja prima kritika minn pajjiżi terzi.

2. L-appoġġ għall-politika ta' reżiljenza għandu jiġi implimentat b'mod partikolari permezz tal-attivitajiet li ġejjin:
  - (a) l-appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE fl-esplorazzjoni, l-estrazzjoni, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ tal-materja prima;
  - (b) ix-xiri ta' materja prima, f'konformità mal-ħtiġijiet tas-sigurtà ekonomika u mal-objettivi ta' tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' interruzzjoni tal-provvista għall-kumpaniji fl-UE, inkluż għall-istabbiliment u l-ġestjoni ta' ħażniet ta' materja prima kritika f'koordinazzjoni mal-Istati Membri u mal-industrija;
  - (c) l-appoġġ finanzjarju għal Proġetti Strateġiċi skont l-Att dwar il-materja prima kritika f'konformità mal-ħtiġijiet tas-sigurtà ekonomika u l-objettivi ta' tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali.
3. l-appoġġ mogħti permezz tal-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 2, jista' jiġi pprovdut fi kwalunkwe forma, inkluż permezz ta' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni kollaborattivi stabbiliti fil-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni [REF] u identifikati f'parti speċifika ddedikata tal-Programm ta' Ħidma.
4. Il-programmi ta' ħidma adottati f'konformità mar-regoli ta' dan ir-Regolament taħt dan il-kapitolu għandhom jintegraw f'parti speċifika ddedikata u jiżguraw koerenza mal-attivitajiet tal-Kompetittività u s-Soċjetà skont ir-Regolament (UE) [XXX][il-Programm Qafas ta' Orizzont Ewropa għar-Riċerka u l-Innovazzjoni]

#### *Artikolu 43*

#### **Regoli komplimentari**

1. Proġetti strateġiċi taħt is-CRMA u proġetti strateġiċi previsti fil-leġislazzjoni settorjali rilevanti jistgħu japplikaw ir-regoli fl-Artikolu 20.

## **TAQSIMA 2**

### **APPOĠĠ GĦALL-POLITIKA TAL-INDUSTRIJA TAD-DIFIŻA**

#### *Artikolu 44*

#### **Attivitajiet speċifiċi li jappoġġaw il-politika tal-industrija tad-difiża**

1. L-appoġġ għall-politika tal-industrija tad-difiża għandu jiġi implimentat b'mod partikolari permezz tal-komponenti li ġejjin:
  - (a) L-appoġġ għall-implimentazzjoni ta' Proġetti Ewropej għad-Difiża ta' Interess Komuni kif imsemmi fl-Artikolu 45 ta' dan ir-Regolament.
  - (b) L-appoġġ għar-Riċerka u l-Iżvilupp, l-Innovazzjoni u s-Superjorità Teknoloġika tad-Difiża kif imsemmi fl-Artikolu 46;
  - (c) L-appoġġ għar-Rispons Industrijali tad-Difiża, l-Espansjoni Industrijali, u r-Reżiljenza, kif imsemmi fl-Artikolu 47;

- (d) L-appoġġ għall-kooperazzjoni fl-Akkwist, il-Manutenzjoni u d-Disponibbiltà tad-Difiża kif imsemmi fl-Artikolu 48;
  - (e) L-Iffaċilitar u l-Appoġġ tal-Loġistika Militari kif imsemmi fl-Artikolu 49;
2. L-appoġġ għal parteċipanti ġodda, start-ups innovattivi, SMEs u scale-ups se jkun ta' inċentiv fl-attivitajiet elenkati fl-ewwel paragrafu biex jiġu żgurati l-veloċità, il-flessibbiltà u l-aġilità. Se jieħu l-forma ta' programm iddedikat, l-Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fid-Difiża (EUDIS, EU Defence Innovation Scheme), li se tinkludi attivitajiet innovattivi u skalabbli, inkluż b'appoġġ għat-teknoloġiji rivoluzzjonarji u għall-entitajiet uniċi, bħal: avvenimenti ta' tlaqqiġ u kkworant fin-negozju għall-innovaturi, mekkaniżmi ta' finanzjament aġli, sfidi, hackathons, appoġġ għal akkwist innovattiv, aġġornament iterattiv ta' mudelli ta' akkwist għal sistemi li qed jevolvu malajr u kwalunkwe azzjoni oħra għal ċikli tal-innovazzjoni aktar rapidi, u l-integrazzjoni il-validazzjoni u l-esperimentazzjoni tat-teknoloġija.
  3. L-appoġġ ipprovdut permezz tal-attivitajiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, jista' jiġi pprovdut fi kwalunkwe forma, inkluż permezz ta' riċerka kollaborattiva kif ukoll appoġġ għall-attività tal-innovazzjoni lil entitajiet uniċi u strumenti finanzjarji.

#### *Artikolu 45*

#### **Proġetti Ewropej għad-Difiża ta' Interess Komuni**

1. Il-Proġetti Ewropej għad-Difiża ta' Interess Komuni għandhom jikkonsistu fi proġetti industrijali kollaborattivi mmirati lejn it-tisħiħ tal-kompetittività tal-EDTIB madwar l-Unjoni filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet u s-sistemi militari ta' interess u/jew użu komuni tal-Istati Membri, inklużi dawk li jiżguraw aċċess għall-oqsma operazzjonali kollha, jiġifieri l-art, il-baħar, l-ajru, l-ispazju u ċ-ċibersigurtà.
2. Il-Kummissjoni tista' tidentifika Proġetti Ewropej għad-Difiża ta' Interess Komuni f'att ta' implimentazzjoni, adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83, il-paragrafu 3.
3. Meta tidentifika l-proġetti msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha:
  - (a) tqis kif xieraq il-gwida pprovduta fil-kuntest tal-Bord Konsultattiv Industrijali għad-Difiża, kif imsemmi fl-Artikolu 56, b'mod partikolari l-kontribut tal-proġett għall-prijoritajiet tal-kapaċità identifikati fil-kuntest tal-PESK, b'mod partikolari tal-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet, u l-oġettivi tal-Boxxla Strateġika għas-sigurtà u d-difiża;
  - (b) tidentifika l-ħtiġijiet ta' finanzjament ġenerali u l-impatti potenzjali għall-baġit tal-Unjoni;
  - (c) tqis il-fehmiet kollha tal-Istati Membri.
4. Il-Proġetti Ewropej għad-Difiża ta' Interess Komuni għandhom jissodisfaw il-kriterji ġenerali li ġejjin:
  - (a) il-proġett jinvolvi mill-inqas erba' Stati Membri;
  - (b) il-proġett għandu l-għan li jiżviluppa l-kapaċitajiet, inkluż dawk li jiżguraw l-aċċess għal oqsma strateġiċi u spazji kontestati, il-faċilitaturi strateġiċi, u, kif xieraq, is-sistemi li jaġixxu bħala infrastruttura tad-difiża Ewropea ta' interess u użu komuni;
  - (c) il-benefiċċji tal-proġett jestendu għal parti usa' tal-Unjoni u jiżguraw parteċipazzjoni ġeografika wiesgħa

- (d) il-proġetti għandhom ikunu partikolarment sinifikanti fid-daqs jew fl-ambitu u jkollhom l-għan li jimmitigaw livell konsiderevoli ta' riskju teknoloġiku jew finanzjarju;
  - (e) il-benefiċċji kumplessivi potenzjali tal-proġett huma akbar mill-kostijiet tiegħu, inkluż fuq medda ta' żmien itwal.
5. Il-Proġett Ewropew għad-Difiża ta' Interess Komuni għandu jinvolti mill-inqas erba' Stati Membri. Meta rilevanti, il-Kummissjoni Ewropea għandha tkun tista' tipparteċipa fil-proġett.
  6. Il-Proġett Ewropew għad-Difiża ta' Interess Komuni għandu jitqies li jikkontribwixxi għall-kapaċitajiet ta' difiża kritiċi għall-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha u għalhekk li jkun fl-interess pubbliku. Dawn jistgħu jiġu stabbiliti fil-qafas ta' strutturi għall-Programmi Ewropej dwar l-Armamenti stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX] [il-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea].
  7. L-Istati Membri jistgħu, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE, japplikaw skemi ta' appoġġ u jipprevedu appoġġ amministrattiv għall-Proġetti Ewropej ta' Interess Komuni għad-Difiża.
  8. L-implimentazzjoni tal-Proġetti Ewropej ta' Interess Komuni għad-Difiża tista' titqies bħala raġuni imperattiva ta' interess pubbliku prevalenti skont it-tifsira tal-Artikolu 6(4) u l-Artikolu 16(1), il-punt (c), tad-Direttiva 92/43/KEE u ta' interess pubbliku prevalenti skont it-tifsira tal-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60. Għalhekk, l-ippjanar, il-bini u l-operazzjoni tal-faċilitajiet tal-produzzjoni relatati jistgħu jitqiesu bħala ta' interess pubbliku prevalenti, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet l-oħra stabbiliti f'dawn id-dispożizzjonijiet.
  9. L-Unjoni għandha tappoġġa kwalunkwe attività meħtieġa għall-iżvilupp, l-industrijalizzazzjoni, l-akkwist jew l-implimentazzjoni ta' Proġett Ewropew għad-Difiża ta' Interess Komuni b'mod partikolari permezz ta' kwalunkwe waħda mill-attivitajiet appoġġati taħt din it-Taqsima.

#### *Artikolu 46*

#### **Riċerka u Żvilupp Kollaborattivi, Innovazzjoni u Superjorità Teknoloġika tad-Difiża**

1. L-attivitajiet li jappoġġaw ir-Riċerka u l-Iżvilupp, l-Innovazzjoni u s-Superjorità Teknoloġika tad-Difiża jistgħu jkopru, b'mod partikolari:
  - (a) azzjonijiet ta' riċerka kollaborattiva għad-difiża, minn riċerka bażika għal riċerka applikata, li jiffukaw fuq prijoritajiet ta' kapaċità miftiehma b'mod konġunt;
  - (b) azzjonijiet ta' żvilupp kollaborattiv għal prodotti u teknoloġiji ġodda tad-difiża, inklużi mill-inqas il-prototipar, l-ittestjar, il-kwalifika, jew iċ-ċertifikazzjoni tas-sistema;
  - (c) azzjonijiet li jappoġġaw teknoloġiji rivoluzzjonarji għad-difiża;
  - (d) azzjonijiet li jappoġġaw ċikli ta' innovazzjoni u integrazzjoni tat-teknoloġija aktar rapidi, inklużi riċerka u żvilupp kontinwi u sfidi teknoloġiċi;
  - (e) azzjonijiet spin-in biex jiġu adattati teknoloġiji ċivili għad-difiża.

**Rispons, Espansjoni, u Reżiljenza tal-industrija tad-Difiża**

1. Attivitajiet relatati mat-titjib tar-Rispons, l-Espansjoni Industrijali, u r-Reżiljenza: biex jitjiebu r-rispons u r-reżiljenza tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea, filwaqt li jippermettuha tiżviluppa, tipproduċi u ssostni l-kapaċità/kapaċitajiet kritika/kritiċi tal-produzzjoni għad-difiża fuq l-iskala u l-veloċità meħtieġa, inkluż permezz tal-appoġġ għall-espansjoni industrijali ta' kumpaniji innovattivi u l-appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet; jistgħu jkopru b'mod partikolari:
  - (a) l-ottimizzazzjoni, l-espansjoni, il-modernizzazzjoni, it-titjib jew l-adattament għal skop ġdid tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni eżistenti jew l-istabbiliment ta' kapaċitajiet tal-produzzjoni ġodda, sa fejn daww il-komponenti u l-materja prima jkunu maħsuba jew jintużaw kollha kemm huma għall-produzzjoni ta' prodotti tad-difiża, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiżded il-kapaċità tal-produzzjoni jew jitnaqqas iż-żmien meħtieġ għall-produzzjoni tagħhom, inkluż abbażi tal-akkwist jew l-akkwizzizzjoni tal-makkinarju għodda meħtieġ u kwalunkwe input meħtieġ ieħor;
  - (b) l-istabbiliment ta' sħubijiet industrijali transfruntieri, inkluż permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati jew forom oħra ta' kooperazzjoni industrijali, fi sforz industrijali konġunt, bħal impriżi konġunti transfruntieri inklużi attivitajiet li għandhom l-għan li jikkoordinaw l-akkwist jew ir-riżerva u l-kumulazzjoni ta' prodotti, komponenti u materja prima korrispondenti tad-difiża sa fejn daww il-komponenti u l-materja prima jkunu maħsuba jew użati kompletament għall-produzzjoni ta' prodotti tad-difiża, kif ukoll biex jikkoordinaw il-kapaċitajiet tal-produzzjoni u l-pjanijiet tal-produzzjoni;
  - (c) il-bini u t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-kapaċitajiet riżervati ta' manifattura f'daqqa (faċilitajiet dejjem lesti) ta' prodotti tad-difiża, il-komponenti u l-materja prima korrispondenti tagħhom, sa fejn daww il-komponenti u l-materja prima jkunu maħsuba jew jintużaw kollha kemm huma għall-produzzjoni ta' prodotti tad-difiża, f'konformità mal-volumi tal-produzzjoni ordnati jew ippjanati;
  - (d) it-trawwim tal-industrijalizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tad-difiża li ġew żviluppati fil-qafas ta' azzjonijiet iffinanzjati mill-Unjoni jew attivitajiet kooperattivi oħra mwettqa bl-appoġġ ta' mill-inqas żewġ Stati Membri inkluż permezz tal-istabbiliment ta' sħubijiet industrijali transfruntieri, sħubijiet pubbliċi privati jew forom oħra ta' kooperazzjoni industrijali, żieda fil-produzzjoni inizjali kif ukoll liċenzjar tal-produzzjoni, fejn xieraq;
  - (e) l-ittestjar, inkluż l-infrastruttura meħtieġa, u, kif xieraq, iċ-ċertifikazzjoni tar-rikundizzjonar tal-prodotti rilevanti tad-difiża bil-ħsieb li tiġi indirizzata l-obsolexxenza tagħhom u biex ikunu jistgħu jintużaw mill-utenti finali;
  - (f) it-tnaqqis tad-dipendenzi strateġiċi industrijali, b'mod partikolari s-sostituzzjoni ta' komponenti soġġetti għal restrizzjonijiet minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz jew l-iżvilupp tal-kapaċità li jiġu sostitwiti jew jitneħħew tali komponenti.
2. Biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-prodotti tad-difiża tal-UE fil-ħin u fil-volum u b'hekk titrawwem il-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB, European Defence Technological and Industrial Base) kif ukoll, meta rilevanti, tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża (DTIB, Defence Technological and Industrial Base) tal-Ukrajna, il-Kummissjoni għandha tappoġġa s-sett ta' miżuri li ġejjin (il-Mekkaniżmu ta' Bejgħ Militari tal-UE – MSM tal-UE):

- (a) l-istabbiliment, il-ġestjoni u l-manutenzjoni ta' riżervi tal-prontezza industrijali tad-difiża ta' prodotti tad-difiża;
  - (b) l-istabbiliment u l-manteniment ta' katalogu uniku u ċentralizzat ta' prodotti tad-difiża żviluppati mill-EDTIB; u d-DTIB tal-Ukrajna;
  - (c) it-tishiġ tal-kapaċitajiet amministrattivi relatati mal-akkwist pubbliku ta' prodotti tad-difiża.
3. Riżerva tal-Prontezza Industrijali tad-Difiża, kif imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a), għandha tiġi stabbilita, ġestita u miżmuma biss minn SEAP, kif stabbilit fir-Regolament [EDIP] u għandha toffri lill-Istati Membri, lill-pajjiżi assoċjati u lill-Ukrajna għażla ta' xiri jew użu/kiri immedjata u preferenzjali tal-prodotti tad-difiża li huma parti mir-riżerva.
  4. Il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA, European Defence Agency), għandha tistabbilixxi u żżomm aġġornat il-katalogu msemmi fil-paragrafu 2, il-punt (b). Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-EDA u tqis il-fehmiet tagħha dwar it-tfassil tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal dak il-katalogu u, fejn xieraq, għandha takkwista l-pjattaforma korporattiva tal-IT meħtieġa biex jiġi stabbilit. L-Istati Membri, l-Ukrajna u l-operaturi ekonomiċi għandhom jiġu mistiedna jippopolaw dak il-katalogu fuq bażi volontarja.

#### *Artikolu 48*

#### **Akkwist, Manutenzjoni u Disponibbiltà Komuni fil-Qasam tad-Difiża**

1. Il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet li għandhom l-għan li jżidu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati fl-iżvilupp konġunt tal-kapaċitajiet ta' ċertifikazzjoni, fl-akkwist, fil-manutenzjoni u fid-disponibbiltà tal-kapaċitajiet ta' difiża, u b'hekk inaqqsu l-frammentazzjoni u jtejbu l-interoperabbiltà, jiksbu ekonomiji ta' skala, jiżguraw aċċess aktar rapidu għat-tagħmir meħtieġ, u jsaħħu l-prontezza tad-difiża kollettiva.
2. L-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati li jwettqu azzjoni relatata mal-akkwist, il-manutenzjoni u d-disponibbiltà komuni fil-qasam tad-difiża għandhom jaħtru, b'unanimità, entità legali eliġibbli bħala aġent biex taġixxi f'isimhom għall-finijiet ta' dik l-azzjoni. L-aġent għandu, b'mod partikolari, iwettaq il-proċeduri ta' akkwist u jikkonkludi l-kuntratti li jirriżultaw mal-kuntratturi f'isem il-pajjiżi parteċipanti. L-aġent tal-akkwist jista' jipparteċipa fl-azzjoni bħala benefiċjarju u jista' jaġixxi bħala l-koordinatur tal-konsorzju, u jista' għalhekk ikun kapaċi jiġġestixxi u jikkombina fondi mill-Programm u fondi mill-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati parteċipanti.
3. L-aġent għandu japplika fil-proċeduri ta' akkwist u tal-kuntratti tiegħu kriterji ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 51 għall-proċeduri ta' akkwist u l-kuntratti tiegħu mal-kuntratturi, u jeħtieġ fis-sejħa għall-offerti li dawn il-kriterji jiġu applikati għas-sottokuntratturi.
4. L-aġenti għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'garanziji u miżuri ta' mitigazzjoni msemmija fl-Artikolu 51. Aktar informazzjoni dwar dawk il-garanziji u l-miżuri ta' mitigazzjoni għandhom ikunu disponibbli għall-Kummissjoni fuq talba. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 83(1), il-punt e. bi kwalunkwe notifika pprovduta f'konformità ma' dan il-paragrafu.
5. Kwalunkwe kuntratt li jirriżulta minn azzjoni relatata mal-akkwist, il-manutenzjoni u d-disponibbiltà komuni fil-qasam tad-difiża għandu jinkludi dispożizzjonijiet li

jirregolaw ix-xiri ta' kwantitajiet addizzjonali ta' prodotti tad-difiża għal Stati Membri oħra, pajjiżi assoċjati jew l-Ukrajna.

6. Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "aġent" tfisser awtorità kontraenti kif iddefinita fl-Artikolu 2(1), il-punt (1), tad-Direttiva 2014/24/UE u fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2014/25/UE stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż assoċjat, l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, Struttura għall-Programm Ewropew dwar l-Armamenti jew organizzazzjoni internazzjonali u li hija ddeżinjata mill-Istati Membri, mill-pajjiżi assoċjati jew mill-Ukrajna biex twettaq akkwist komuni f'isimhom.

#### *Artikolu 49*

### **Iffaċilitar u Appoġġ tal-Loġistika Militari**

1. Attivitajiet relatati mat-titjib tal-mobbiltà militari fl-Unjoni billi jiġi appoġġat l-użu doppju ta' assi ċivili-militari, inklużi tagħmir, infrastruttura u sovrastrutturi, jiġu ffaċilitati, permessi u appoġġati l-movimenti militari u l-aċċess għall-kapaċitajiet ta' mobbiltà militari, inkluż, permezz tal-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni ta' assi ta' mobbiltà militari; dan jinkludi wkoll l-appoġġ għall-bażijiet militari, li jinkludu akkomodazzjoni għal persunal militari u infrastruttura soċjali, biex jippermettu u jsostnu aktar stazzjonar ta' persunal militari fl-Istati Membri; jistgħu jkopru:
  - (a) L-inċentivar tal-akkwist ta' prodotti li jippermettu jew itejbu l-moviment, it-trasport, jew l-iskjerament ta' persunal, tagħmir jew provvisti militari, u jtejbju l-aċċess għall-kapaċitajiet tal-mobbiltà militari.
  - (b) L-assistenza lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni u l-aċċess għar-riżorsi tat-trasport u loġistiċi u tagħmir li jista' jkun disponibbli mis-suq kummerċjali jew minn sorsi oħra għall-fini ta' appoġġ għall-mobbiltà militari.
  - (c) L-appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi relatati mal-Mobbiltà Militari, biex jiġi żgurat u ffaċilitat l-iskambju dirett u sigur ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri li jitolbu u japprovaw il-moviment militari u proċeduri rilevanti oħra.
  - (d) It-tiġid, il-modernizzazzjoni, l-espansjoni u l-adattament mill-ġdid tal-kapaċitajiet industrijali għall-produzzjoni u l-manutenzjoni ta' prodotti li jikkontribwixxu direttament għall-mobbiltà militari fl-Unjoni u jtejbjuha .
  - (e) It-taħriġ, it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-persunal biex tittejjeb id-disponibbiltà ta' persunal bil-ħiliet għat-trasport ta' prodotti, komponenti u provvisti tad-difiża, b'mod partikolari għall-moviment sikur u effiċjenti ta' oġġetti ta' daqs eċċessiv, ta' piż żejjed u perikolużi.
  - (f) It-tiġid tal-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastrutturi li huma strateġiċi għall-mobbiltà militari speċjalment għal dawk li jinsabu f'kuritur tal-mobbiltà militari u dawk li għandhom impatt Ewropew.
  - (g) Azzjonijiet ta' appoġġ għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni. Dan jinkludi l-appoġġ lill-istituzzjonijiet rilevanti, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati, l-istudji, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod u infrastrutturi, inklużi l-infrastruttura u l-għodod tal-IT.
2. L-attivitajiet se jiġu implimentati f'komplementarjetà mar-Regolament (UE) [XXX] [FNE].

## Artikolu 50

### Regoli komplimentari dwar l-assoċjazzjoni ta' pajjiżi terzi

1. Minbarra r-regoli fl-Artikolu 11, l-azzjonijiet taħt l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2), il-punt d, is-subpunt (2) għandhom ikunu miftuħa għall-parteċipazzjoni ta':
  - (a) Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA, European Free Trade Association) li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim dwar iż-ŻEE;
  - (b) l-Ukrajna.
2. B'mod komplimentari għad-dispożizzjonijiet meħtieġa fl-Artikolu 11, il-ftehim ta' assoċjazzjoni ma' pajjiżi terzi għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1 għandu
  - (a) jispesifika kif il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għandhom jiġu adattati, b'mod partikolari biex jippermettu l-parteċipazzjoni ta' entitajiet stabbiliti fil-pajjiż assoċjat iżda kkontrollati minn pajjiż terz ieħor jew minn entità ta' pajjiż terz ieħor;
  - (b) jistabbilixxi miżuri xierqa biex jiżguraw is-sigurtà tal-provvista kif ukoll kwalunkwe miżura oħra meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri;
  - (c) jikkontribwixxi għal aktar standardizzazzjoni tas-sistemi tad-difiża u interoperabbiltà akbar bejn il-kapaċitajiet tal-Istati Membri u ta' dawk il-pajjiżi terzi l-oħra.

## Artikolu 51

### Regoli tal-eliġibbiltà kumplimentari għall-għotjiet

1. Minbarra li jissodisfaw kwalunkwe kundizzjoni ta' eliġibbiltà prevista fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament, ir-riċevituri tal-finanzjament mill-Unjoni għandhom jikkonformaw mal-obbligi inklużi fil-paragrafi 2 sa 6.
2. Ir-riċevituri għandu jkollhom l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħhom fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat u ma għandhomx ikunu soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat.
3. B'deroga mill-paragrafu 2, entità legali stabbilita fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat u kkontrollata minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat għandha tkun eliġibbli li tkun riċevitur ta' finanzjament mill-Unjoni jekk il-garanziji approvati f'konformità mal-proċeduri nazzjonali ta' Stat Membru jew ta' pajjiż assoċjat li fih tkun stabbilita; inklużi miżuri adegwati skont l-iskrinjar, kif stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) 2019/452, isiru disponibbli għall-Kummissjoni.
4. Dawn il-miżuri tal-garanziji għandhom jipprovdu assigurazzjonijiet li l-involviment f'azzjoni ta' entità legali kif imsemmi f'dak is-subparagrafu ma jmurx kontra l-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha kif stabbilit fil-qafas tal-PESK skont it-Titolu V tat-TEU.
5. Il-garanziji kif imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom b'mod partikolari jissostanzjaw li, għall-finijiet ta' azzjoni, hemm fis-seħħ miżuri biex jiġi żgurat li:
  - (a) il-kontroll fuq l-entità legali ma jiġix eżerċitat b'mod li jillimita jew jirrestrinġi l-abbiltà tagħha li twettaq l-azzjoni u tikseb riżultati, li jimponi restrizzjonijiet b'rabta mal-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi, ir-riżorsi, il-propjetà intellettuali jew l-għarfien

espert tagħha meħtieġa għall-finijiet tal-azzjoni, jew li jimmina l-kapaċitajiet u l-istandards tagħha meħtieġa għat-twettiq tal-azzjoni;

- (b) jiġi evitat aċċess minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat għal informazzjoni sensitiva relatata mal-azzjoni u l-impjegati jew persuni oħra involuti fl-azzjoni jkollhom approvazzjoni tas-sigurtà nazzjonali maħruġa minn Stat Membru jew minn pajjiż assoċjat, fejn xieraq;
  - (c) is-sjieda tal-propjetà intellettwali li tkun ġejja mill-azzjoni, u r-riżultati tagħha, jibqgħu tar-riċevitur matul l-azzjoni u, wara li din titlesta, ma jkunux soġġetti għal kontroll jew restrizzjoni minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat, u la jiġu esportati barra mill-Unjoni jew barra minn pajjiżi assoċjati u lanqas ma jkunu aċċessibbli minn barra l-Unjoni jew minn barra l-pajjiżi assoċjati mingħajr l-approvazzjoni tal-Istat Membru jew il-pajjiż assoċjat li fih tkun stabbilita l-entità legali u f'konformità mal-għanijiet stipulati fl-Artikolu 3.
6. Jekk jitqies xieraq mill-Istat Membru jew mill-pajjiż assoċjat li fih tkun stabbilita l-entità legali, jistgħu jiġu pprovduti garanziji addizzjonali.
  7. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 83(1), il-punt (e), bi kwalunkwe entità legali li titqies eliġibbli f'konformità ma' dan il-paragrafu.
  8. Sakemm mhux f'ċerti ċirkostanzi debitament sostanzjati u eċċezzjonali li għandhom jiġu ddefiniti fil-programm ta' ħidma jew fid-dokumenti relatati mal-proċedura tal-ġhoti, l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tar-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni involuti f'azzjoni li jintużaw għall-finijiet ta' dik l-azzjoni għandhom ikunu jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru jew ta' pajjiż assoċjat. Fejn xieraq, il-programmi ta' ħidma jistgħu jstabbilixxu eċċezzjonijiet kundizzjonali għal din ir-regola.
  9. Għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punti (a), (b), (e) u fl-Artikolu 45(2), il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 sa 6 għandhom japplikaw għas-sottokuntratturi involuti fl-azzjoni. "Sottokuntratturi involuti f'azzjoni" tirreferi għal sottokuntratturi b'relazżjoni kuntrattwali diretta ma' riċevitur, sottokuntratturi oħra li għalihom huma allokat i mill-anqas 10 % tal-ispejjeż eliġibbli totali tal-azzjoni, u sottokuntratturi li jistgħu jeħtieġu aċċess għal informazzjoni klassifikata sabiex iwettqu l-azzjoni. Is-sottokuntratturi involuti f'azzjoni ma jkunux membri tal-konsorzju.
  10. Għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punti (a) u (d), il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 sa 6 għandhom japplikaw għas-sottokuntratturi involuti fl-azzjoni jew fl-akkwist komuni. "Sottokuntratturi involuti fl-akkwist komuni" tfisser entitajiet legali li jipprovdu kontributi kritiċi li fihom attributi uniċi essenzjali għall-funzjonament ta' prodott, li jkun allokat i mill-inqas 15 % tal-valur tal-kuntratt, u li jeħtieġu aċċess għal informazzjoni klassifikata għat-twettiq tal-kuntratt.
  11. Ir-riżultati tal-azzjonijiet imsemmija f'44(1), il-punti (a) u (b) u fl-Artikolu 44(2), kif ukoll il-prodotti jew it-teknoloġiji li jirriżultaw minn dawn l-azzjonijiet, ma għandhomx ikunu soġġetti għal xi kontroll jew restrizzjoni minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat, direttament, jew indirettament permezz ta' entità legali intermedja waħda jew aktar, inkluż f'termini ta' trasferiment ta' teknoloġija.
  12. Għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punti (a), (c) u (d), il-kost smat tal-komponenti li joriġinaw fl-Unjoni ma għandux ikun anqas minn 65 % tal-kost smat tal-prodott finali. L-ebda komponent ma għandu jiġi akkwistat minn pajjiżi terzi li

jmorru kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri, inkluż ir-rispett tal-prinċipju ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat.

13. Għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punti (a), (c) u (d), ir-riċevituri u l-kuntratturi għandu jkollhom il-kapaċità li jiddeċiedu, mingħajr restrizzjonijiet imposti minn pajjiżi terzi jew minn entitajiet ta' pajjiżi terzi, dwar id-definizzjoni, l-adattament u l-evoluzzjoni tad-disinn tal-prodott ta' difiża akkwistat jew iż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni li tkun appoġġata, inkluża l-awtorità legali li tissostitwixxi jew tneħħi komponenti li huma soġġetti għal restrizzjonijiet imposti minn pajjiżi terzi jew minn entitajiet ta' pajjiżi terzi.
14. Għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punti (c) u (d), il-programm ta' ħidma jista' jipprevedi li r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà stabbiliti fil-paragrafi 10 u 11 ta' dan l-Artikolu jiġu vvalutati fi tmiem l-azzjoni.
15. Ħlief għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44, il-paragrafu 2 jew sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-programmi ta' ħidma, l-appoġġ tal-Unjoni għandu jingħata biss għal azzjonijiet imwettqa minn:
  - (a) entitajiet legali li jikkooperaw fi ħdan konsorzju ta' mill-inqas tliet entitajiet legali eliġibbli li jkunu stabbiliti f'mill-anqas tliet Stati Membri jew pajjiżi assoċjati differenti. Mill-inqas tlieta minn dawk l-entitajiet legali eliġibbli stabbiliti f'mill-anqas żewġ Stati Membri differenti jew pajjiżi assoċjati ma għandhomx, matul il-perjodu kollu li matulu titwettaq l-azzjoni, ikunu kkontrollati, direttament jew indirettament, mill-istess entità legali u ma għandhomx jikkontrollaw lil xulxin;
  - (b) jew Struttura għall-Programm Ewropew dwar l-Armamenti stabbilit f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX][EDIP]
16. Jekk jinħoloq reġistru fil-livell tal-Unjoni bl-għan li tiżdied id-disponibbiltà ta' prodotti li jippermettu jew itejbu l-mobbiltà, it-trasport, jew l-iskjerament ta' persunal, tagħmir jew provvisti militari, prodotti appoġġati skont l-Artikolu 45a għandhom jiġu rreġistrati f'dak ir-reġistru bl-għan li dak il-prodott isir disponibbli għall-Unjoni jew għall-Istati Membri tagħha.
17. L-entitajiet legali li ġejjin biss għandhom ikunu eliġibbli għal azzjonijiet relatati mal-akkwist, mal-manutenzjoni u mad-disponibbiltà komuni tad-difiża, kif imsemmi fl-Artikolu 48:
  - (a) l-awtoritajiet kontraenti pubbliċi tal-Istati Membri jew tal-pajjiżi assoċjati;
  - (b) l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali;
  - (c) l-Istrutturi għall-Programm Ewropew dwar l-Armamenti, stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX] [EDIP];
  - (d) l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża.
18. Minkejja l-Artikolu 201 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, għandha tiġi vverifikata biss il-kapaċità finanzjarja ta' koordinatur ta' konsorzju.
19. F'konformità mal-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-kumitat ta' evalwazzjoni jista' jiġi assistit minn esperti esterni indipendenti li jkollhom approvazzjoni tas-sigurtà personali valida, jekk ikun meħtieġ mill-programm ta' ħidma. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 242 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-lista ta' esperti indipendenti ma għandhiex issir pubblika.

## Artikolu 52

### Rati ta' finanzjament

1. Għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punt (a), l-appoġġ tal-Unjoni jista' jkopri sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli.
2. Għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punt (b), li jappoġġaw ir-riċerka u l-innovazzjoni fid-difiża, l-appoġġ tal-Unjoni jista' jkopri sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli.
3. Għal azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punt (b), li jappoġġaw l-iżvilupp ta' teknoloġiji u kapaċitajiet tad-difiża, l-appoġġ tal-Unjoni jista' jkopri sa 50 % tal-kostijiet eliġibbli jew, għall-akkwist ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp, sa 50 % tal-valur stmat tal-kuntratt.
4. Għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punt (c), l-appoġġ tal-Unjoni jista' jkopri sa 50 % tal-kostijiet eliġibbli.
5. Għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punt (d), l-appoġġ tal-Unjoni jista' jkopri sa 25 % tal-valur stmat tal-akkwist komuni.
6. Għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punt (e), l-appoġġ tal-Unjoni jista' jkopri:
  - (a) fejn l-azzjoni tappoġġa akkwist imwettaq mill-Istati Membri sa 25 % tal-valur stmat tal-akkwist;
  - (b) fejn l-azzjonijiet għandhom l-għan li jgħinu lill-Istati Membri jaċċessaw riżorsi tat-trasport u loġistiċi, sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli.
7. Sabiex titqies kif xieraq is-sitwazzjoni partikolari tas-Sieħeb Strateġiku kkonċernat, l-appoġġ tal-Unjoni jista' jkopri sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punt (f).
8. B'deroga mill-Artikolu 184(6) tar-Regolament Finanzjarju, għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punt (a) u (b), l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli jista' jawtorizza jew jimponi, fil-forma ta' rati fissi, finanzjament tal-kostijiet indiretti tal-benefiċjarju sa massimu ta' 25 % tal-kostijiet diretti eliġibbli totali, esklużi l-kostijiet eliġibbli diretti għas-sottokuntrattar, l-appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi u kwalunkwe kost unitarju jew somma f'daqqa li tinkludi l-kostijiet indiretti.

## Artikolu 53

### Kriterji għall-għoti

1. Kif speċifikat fil-programmi ta' ħidma, il-proposti għal azzjonijiet għandhom jiġu vvalutati f'konformità ma' kriterji tal-għoti orjentati lejn l-eċċellenza:
  - (a) Il-kwalità u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-azzjoni.
  - (b) L-oġettivi, il-prijoritajiet u r-riżultati mistennija stabbiliti għall-azzjoni rilevanti, b'mod partikolari permezz tal-evalwazzjoni ta' wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin kif speċifikat fil-programmi ta' ħidma: (i) il-kontribut għall-eċċellenza fil-qasam tad-difiża, (ii) il-kapaċitajiet tal-innovazzjoni, (iii) il-kooperazzjoni transfruntiera, b'mod partikolari mal-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja li jgħibu valur miżjud sostanzjali għall-azzjoni, (iv) il-kompetittività, (v) iż-żieda fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni u d-disponibbiltà, (vi) it-tnaqqis taż-żmien meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-

produzzjoni, (v) iż-żieda fl-interoperabbiltà, (vii) iż-żieda fl-interkambjabbiltà u (viii) is-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni kollha b'reazzjoni għar-riskji identifikati, inkluż b'mod partikolari l-esponent għoli għar-riskju ta' materjalizzazzjoni ta' theddid militari konvenzjonali.

#### *Artikolu 54*

#### **Sjieda tar-riżultati**

1. Meta l-appoġġ tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni kif ukoll l-awtoritajiet tal-għoti għandhom igawdu, fuq talba, drittijiet ta' aċċess mingħajr royalties għar-riżultati għall-fini tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' politiki jew programmi eżistenti tal-Unjoni fl-oqsma tal-kompetenza tagħha u d-dritt li jagħtu, jew li jitolbu lir-riċevituri jagħtu, liċenzji mhux esklużivi lil partijiet terzi biex jisfruttaw ir-riżultati b'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli li għandhom jiġu stabbiliti fir-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-partijiet interessati mingħajr ebda dritt ta' sottoliċenzjar sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-ftehim ta' għotja.
2. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar il-kontroll tal-esportazzjoni taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri u tal-pajjiżi assoċjati:
  - (a) L-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati għandhom igawdu mid-drittijiet ta' aċċess għar-rapporti speċjali ta' attivitajiet iffinanzjati skont l-Artikolu 44, il-paragrafu 1, il-punt (b). Dawn id-drittijiet ta' aċċess għandhom jingħataw fuq bażi mingħajr royalties u jiġu ttrasferiti mill-Kummissjoni lill-Istati Membri u lill-pajjiżi assoċjati, wara li l-Kummissjoni tkun żgurat li hemm obbligi xierqa ta' kunfidenzjalità fis-seħħ.
  - (b) L-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri u tal-pajjiżi assoċjati għandhom jużaw ir-rapport speċjali biss għal finijiet relatati mal-użu mill-forzi armati jew il-forzi tas-sigurtà jew tal-intelligence tagħhom, jew għalihom, inkluż fil-qafas tal-programmi koperattivi tagħhom. Tali użu għandu jinkludi l-istudju, l-evalwazzjoni, il-valutazzjoni, ir-riċerka, id-disinn, l-aċċettazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti, it-tħaddim, it-taħriġ u r-rimi kif ukoll il-valutazzjoni u l-abbozzar ta' rekwiżiti tekniċi għall-akkwist.
  - (c) Meta żewġ Stati Membri jew pajjiżi assoċjati jew aktar, b'mod multilaterali jew fil-qafas tal-Unjoni, ikunu kkonkludew b'mod konġunt kuntratt wieħed jew aktar ma' riċevitur wieħed jew aktar biex ikomplu jiżviluppaw flimkien ir-riżultati tal-attivitajiet appoġġati mill-Fond skont l-Artikolu 45, il-paragrafu 1, il-punt (b), huma għandhom igawdu drittijiet ta' aċċess għal dawk ir-riżultati inkwantu jkunu proprjetà ta' tali riċevituri u jkunu meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt jew kuntratti. Tali drittijiet ta' aċċess għandhom jingħataw fuq bażi mingħajr royalties u taħt kundizzjonijiet speċifiċi bl-għan li jiġi żgurat li dawk id-drittijiet jintużaw biss għall-finijiet tal-kuntratt jew kuntratti u li jiġu stabbiliti obbligi ta' kunfidenzjalità xierqa.
  - (d) Għal azzjonijiet li jappoġġaw l-iżvilupp ta' teknoloġiji u kapaċitajiet tad-difiża, id-drittijiet ta' aċċess għar-riżultati tal-azzjonijiet ta' żvilupp għandhom jingħataw lill-awtoritajiet nazzjonali li jikkofinanzjaw l-azzjoni b'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli li għandhom jiġu miftiehma mar-riċevituri li jiġġeneraw dawk ir-riżultati. It-termini u l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' tali drittijiet ta' aċċess għandhom jiġu stabbiliti fir-relazzjoni kuntrattwali bejn ir-riċevituri u l-awtoritajiet nazzjonali li jikkofinanzjaw l-azzjoni.

- (e) Għal azzjonijiet li jappoġġaw it-tisħiħ industrijali tad-difiża, l-espansjoni, jew l-istabbiliment ta' kapaċitajiet ta' produzzjoni strateġiċi, il-Kummissjoni għandha titħalla tipprovdi lill-Istati Membri u lill-pajjiżi assoċjati bid-dokumentazzjoni tal-azzjoni rilevanti fuq talba sabiex jiġi evitat finanzjament doppju tal-istess kostijiet.
  - (f) Meta l-Unjoni tappoġġa l-akkwist komuni ta' prodotti tad-difiża, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati parteċipanti għandhom jagħmlu sett rilevanti ta' informazzjoni, bħall-karatteristiċi ewlenin, il-prestazzjonijiet, il-kostijiet unitarji u l-ħinijiet tal-konsenja, disponibbli għal Stati Membri u pajjiżi assoċjati oħra fuq talba biex ikunu jistgħu jissieħbu fl-akkwist fi stadju aktar tard b'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli.
  - (g) Tali drittijiet ta' aċċess għandhom jinkludu d-dritt li entitajiet legali oħra stabbiliti fl-Unjoni jew f'pajjiżi assoċjati jiġu awtorizzati jużaw ir-riżultati f'isimhom, b'kundizzjonijiet ta' kunfidenzjalità fejn xieraq.
3. Kwalunkwe trasferiment tas-sjeda tar-riżultati, jew l-ġħoti ta' liċenzji esklużivi għar-riżultati, iġġenerati b'appoġġ għal entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati jew għal entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati għandu jkun soġġett għal notifika u approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni jew mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru jew tal-pajjiż assoċjat, li jseħħu fi żmien 3 snin wara l-aħħar pagament tal-azzjoni, b'kundizzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni.

#### *Artikolu 55*

#### **Regoli addizzjonali applikabbli dwar informazzjoni klassifikata**

1. Il-persuni fiżiċi li huma residenti f'pajjiżi terzi u l-persuni ġuridiċi li huma stabbiliti f'pajjiżi terzi jistgħu jitrattaw informazzjoni klassifikata tal-Unjoni dwar il-Programm biss meta jkunu soġġetti, f'dawk il-pajjiżi, għal regolamenti dwar is-sigurtà li jiżguraw grad ta' protezzjoni mill-inqas ekwivalenti għal dak previst mir-regoli tas-sigurtà tal-Kummissjoni u tal-Kunsill, kif stabbilit fid-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444 u d-Deċiżjoni 2013/488/UE, rispettivament.
2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni 2013/488/UE u għar-regoli li jirregolaw il-qasam tas-sigurtà industrijali stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444, persuna fiżika jew ġuridika, pajjiżi terzi jew organizzazzjoni internazzjonali jistgħu jingħataw aċċess għal informazzjoni klassifikata tal-Unjoni fejn jitqies meħtieġ fuq bażi ta' każ b'każ, skont in-natura u l-kontenut ta' tali informazzjoni, il-ħtieġa ta' taġġir tar-riċevitur u l-grad ta' vantaġġ għall-Unjoni.
3. Meta l-azzjonijiet ikunu jinvolvu, jeħtieġu jew jinkludu informazzjoni klassifikata, il-korp ta' finanzjament rilevanti għandu jispeċifika fid-dokumenti li jikkonċernaw is-sejħa għal proposti jew offerti l-miżuri u r-rekwiżiti meħtieġa biex tiġi żgurata s-sigurtà ta' tali informazzjoni fil-livell meħtieġ.
4. L-ekwivalenza tar-regolamenti dwar is-sigurtà applikati f'pajjiżi terzi jew minn organizzazzjoni internazzjonali għandha tiġi stabbilita fi ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni, inklużi kwistjonijiet ta' sigurtà industrijali jekk rilevanti, li jkun konklużjoni jew li għandu jiġi konklużjoni bejn l-Unjoni u dak il-pajjiżi terzi jew l-organizzazzjoni internazzjonali f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 218 TFUE u filwaqt li jitqies l-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni 2013/488/UE.
5. Il-qafas tas-sigurtà biex tiġi żgurata l-protezzjoni xierqa tal-informazzjoni eżistenti klassifikata ġġenerata fit-tweqqif ta' azzjoni finanzjata taħt din it-Taqsima għandu jiġi

stabbilit f'konformità mad-Deċiżjonijiet (UE, Euratom) 2015/444 u r-regoli ta' implimentazzjoni, bl-ghajjnuna ta' esperti tas-sigurtà maħtura mill-Istati Membri u mill-pajjiżi assoċjati li fit-territorju tagħhom ikunu stabbiliti l-benefiċjarji. L-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati, fil-qafas tal-ħidma tal-Grupp ta' Esperti għas-Sigurtà tal-Kummissjoni (ComSEG, Commission Security Expert Group), għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bi gwida dwar il-klassifikazzjoni tas-sigurtà maqbula b'mod konġunt. Jekk ma tiġi stabbilita l-ebda gwida ta' klassifikazzjoni tas-sigurtà speċifika maqbula b'mod konġunt mill-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-qafas tas-sigurtà għall-azzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tas-sigurtà tal-Kummissjoni. L-informazzjoni miksuba klassifikata ġenerata fit-twettiq ta' azzjoni ffinanzjata taħt din it-Taqsima ma għandhiex tiġi disseminata aktar mingħajr "ħtieġa ta' tagħrif" iċċertifikata maqbula mill-Istati Membri parteċipanti u l-pajjiżi assoċjati. Il-qafas ta' sigurtà applikabbli għall-azzjoni għandu fi kwalunkwe każ jiġi stabbilit qabel l-iffirmar tal-ftehim ta' finanzjament.

#### *Artikolu 56*

#### **Bord Konsultattiv Industrijali għad-Difiża**

1. Il-Bord Konsultattiv Industrijali għad-Difiża huwa b'dan stabbilit.
2. Il-kompitu ġenerali tal-Bord huwa li jassisti u jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament. Huwa għandu jipprovdi b'mod partikolari pariri dwar l-istrateġija ta' investiment fuq terminu twil tat-tieqa tal-politika tad-difiża.
3. Il-Bord Konsultattiv Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli/Kap tal-Aġenzija. Kull Stat Membru għandu jinnomina rappreżentant wieħed u rappreżentant sostitut wieħed.

### **TAQSIMA 3**

## **SISTEMI SPAZJALI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA DWAR L-ISPAZJU**

#### *Artikolu 57*

#### **Dispożizzjonijiet speċifiċi**

1. L-attivitajiet appoġġati taħt din it-taqsimha għandhom jikkontribwixxu għall-oġġettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u l-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (e).
2. L-appoġġ għall-attivitajiet taħt din it-taqsimha għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit stabbilit fl-Artikolu 4(2), il-punt (e), u kwalunkwe kontribuzzjoni addizzjonali assenjata f'konformità mal-Artikolu 6.

#### *Artikolu 58*

#### **Komponenti**

1. Is-sistemi fl-ispazju u l-politika dwar l-ispazju tal-Unjoni għandhom jiġu implimentati b'mod partikolari permezz tal-komponenti li ġejjin:

- (a) Pożizzjonament, Navigazzjoni u Sinkronizzazzjoni (PNT, Positioning, Navigation and Timing), inklużi s-subkomponenti ta' Galileo u EGNOS;
- (b) L-Osservazzjoni tad-Dinja (EO, Earth Observation), inklużi s-subkomponenti Copernicus u s-Servizz Governattiv għall-Osservazzjoni tad-Dinja (EOGS, Earth Observation Governmental Service);
- (c) Konnettività Sigura, inkluż is-subkomponenti tal-Infrastruttura għar-Reżiljenza, l-Interkonnettività u s-Sigurtà bis-Satellita (IRIS<sup>2</sup>, Resilience, Interconnectivity and Security by Satellite) u l-Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita (GOVSATCOM, Governmental Satellite Communication);
- (d) Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju (SSA, Space Situational Awareness), inklużi s-subkomponenti tas-Sorveljanza u Inseguwiment fl-Ispazju (SST, Space Surveillance and Tracking), Avvenimenti tat-Temp Spazjali (SWE, Space Weather Events), u Oġġetti Qrib id-Dinja (NEO, Near Earth Objects);
- (e) l-aċċess għall-ispazju;
- (f) Il-kummerċjalizzazzjoni tal-ispazju u l-ekonomija spazjali;
- (g) Is-sovranià teknoloġika, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

Il-programmi ta' ħidma adottati f'konformità mar-regoli ta' dan ir-Regolament taħt din it-taqsimha għandhom jintegraw f'parti speċifika ddedikata u jiżguraw koerenza mal-attivitajiet tal-Kompetittività u s-Soċjetà appoġġati skont ir-Regolament (UE) [XXX][*il-Programm Qafas Orizzont Ewropa*] u b'kont meħud tar-regoli speċifiċi taħt din it-Taqsimha.

#### *Artikolu 59*

#### **Pożizzjonament, Navigazzjoni u Sinkronizzazzjoni (PNT)**

1. Il-komponent ta' Pożizzjonament, Navigazzjoni u Sinkronizzazzjoni (PNT) (is-subkomponenti Galileo u EGNOS) appoġġat taħt din it-taqsimha għandu jipprovdi servizzi sikuri u fl-ogħla livell ta' żvilupp tekniku ta' pożizzjonament, ta' navigazzjoni u ta' sinkronizzazzjoni fuq terminu twil, mingħajr interruzzjoni inkluż f'kundizzjonijiet negattivi, u kull fejn possibbli fil-livell globali, u jkun jista' jappoġġa l-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni.
2. L-attivitajiet eliġibbli tal-komponent PNT għandhom jinkludu:
  - (a) mill-inqas il-ġestjoni, l-operazzjoni, il-manutenzjoni, it-titjib kontinwu u l-protezzjoni tal-infrastruttura u tas-servizzi spazjali u tal-art ipprovduti;
  - (b) l-evoluzzjoni tas-servizzi PNT u l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' ġenerazzjonijiet futuri tas-sistemi; inkluż għal orbiti dinjin baxxi (LEO-PNT, Low Earth Orbits);
  - (c) l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp li jappoġġaw il-modernizzazzjoni tal-infrastruttura ("riċerka u żvilupp upstream") u l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet, teknoloġija tal-utent, standardizzazzjoni u ċertifikazzjoni ("riċerka u żvilupp downstream");
  - (d) il-kooperazzjoni ma' sistemi reġjonali jew globali oħra ta' navigazzjoni bis-satellita, inkluż biex jiġu ffaċilitati l-kompatibbiltà u l-interoperabbiltà u l-promozzjoni tar-rwol tal-Unjoni bħala attur globali fis-settur spazjali, titħeġġeġ il-kooperazzjoni internazzjonali, u tiġi appoġġata d-diplomazija spazjali Ewropea.
3. Is-servizzi pprovduti mill-komponent PNT tal-Unjoni għandhom ikopru b'mod partikolari:

- (a) servizz miftuħ għall-użu mill-konsumaturi (OS, open service);
  - (b) servizz ta' akkuratizza għolja għall-użu professjonali jew kummerċjali (HAS, high-accuracy service);
  - (c) awtentikazzjoni tal-messaġġi tan-navigazzjoni b'servizz miftuħ (OSNMA, open service navigation message authentication) għall-awtentikazzjoni tas-servizz miftuħ ta' Galileo);
  - (d) servizz pubbliku regolat ristrett għal utenti awtorizzati mill-gvern (PRS, public regulated service);
  - (e) servizz ta' twissija ta' emerġenza f'diversi perikli (EWSS, emergency warning service);
  - (f) servizz ta' sikronizzazzjoni (TS, timing service);
  - (g) servizz ta' navigazzjoni spazjali għall-użu mill-operaturi tal-assi spazjali;
  - (h) servizz globali awtonomu ta' tiftix u salvataġġ, inkluż għall-utenti governattivi, li jintegra l-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni tar-ritorn biex jappoġġa l-operazzjonijiet ta' salvataġġ (SAR, search and rescue);
  - (i) servizzi ta' sikurezza tal-ħajja għall-utenti li għalihom is-sikurezza hija essenzjali, inklużi l-avjazzjoni ċivili, it-trasport marittimu u applikazzjonijiet oħra tat-trasport (SoL, safety of life);
  - (j) servizz ta' tixrid tad-data (EDAS);
  - (k) servizzi ta' monitoraġġ tal-interferenza tal-frekwenza tar-radju għal komunitajiet tal-utenti awtorizzati differenti tal-komponenti spazjali kollha;
  - (l) kontribuzzjoni għas-servizzi komplimentari tal-PNT, li għandha żżid ir-reżiljenza f'każ ta' tfixkil fis-servizzi pprovduti mill-komponent PNT.
4. Il-PRS għandu jkun mingħajr ħlas għall-Istati Membri, il-Kunsill, il-Kummissjoni, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u, fejn xieraq, l-aġenziji tal-Unjoni awtorizzati debitament. Is-servizzi tal-komponent PNT għandhom jiġu pprovduti bħala prijorità fuq it-territorji li jinsabu ġeografikament fl-Ewropa tal-Istati Membri u tal-pajjiżi terzi kollha li jipparteċipaw fis-subkomponenti tal-PNT.
5. Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, miżuri meħtieġa biex tistabilixxi u tirregola politiki ta' aċċess għad-data u s-servizzi tal-PNT. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 83, il-paragrafu 2.

#### *Artikolu 60*

#### **Osservazzjoni tad-Dinja**

1. Is-sistema Osservazzjoni tad-Dinja (EO) għandha tikkonsisti minn Copernicus, u mis-Servizz Governattiv għall-Osservazzjoni tad-Dinja (EOGS). Copernicus hija sistema ta' osservazzjoni tad-Dinja ċivili, operazzjonali, awtonoma, immexxija mill-utenti u taħt kontroll ċivili, li tibni fuq il-kapaċitajiet nazzjonali u Ewropej eżistenti. Għandha toffri data u servizzi ta' ġeoinformazzjoni, li jinkludu satelliti, infrastruttura tal-art, faċilitajiet tal-ipproċessar tad-data u tal-informazzjoni, u infrastruttura tad-distribuzzjoni, abbażi ta' politika tad-data mingħajr ħlas, sħiħa u miftuħa u, fejn xieraq, li tintegra l-ħtiġijiet u r-rekwiżiti tas-sigurtà.

2. Copernicus għandha tappoġġa wkoll il-formulazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha b'mod partikolari fl-oqsma tal-ambjent, tat-tibdil fil-klima u tal-baħar, is-settur marittimu u atmosferiku l-iżvilupp tal-agrikoltura u rurali, il-preservazzjoni tal-wirt kulturali, il-protezzjoni ċivili, il-monitoraġġ tal-infrastruttura, is-sikurezza u s-sigurtà, kif ukoll l-ekonomija diġitali, taħt it-tieqa tat-Tmexxija Diġitali, li għandha tkun allinjata mal-oġġettiv ta' Copernicus.
3. Copernicus għandha tippromwovi l-koordinazzjoni internazzjonali tas-sistemi ta' osservazzjoni tad-Dinja u l-iskambji relatati ta' data sabiex issaħħaħ id-dimensjoni globali u l-komplementarjetà tagħha filwaqt li tqis il-ftehimiet internazzjonali u l-proċessi ta' koordinazzjoni.
4. "Utenti ewlenin ta' Copernicus" huma l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni u l-korpi pubbliċi Ewropej, nazzjonali jew reġjonali fl-Unjoni jew fil-pajjiżi terzi assoċjati inkarigati b'missjoni ta' servizz pubbliku għad-definizzjoni, l-implimentazzjoni, l-infurzar jew il-monitoraġġ tal-politiki pubbliċi ċivili, bħall-politiki ambjentali, tal-protezzjoni ċivili, tas-sikurezza, inkluża s-sikurezza tal-infrastruttura, jew tas-sigurtà, li jibbenefikaw mid-data ta' Copernicus u mill-informazzjoni ta' Copernicus u li għandhom ir-rwol addizzjonali li jixprunaw l-evoluzzjoni ta' Copernicus.
5. Sabiex jiġu żgurati l-kontinwità u l-evoluzzjoni tagħha, u jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-utenti li qed jevolvu, b'mod partikolari l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni u l-korpi pubbliċi Ewropej, nazzjonali jew reġjonali fl-Unjoni jew fil-pajjiżi terzi assoċjati, Copernicus għandha tkun komposta b'mod partikolari minn:
  - (a) L-Infrastruttura ta' Copernicus, inkluż l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, u l-operazzjonijiet tas-satelliti Sentinel ta' Copernicus, l-aċċess għal data ta' osservazzjoni tad-dinja mill-ispazju ta' partijiet terzi u aċċess sostnut għal data fil-post u data anċillari oħra, inklużi kontribuzzjonijiet possibbli għal networks internazzjonali *in situ*;
  - (b) Is-servizzi ta' Copernicus, inkluż il-monitoraġġ ambjentali fuq livell globali għall-art, it-tibdil fil-klima, l-atmosfera u l-ambjenti tal-baħar; servizzi ta' ġestjoni ta' emerġenza; servizzi ta' prevenzjoni u preparatezza; servizzi tas-sigurtà fl-Unjoni; inklużi s-sorveljanza marittima u l-monitoraġġ tal-fruntieri; appoġġ għall-azzjoni esterna tal-Unjoni u l-Politika Eстера u ta' Sigurtà Komuni;
  - (c) L-aċċess u d-distribuzzjoni tad-data ta' Copernicus, inklużi l-infrastruttura u s-servizzi biex jiġu żgurati l-iskoperta, il-wiri, l-aċċess għal, id-distribuzzjoni u l-isfruttament u l-preservazzjoni fuq terminu twil tad-data ta' Copernicus u tal-informazzjoni ta' Copernicus, b'mod faċli għall-utent, b'mod partikolari s-sinerġiji ma' spazji oħra tad-data, bħall-Ispazju tad-Data tal-Patt Ekoloġiku Ewropew jew it-Tewmin Diġitali.
  - (d) Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, speċifikazzjonijiet tekniċi li jirreferu għall-azzjonijiet eliġibbli elenkati fil-paragrafu 4. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 83, il-paragrafu 2.
6. Il-Kummissjoni tista' tadotta wkoll atti delegati f'konformità mal-Artikolu 84 biex tissupplimenta l-politika tad-data u tal-informazzjoni ta' Copernicus fir-rigward tal-limitazzjonijiet tas-sigurtà kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet, il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-aċċess għad-data ta' Copernicus u għall-informazzjoni ta' Copernicus u għall-użu tagħhom.

7. L-EOGS għandu jipprovdi għarfien imtejjeb tas-sitwazzjoni b'apport għall-preparatezza, għat-teħid tad-deċiżjonijiet u għall-azzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri fl-oqsma tas-sigurtà u d-difiża. L-EOGS għandu b'mod partikolari jinkludi satelliti, infrastruttura tal-art, faċilitajiet għall-ipproċessar tad-data u tal-informazzjoni, u infrastruttura tad-distribuzzjoni. Dan għandu jipprovdi data ta' osservazzjoni tad-dinja sigura, affidabbli, f'waqtha, persistenti u mmirata bbażata fl-ispazju, filwaqt li jirrafforza l-kapaċitajiet eżistenti u ppjanati. Għandu jikkomplementa u jibni fuq il-kapaċitajiet eżistenti pprovduti permezz taċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea, inklużi dawk mill-Istati Membri. L-EOGS jista' jipprovdi wkoll informazzjoni komplimentari għas-servizzi ta' Copernicus, b'mod partikolari għall-protezzjoni ċivili u s-sigurtà.
8. L-EOGS għandu b'mod partikolari jkun kompost minn:
  - (a) L-infrastruttura tal-EOGS, inkluż l-iżvilupp u l-operazzjonijiet ta' missjonijiet spazjali ġodda ta' osservazzjoni tad-dinja mfassla għal applikazzjonijiet governattivi sensitivi; l-aċċess għal data komplimentari ta' osservazzjoni tad-dinja bbażata fl-ispazju minn partijiet terzi; l-aċċess għad-data fil-post u għal data anċillari oħra;
  - (b) Is-servizzi tal-EOGS, inklużi attivitajiet għall-ġenerazzjoni ta' informazzjoni ġeospazjali b'valur miżjud ristretta għall-utenti awtorizzati mill-gvern għal applikazzjonijiet sensitivi għall-għarfien tas-sitwazzjoni, b'apport għat-tħejjija, għat-teħid ta' deċiżjonijiet fl-oqsma tas-sigurtà u tad-difiża;
  - (c) L-aċċess u d-distribuzzjoni tad-data tal-EOGS, inklużi l-infrastruttura u s-servizzi biex jiġu żgurati l-aċċess għal, id-distribuzzjoni u l-isfruttament u l-preservazzjoni fuq terminu twil tad-data u l-informazzjoni tal-EOGS, b'mod sigur.
9. Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, speċifikazzjonijiet tekniċi li jirreferu għall-azzjonijiet eliġibbli tal-EOGS, kif elenkati fil-paragrafu 8. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 83, il-paragrafu 2.
10. L-utenti tal-EOGS għandhom ikunu debitament awtorizzati mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri, u għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 69. L-entitajiet li ġejjin jistgħu jiġu awtorizzati bħala utenti tal-EOGS:
  - (a) awtorità pubblika tal-Unjoni jew ta' Stat Membru jew korp inkarigat bl-eżerċizzju ta' awtorità pubblika;
  - (a) persuna fiżika jew ġuridika li taġixxi f'isem u taħt il-kontroll ta' entità msemmija fil-punt (a).
11. L-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu għall-EOGS b'kapaċitajiet satellitari, siti tas-segment terrestri jew parti mill-faċilitajiet tas-segment terrestri.
12. L-aġenziji tal-Unjoni jista' jkollhom aċċess għall-EOGS biss sa fejn ikun meħtieġ biex iwettqu l-kompiti tagħhom u f'konformità mar-regoli dettaljati stabbiliti f'arranġament amministrattiv konkluż bejn l-aġenzija kkonċernata u l-istituzzjoni tal-Unjoni li tissorveljaha.
13. L-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp għandhom jappoġġaw l-evoluzzjoni ta' Copernicus u EOGS, inklużi s-servizzi tagħhom, u riċerka u żvilupp downstream għall-applikazzjonijiet u t-teknoloġija tal-utenti għall-adozzjoni ta' servizzi ta' Osservazzjoni tad-Dinja.

## Artikolu 61

### Konnettività Sigura

1. L-ambitu tal-komponent tal-Konnettività Sigura għandu b'mod partikolari jkun:
  - (a) l-iżgurar tad-disponibbiltà fuq terminu twil ta' servizzi governattivi affidabbli, siguri u kosteffettivi u servizzi ta' GOVSATCOM;
  - (b) l-iffaċilitar ta' servizzi kummerċjali tal-IRIS<sup>2</sup>;
  - (c) l-iffaċilitar, fejn possibbli, tal-iżvilupp ta' servizzi ta' komunikazzjoni u servizzi addizzjonali mhux ta' komunikazzjoni, b'mod partikolari billi jittejjbu l-attivitajiet u l-komponenti taħt din it-taqsim, jinħolqu sinerġiji bejniethom u jiġu estenzi l-kapaċitajiet u s-servizzi tagħhom, kif ukoll l-iżvilupp ta' servizzi mhux ta' komunikazzjoni li għandhom jiġu pprovduti lill-Istati Membri, billi jiġu ospitati subsistemi satellitari addizzjonali, inkluż il-payloads;
  - (d) it-titjib tal-konnettività sigura fuq żoni ġeografiċi ta' interess strateġiku bħall-Afrika u l-Artiku kif ukoll il-Baltiku, il-Baħar l-Iswed, ir-reġjuni tal-Mediterran u l-Atlantiku.
2. Dan il-komponent għandu jkopri b'mod partikolari l-attivitajiet eliġibbli li ġejjin:
  - (a) id-definizzjoni, id-disinn, l-iżvilupp, il-validazzjoni u l-attivitajiet ta' implimentazzjoni relatati għall-infrastruttura spazjali u tal-art meħtieġa għall-forniment tas-servizzi governattivi tal-IRIS<sup>2</sup>;
  - (b) attivitajiet ta' sfruttament li jipprovdu servizzi governattivi tal-IRIS<sup>2</sup>, li jinkludu t-tħaddim, il-manutenzjoni, it-titjib kontinwu u l-protezzjoni tal-infrastruttura spazjali u tal-art, inkluż il-ġestjoni tar-riforniment u tal-obsollexenza;
  - (c) l-integrazzjoni gradwali tal-EuroQCI fis-sistema ta' Konnettività Sigura;
  - (d) ir-riċerka u l-iżvilupp ta' attivitajiet għall-ġenerazzjonijiet futuri tal-infrastruttura spazjali u tal-art, l-evoluzzjoni tas-servizzi governattivi tal-IRIS<sup>2</sup>; u s-servizzi ta' GOVSATCOM, l-iżvilupp teknoloġiku, b'mod partikolari biex tiġi żgurata s-sovranità teknoloġika tal-Unjoni, u l-adozzjoni ta' servizzi ta' konnettività sigura, inklużi attivitajiet relatati mad-disinn, l-iżvilupp u l-manifattura tat-terminals tal-utenti;
  - (e) l-akkwist u l-forniment ta' kapaċitajiet governattivi u kummerċjali ta' komunikazzjoni bis-satellita, u ta' servizzi u tagħmir tal-utenti meħtieġa għall-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni tas-servizzi ta' GOVSATCOM; il-kapaċitajiet, is-servizzi u t-tagħmir tal-utent, li għandhom jiġu pprovduti minn:
    - (1) Il-parteciċipanti ta' GOVSATCOM kif imsemmija fil-paragrafu 17; jew
    - (2) persuni ġuridiċi debitament akkreditati biex jipprovdu kapaċitajiet jew servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita f'konformità mal-proċedura ta' akkreditament tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 69, li għandha ssir f'konformità mar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 77.
3. L-infrastrutturi tal-IRIS<sup>2</sup> u ta' GOVSACOM għandhom jinkludu r-rekwiżiti li ġejjin:
  - (a) L-infrastruttura ta' IRIS<sup>2</sup> għandha tkun modulari u tikkonsisti f'infrastruttura governattiva u f'infrastruttura kummerċjali. Din għandha tinkludi s-segmenti rilevanti kollha tal-art u tal-ispazju li huma meħtieġa għall-forniment tas-servizzi governattivi, inklużi ċ-ċentri ta' kontroll rilevanti.

- (b) L-infrastruttura kummerċjali tal-IRIS<sup>2</sup> tas-sistema ta' konnettività sigura għandha tinkludi l-assi spazjali u tal-art kollha għajr dawk li huma parti mill-infrastruttura governattiva. L-infrastruttura kummerċjali ma għandhiex tfixxkel il-prestazzjoni jew is-sigurtà tal-infrastruttura governattiva. L-infrastruttura kummerċjali u kwalunkwe riskju relatat għandhom jiġu ffinanzjati kompletament mis-settur privat.
- (c) L-infrastruttura governattiva IRIS<sup>2</sup> għandha tospita, fejn xieraq, subsistemi satellitari addizzjonali, b'mod partikolari l-payloads, li jistgħu jintużaw bħala parti mill-infrastruttura spazjali tal-komponenti spazjali l-oħra tal-FEK, kif ukoll subsistemi satellitari użati għall-forniment ta' servizzi mhux ta' komunikazzjoni lill-Istati Membri.
- (d) L-infrastruttura ta' GOVSATCOM għandha tinkludi l-infrastruttura meħtieġa biex tippermetti l-forniment ta' servizzi ta' GOVSATCOM, b'mod partikolari ċ-Ċentru ta' GOVSATCOM.
- (e) Is-segmenti tal-art u tal-ispazju msemmija fil-paragrafi 3 u 4 u l-operazzjoni tagħhom għandhom jikkonformaw mar-reqwiziti ġenerali tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 77, il-paragrafu 3.
4. Il-forniment ta' servizzi ta' Konnettività Sigura għandu jiġi żgurat kif stabbilit f'portafoll tas-servizzi, u f'konformità mar-reqwiziti operazzjonali u f'konformità mar-reqwiziti tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 77. Il-forniment ta' servizzi ta' GOVSATCOM għandu jsegwi wkoll ir-regoli dwar il-kondiviżjoni u l-prijoritizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 9.
5. L-aċċess għal kapaċitajiet u servizzi ta' GOVSATCOM għandu jkun mingħajr ħlas għall-utenti istituzzjonali u governattivi ħliet jekk il-Kummissjoni tiddefinixxi politika tal-ipprezzar f'konformità mal-paragrafu 11.
6. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-portafoll tas-servizzi għas-servizzi ta' GOVSATCOM u s-servizzi governattivi tal-IRIS<sup>2</sup>, inklużi servizzi lil utenti awtorizzati mill-gvern abbażi tal-infrastruttura kummerċjali.
7. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-reqwiziti operazzjonali għas-servizzi ta' GOVSATCOM u għas-servizzi governattivi tal-IRIS<sup>2</sup>.
8. Il-kondiviżjoni u l-prijoritizzazzjoni tas-servizzi ta' GOVSATCOM għandhom jiprijoritizzaw lill-utenti ta' GOVSATCOM skont ir-rilevanza u l-kritikalità tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-regoli dettaljati dwar il-kondiviżjoni u l-prijoritizzazzjoni tal-kapaċitajiet, tas-servizzi u tat-tagħmir tal-utenti ta' GOVSATCOM. Il-Kummissjoni għandha tadotta wkoll, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dettaljati dwar il-forniment ta' servizzi governattivi tal-IRIS<sup>2</sup>. Meta tfassal dawk l-atti, il-Kummissjoni għandha tqis id-domanda mistennija għall-każijiet ta' użu differenti, l-analiżi tar-riskji għas-sigurtà għal dawk il-każijiet ta' użu u, fejn xieraq, il-kosteffiċjenza.
9. Meta l-analiżi tar-riskji u d-domanda mistennija msemmija fil-paragrafu 11 tikkonkludi li jkun hemm nuqqas ta' kapaċitajiet jew meta d-domanda taqbeż il-kapaċità ta' aċċess għas-servizzi governattivi tal-IRIS<sup>2</sup>, li jista' jwassal għal distorsjoni tas-suq, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, politika tal-ipprezzar. Bl-adozzjoni ta' politika tal-ipprezzar, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-forniment tas-servizzi ta' GOVSATCOM u tas-servizzi governattivi tal-IRIS<sup>2</sup> ma jfixx il-kompetizzjoni, li ma jkun hemm l-ebda nuqqas ta' dawk is-servizzi u li l-prezz identifikat ma jirriżultax f'kampens żejjed għall-kuntratti msemmija fil-paragrafu 20.

10. L-atti ta' implimentazzjoni msemija fil-paragrafi 9 sa 12 għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 83, il-paragrafu 3.
11. L-Istati Membri, il-Kunsill, il-Kummissjoni u s-SEAE għandhom ikunu parteċipanti ta' Konnettività Sigura inkwantu jawtorizzaw lill-utenti, jew jipprovdu kapaċitajiet ta' komunikazzjoni bis-satellita, siti tas-segment terrestri jew parti mill-faċilitajiet tas-segment terrestri.
12. L-aġenziji tal-Unjoni jistgħu jsiru parteċipanti fil-konnettività sigura biss inkwantu jkun meħtieġ biex iwettqu l-kompiti tagħhom u f'konformità mar-regoli dettaljati stabbiliti f'arranġament amministrattiv konkluż bejn l-aġenzija kkonċernata u l-istituzzjoni tal-Unjoni li tissorveljaha.
13. Il-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu jsiru parteċipanti fil-konnettività sigura soġġetti għal ftehim internazzjonali speċifiku ddedikat konkluż f'konformità mal-Artikolu 218 TFUE u skont l-Artikolu 11, il-paragrafu 3 ta' dan ir-Regolament.
14. L-utenti tas-servizzi governattivi għandhom ikunu debitament awtorizzati mill-parteċipanti biex jużaw is-servizzi ta' GOVSATCOM jew is-servizzi governattivi tal-IRIS<sup>2</sup> u għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ġenerali ta' sigurtà msemija fl-Artikolu 77, il-paragrafu 3. L-entitajiet li ġejjin jistgħu jiġu awtorizzati bħala utenti tas-servizzi ta' GOVSATCOM jew tas-servizzi governattivi tal-IRIS<sup>2</sup>:
  - (a) awtorità pubblika jew korp tal-Unjoni jew ta' Stat Membru inkarigati bl-eżerċizzju ta' awtorità pubblika;
  - (b) persuna fiżika jew ġuridika li taġixxi f'isem u taħt il-kontroll ta' entità msemija fil-punt (a).
15. IRIS<sup>2</sup> għandha tiġi implimentata permezz ta' kuntratt ta' konċessjoni. Jekk il-kuntratt ta' konċessjoni tal-IRIS<sup>2</sup> ifalli, il-Kummissjoni għandha tiżgura implimentazzjoni ottimali billi takkwista, kif xieraq, kuntratt ta' provvista, servizz jew xogħlijiet jew kuntratt imħallat.
16. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura l-kontinwità tas-servizzi governattivi tal-IRIS<sup>2</sup> jekk il-kuntratturi msemija f'dan l-Artikolu ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom.
17. Il-kuntratti msemija f'dan l-Artikolu għandhom b'mod partikolari jiżguraw li l-forniment ta' servizzi bbażati fuq l-infrastruttura kummerċjali tal-IRIS<sup>2</sup> jippreserva l-interessi essenzjali tal-Unjoni u l-oġġettivi tas-subkomponent. Dawk il-kuntratti għandhom jinkludu wkoll salvagwardji adegwati biex jiġi evitat kwalunkwe kumpens żejjed lill-kuntratturi msemija f'dan l-Artikolu, distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, kunflitti ta' interess, diskriminazzjoni bla bżonn jew kwalunkwe vantaġġ indirett moħbi ieħor. Tali salvagwardji jistgħu jinkludu l-obbligu ta' separazzjoni tal-kontabbiltà bejn il-forniment ta' servizzi governattivi tal-IRIS<sup>2</sup> u l-forniment ta' servizzi kummerċjali tal-IRIS<sup>2</sup>, inkluż l-istabbiliment ta' entità strutturalment u legalment separata mill-operatur integrat vertikalment għall-forniment ta' servizzi governattivi, u l-forniment ta' aċċess miftuħ, ġust, raġonevoli u nondiskriminatorju għall-infrastruttura meħtieġa għall-forniment ta' servizzi kummerċjali. Il-kuntratti għandhom jiżguraw ukoll li l-kundizzjonijiet dwar l-eliġibbiltà jiġu ssodisfati matul id-durata kollha tagħhom.
18. Meta s-servizzi governattivi u kummerċjali tal-IRIS<sup>2</sup> jiddependu fuq subsistemi jew interfaċċi komuni biex jiżguraw sinerġiji, il-kuntratti msemija f'dan l-Artikolu

għandhom jiddeterminaw ukoll liema minn dawk l-interfaċċi u s-subsistemi komuni għandhom ikunu parti mill-infrastruttura governattiva sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.

19. Il-kuntratturi msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiffinanzjaw kompletament l-infrastruttura kummerċjali msemmija fil-paragrafu 3 sabiex jissodisfaw l-oġettiv imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b).

## *Artikolu 62*

### **Sorveljanza u Insewiment fl-Ispazju**

1. Is-subkomponent SST tal-SSA għandu jinkludi b'mod partikolari:
  - (a) l-istabbiliment, l-iżvilupp u l-operazzjoni ta' network ta' sensuri tal-Istati Membri, li jintgħażlu permezz ta' studji tal-arkitettura, li jinkludu sensuri tal-SST ibbażati fuq l-art u fl-ispazju tal-Istati Membri, li jintgħażlu permezz ta' studji tal-arkitettura, inklużi sensuri żviluppatti permezz tal-Aġenzija Spazjali Ewropea, tas-settur kummerċjali tal-Unjoni, u ta' sensuri tal-Unjoni li għandhom l-għan li jistħarrġu u jsegwu oġġetti spazjali u jipproduċu katalogu Ewropew awtonomu ta' oġġetti spazjali;
  - (b) l-ipproċessar u l-analiżi tad-data tal-SST sabiex jiġu prodotti l-informazzjoni tal-SST u s-servizzi tal-SST;
  - (c) il-forniment tas-servizzi tal-SST lill-utenti tal-SST;
  - (d) it-tiftix, it-trawwim u l-appoġġ ta' sinerġiji ma' inizjattivi li jipromwovu l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji għar-rimi ta' vetturi spazjali fi tmiem il-ħajja operattiva u ta' sistemi teknoloġiċi għall-prevenzjoni u l-eliminazzjoni ta' residwi spazjali,
  - (e) il-kooperazzjoni, inkluż fil-livell operazzjonali, mal-inizjattivi internazzjonali fil-koordinazzjoni tat-traffiku fl-ispazju;
  - (f) it-tweqqif tal-attivitajiet stabbiliti bir-Regolament (UE) [XXX] [is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet spazjali fl-Unjoni]
  - (g) attivitajiet ta' riċerka u żvilupp li jappoġġaw l-evoluzzjoni tal-SST, inklużi s-servizzi tiegħu
2. Is-subkomponent SST għandu jipprovdi wkoll appoġġ tekniku u amministrattiv biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn l-attivitajiet tal-SST imwettqa skont il-FEK u l-attivitajiet tal-SST imwettqa skont ir-Regolament (UE) 2021/696.
3. Is-Sħubija tal-SST maħluqa skont ir-Regolament (UE) 2021/696 għandha tkompli tkun fis-seħħ taħt il-FEK. Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dettaljati għall-inklużjoni fi stadju aktar tard ta' Stat Membru fis-Sħubija tal-SST. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83, il-paragrafu 3.
4. Il-kompiti tas-Sħubija tal-SST imsemmija fil-paragrafu 5 għandhom jiġu estiżi biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-SST. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 84 sabiex tissupplimenta dan il-paragrafu bil-lista dettaljata tal-kompiti li għandhom jitwettqu mis-Sħubija tal-SST.
5. Is-servizzi tal-SST għandhom ikunu mingħajr ħlas, disponibbli fi kwalunkwe ħin mingħajr interruzzjoni u adattati għall-ħtiġijiet tal-utenti tal-SST u għandhom jinkludu:

- (a) il-valutazzjoni tar-riskji ta' kollizzjoni bejn l-inġenji spazjali jew bejn l-inġenji spazjali u r-residwi spazjali u l-ġenerazzjoni potenzjali ta' twissijiet għall-evitar ta' kollizzjonijiet matul il-fażijiet tal-varar, l-orbita bikrija, iż-żieda fl-elevazzjoni tal-orbita, l-operazzjonijiet fl-orbita u d-disponiment tal-missjonijiet tal-inġenji spazjali;
  - (b) l-individwazzjoni u l-karatterizzazzjoni tal-frammentazzjonijiet, it-tifrik jew il-kollizzjonijiet fl-orbita;
  - (c) il-valutazzjoni tar-riskji tad-dħul mill-ġdid mhux ikkontrollat ta' oġġetti spazjali u ta' residwi spazjali fl-atmosfera tad-dinja u l-ġenerazzjoni ta' informazzjoni relatata, inkluża l-istima tal-perjodu ta' żmien u tal-post fejn x'aktarx iseħħ impatt eventwali;
  - (d) l-iżvilupp ta' attivitajiet relatati mal-mitigazzjoni tar-residwi spazjali sabiex titnaqqas il-ġenerazzjoni tagħhom, ir-rimedju tar-residwi spazjali, il-monitoraġġ tal-varar wara l-injezzjoni, is-servizzi speċifiċi għall-kostellazzjonijiet, l-istabbiliment ta' suq għas-servizzi tal-SST, it-tnejja tas-sistema għall-operazzjonijiet Cislunar, l-appoġġ għall-operazzjonijiet u s-servizzi fl-ispazju, u s-sema skur u kwiet.
6. Is-servizzi tal-SST jistgħu jinkludu servizzi għall-utenti governattivi tal-SST abbażi tal-katalogu msemmi fil-paragrafu 1, il-punt a.
  7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta l-lista ta' utenti mhux ewlenin u tispeċifika s-servizzi li jista' jkollhom aċċess għalihom.
  8. Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti operazzjonali u ta' aċċess kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ta' sigurtà għas-servizzi tal-SST. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83, il-paragrafu 3.
  9. L-utenti tal-SST għandhom jinkludu:
    - (a) Utenti ewlenin tal-SST, li għandu jkollhom aċċess għas-servizzi kollha tal-SST: L-Istati Membri, is-SEAE, il-Kummissjoni, il-Kunsill, l-Aġenzija kif ukoll is-sidien u l-operaturi pubbliċi u privati tal-inġenji spazjali stabbiliti fl-Unjoni;
    - (b) Utenti mhux ewlenin tal-SST;
    - (c) Utenti governattivi tal-SST għas-servizz governattiv: Awtoritajiet tal-Istati Membri, is-SEAE, il-Kunsill.
  10. Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-aċċess għas-servizzi tal-SST mill-utenti tal-SST u l-proċeduri rilevanti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83, il-paragrafu 3.
  11. Is-subkomponent tal-SST ma għandux ikun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi, ħlief in-Norveġja.

### *Artikolu 63*

#### **Oġġetti Qrib id-Dinja**

1. L-oġġettiv tas-subkomponent tal-NEO tal-SSA huwa l-monitoraġġ tar-riskju ta' oġġetti naturali fis-sistema solari li qed joqorbu lejn id-Dinja.
2. L-attivitajiet eliġibbli skont l-NEO għandhom b'mod partikolari jkopru attivitajiet rilevanti biex jintlaħaq l-oġġettiv stabbilit fil-paragrafu 1, b'mod partikolari attivitajiet ta' appoġġ relatati mal-manutenzjoni u l-entrati tad-data tal-katalogu tal-Unjoni ta' proprjetajiet fiżiċi ta' oġġetti qrib id-Dinja.

3. u attivitajiet ta' riċerka u żvilupp li jappoġġaw l-evoluzzjoni tal-NEO, inklużi s-servizzi tagħha, u riċerka u żvilupp downstream għall-applikazzjonijiet u t-teknoloġija tal-utenti għall-adozzjoni tas-servizzi tal-NEO.

#### *Artikolu 64*

##### **Avvenimenti tat-Temp Spazjali**

1. L-oġġettiv tal-SWE (Space Weather Events) huwa li jimmonitorja u jivvaluta l-bidliet naturali relatati ma' avvenimenti tat-temp spazjali, bħall-irjieħ solari u l-flares solari.
2. L-attivitajiet eliġibbli taħt l-SWE għandhom jinkludu l-attivitajiet kollha meħtieġa biex jiġu pprovduti servizzi tat-temp spazjali, inklużi attivitajiet ta' riċerka u żvilupp li jappoġġaw l-evoluzzjoni tal-SWE, kif ukoll is-servizzi tiegħu u riċerka u żvilupp downstream għall-applikazzjonijiet u t-teknoloġija tal-utenti għall-adozzjoni ta' servizzi tal-SWE.
3. Is-servizzi tal-SWE għandhom jimmiraw li jkunu disponibbli fi kwalunkwe ħin mingħajr interruzzjoni u għandhom jinkludu b'mod partikolari:
  - (a) id-dominju tal-Ispazju;
  - (b) id-dominju tal-PNT;
  - (c) id-dominju tal-EO;
  - (d) id-dominju tat-Telekomunikazzjoni / tas-SATCOM.
4. Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, dispożizzjonijiet dettaljati dwar is-servizzi tal-SWE, inklużi r-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi relatati ma' dawk is-servizzi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83, il-paragrafu 3.

#### *Artikolu 65*

##### **Aċċess għall-ispazju**

1. L-aċċess għall-ispazju huwa l-kapaċità tal-varar u t-trasport tal-inġenji spazjali lejn, għewwa u mill-ispazju.
2. L-Unjoni għandha trawwem aċċess awtonomu u reżiljenti għall-ispazju, billi tappoġġa servizzi ta' varar affidabbli u kosteffiċjenti Ewropej flimkien ma' approċċ Ewropew koeżiv, filwaqt li tqis l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.
3. F'sinerġiji ma' programmi u skemi ta' finanzjament oħra tal-Unjoni, l-attivitajiet eliġibbli għandhom ikopru b'mod partikolari:
  - (a) l-akkwist u l-aggregazzjoni ta' servizzi ta' varar għall-ħtiġijiet tal-Unjoni u, fuq talba tagħhom, l-aggregazzjoni u l-akkwist konġunt ta' servizzi ta' varar għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, u entitajiet pubbliċi oħra;
  - (b) l-aċċess għall-innovazzjoni spazjali, inkluż l-aġġornament u l-iżvilupp ta' teknoloġiji u sistemi u servizzi ġodda.
  - (c) l-iżvilupp, l-adattament, il-konstruzzjoni, il-manutenzjoni u l-operazzjoni ta' infrastruttura terrestri kritika bbażata fl-Unjoni, inkluż iżda mhux limitat għall-faċilitajiet meħtieġa għall-ittestjar, il-varar u l-irkuprar tat--teknoloġiji spazjali u l-kapaċitajiet tas-servizzi.

4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Bord ta' Tmexxija fost l-entitajiet pubbliċi Ewropej, inklużi l-Istati Membri, l-Aġenzija stabbilita f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX] [*ir-Regolament fundatur futur tal-EUSPA*] organizzazzjonijiet internazzjonali u entitajiet pubbliċi rilevanti oħrajn biex jikkoordinaw l-attivitajiet Ewropej fl-aċċess għall-ispazju.
5. Sabiex jiġu protetti l-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni, l-assi spazjali tal-infrastruttura governattiva għandhom jiġu mnedija minn fornituri ta' servizzi, li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u parteċipazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 69 u, f'ċirkostanzi eċċezzjonali ġustifikati biss jew abbażi ta' ftehim internazzjonali li jipprevedi tali attività, mit-territorju ta' pajjiż terz.

#### *Artikolu 66*

#### **Kummerċjalizzazzjoni spazjali u ekonomija spazjali**

1. CASSINI għandha tikkostitwixxi l-inizjattiva tal-Unjoni dwar l-intraprenditorija spazjali. CASSINI għandha tiegħu azzjonijiet biex tappoġġa l-kummerċjalizzazzjoni tal-industrija u s-servizzi spazjali tal-Unjoni, b'mod partikolari billi tiffoka fuq l-intraprenditorija, u biex tingrana l-investment privat, filwaqt li tappoġġa lill-impreditori jikbru u jespandu fis-Suq Uniku.
2. Dan il-komponent għandu jinkludi l-attivitajiet eliġibbli li ġejjin:
  - (a) il-ħolqien ta' faċilitajiet ta' Investment tal-Unjoni għal investment privat inizjali, tkabbir bikri u fl-istadju tat-tkabbir, u l-iffaċilitar tal-ħruġ għall-fundaturi u l-investituri;
  - (b) il-ħolqien ta' faċilità ta' espansjoni industrijali tal-Unjoni li tippermetti l-investment f'faċilitajiet ġodda tal-manifattura u ssaħħaħ il-ktajjen tal-provvista bbażati fl-Unjoni;
  - (c) appoġġ għall-iżvilupp tal-Unjoni tal-ħiliet immirati lejn is-settur spazjali, inkluż informazzjoni dwar il-ħiliet, l-iżvilupp tal-kurrikuli spazjali, it-titjib tal-ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid, il-mobbiltà u l-programmi ta' skambju;
  - (d) it-tisħiħ tal-ekosistemi spazjali lokali li jlaqqgħu flimkien atturi differenti biex jippromwovu l-innovazzjoni spazjali, jipprovdu appoġġ, faċilitajiet u servizzi liċ-ċittadini u lill-kumpaniji biex irawmu l-intraprenditorija, b'mod partikolari permezz tat-trasferiment tat-teknoloġija, l-inkubazzjoni tan-negozju, is-servizzi ta' aċċellerazzjoni tan-negozju, it-tlaqqiġ u n-networking tal-investituri u billi jippermettu aċċess imtejjeb għas-suq u għan-networks tan-negozju internazzjonali;
  - (e) skemi li jaċċelleraw it-tkabbir kummerċjali permezz tal-użu ta' kuntratti u skemi tal-klijenti ankrati għall-akkwist tal-klijenti kemm fis-swieq tas-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku, li jinvolvu komponenti u infrastrutturi spazjali kif ukoll prodotti li jużaw data u servizzi spazjali.
  - (f) kwalunkwe azzjoni addizzjonali meħtieġa biex tappoġġa l-ekonomija spazjali tal-Unjoni u l-istabbiliment ta' Suq Uniku għall-ispazju.

#### *Artikolu 67*

#### **Sovranità teknoloġika, riċerka u innovazzjoni**

1. Il-komponent tas-sovranità teknoloġika u l-innovazzjoni għandu jippermetti lill-Unjoni tibni ekosistema industrijali spazjali kompetittiva, awtonoma u innovattiva, bl-għan li ssaħħaħ is-sovranità teknoloġika, in-nondipendenza u l-awtosuffiċjenza tal-

Unjoni fis-settur spazjali. Dan għandu jrawwem l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet spazjali mill-aktar avvanzati. Għandu jipprijoritizza t-tnaqqis tad-dipendenzi kritiċi fuq teknoloġiji mhux tal-Unjoni u jiffoka fuq teknoloġiji b'użu doppju li jistgħu jkunu ta' benefiċċju kemm għall-applikazzjonijiet ċivili kif ukoll għad-difiża.

2. Il-komponent għandu jinkludi l-attivitajiet eliġibbli li ġejjin:
  - (a) attivitajiet relatati mas-sovranità teknoloġika tal-Unjoni, bħar-riċerka, l-iżvilupp, u l-adozzjoni ta' teknoloġiji spazjali kritiċi, inklużi dawk li jirrispondu direttament għall-Osservatorju tat-Teknoloġiji Kritiċi tal-UE (OCT, Observatory of Critical Technologies) u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet direzzjonali relatati tal-OCT li jnaqqsu d-dipendenzi tal-Unjoni u jsaħħu l-kompetittività tal-ekosistema spazjali tal-Unjoni;
  - (b) attivitajiet li għandhom l-għan li jtejbu d-disponibbiltà f'waqtha tal-materja prima u avvanzata kritika, tal-komponenti u tat-teknoloġiji għas-settur, inkluż permezz tat-tnaqqis taż-żmien meħtieġ għall-konsenja tagħhom, ir-riżerva tas-slots tal-manifattura jew il-kumulazzjoni ta' riżerva ta' prodotti, prodotti intermedji jew materja prima;
  - (c) ir-riċerka u l-iżvilupp ta' kapaċitajiet spazjali ġodda tal-Unjoni u teknoloġiji abilitanti relatati li jrawmu ekonomija ġdida fl-ispazju, speċifikament permezz tal-maturazzjoni, id-dimostrazzjoni u l-operazzjonalizzazzjoni tal-Operazzjonijiet u s-Servizzi fl-Ispazju, u t-teknoloġiji ta' rilevament kwantistiku;
  - (d) it-tisħiħ tal-kompetittività industrijali tal-Unjoni fis-swieq kummerċjali globali, inkluż permezz ta' missjonijiet ta' dimostrazzjoni li javvanzaw il-grad ta' diġitalizzazzjoni tas-sistemi spazjali minn tarf sa tarf;
  - (e) l-esplorazzjoni u l-ingranaġġ ta' sinerġiji ma' oqsma komplimentari bħad-difiża u setturi rilevanti oħra għal oqsma ewlenin bħall-Intelliġenza Artifiċjali u ċ-ċibersigurtà;
  - (f) l-appoġġ għall-attivitajiet ta' standardizzazzjoni u ċertifikazzjoni rilevanti għas-settur spazjali tal-Unjoni;
  - (g) l-iffaċilitar tad-disponibbiltà u l-aċċess għall-faċilitajiet tal-ittestjar u tal-ipproċessar tad-data.
  - (h) il-promozzjoni tal-użu mill-utenti ta' Copernicus għall-utenti ewlenin ta' Copernicus, l-iżvilupp tas-suq u l-bini tal-kapaċità, inkluż il-promozzjoni tad-data u s-servizzi ta' Copernicus, l-applikazzjonijiet downstream u l-iżvilupp tagħhom fil-livelli kollha biex jiġu massimizzati l-benefiċċji soċjoekonomiċi, kif ukoll il-ġbir u l-analiżi tal-ħtiġijiet tal-utenti ta' Copernicus.

#### *Artikolu 68*

#### **Aċċess għas-servizzi**

1. Il-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali jista' jkollhom aċċess għal servizzi ta' Konnettività Sigura u EOGS soġġett għal ftehim konkluż f'konformità mal-Artikolu 218 TFUE u skont l-Artikolu 11(3), li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-aċċess għal dawk is-servizzi, u bil-kundizzjoni li jikkonformaw mal-Artikolu 78.
2. Il-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali li ma jkollhomx il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Istati Membri jista' jkollhom aċċess għal servizzi sensitivi siguri tal-SST, dment li jikkonkludu ftehim, f'konformità mal-Artikolu 218 tat-TFUE, li

jistabilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-aċċess għal dawk is-servizzi u jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 77.

3. L-aċċess ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali għas-Servizz Pubbliku Regolat (PRS, Public Regulated Service) ipprovdut minn Galileo għandu jkun irregolat mill-Artikolu 3(5) tad-Deċiżjoni 1104/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
4. B'deroga mill-paragrafu 2, ma għandu jkun meħtieġ l-ebda ftehim konkluż f'konformità mal-Artikolu 218 tat-TFUE biex jiġu aċċessati s-servizzi tal-SST relatati mal-evitar ta' kollizzjonijiet u mad-dħul mill-ġdid.

#### *Artikolu 69*

#### **Kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u parteċipazzjoni għall-preservazzjoni tas-sigurtà, l-integrità u r-reżiljenza tas-sistemi spazjali operazzjonali tal-Unjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tapplika l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u parteċipazzjoni stabbiliti fil-paragrafu 2 għall-akkwist, l-għotjiet jew il-premjijiet skont dan it-Titolu jekk tqis li dan ikun meħtieġ u xieraq biex jiġu ppreservati s-sigurtà, l-integrità u r-reżiljenza tas-sistemi operazzjonali tal-Unjoni, b'kont meħud tal-oġettiv li tiġi promossa l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, b'mod partikolari f'termini ta' teknoloġija fit-teknoloġiji u l-ktajjen tal-valur ewlenin filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa.
2. Qabel ma tapplika l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà u tal-partiċipazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 83, il-paragrafu 1, il-punt (g) u għandha tqis bis-sħiħ il-fehmiet tal-Istati Membri dwar l-ambitu ta' dawk il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u ta' partiċipazzjoni u l-ġustifikazzjoni għalihom.
3. Il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u partiċipazzjoni għandhom ikunu kif ġej:
  - (a) l-entità legali eliġibbli tkun stabbilita fi Stat Membru u l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħha jkunu stabbiliti f'dak l-Istat Membru;
  - (b) l-entità legali eliġibbli timpenja ruħha li twettaq l-attivitajiet rilevanti kollha fi Stat Membru wieħed jew aktar; u
  - (c) l-entità legali eliġibbli ma għandhiex tkun soġġetta għal kontroll minn pajjiż terz jew minn entità ta' pajjiż terz.
4. Il-Kummissjoni tista' tistabilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-kriterji li jiddeterminaw liema kapaċità li tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq entità legali, direttament, jew indirettament permezz ta' entità legali intermedja waħda jew aktar, jista' jkollha impatt fuq is-sigurtà, l-integrità u r-reżiljenza tas-sigurtà, l-integrità u r-reżiljenza tas-sistemi operazzjonali tal-Unjoni, filwaqt li jitqies l-oġettiv li tiġi promossa l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, b'mod partikolari f'termini ta' teknoloġija fit-teknoloġiji u l-ktajjen tal-valur ewlenin.
5. Il-Kummissjoni tista' tirrinunzja l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 3, il-punti (a) u (b), għal entità legali partikolari wara evalwazzjoni bbażata fuq il-kriterji kumulattivi li ġejjin:
  - (a) għal teknoloġiji, oġġetti jew servizzi speċifiċi meħtieġa għall-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-ebda sostitut ma jkun disponibbli faċilment fl-Istati Membri;

- (b) l-entità legali tkun stabbilita f'pajjiż li jkun membru taż-ŻEE jew tal-EFTA li jkun ikkonkluda ftehim internazzjonali mal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 11, filwaqt li l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħha jkunu stabbiliti f'dak il-pajjiż u l-attivitajiet marbuta mal-akkwist, l-għotja jew il-premju jitwettqu f'dak il-pajjiż jew f'pajjiż wieħed jew aktar b'hal dawn; u
  - (c) jiġu implimentati miżuri suffiċjenti biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata tal-Unjoni Ewropea (IKUE) skont l-Artikolu 78 l-integrità, is-sigurtà u r-reżiljenza tal-komponenti tal-Programm, it-tħaddim tagħhom u s-servizzi tagħhom.
6. B'deroga mill-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni tista' tirrinunzja għall-kundizzjonijiet taħt il-punti (a) jew (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 għal entità legali stabbilita f'pajjiż terz li ma huwix membru taż-ŻEE jew tal-EFTA
7. Il-Kummissjoni tista' tirrinunzja l-kundizzjoni skont il-punt (c) tal-paragrafu 3 jekk l-entità legali stabbilita fi Stat Membru tipprovdi l-garanziji li ġejjin:
- (a) il-kontroll fuq l-entità legali ma jiġix eżerċitat, b'mod li jillimita jew jirrestrinġi l-kapaċità tagħha li:
    - (1) twettaq l-akkwist, l-għotja jew il-premju; u
    - (2) tagħti riżultati, b'mod partikolari permezz ta' obbligi ta' rapportar;
  - (b) il-pajjiż terz jew l-entità ta' pajjiż terz li jikkontrollawha jimpenjaw ruħhom li jżommu lura milli jeżerċitaw kwalunkwe dritt ta' kontroll jew milli jimponu kwalunkwe obbligu ta' rapportar fuq l-entità legali fir-rigward tal-akkwist, l-għotja jew il-premju; u
  - (c) l-entità legali tikkonforma mal-Artikolu 69.
8. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-entità legali għandhom jivvalutaw jekk l-entità legali tikkonformax mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 5, il-punt (c), għal eżenzjonijiet relattivi għall-kundizzjoni (3)(b) u l-garanziji msemmija fil-paragrafu 7. Il-Kummissjoni għandha tikkonforma ma' dik il-valutazzjoni.
9. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi dan li ġej lill-kumitat tal-Programm imsemmi fl-Artikolu 83, il-paragrafu 1, il-punt g:
- (a) l-ambitu tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u parteċipazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;
  - (b) dettalji u ġustifikazzjonijiet dwar id-derogi mogħtija f'konformità ma' dan l-Artikolu; u;
  - (c) l-evalwazzjoni li kienet il-bażi għal deroga, soġġetta għall-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, mingħajr ma tiġi żvelata informazzjoni kummerċjalment sensittiva.
10. Il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3, il-kriterji stabbiliti fil-paragrafi 4, 5 u 6 u l-garanziji stabbiliti fil-paragrafu 7 għandhom jiġu inklużi fid-dokumenti relatati mal-akkwist, l-għotja jew il-premju, kif applikabbli, u, fil-każ ta' akkwist, għandhom japplikaw għaċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-kuntratt riżultanti.
11. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni Nru 1104/2011/UE u d-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni tal-15.9.2015 (43), ir-Regolament (UE) 2019/452, id-Deċiżjoni 2013/488/UE u d-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444 u għall-iskrinjar tas-sigurtà mwettqa mill-Istati Membri fir-rigward tal-entitajiet legali involuti

f'attivitajiet li jeħtieġu aċċess għal IKUE soġġett għal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali applikabbli.

12. Jekk kuntratti li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jkunu kklassifikati, il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u parteċipazzjoni applikati mill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-awtoritajiet tas-sigurtà nazzjonali.
13. Dan l-Artikolu ma għandux jinterferixxi ma', jemenda jew jikkontradixxi kwalunkwe proċedura eżistenti tal-Approvazzjoni tas-Sigurtà għal Faċilità u tal-Approvazzjoni tas-Sigurtà tal-Persunal fi Stat Membru.

#### *Artikolu 70*

#### **Sjieda tal-assi spazjali tal-Unjoni u l-aċċess għar-riżultati**

1. Ħlief kif previst fil-paragrafu 2, l-Unjoni għandha tkun is-sid tal-assi tanġibbli u intanġibbli kollha maħluqa, żviluppata jew mixtrija taħt ġestjoni diretta jew indiretta fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet appoġġati taħt din it-taqsim. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kuntratti, il-ftehimiet u arranġamenti oħra rilevanti relatati mal-attivitajiet li jistgħu jirriżultaw fil-ħolqien jew fl-iżvilupp ta' tali assi jkun fihom dispożizzjonijiet li jiżguraw is-sjieda tal-Unjoni.
2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-assi tanġibbli u intanġibbli maħluqa jew żviluppata taħt ġestjoni diretta jew indiretta fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet appoġġati taħt din it-taqsim:
  - (a) meta l-appoġġ tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotjiet, premjijiet jew akkwist prekummerċjali, jew
  - (b) l-attivitajiet ma jkunux iffinanzjati kompletament mill-Unjoni, ħlief kif speċifikat mod ieħor u bl-esklużjoni tal-IRIS<sup>2</sup>, jew
  - (c) l-attivitajiet huma relatati mar-riċevituri tal-PRS żviluppata mill-Istati Membri.
3. Fil-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni ma għandhomx jiksbu sjieda iżda jgawdu minn drittijiet ta' aċċess mingħajr royalties għar-riżultati għall-użu proprju u d-dritt li jagħtu, jew li jirrikjedu li r-riċevituri jagħtu, liċenzji mhux esklużivi lil partijiet terzi biex jisfruttaw ir-riżultati b'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli mingħajr ebda dritt ta' sottolicensjar.
4. L-Unjoni għandha tkun intitolata tikkonkludi l-ftehimiet rilevanti sabiex takkwista s-sjieda ta' assi żviluppata minn partijiet terzi fejn tali assi jkunu meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.
5. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Unjoni jkollha d-drittijiet li ġejjin:
  - (a) id-dritt tal-użu tal-frekwenzi meħtieġa għat-trażmissjoni tas-sinjali ġġenerati mill-infrastruttura governattiva tal-IRIS<sup>2</sup>, il-komponenti tal-PNT u l-komponenti tal-EO f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli u l-ftehimiet ta' liċenzjar rilevanti, permessi mill-preżentazzjonijiet rilevanti għall-frekwenzi pprovduti mill-Istati Membri, li jibqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri;
  - (b) id-dritt li tingħata prijorità lill-forniment tas-servizzi governattivi tal-IRIS<sup>2</sup> fuq is-servizzi kummerċjali, f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti fil-kuntratti msemmija fl-Artikolu 61 billi jitqiesu l-ħtiġijiet tal-utenti awtorizzati mill-gvern.

## *Artikolu 71*

### **Garanzija u responsabbiltà**

1. Ħlief jekk ikun speċifikat mod ieħor, is-servizzi, id-data u l-informazzjoni pprovduti mill-komponenti u l-attivitajiet skont din it-taqsimha għandhom ikunu mingħajr ebda garanzija espliċita jew impliċita fir-rigward tal-kwalità, il-preċiżjoni, id-disponibbiltà, l-affidabbiltà, il-veloċità u l-adegwatezza tagħhom għal kwalunkwe skop. L-Unjoni, inklużi l-Kummissjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA, European Union Agency for the Space Programme), ma għandhiex tkun responsabbli.
2. Għall-SST, l-Istati Membri li jipparteċipaw fis-subkomponent SST ma għandhomx jinżammu responsabbli għal: ħsara li tirriżulta min-nuqqas ta' jew interruzzjoni fil-forniment tas-servizzi tal-SST, dewmien fil-forniment tas-servizzi tal-SST; l-ineżattezza tal-informazzjoni pprovduta permezz tas-servizzi tal-SST jew l-azzjoni meħuda b'reazzjoni għall-forniment tas-servizzi tal-SST.

## *Artikolu 72*

### **Regoli komplimentari dwar l-akkwist**

1. Filwaqt li tiproteġi l-awtonomija tal-Unjoni, l-awtorità kontraenti tista' titlob li l-offerent jissottokuntratta parti mill-kuntratt permezz ta' sejħa għall-offerti kompetittiva fil-livelli xierqa ta' sottokuntrattar lil kumpaniji għajr dawk li jappartjenu għall-grupp tal-offerent. Għal kuntratti ta' aktar minn EUR 10 miljun, l-awtorità kontraenti għandu jkollha l-għan li tiżgura li mill-inqas 30 % tal-valur tal-kuntratt jiġi sottokuntrattat permezz ta' offerenti kompetittivi f'diversi livelli ta' sottokuntrattar lil kumpaniji barra mill-grupp tal-offerent ewlieni, b'mod partikolari sabiex tkun tista' ssir il-parteeipazzjoni transfruntiera tal-SMEs fl-ekosistema spazjali. L-offerent għandu jipprovi raġunijiet għaliex ma ssodisfax talba li saret għal sottokuntratt jew għal devjazzjoni mill-mira ta' 30 %. L-awtorità kontraenti tista' tinkludi rekwiżiti speċifiċi fid-dokumentazzjoni tal-proċedura tal-għoti biex tiżgura li l-kuntratturi ewlenin isegwu l-prinċipji tal-akkwist stabbiliti f'dan ir-regolament matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, b'mod partikolari fir-rigward tal-involvement tal-SMEs u tal-parteeipanti ġodda, il-kompetizzjoni, il-valutazzjoni komparattiva kostanti mal-aħjar kundizzjonijiet tas-suq.
2. L-akkwisti relatati mas-servizzi governattivi, il-kontinwità tas-servizz jew l-issodisfar tal-oġġettivi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (d).3, b'mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà, għandhom jitqiesu li jissodisfaw il-kundizzjoni ta' urġenza stabbilita fil-punt 11.1.c) tal-Anness I tar-Regolament Finanzjarju.

## *Artikolu 73*

### **Regoli komplimentari dwar l-għotjiet**

1. L-Unjoni tista' tkopri sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-kofinanzjament.
2. B'deroga mill-Artikolu 184(6) tar-Regolament Finanzjarju, meta jiġu applikati rati fissi, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli jista' jawtorizza jew jimponi l-finanzjament tal-kostijiet indiretti tal-benefiċjarju sa massimu ta' 25 % tat-total tal-kostijiet diretti eliġibbli għall-azzjoni.

3. B'deroga mill-Artikolu 207 tar-Regolament Finanzjarju, l-ammont massimu ta' sostenn finanzjarju li jista' jitħallas lil parti terza ma għandux jaqbeż EUR 200 000.
4. Is-sħubija tal-SST għandha titqies bħala l-benefiċjarju predefinit tal-għotja tal-SST.

#### *Artikolu 74*

##### **Regoli komplimentari dwar il-ġestjoni indiretta**

1. Ftehim tripartitiku f'konformità mal-Artikolu 131 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 għandu jiġi konkluż kemm mal-Aġenzija stabbilita f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX] [ir-Regolament fundatur futur tal-EUSPA] kif ukoll mal-Aġenzija Spazjali Ewropea, li soġġett għaliha [l-EUSPA] u l-Aġenzija Spazjali Ewropea jistgħu jiġu inkarigati b'kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit.
2. Kull meta jiġi stabbilit Bord tal-Evalwazzjoni tal-Offerti mill-Aġenzija jew mill-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA, European Space Agency) għal akkwist imwettaq skont il-ftehim tripartitiku, l-esperti mill-Kummissjoni u, fejn rilevanti, mill-entità fduta l-oħra jistgħu jirriżervaw id-dritt li jipparteċipaw bħala membri fil-laqgħat tal-Bord tal-Evalwazzjoni tal-Offerti, ikollhom aċċess għar-riżultati ta' għid kollha u jattendu l-laqgħat ta' rieżami. Tali parteċipazzjoni ma għandhiex taffettwa l-indipendenza teknika tal-Bord tal-Evalwazzjoni tal-Offerti.
3. B'deroga mill-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju u soġġett għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni, il-kompiti fdati taħt ġestjoni indiretta lill-Aġenzija, jew lis-suċċessuri tagħha, jistgħu jiġu fdati ulterjorment mill-Aġenzija lill-korpi msemmija fl-Artikolu 62(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 bil-kundizzjonijiet ta' ġestjoni indiretta li japplikaw għall-Kummissjoni.
4. Kull meta l-attivitajiet ta' akkwist jew ta' għotja jiġu implimentati permezz ta' ġestjoni indiretta minn entitajiet fdati, l-attivitajiet ta' komunikazzjoni, l-attivitajiet ta' disseminazzjoni u kwalunkwe infrastruttura, tagħmir, vettura, provvista jew riżultat kbir iffinanzjat mill-akkwist jew mill-għotja jridu jirrikonoxxu l-appoġġ tal-Unjoni u juru l-bandiera Ewropea (emblema) u d-dikjarazzjoni ta' finanzjament (tradotta fil-lingwi lokali, fejn xieraq) f'konformità mar-regoli standard ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni.

#### *Artikolu 75*

##### **Rwoli**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw il-funzjonament bla xkiel tal-azzjonijiet appoġġati taħt din it-taqsimha u jistgħu jikkontribwixxu bil-kompetenza teknika, l-għarfien u l-assistenza tagħhom, b'mod partikolari fil-qasam tas-sikurezza, is-sigurtà, u l-allokkazzjoni tal-frekwenza. Din il-kontribuzzjoni għandha tinkludi, iżda ma tkunx limitata għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-Unjoni ta' data, informazzjoni, servizzi u infrastruttura fil-pussess tagħhom jew li jinsabu fit-territorju tagħhom, li huma meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tal-azzjonijiet. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli, fil-livell lokali, għall-akkreditazzjoni tas-sigurtà tas-siti li jinsabu fit-territorju tagħhom u li jiffurmaw parti miż-żona ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà għall-komponenti. B'mod partikolari l-Istati Membri li jipparteċipaw fis-Sħubija tal-SST għandhom iwettqu akkreditazzjoni tas-sigurtà abbażi tar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 77.

2. Il-Kummissjoni għandu jkollha r-responsabbiltà ġenerali għall-implimentazzjoni tal-komponenti msemmija f'din it-Taqsima, inkluż fil-qasam tas-sigurtà, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali u tissorvelja l-implimentazzjoni tagħhom.
3. Il-Kummissjoni għandha
  - (a) tiġġestixxi kwalunkwe wieħed mill-komponenti jew subkomponenti mhux fdati lil entità oħra;
  - (b) tiddetermina l-prijoritajiet u l-evoluzzjoni fuq terminu twil ta' dawk il-komponenti, f'konformità mar-rekwiżiti tal-utenti, u għandha tissorvelja l-implimentazzjoni tagħhom.
  - (c) tiddetermina u tikkoordina d-dimensjoni internazzjonali tal-komponenti, biex tiżgura l-koerenza mal-politiki tal-Unjoni għall-azzjoni esterna u l-approċċ konsistenti tagħhom.
4. Fejn meħtieġ biex tkompli tiddefinixxi u tispeċifika l-governanza, is-sigurtà u l-forniment ta' servizzi skont dan il-kapitolu, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tikkomplementa l-katalogu tas-servizzi pprovduti u għandha tiddetermina r-rekwiżiti tekniċi u operazzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni u l-evoluzzjoni tal-komponenti skont dan il-kapitolu u tas-servizzi li jipprovdu wara li tkun ikkonsultat lill-utenti u lil partijiet ikkonċernati oħra. Meta tiddetermina dawk ir-rekwiżiti tekniċi u operazzjonali, il-Kummissjoni għandha tevita li tnaqqas il-livell ta' sigurtà ġenerali u għandha tissodisfa r-rekwiżiti ta' retrokompatibbiltà. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 83, il-paragrafu 2.
5. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri meħtieġa biex tiddetermina l-post tal-infrastruttura bbażata fuq l-art wara proċess miftuħ u trasparenti, li jiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u l-protezzjoni tas-sigurtà u tal-ordni pubbliku tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 83, il-paragrafu 2.
6. L-Aġenzija għandu jkollha l-kompiti tagħha stess u tista' tiġi fdata mill-Kummissjoni b'kompiti oħra f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX] [*ir-Regolament fundatur tal-EUSPA*].
7. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, l-ESA tista' tiġi fdata bil-kompiti li ġejjin:
  - (a) fir-rigward tal-PNT: l-evoluzzjoni tas-sistemi ewlenin u d-disinn u l-iżvilupp ta' partijiet tas-segment terrestri, u tas-satelliti, inklużi l-ittestjar u l-validazzjoni;
  - (b) fir-rigward ta' Copernicus: i) il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-komponent spazjali u l-evoluzzjoni tiegħu; ii) id-disinn, l-iżvilupp u l-kostruzzjoni tal-infrastruttura spazjali ta' Copernicus, inklużi l-operazzjonijiet ta' dik l-infrastruttura u l-akkwist relatat, ħlief meta dawk l-operazzjonijiet isiru minn entitajiet oħra; iii) fejn xieraq, l-għoti ta' aċċess għal data ta' partijiet terzi;
  - (c) fir-rigward tal-EOGS: it-tfassil u l-iżvilupp ta' missjonijiet spazjali ġodda ta' osservazzjoni tad-dinja u ta' partijiet tas-segment terrestri assoċjati;

- (d) fir-rigward: (i) IRIS<sup>2</sup>: is-superviżjoni tal-iżvilupp, tal-validazzjoni u tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni relatati marbuta mal-fażijiet tad-definizzjoni, tat-tfassil, tal-iżvilupp, tal-validazzjoni u tal-implimentazzjoni għas-servizzi governattivi u tal-iżvilupp u l-evoluzzjoni meħtieġa għall-forniment ta' servizzi governattivi, filwaqt li tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn il-kompiti u l-baġit fdati lill-ESA u l-kontribuzzjoni possibbli mill-ESA, esklużi l-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni tal-azzjonijiet relatati msemmija fl-Artikolu 47, il-paragrafu 2, il-punt a; (ii) il-forniment tal-għarfien espert tekniku tiegħu, inkluż matul l-implimentazzjoni tal-komponenti;
4. Abbażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni, l-ESA tista' tiġi fdata b'kompiti oħra abbażi tal-ħtiġijiet tal-attivitajiet taħt din it-taqsim, dment li daww il-kompiti ma jidduplikawx l-attivitajiet imwettqa minn entità fdata oħra u li jkollhom l-għan li jtejbju l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet tat-tieqa tal-ispazju.
5. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, il-Kummissjoni tista' wkoll tafda, kompletament jew parzjalment, kompiti biex timplimenta l-komponenti appoġġati skont din it-taqsim lil entitajiet rilevanti, bħall-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni ta' Satelliti Meteoroloġiċi, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea, iċ-Ċentru Ewropew għall-Previżjonijiet Meteoroloġiċi fuq Perjodu Medju, u [*iċ-Ċentru Internazzjonali Mercator għall-Oċean*].

#### *Artikolu 76*

#### **Awtoritajiet kompetenti**

1. Fejn meħtieġ għal komponenti sensittivi għas-sigurtà, bħall-Pożizzjonament, in-Navigazzjoni u s-Sinkronizzazzjoni, l-Osservazzjoni tad-Dinja, u l-Konnettività Sigura, kull parteċipant għal dak il-komponent maħtur biex jissorvelja l-aċċess għas-servizzi għandu jaħtar awtorità kompetenti għal kull komponent. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li:
- (a) l-użu tas-servizzi rilevanti jkun konformi mar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 77;
- (b) id-drittijiet ta' aċċess għas-servizzi rilevanti huma determinati u ġestiti;
- (c) it-tagħmir tal-utenti meħtieġ għall-użu tas-servizzi rilevanti u l-konnessjonijiet u l-informazzjoni assoċjati tal-komunikazzjoni elettronika jintuża u jiġi ġestit f'konformità mar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 77;
- (d) jiġi stabbilit punt ċentrali ta' kuntatt biex jassisti kif meħtieġ fir-rapportar tar-riskji u t-theddid għas-sigurtà, b'mod partikolari d-detezzjoni ta' interferenza elettromanjetika potenzjalment dannuża li taffettwa s-servizzi żviluppati taħt it-tieqa ta' politika spazjali.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-azzjonijiet, il-kompiti u l-funzjonament tal-awtoritajiet kompetenti tal-PRS huma msemmija fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 1104/2011/UE.

#### *Artikolu 77*

#### **Prinċipji ta' governanza u sigurtà**

1. Il-prinċipji ta' governanza għall-attivitajiet u l-komponenti speċifiċi taħt din it-taqsim għandhom ikunu bbażati fuq dan li ġej:

- (a) distribuzzjoni ċara tal-kompiti u tar-responsabbiltajiet bejn l-entitajiet involuti fl-implimentazzjoni, filwaqt li tibni fuq il-kompetenzi rispettivi tagħhom u tevita kwalunkwe konverġenza jew duplikazzjoni fil-kompiti u r-responsabbiltajiet u b'hekk tiżgura responsabbiltà ċara;
  - (b) ir-rilevanza tal-istruttura ta' governanza għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull komponent u miżura, kif xieraq;
  - (c) kontroll qawwi tal-attivitajiet u l-komponenti, inkluża aderenza stretta mal-kost, l-iskeda u l-prestazzjoni mill-entitajiet kollha, fi ħdan ir-rwol u l-kompiti rispettivi tagħhom;
  - (d) ġestjoni trasparenti u kosteffiċjenti;
  - (e) kontinwità tas-servizz u kontinwità tal-infrastruttura meħtieġa, inkluża l-protezzjoni minn theddid rilevanti;
  - (f) kunsiderazzjoni sistematika u strutturata tal-ħtiġijiet tal-utenti tad-data, tal-informazzjoni u tas-servizzi pprovduti mill-komponenti, kif ukoll tal-evoluzzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi relatati;
  - (g) sforzi kostanti biex r-riskji jiġu kkontrollati u jitnaqqsu.
2. Il-prinċipji tas-sigurtà għall-attivitajiet u l-komponenti speċifiċi taħt din it-taqsimha għandhom ikunu bbażati fuq dan li ġej:
- (a) il-kunsiderazzjoni tal-esperjenza tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà u t-teħid ta' ispirazzjoni mill-aqwa Prattiki tagħhom;
  - (b) l-iżgurar tal-protezzjoni tal-infrastrutturi tal-art li jiffurmaw parti integrali mit-tieqa tal-politika spazjali u li jinsabu fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri li huma mill-inqas ekwivalenti għal dawk meħtieġa għall-protezzjoni tal-infrastrutturi kritiċi Ewropej skont it-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE;
  - (c) l-użu tar-regoli tas-sigurtà tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, li jipprevedu, inter alia, separazzjoni bejn il-funzjonijiet operazzjonali u dawk assoċjati mal-akkreditazzjoni;
  - (d) li l-Kummissjoni titqies bħala Oriġinatur tal-informazzjoni klassifikata kollha maħluqa mill-entitajiet fdati kif imsemmi fl-Artikolu 68, il-paragrafu 1;
  - (e) l-iżgurar li l-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà stabbilit bir-Regolament (UE) [XXX] [*ir-Regolament fundatur tal-EUSPA*] iwettaq il-kompiti tiegħu mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni jew għal dawk l-entitajiet fdati, u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà;
  - (f) Id-deċiżjonijiet dwar l-akkreditazzjoni tas-sigurtà, kif ukoll ir-riskji residwi identifikati, għandhom jiġu kkomunikati mill-Kummissjoni lill-Kunsill għall-informazzjoni. Il-Kummissjoni tista' tadotta kwalunkwe miżura adegwata f'konformità ma' dan ir-Regolament;
  - (g) l-istabbiliment ta' struttura għall-koordinazzjoni tal-operazzjonijiet tas-servizzi governattivi tal-komponenti differenti mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew l-entitajiet nazzjonali maħtura għall-komponent rilevanti.
3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li titwettaq analiżi tar-riskji u tat-theddid għal kull komponent ġdid u li din tiġi mantnuta għall-komponenti eżistenti. Abbażi ta' dik l-analiżi, għandha tiddetermina, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà għal kull komponent. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom

jigù adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83, il-paragrafu 3.

4. Kull meta s-sigurtà tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha tkun tista' tiġi affettwata mill-operazzjoni tas-sistemi, għandhom japplikaw il-proċeduri stipulati fid-Deċiżjoni (PESK) 2021/698 fejn rilevanti.

#### *Artikolu 78*

##### **Regoli komplimentari dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata**

1. L-iskambju ta' informazzjoni klassifikata relatata mal-komponenti appoġġati taħt dawn it-taqsimiet għandu jkun soġġett għall-eżistenza ta' ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni u pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali dwar l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata jew, fejn ikun applikabbli, arranġament konkluż mill-Istituzzjoni jew il-korp kompetenti tal-Unjoni u l-awtoritajiet rilevanti ta' pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali dwar l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata, u għall-kundizzjonijiet stabbiliti fih.
2. Persuni fiżiċi residenti f'pajjiżi terzi u persuni ġuridiċi stabbiliti f'pajjiżi terzi jistgħu jittrattaw IKUE fir-rigward tat-tieqa ta' politika spazjali biss meta jkunu soġġetti, f'dawk il-pajjiżi terzi, għal regolamenti dwar is-sigurtà li jiżguraw livell ta' protezzjoni mill-inqas ekwivalenti għal dak previst mir-regoli tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444 u mir-regoli dwar is-sigurtà tal-Kunsill li jinsabu fl-Annessi għad-Deċiżjoni 2013/488/UE. L-ekwivalenza tar-regolamenti dwar is-sigurtà applikati f'pajjiż terz jew f'organizzazzjoni internazzjonali għandha tkun definita fi ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni, li jinkludi, jekk rilevanti, kwistjonijiet tas-sigurtà industrijali, konkluż bejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz jew dik l-organizzazzjoni internazzjonali f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 218 TFUE u billi jitqies l-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni 2013/488/UE.
3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni 2013/488/UE u għar-regoli li jirregolaw il-qasam tas-sigurtà industrijali kif stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444, persuna fiżika jew persuna ġuridika, pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali jistgħu jingħataw aċċess għal IKUE fejn jitqies meħtieġ fuq bażi ta' każ b'każ, skont in-natura u l-kontenut ta' tali informazzjoni, il-ħtieġa ta' għarfien tar-riċevitur u l-grad ta' vantaġġ għall-Unjoni.

#### **TAQSIMA 4**

### **APPOĠĠ GĦALL-POLITIKA TAL-INDUSTRIJA TAS-SIGURTÀ**

#### *Artikolu 79*

##### **Dispożizzjonijiet speċifiċi li jappoġġaw il-politika tal-industrija tas-sigurtà ċivili**

1. L-azzjonijiet appoġġati taħt din it-taqsuma għandhom jikkontribwixxu għall-oġġettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u l-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (f).
2. L-appoġġ għal azzjonijiet taħt din it-taqsuma għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit stabbilit fl-Artikolu 4(2), il-punt (e), u kwalunkwe kontribuzzjoni addizzjonali assenjata f'konformità mal-Artikolu 6.

3. L-azzjonijiet għandhom jiġu implimentati f'konformità mad-dispożizzjonijiet ġenerali stabbiliti fil-Kapitolu I u kwalunkwe regola addizzjonali stabbilita f'din it-taqsimha.

#### *Artikolu 80*

#### **Attivitajiet speċifiċi li jappoġġaw il-politika tal-industrija tas-sigurtà ċivili**

1. L-appoġġ għall-politika tal-industrija tas-sigurtà ċivili għandu jindirizza b'mod partikolari l-oqsma ta' applikazzjoni li ġejjin:
  - (a) Is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi ċivili kritiċi, b'mod partikolari kontra t-theddid ibridu;
  - (b) It-teknoloġiji, il-kapaċitajiet u s-soluzzjonijiet rilevanti għall-prevenzjoni tal-kriminalità u r-rispons għaliha, b'mod partikolari t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, il-kriminalità organizzata u l-kriminalità ffaċilitata mill-internet
  - (c) It-teknoloġiji, il-kapaċitajiet u s-soluzzjonijiet għall-kontroll tal-merkanzija u tal-persuni fil-fruntieri, il-protezzjoni tal-fruntieri u taċ-ċentri loġistiċi, is-sigurtà marittima u s-sorveljanza u s-sigurtà doganali;
  - (d) Il-preparatezza ċivili kontra t-theddid għas-sigurtà, kemm jekk naturali kif ukoll jekk magħmula mill-bniedem, aċċidentali jew intenzjonali.
2. L-appoġġ għall-politika industrijali tas-sigurtà ċivili għandu jiġi implimentat b'mod partikolari permezz tal-attivitajiet li ġejjin:
  - (a) Ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-iscale-ups, l-appoġġ għall-SMEs, l-iżvilupp tal-ħiliet, u l-azzjonijiet tal-manifattura;
  - (b) L-ittestjar u l-validazzjoni tat-teknoloġiji u tas-soluzzjonijiet;
  - (c) L-implimentazzjoni u l-adozzjoni mis-suq ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet, b'mod partikolari mill-prattikanti tas-sigurtà;
  - (d) Azzjonijiet ta' appoġġ għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni.
3. L-appoġġ ipprovdut permezz tal-attivitajiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, jista' jiġi pprovdut fi kwalunkwe forma, inkluż permezz ta' attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) [XXX] [il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni] u identifikat f'parti ddedikata speċifika tal-Programm ta' Ħidma.
4. Il-programmi ta' ħidma adottati f'konformità mar-regoli ta' dan ir-Regolament f'din it-taqsimha għandhom jintegraw f'parti ddedikata speċifika u jiżguraw il-koerenza mal-attivitajiet tal-Kompetittività u s-Soċjeta' appoġġati skont ir-Regolament (UE) [XXX] [il-Programm Qafas ta' Orizzont Ewropa għar-Riċerka u l-Innovazzjoni].

#### *Artikolu 81*

#### **Sjieda tar-riżultati**

1. Meta l-appoġġ tal-Unjoni jiġi pprovdut fil-forma ta' akkwist, ir-riżultati għandhom ikunu proprjetà tal-Unjoni.
2. Meta l-appoġġ tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni għandhom igawdu, fuq talba, minn drittijiet ta' aċċess mingħajr royalties għar-riżultati għall-fini tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-

monitoraġġ tal-politiki jew il-programmi eżistenti tal-Unjoni fl-oqsma tal-kompetenza tagħha u d-dritt li jagħtu, jew li jitolbu lir-riċevituri jagħtu, liċenzji mhux esklużivi lil partijiet terzi biex jisfruttaw ir-riżultati b'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli mingħajr ebda dritt ta' sottoliċenzja sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-ftehim ta' għotja.

3. Kwalunkwe trasferiment tas-sjeda tar-riżultati, jew l-għoti ta' liċenzji esklużivi għar-riżultati, iġġenerati b'appoġġ lil entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati jew lil entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati għandu jkun soġġett għal notifika u approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni jew mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru jew tal-pajjiż assoċjat, li jseħħu fi żmien 3 snin wara l-aħħar pagament tal-azzjoni, b'kundizzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni.

#### *Artikolu 82*

### **Regoli komplimentari dwar l-għotjiet**

1. Għal attivitajiet li jappoġġaw Azzjonijiet ta' Koordinazzjoni u Appoġġ fil-qasam tal-industrija tas-sigurtà ċivili, l-Unjoni tista' tkopri sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' kofinanzjament.
2. B'deroga mill-Artikolu 184(6) tar-Regolament Finanzjarju, meta jiġu applikati rati fissi, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli jista' jawtorizza jew jimponi l-finanzjament tal-kostijiet indiretti tal-benefiċjarju sa massimu ta' 25 % tat-total tal-kostijiet diretti eliġibbli għall-azzjoni.

## **Kapitolu VIII**

### **Dispożizzjonijiet finali**

#### *Artikolu 83*

### **Proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat, li għandu jkun il-kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, u jista' jiltaqa' fil-konfigurazzjonijiet li ġejjin:
  - (a) Il-Kumitat Ġenerali tal-FEK, għal kwistjonijiet li jikkonċernaw l-oġġettivi ġenerali jew kwistjonijiet li jikkonċernaw aktar minn wieħed mill-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2);
  - (b) Il-Kumitat tat-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa għal kwistjonijiet li jikkonċernaw l-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (a);
  - (c) Il-Kumitat tas-Saħħa, il-Bijoteknoloġija, l-Agricoltura u l-Bijoeconomija għal kwistjonijiet li jikkonċernaw l-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);
  - (d) Il-Kumitat Diġitali għal kwistjonijiet li jikkonċernaw l-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (c);
  - (e) Il-Kumitat tal-Industrija tad-Difiża għal kwistjonijiet li jikkonċernaw l-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (d);
  - (f) Il-Kumitat tar-Reżiljenza għal kwistjonijiet li jikkonċernaw oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (d);

- (g) Il-Kumitat tal-Ispazju għal kwistjonijiet li jikkonċernaw l-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (d). F'konformità mar-regoli tal-proċedura tiegħu, il-Kumitat tal-Ispazju jista' jistabbilixxi sottokumitati u gruppi ta' ħidma, bħall- "Forum tal-Utenti", biex jagħtu pariri dwar aspetti tar-rekwiżiti tal-utenti, l-evoluzzjoni tas-servizzi u l-adozzjoni mill-utenti.
- (h) Il-Kumitat tal-Industrija tas-Sigurtà għal kwistjonijiet li jikkonċernaw l-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (d).4.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 u l-opinjoni għandha tintalab mill-konfigurazzjoni tal-kumitat l-aktar ikkonċernat.
  3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 u l-opinjoni għandha tintalab mill-konfigurazzjoni tal-kumitat l-aktar ikkonċernat.
  4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.
  5. Fejn l-opinjoni tal-kumitat tkun trid tinkiseb permezz tal-proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat meta, fil-limitu ta' żmien għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk jew maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat titlob li jsir hekk.
  6. Il-Kumitati fil-punti b) sa h) tal-paragrafu 1 jistgħu jiltaqgħu f'konfigurazzjonijiet jew f'sottogruppi differenti allinjati mal-komponenti speċifiċi tat-twieqi ta' politika.
  7. F'konformità mal-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni, ir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali jew istituzzjonijiet, korpi u aġenziji oħra tal-Unjoni Ewropea jistgħu jiġu mistiedna bħala osservaturi fil-laqgħat tal-konfigurazzjonijiet tal-kumitat skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli tal-proċedura tagħhom, filwaqt li jitqiesu l-interessi tas-sigurtà u tal-ordni pubbliku tal-Unjoni. Ir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali ma għandhomx ikunu preżenti f'deliberazzjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-eliġibbiltà, inklużi deliberazzjonijiet relatati mal-Artikoli 9 u 10 ta' dan ir-Regolament.
  8. L-EDA għandha tiġi mistiedna tipprowdi l-fehmiet u l-għarfien espert tagħha lill-kumitat tal-industrija tad-difiża bħala osservatur. Is-SEAE għandu jiġi mistieden ukoll biex jassisti fil-ħidma tal-kumitat tal-industrija tad-difiża.

#### *Artikolu 84*

#### **Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija f'dan ir-Regolament għandha tingħata lill-Kummissjoni għall-perjodu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2035.
3. Id-delega tas-setgħa msemmija f'dan ir-Regolament tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni

Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

#### *Artikolu 85*

#### **Emendi għar-Regolament (UE) 2021/696**

1. It-Titoli I, II u III, l-Artikoli 26, 27, 28, 30, 31, 32, 33, , 43, it-Titoli VI, VII, VIII u X tar-Regolament (UE) 2021/696 għandhom jiġihassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2028.

#### *Artikolu 86*

#### **Emendi għar-Regolament (UE) 2023/588**

2. Il-Kapitoli I, II, III, IV, l-Artikoli 24, 25, 26, 28 u 29, it-Titoli VII, VIII, IX u X tar-Regolament (UE) 2023/588 għandhom jiġihassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2028.

#### *Artikolu 87*

#### **Emendi għar-Regolament [EDIP]**

3. Il-Kapitoli I, II, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-Istrument ta' Appoġġ għall-Ukrajna [li għandu jiġi kkonfermat wara l-adozzjoni tal-EDIP], u V tar-Regolament (UE) [EDIP] għandhom jiġihassru [b'effett mill-1 ta' Jannar 2028].

#### *Artikolu 88*

#### **Tħassir**

4. Ir-regolamenti li ġejjin huma mħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2028:
  - (a) Ir-Regolament (UE) 2021/522 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (il-“Programm l-UE għas-Saħħa”) għall-perjodu 2021-2027, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014;
  - (b) Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240;

- (c) Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092;
- (d) Ir-Regolament (UE) 2021/783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni dwar il-Klima (LIFE), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013.

#### *Artikolu 89*

#### **Dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-kontinwazzjoni jew il-modifika tal-azzjonijiet mibdija skont l-atti bażiċi msemmija fl-Artikolu 85, li għandhom jibqgħu japplikaw għal dawk l-azzjonijiet sal-għeluq tagħhom.
2. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-atti ta' implimentazzjoni adottati skont ir-Regolament (UE) 2021/696 dwar il-Programm Spazjali u r-Regolament tal-IRIS<sup>2</sup> (UE) 2023/588. Dawn l-atti għandhom jibqgħu fis-seħħ, jekk rilevanti, sakemm jiġu modifikati abbażi ta' dan ir-Regolament, u bl-eċċezzjoni ta' deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikolu 36(4) tar-Regolament (UE) 2023/588.
3. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 4 jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-FEK u l-miżuri adottati skont l-atti bażiċi msemmija fl-ewwel paragrafu.

#### *Artikolu 90*

#### **Dħul fis-seħħ**

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2028.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha. Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## **DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA**

1.	QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA .....	3
1.1.	Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva .....	3
1.2.	Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) .....	3
1.3.	Objettiv(i).....	3
1.3.1.	Objettiv(i) ġenerali .....	3
1.3.2.	Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi .....	3
1.3.3.	Riżultat(i) u impatt mistennija .....	3
1.3.4.	Indikaturi tal-prestazzjoni .....	3
1.4.	Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma': .....	4
1.5.	Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva.....	4
1.5.1.	Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva .....	4
1.5.2.	Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsim, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.....	4
1.5.3.	Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi.....	4
1.5.4.	Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra.....	5
1.5.5.	Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni .....	5
1.6.	Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha.....	6
1.7.	Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i).....	6
2.	MIŻURI TA' ĠESTJONI .....	8
2.1.	Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar.....	8
2.2.	Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll .....	8
2.2.1.	Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta .....	8
2.2.2.	Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom .....	8
2.2.3.	Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq).....	8
2.3.	Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet.....	9
3.	IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA.....	10

3.1.	Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.....	10
3.2.	Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet .....	12
3.2.1.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali .....	12
3.2.1.1.	Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat .....	12
3.2.1.2.	Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern.....	17
3.2.2.	Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali.....	22
3.2.3.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi .....	24
3.2.3.1.	Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat.....	24
3.2.3.2.	Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern.....	24
3.2.3.3.	Total tal-approprjazzjonijiet.....	24
3.2.4.	Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani .....	25
3.2.4.1.	Iffinanzjati mill-baġit ivvutat .....	25
3.2.4.2.	Iffinanzjati minn dħul assenjat estern .....	26
3.2.4.3.	Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani .....	26
3.2.5.	Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali .....	28
3.2.6.	Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali .....	28
3.2.7.	Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi.....	28
3.3.	Impatt stmat fuq id-dħul.....	29
4.	DIMENSIJONIJIET DIĠITALI .....	29
4.1.	Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali .....	30
4.2.	Data .....	30
4.3.	Soluzzjonijiet diġitali .....	31
4.4.	Valutazzjoni tal-interoperabbiltà.....	31
4.5.	Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali .....	32

# 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

## 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jstabilixxi l-Fond Ewropew għall-Kompetittività (“FEK”), inkluż il-programm speċifiku dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni fid-difiża msemmi fl-Artikolu 182(3) tat-TFUE, il-programm speċifiku

## 1.2. Qasam/Oqsma ta’ politika kkonċernat(i)

Il-kompetittività Ewropea

It-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u d-De karbonizzazzjoni Industrijali

Is-saħħa, il-Bijoteknoloġija u l-Bijoeconomija

It-Tmexxija Diġitali

Ir-Reżiljenza u s-Sigurtà, l-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju

## 1.3. Objettiv(i)

### 1.3.1. Objettiv(i) ġenerali

Objettiv Ġenerali 1 - L-istabiliment ta’ kapaċità ta’ investiment biex tiġi appoġġata l-kompetittività Ewropea f’teknoloġiji u setturi strateġiċi, inklużi l-innovazzjoni, id-de karbonizzazzjoni, u r-reżiljenza, permezz ta’ perkors tal-investment b’inqas xkiel mir-riċerka fundamentali, ir-riċerka applikata sal-implimentazzjoni u l-manifattura.

Objettiv Ġenerali 2 - L-ingranaġġ tal-għodod ta’ finanzjament tal-Baġit tal-UE biex jiġi sfruttat l-investment privat, istituzzjonali u nazzjonali b’appoġġ għat-teknoloġiji u s-setturi strateġiċi, inkluż għar-riċerka u l-innovazzjoni, fl-UE.

### 1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Objettiv Speċifiku 1 - Il-promozzjoni tal-investimenti pubbliċi u privati matul il-perkors kollu tal-investment, b’mod partikolari r-riċerka u l-innovazzjoni, u ingranaġġ aħjar tal-potenzjal tat-tneħħija tar-riskji għall-baġit tal-UE biex jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-UE tiegħu

Objettiv Speċifiku 2 - L-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament mill-programmi tal-UE permezz ta’ proċeduri ffukati fuq l-utent, aktar rapidi, simplifikati u armonizzati u t-titjib tal-koerenza fost l-istrumenti tal-UE u mal-investimenti tal-Istati Membri

Objettiv Speċifiku 3 - L-iggwidar u l-iffukar tal-investimenti lejn setturi u teknoloġiji strateġiċi tal-UE, inklużi ktajjen tal-valur sottostanti, infrastrutturi, kapaċitajiet u ħiliet kritiċi, u b’appoġġ għad-de karbonizzazzjoni, is-saħħa, il-bijoteknoloġija, l-agrikoltura u l-bijoeconomija kif ukoll l-oqsma diġitali, tas-sigurtà u tar-reżiljenza, l-industrija tad-difiża u l-ispazju.

### 1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

**Impatti Ekonomiċi**

- **Redditu Makroekonomiku:** Mistenni jikkontribwixxi għat-tkabbir tal-PDG permezz ta' nfiq aċċellerat fuq l-investment u s-simplifikazzjoni tal-proċess.
- **Effiċjenza u Produttività:** Mistenni jnaqqas il-kostijiet amministrattivi u jintegra l-punti ta' aċċess, filwaqt li jissimplifika l-proċessi għal industriji b' rata għolja ta' tkabbir u negozji ġodda.
- **Ambjent ta' Finanzjament Simplifikat:** Il-kostijiet aktar baxxi, it-tnaqqis fil-ħin tat-tiftix, fiż-żmien għat-tħejjija tal-proposti, fiż-żmien sal-informazzjoni u ż-żmien sal-għotja tal-proposti jiffaċilitaw aċċess aktar faċli għall-fondi, u potenzjalment jagħtu spinta lir-rati ta' suċċess.
- **Appoġġ għall-SMEs:** Il-konsolidazzjoni f'fond uniku x'aktarx tkun ta' vantaġġ għall-SMEs peress li tipikament ma jkollhomx ir-riżorsi biex jinnavigaw sistemi kumplessi u frammentati. Barra minn hekk, l-enfasi strateġika fuq l-innovazzjoni fixkiela tista' toffri lill-SMEs opportunitajiet ġodda f'oqsma b' rata għolja ta' tkabbir.
- **Kompetittività tas-Suq:** Il-fond għandu l-għan li jagħti spinta lill-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej, inklużi l-SMEs u l-istart-ups, billi jagħmel il-finanzjament aktar aċċessibbli u allinjat strateġikament. Din l-inizjattiva tappoġġa l-awtonomija strateġika Ewropea billi tnaqqas id-dipendenza fuq il-ktajjen tal-provvista barranin u tnaqqas id-dipendenzi fuq atturi esterni, u b'hekk issaħħa il-pożizzjoni fis-suq tal-kumpaniji tal-UE kemm domestikament kif ukoll globalment. Barra minn hekk, tfittex li tgħaqqad aħjar ir-riċerka mal-iżvilupp tas-suq u tallinja l-prijoritajiet tar-riċerka mal-ħtiġijiet industrijali, filwaqt li iżżomm approċċ minn isfel għal fuq għar-riċerka fundamentali.
- **Riċerka u innovazzjoni:** Il-prevedibbiltà tibqa' l-istess bħal-lum għall-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni, f'konformità mal-obbligi skont it-Trattat. Fl-istess ħin, il-konsolidazzjoni f'fond wieħed li jkopri l-perkors kollu tal-investment tista' tiffaċilita l-adozzjoni mis-suq tar-riżultati tar-riċerka u tartikola aħjar ir-riċerka applikata mal-prijoritajiet industrijali.

#### Impatti soċjali

- **Impjiegi u Ħiliet:** Volumi akbar ta' investment huma mistennija li jagħtu spinta lill-impjiegi. Il-fond se jintegra inizjattivi ta' ħiliet, edukazzjoni u taħriġ f'qafas unifikat, li jallinja mal-ħtiġijiet tal-industrija f'setturi strateġiċi bħat-teknoloġija nadifa u l-IA. Dan l-approċċ se jippromwovi investimenti mmirati fit-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet, it-tiħiħ tas-sinerġiji fost l-edukazzjoni, ir-riċerka u n-negozju, u l-iffaċilitar ta' adattament rapidu għax-xejriet emerġenti.
- **Żvilupp Reġjonali:** Ir-reġjuni strateġiċi jistgħu jaraw tkabbir sostanzjali, li jattira l-investment u l-intraprenditorija.
- **Titjib fis-Settur tas-Saħħa:** Il-mekkaniżmi simplifikati jkollhom l-għan li jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jħaffu r-rispons għall-kriżijiet.

#### Impatti Ambjentali

- **Prijorità tad-De karbonizzazzjoni:** L-enfasi fuq id-dekarbonizzazzjoni u t-teknoloġija nadifa tallinja mal-mira tan-newtralità klimatika tal-UE għall-2050, li potenzjalment ittejjeb l-impatti pożittivi għall-klima.

- **Inċertezza fl-Investment:** Inċertezza kbira fl-investment fit-teknoloġija nadifa titlob bilanċ bir-reqqa bejn il-prevedibbiltà u l-flessibbiltà biex jinkisbu eżiti ambjentali pożittivi.

#### 1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

Din l-inizjattiva se tiġi mmonitorjata permezz tal-qafas ta' prestazzjoni għall-QFP tal-2028-2034, li huwa kopert fi proposta separata. Din il-proposta tistabbilixxi r-regoli għall-qafas ta' prestazzjoni għall-baġit, inklużi r-regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi.

#### 1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

- azzjoni ġdida
- azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja<sup>44</sup>
- l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti
- fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

#### 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

##### 1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-UE qed tiffaċċja diskrepanza fil-kompetittività ma' atturi globali oħra. L-Istati Uniti u ċ-Ċina mhux biss huma mexxejja f'setturi kritiċi u raggruppamenti ta' innovazzjoni ewlenin, iżda dawn l-ekonomiji jingranaw ukoll appoġġ finanzjarju ferm akbar għar-riċerka u l-innovazzjoni, l-implimentazzjoni, u scale-up. Għal din ir-raġuni, ir-rispons biex terġa' tinkiseb il-kompetittività jeħtieġ li jiġi koordinat fil-livell tal-UE biex ikun verament effettiv, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġi stabbilit fond iddedikat biex jiġi indirizzat dan l-iżbilanċ u jiġu żgurati r-reżiljenza ekonomika u t-tkabbir fit-tal-UE.

##### 1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsim, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.*

#### **Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell tal-UE (ex ante)**

Il-ġbir flimkien tar-riżorsi fil-livell tal-UE jista' jimmassimizza l-impatt u l-valur miżjud tal-investment fil-prattika, u jwassal għal ekonomiji ta' skala f'inizjattivi ta' investment, li jagħmluhom aktar kosteffettivi milli kieku kull Stat Membru aġixxa b'mod indipendenti.

In-nuqqas ta' investment mis-settur privat għadu sfida persistenti fl-UE, li taffettwa spettru wiesa' ta' tipi ta' investment—inklużi l-infrastruttura, l-innovazzjoni, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u l-kapaċità industrijali. Dan in-nuqqas ta' investment huwa aggravat minn swieq kapitali frammentati, li jxekklu l-allokazzjoni effiċjenti tat-tfaddil għal opportunitajiet ta' investment produttiv bejn il-fruntieri. Il-frammentazzjoni tas-swieq finanzjarji tillimita l-flussi kapitali transfruntieri, tnaqqas

<sup>44</sup> Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

l-iskala, u żżid ir-riskju għall-investituri, u taffettwa b' mod partikolari lill-SMEs u lis-setturi strateġiċi.

Kif jindika r-rapport ta' Draghi, l-UE bħalissa għadha lura f' diversi oqsma, inklużi l-iżvilupp teknoloġiku, il-prestazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni, id-dinamiżmu tas-suq, u l-kapaċità industrijali. Hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-UE biex tappoġġa t-tip u l-iskala ta' proġetti li kieku ma jkunux possibbli jekk l-Istati Membri jaġixxu waħedhom.

L-appoġġ tal-UE johlq massa kritika għal proġetti u sħubijiet kbar biex jipproduċu aktar impatt u jwettqu l-ħtiġijiet tas-soċjetà pan-Ewropea, filwaqt li jingranaw aktar investment privat u pubbliku. Fl-aħħar nett, il-kollaborazzjoni - it-trawwim ta' spillovers tal-għarfien u ta' opportunitajiet ta' kondiviżjoni tar-riskju - hija element importanti fl-avvanz tal-kompetittività. Soluzzjoni għall-UE kollha trawwem ekonomiji ta' skala u kooperazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati, li huma vitali biex tissaħħaħ il-valorizzazzjoni tal-għarfien u jittejbu l-kapaċitajiet organizzattivi u tekniċi.

Il-finanzjament tal-UE jrawwem kollaborazzjoni estensiva bejn il-partijiet ikkonċernati u l-fruntieri, inaqas il-frammentazzjoni tar-riżorsi u l-isforzi u jiffaċilita t-trasferiment tal-għarfien bejn il-partijiet ikkonċernati u s-setturi, mir-riċerka fundamentali għan-negozji. Il-finanzjament tal-UE jneħħi l-ostakli nazzjonali u jiffirma networks li joħlqu massa kritika biex jiġu indirizzati sfidi bħan-newtralità klimatika, it-telf tal-biodiversità, it-tniġġis, it-trasformazzjoni diġitali, is-sigurtà, jew it-tħejjija li l-Istati Membri individwali ma jistgħux jindirizzaw waħedhom.

Il-finanzjament tal-UE jindirizza l-fallimenti tas-suq u l-kundizzjonijiet ta' investment subottimali, bħal investmenti ta' primjums ekoloġiċi u proġetti infrastrutturali kbar fejn ir-redditi soċjali jegħlbu r-redditi privati. Billi jimmitiga r-riskji ta' investment u jinċentiva l-involvement tal-partijiet ikkonċernati, il-finanzjament tal-UE jappoġġa proġetti ta' benefiċċju ekonomiku li kieku ma jirnexxux. Dan isaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika, jingrana l-fondi privati, jattira l-kapital, u jaġti spinta lill-produttività madwar l-UE, jixpruna t-tkabbir tal-PDG u jrawwem l-istabbiltà fit-tul.

Il-finanzjament koordinat jiżgura li r-riżorsi jindirizzaw sfidi kondiviżi u jgħin fit-trawwim ta' sħubijiet mas-settur privat, filwaqt li jallinja l-prijoritajiet politiċi u industrijali. Dan l-approċċ kollettiv jappoġġa innovazzjonijiet rivoluzzjonarji u għanijiet strateġiċi, filwaqt li jegħleb il-limitazzjonijiet ta' koordinazzjoni fost l-Istati Membri.

### **Valur miżjud tal-UE mistenni li jiġi ġġenerat (*ex post*)**

Il-FEK se joffri sett komprensiv ta' miżuri ta' politika biex jingħelbu n-nuqqasijiet attwali fix-xenarju ta' finanzjament tal-UE relatat mal-kompetittività. Dan jistabbilixxi kapaċità ta' investment unifikata biex jiġu appoġġati setturi u teknoloġiji strateġiċi, jiġi ffaċilitat perkors tal-investment bla xkiel mir-riċerka sal-implimentazzjoni fil-livell tal-UE u tissaħħaħ il-kapaċità ta' investment u l-ġhodda ta' ingranaġġ tal-UE. Il-FEK jissimplifika u jarmonizza r-regoli u r-rekwiżiti tal-applikazzjoni, filwaqt li jintroduċi ġabra ta' regoli unifikati għall-applikanti. Dan inaqas il-kumplessità, jelimina d-duplikazzjoni, u jippermetti lill-UE tisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal tagħha li timmobilizza l-kapital privat u żżid il-flessibbiltà baġitarja. Il-fond il-ġdid isaħħaħ ukoll il-konnessjonijiet bejn ir-riċerka, il-manifattura tal-innovazzjoni u l-implimentazzjoni, filwaqt li jiżgura struttura ekonomika dinamika fl-UE - bl-objettiv

li jippromwovi r-reżiljenza u t-tmexxija tal-Ewropa fl-era tal-innovazzjoni globali.

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Il-konsolidazzjoni ta' diversi strumenti finanzjarji fil-qafas uniku InvestEU fl-2020 ipprovdiet tagħlimiet siewja li se jiġu ingranati fit-tfassil tal-fond il-ġdid. L-esperjenza wriet li l-frammentazzjoni u l-multipliċità tar-regoli u l-proċeduri taħt il-QFP preċedenti ħolqu ineffiċjenzi u duplikazzjonijiet, kemm fl-oġettivi tal-politika kif ukoll fl-operazzjonijiet finanzjarji. Il-bidla lejn programm uniku b'identità b'saħħitha, uffiċjal tal-awtorizzazzjoni uniku, u sett unifikat ta' rekwiżiti koerenti għall-eliġibbiltà, il-monitoraġġ u r-rappurtar għeni biex jiġu ssimplifikati l-governanza u l-implimentazzjoni. Dawn it-tagħlimiet jenfasiszaw il-benefiċċji ta' qafas armonizzat u simplifikat, li se jiggwida l-iżvilupp tal-fond il-ġdid biex jiġu żgurati effiċjenza, trasparenza u impatt akbar tul il-katina tal-finanzjament.

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-FEK għandu l-għan li jissimplifika u jtejjeb il-finanzjament tal-UE billi jikkonsolida 12-il programm eżistenti f'fond wieħed, filwaqt li jiżgura rabta mill-qrib mal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u koerenza mal-Fond għall-Innovazzjoni. Bis-saħħa ta' din il-konsolidazzjoni, se jkun hemm għadd limitat ta' programmi tal-UE biex ikun hemm sinerġija magħhom. L-għodda ta' Koordinazzjoni tal-Kompetittività se tiżgura sinerġiji ma' pakketti allokati minn qabel fil-livell nazzjonali u reġjonali. Huma mistennija sinerġiji mal-Fond Ewropa Globali dwar aspetti li jikkonċernaw il-kompetittività tal-industriji u l-kumpaniji tal-UE f'pajjiżi terzi (jiġifieri pajjiżi ta' adeżjoni, swieq emerġenti u ekonomiji li qed jiżviluppaw.)

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Meta jimplementa l-baġit, il-FEK jenħtieġ li jipprovidi s-sett sħiħ ta' għodod ta' finanzjament tal-Unjoni u jiżgura sinerġiji bejn il-politiki appoġġati tiegħu, b'mod partikolari billi jippermetti proċeduri tal-għoti komuni simplifikati biex isegwi l-oġettivi tiegħu ta' aktar minn politika waħda. Il-finanzjament għandu jiffoka fuq il-kisba tal-oġettivi ta' politika. Bħala tali, l-eliminazzjoni tar-rappurtar finanzjarju li huwa ta' piż permezz tal-użu l-aktar wiesa' possibbli ta' finanzjament mhux marbut mal-kost jenħtieġ li tiġi segwita bħala miżura ewlenija ta' simplifikazzjoni.

## 1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

### **durata limitata**

- fis-seħħ mill-01/01/2028 sal-31/12/2034
- impatt finanzjarju mill-2028 sal-2034 għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u mill-2028 sal-2040 għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

### **durata mhux limitata**

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)

### **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

- mill-aġenziji eżekuttivi

### **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

### **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

- lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom
- lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)
- lill-Bank Ewropew tal-Investment u lill-Fond Ewropew tal-Investment
- lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju
- lill-korpi tad-dritt pubbliku
- lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati
- lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati
- lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Ewropea u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti
- korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà in solidum mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

Kummenti

Il-FEK għandu jiġi implimentat b'ġestjoni diretta u indiretta. Il-mod magħżul ta' implimentazzjoni jenħteġ li jirrifletti l-ħtiġijiet identifikati għad-direzzjonalità, il-flessibbiltà u l-effiċjenza, meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-FEK.

Fil-każijiet kollha, il-finanzjament tal-FEK għandu jiġi pprovdut fil-forma li hija l-aktar adattata biex jintlaħqu l-oġġettivi tiegħu, filwaqt li jiġi limitat il-piż amministrattiv għar-riċevituri għall-minimu assolut.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

L-impatt ġenerali tal-FEK se jiġi vvalutat permezz tal-evalwazzjoni tiegħu. Rapport ta' implimentazzjoni se jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni mhux aktar tard minn erba' snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-programm, sabiex jiġi vvalutat il-progress li sar lejn il-kisba tal-oġġettivi tiegħu. Se titwettaq evalwazzjoni retrospettiva mill-Kummissjoni mhux aktar tard minn tliet snin wara t-tmiem tal-perjodu ta' programmazzjoni tal-programm bl-għan li jiġu vvalutati l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-programm.

L-entitajiet fdati tal-FEK għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni fuq bażi regolari f'konformità ma' dan ir-regolament, mal-Qafas ta' Prestazzjoni u mar-Regolament Finanzjarju.

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-prestazzjoni tal-implimentazzjoni tal-FEK, kemm b'ġestjoni diretta kif ukoll indiretta. Għall-ġestjoni diretta, il-Kummissjoni se tapplika r-regoli u l-proċeduri stabbiliti fil-Kapitolu 3 tar-Regolament Finanzjarju. Għall-ġestjoni indiretta, l-entitajiet fdati għandhom japplikaw ir-regoli u l-proċeduri tagħhom, li ġew ivvalutati f'konformità mal-Artikolu 157 tar-Regolament Finanzjarju biex jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fih.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### 2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Sabiex tiġi appoġġata l-kompetittività, huma meħtieġa kemm azzjonijiet ta' ġestjoni diretta kif ukoll indiretta. L-arkitettura komprensiva tal-Fond se tippermettilu jakkumpanja l-proġetti Ewropej tul il-perkors kollu tal-investment, mir-riċerka u l-iżvilupp, sad-dimostrazzjoni, u l-adozzjoni mis-suq ta' teknoloġiji, servizzi u soluzzjonijiet. Se jkun jista' jimmobilizza b'mod flessibbli s-sett ta' għodod finanzjarji kollha pprovduti mir-Regolament Finanzjarju, inklużi l-għotjiet, l-istrumenti finanzjarji u l-akkwist.

Il-Fond qed jipprovdi wkoll regoli simplifikati li jaċċelleraw iż-żmien għall-għoti u għat-tnaqis tal-piż amministrattiv.

Il-FEK se jiġi implimentat b'ġestjoni diretta permezz ta' għotjiet lil proġetti Ewropej u direttament jew indirettament permezz tal-Istrument InvestEU tal-FEK. L-attivitajiet ta' konsulenza dwar il-proġetti u ta' appoġġ trażversali għall-SMEs tal-FEK se jiġu implimentati permezz ta' ġestjoni indiretta jew diretta skont in-natura tal-assistenza.

L-Istrument InvestEU tal-FEK se jiġi implimentat l-aktar b'ġestjoni indiretta permezz ta' entitajiet fdati, li bħala regola jikkontribwixxu wkoll għall-appoġġ li għandu jiġi pprovdut lir-riċevituri finali. Se jiġu kkunsidrati wkoll modi diretti ta' ġestjoni, skont il-ħtiġijiet biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-politika.

Il-Kummissjoni għandha tikkonkludi l-ftehimiet ta' garanzija u/jew il-ftehimiet ta' kontribuzzjoni mal-entitajiet fdati. Jekk ftehim ta' garanzija jkun diġà ġie ffirmat ma' sieħeb ta' implimentazzjoni skont ir-Regolament InvestEU, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li temenda tali ftehim biex tinkludi l-kontribuzzjoni addizzjonali tal-UE mill-FEK.

L-entitajiet fdati se jikkonsistu mill-Grupp tal-BEI, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, banek u istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali u intermedjarji finanzjarji oħra li huma korpi tal-Unjoni, regolati u/jew taħt is-superviżjoni tas-settur bankarju. L-appoġġ iffinanzjat mill-Unjoni se jitwettaq mill-entitajiet fdati, f'konformità mar-regoli u l-proċeduri tagħhom.

L-entitajiet fdati għandhom jipprovdu rapporti finanzjarji awditjati annwali, dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni u sommarji tal-awditi u l-kontrolli lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 158 tar-Regolament Finanzjarju.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ir-riskji ewlenin tal-FEK huma:

Riskju għar-reputazzjoni tal-Kummissjoni, f'każ ta' frodi, attivitajiet kriminali jew illegali;

Riskju ta' użu ineffiċjenti tal-fondi tal-UE, fil-każ ta' proġetti Ewropej mingħajr valur miżjud tal-UE jew b'valur miżjud tal-UE limitat ħafna;

Riskju finanzjarju, f'każ ta' ammonti mħallsa indebitament mill-Kummissjoni lill-benefiċjarji tal-għotjiet, l-entitajiet fdati jew l-ammonti dovuti lill-Kummissjoni, li għandhom jiġu rkuprati lill-baġit tal-UE.

Il-qafas ta' kontroll intern biex jiġu indirizzati dawn ir-riskji huwa mibni fuq l-implimentazzjoni tal-Prinċipji ta' Kontroll Intern tal-Kummissjoni u b'mod aktar speċifiku fuq:

il-valutazzjonijiet *ex ante* skont il-pilastru tal-entitajiet fdati; barra minn hekk, peress li l-entitajiet fdati bħala regola jerfgħu parti mir-riskju, l-interess tal-Unjoni u tal-entità fdata huma allinjati kif xieraq u dan itaffi r-riskju għall-baġit;

l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment fil-kuntest tal-Istrument InvestEU tal-FEK jitwettqu skont ir-regoli tal-proċedura u l-prattika bankarja tajba tal-entitajiet fdati stess. L-entitajiet fdati magħżula u l-Kummissjoni jidħlu fi ftehim ta' garanzija jew ta' kontribuzzjoni li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri dettaljati relatati mal-implimentazzjoni.

il-proċeduri għall-għażla ta' proġetti appoġġati mill-fondi tal-UE, direttament mill-Kummissjoni jew indirettament minn entitajiet fdati;

se tiġi stabbilita struttura ta' governanza speċifika biex jingħata l-użu tal-garanzija tal-UE (jiġifieri l-Kumitat tal-Investment).

ir-rapportar u l-monitoraġġ imwettqa mill-entitajiet fdati, inklużi d-dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati, id-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni u s-sommarji tal-awditi u l-kontrolli;

awditi *ex post* minn awdituri esterni, is-Servizz tal-Awditjar Intern jew il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u kontrolli mwettqa mill-Kummissjoni, inkluż permezz ta' rapportar u monitoraġġ; u

l-evalwazzjonijiet tal-FEK inkluż ir-rapport ta' implimentazzjoni ta' nofs it-terminu u l-evalwazzjoni *ex post*.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Se tiġi żgurata sistema ta' kontroll intern kosteffettiva mill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli bl-għan li l-livelli mistennija ta' riskju ta' errur (mal-pagament u fl-għeluq) jinżammu taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %.

L-awditi u l-kontrolli *ex post* stabbiliti mill-Kummissjoni kif ukoll, għall-ġestjoni indiretta, ir-rapportar, is-sommarju tal-awditi u l-kontrolli u d-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni ppreżentati mill-entitajiet fdati, se jipprovdu rappreżentazzjoni ġusta u affidabbli tar-riskju ta' żball u se jippermettu li jiġu eżaminati b'mod effettiv u effiċjenti l-indikazzjonijiet ta' frodi.

Barra minn hekk, għall-għotjiet, il-kontrolli *ex ante* tal-proposti qabel l-iffirmar tal-ftehimiet ta' għotja u l-kjarifika tar-regoli ta' eliġibbiltà għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-mitigazzjoni tar-riskji u għall-kosteffettività tal-kontrolli.

Għall-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment u għall-assenjazzjonijiet konsultattivi, il-kontrolli *ex ante* mwettqa mill-Kummissjoni u mill-entitajiet fdati flimkien mal-kjarifika tar-regoli tal-eliġibbiltà jenħtieġ li jikkontribwixxu wkoll għall-mitigazzjoni tar-riskji u għall-kosteffettività tal-kontrolli.

Se jinħolqu kostijiet relatati mal-kontrolli mwettqa għall-baġit tal-UE fir-rigward tal-kontrolli interni tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-kostijiet jistgħu jinħolqu wkoll permezz ta' tariffi ta' ġestjoni dovuti lill-entitajiet fdati fir-rigward tal-kontrolli interni tagħhom.

2.3. **Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**

Kemm għall-ġestjoni diretta kif ukoll għal dik indiretta, il-Kummissjoni għandha tiegħu miżuri xierqa li jiżguraw li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea jiġu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jinstabu irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa bi żball u, fejn xieraq, permezz ta' penali effettivi, proporzjonali u deterrenti.

Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa tal-awditjar, abbażi ta' dokumenti u fuq il-post, fuq il-benefiċjarji tal-għotjiet, l-entitajiet fdati, l-intermedjarji finanzjarji u r-riċevituri finali kollha, li jkunu rċevew appoġġ mill-Unjoni.

L-OLAF għandu jkun awtorizzat iwettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fuq l-operaturi ekonomiċi kkonċernati direttament jew indirettament minn tali appoġġ finanzjarju.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se timplimenta diversi miżuri bħal:

- id-deċiżjonijiet, il-ftehimiet u l-kuntratti dwar l-implimentazzjoni tal-FEK se jintitolaw espressament lill-Kummissjoni, inkluż l-OLAF, u lill-Qorti tal-Awdituri biex iwettqu awditi, kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post;
- l-applikanti, l-offerenti kif ukoll l-intermedjarji finanzjarji u r-riċevituri finali se jiġu vverifikati skont il-kriterji ta' esklużjoni ppubblikati u s-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES, Early Detection and Exclusion System); u
- ir-regoli li jirregolaw l-eliġibbiltà tal-kostijiet u tal-appoġġ finanzjarju se jiġu mmonitorjati.

### 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

#### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

Linji baġitarji ġodda mitluba

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./ Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali						
2	04.01.01 - Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Ewropew għall-Kompetittività	Mhux diff.	IVA	IVA	IVA	IVA/
2	04.02.01 - Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u Dekarbonizzazzjoni industrijali	Diff.	IVA	IVA	IVA	IVA
2	04.02.02 – Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura u Bijoeconomija	Diff.	IVA	IVA	IVA	IVA
2	04.02.03 - Tmexxija Diġitali	Diff.	IVA	IVA	IVA	IVA
2	04.02.04 - Reżiljenza u Sigurtà, Industrija tad-Difiża u Spazju	Diff.	IVA	IVA	IVA	IVA
2	04.02.05 – Konsulenza għall-Proġetti u Azzjonijiet Trażversali	Diff.	IVA	IVA	IVA	IVA
2	04.02.06 – Kontribuzzjoni għall-Istrument InvestEU tal-FEK	Diff.	IVA	IVA	IVA	IVA

### 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appoprjazzjonijiet

#### 3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appoprjazzjonijiet operazzjonali

Il-proposta/L-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appoprjazzjonijiet operazzjonali

Il-proposta/L-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appoprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt

##### 3.2.1.1. Appoprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat

biljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

<b>Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	Numru	2
--	-------	---

DĠ			Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL QFP 2028- 2034
			2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	
Appoprjazzjonijiet operazzjonali										
04.02.01– Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u Dekarbonizzazzjoni Industrijali	Impenji	(1a)	2,954	3,516	3,586	3,919	3,997	4,077	4,159	<b>26,210</b>
	Pagamenti	(2 a)	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	<b>pm</b>
04.02.02 – Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura u Bijoeconomija	Impenji	(1b)	2,318	2,702	2,764	3,049	3,117	3,186	3,256	<b>20,393</b>
	Pagamenti	(2b)	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	<b>pm</b>
04.02.03– Tmexxija Diġitali	Impenji	(1a)	5,833	6,857	7,004	7,701	7,865	8,032	8,202	<b>51,493</b>
	Pagamenti	(2 a)	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	<b>pm</b>
04.02.04 - Reżiljenza u Sigurtà, Industrija tad-Difiża u Spazju	Impenji	(1a)	14,162	16,713	17,063	18,723	19,114	19,513	19,920	<b>125,204</b>
	Pagamenti	(2 a)	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	<b>pm</b>
04.02.05 –Konsulenza għall-Proġetti u Azzjonijiet Trażversali	Impenji	(1a)	143	143	142	143	143	143	143	<b>1,000</b>
	Pagamenti	(2 a)	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	<b>pm</b>
04.02.06 – Kontribuzzjoni għall-Istrument InvestEU tal-FEK	Impenji	(1a)	1,000	1,500	1,500	1,500	1,500	1,500	1,500	<b>10,000</b>

	Pagamenti	(2 a)	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi <sup>45</sup>											
04.01.01– Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Ewropew għall-Kompetittività		-3	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DĠ</b>	Impenji	=1a+1b+3	<b>26,410</b>	<b>31,431</b>	<b>32,059</b>	<b>35,053</b>	<b>35,736</b>	<b>36,451</b>	<b>37,180</b>	<b>234,300</b>	
	Pagamenti	=2a+2b+3	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	

Fakultattiv: jekk iktar minn DĠ wieħed huwa involut fil-proposta, jekk jogħġbok imla t-tabelli t'hawn taħt; jekk le, jekk jogħġbok ħassarhom.

DĠ: <.....>	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL QFP 2028-2034
	2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	
Appropriazzjonijiet operazzjonali								
Linja baġitarja	Impenji	(1a)						0
	Pagamenti	(2 a)						0
Linja baġitarja	Impenji	(1b)						0
	Pagamenti	(2b)						0
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi								
Linja baġitarja		-3						0
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DĠ &lt;.....&gt;</b>	Impenji	=1a+1b+3	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>
	Pagamenti	=2a+2b+3	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>

<sup>45</sup> Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

			Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL QFP 2028-2034
			2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	
TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	-4	0	0	0	0	0	0	0	0
	Pagamenti	-5	0	0	0	0	0	0	0	0
TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		-6	0	0	0	0	0	0	0	0
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA &lt;...&gt;</b> tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	10	0	0	0	0	0	0	0	0
	Pagamenti	11	0	0	0	0	0	0	0	0

<b>Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	<b>4</b>	“Nefqa amministrattiva” <sup>46</sup>
--	----------	---------------------------------------

DĠ: <.....>	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL QFP 2028-2034
	2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	
•Riżorsi umani	0	0	0	0	0	0	0	0

•Nefqa amministrattiva oħra		0	0	0	0	0	0	0	0
<b>TOTAL DĠ</b> <.....>	Appropriazzjonijiet	0	0	0	0	0	0	0	0

<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	(Total tal-impenji = Total tal-pagamenti)	0	0	0	0	0	0	0	0
--	---	---	---	---	---	---	---	---	---

miljuni ta' EUR (sa tliet pozzizzjonijiet deċimali)

		Sena 2028	Sena 2029	Sena 2030	Sena 2031	Sena 2032	Sena 2033	Sena 2034	TOTAL QFP 2028-2034
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 4</b>	Impenji	0	0	0	0	0	0	0	0
tal-qafas finanzjarju pluriennali	Pagamenti	0	0	0	0	0	0	0	0

Fakultattiv: jekk il-proposta tkun parzjalment jew kompletament iffinanzjata minn dħul assenjat estern, imla t-tabella fit-Taqsima 3.2.1.2. Jekk le, jekk jogħġbok ħassar it-taqsima sħiħa.

3.2.1.2. Appropriazzjonijiet minn dħul assenjat estern

miljuni ta' EUR (sa tliet pozzizzjonijiet deċimali)

<b>Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	Numru	
--	-------	--

DĠ: <.....>			Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL QFP 2028-2034		
			2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034			
Approprijazzjonijiet operazzjonali												
Linja baġitarja	Impenji	(1a)										0
	Pagamenti	(2a)										0
Linja baġitarja	Impenji	(1b)										0
	Pagamenti	(2b)										0
Approprijazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi <sup>47</sup>												
Linja baġitarja		-3										0
<b>TOTAL tal-approprijazzjonijiet għad-DĠ &lt;.....&gt;</b>	Impenji	=1a+1b+3	0	0	0			0	0	0	0	0
	Pagamenti	=2a+2b+3	0	0	0			0	0	0	0	0

Tabella mandatorja:

		Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL QFP 2028-2034			
		2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034				
TOTAL tal-approprijazzjonijiet operazzjonali	Impenji	-4	0	0	0			0	0	0	0	0
	Pagamenti	-5	0	0	0			0	0	0	0	0
TOTAL tal-approprijazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		-6	0	0	0			0	0	0	0	0
<b>TOTAL tal-approprijazzjonijiet skont l-INTESTATURA &lt;....&gt;</b>	Impenji	10	0	0	0			0	0	0	0	0

<sup>47</sup> Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

tal-qafas finanzjarju pluriennali	Pagamenti	11	0	0	0	0	0	0	0	0
-----------------------------------	-----------	----	---	---	---	---	---	---	---	---

Tabella mandatorja

			Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL
			2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	QFP 2028-2034
TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	-4	0	0	0	0	0	0	0	0
	Pagamenti	-5	0	0	0	0	0	0	0	0
TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		-6	0	0	0	0	0	0	0	0
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA &lt;...&gt;</b> tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	10	0	0	0	0	0	0	0	0
	Pagamenti	11	0	0	0	0	0	0	0	0

			Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL
			2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	QFP 2028-2034
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha)	Impenji	-4	0	0	0	0	0	0	0	0
	Pagamenti	-5	0	0	0	0	0	0	0	0
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha)		-6	0	0	0	0	0	0	0	0
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet</b>	Impenji	10	0	0	0	0	0	0	0	0

<b>skont I-Intestaturi 1 sa 3</b> tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Pagamenti								
		11	0	0	0	0	0	0	0

<b>Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	<b>4</b>	“Nefqa amministrattiva” <sup>48</sup>
--	----------	---------------------------------------

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Il-Fond Ewropew għall-Kompetittività		Sena 2028	Sena 2029	Sena 2030	Sena 2031	Sena 2032	Sena 2033	Sena 2034	TOTAL QFP 2028- 2034
•Riżorsi umani		164,911	164,911	164,911	164,911	164,911	164,911	164,911	1154,377
•Nefqa amministrattiva oħra		11,00	11,00	11,00	11,00	11,00	11,00	11,00	77,00
<b>TOTAL</b>	<b>Appropriazzjonijiet</b>	<b>175,911</b>	<b>175,911</b>	<b>175,911</b>	<b>175,911</b>	<b>175,911</b>	<b>175,911</b>	<b>175,911</b>	<b>1231,377</b>

<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont I- INTESTATURA 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	(Total tal- impenji = Total tal-pagamenti)	175,911	175,911	175,911	175,911	175,911	175,911	175,911	1231,377
---	--	---------	---------	---------	---------	---------	---------	---------	----------

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	
--	------	------	------	------	------	------	------	--

<sup>48</sup> Sabiex jiġu ddeterminati l-appropriazzjonijiet meħtieġa jenħtieġ li jintużaw iċ-ċifri relatati mal-kostijiet medji annwali, disponibbli fuq il-paġna web rilevanti tal-BUDGpedia.

		2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	TOTAL QFP 2028-2034
<b>TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 4</b>	Impenji	0	0	0	0	0	0	0	0
tal-qafas finanzjarju pluriennali	Pagamenti	0	0	0	0	0	0	0	0

3.2.2. Output smat ifffinanzjat mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (din it-taqsimha ma għandhiex timtela mill-aġenziji deċentralizzati)

Approprjazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs ↓			Sena 2028		Sena 2029		Sena 2030		Sena 2031		Daħħal is-sinjura kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara t-Taqsimha 1.6)						TOTAL		
	OUTPUTS																		
	Tip <sup>49</sup>	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 <sup>50</sup> ...																			
- Output																			
- Output																			
- Output																			
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1																			
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																			
- Output																			

<sup>49</sup> L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereż. l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

<sup>50</sup> Kif deskritt fit-Taqsimha 1.3.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiki"

Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2																
<b>TOTALI</b>																

### 3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi

Il-proposta/L-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

Il-proposta/L-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt

#### 3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL 2028 - 2034
	2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	
<b>INTESTATURA 4</b>								
Riżorsi umani	164,911	164,911	164,911	164,911	164,911	164,911	164,911	1154,377
Nefqa amministrattiva oħra	11,000	11,000	11,000	11,000	11,000	11,000	11,000	77,000
<b>Subtotal tal-INTESTATURA 4</b>	<b>175,911</b>	<b>175,911</b>	<b>175,911</b>	<b>175,911</b>	<b>175,911</b>	<b>175,911</b>	<b>175,911</b>	<b>1231,377</b>
<b>Barra mill-INTESTATURA 4</b>								
Riżorsi umani	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
<b>Subtotal barra mill-INTESTATURA 4</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>
<b>TOTAL</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>

#### 3.2.3.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern

DĦUL ASSENJAT ESTERN	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL 2028 - 2034
	2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	
<b>INTESTATURA 4</b>								
Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Nefqa amministrattiva oħra	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
<b>Subtotal tal-INTESTATURA 4</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>
<b>Barra mill-INTESTATURA 4</b>								
Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
<b>Subtotal barra mill-INTESTATURA 4</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>
<b>TOTAL</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>

#### 3.2.3.3. Total tal-approprjazzjonijiet

TOTAL TAL- APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI + DĦUL ASSENJAT ESTERN	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL 2028 - 2034
	2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	
<b>INTESTATURA 4</b>								
Riżorsi umani	164,911	164,911	164,911	164,911	164,911	164,911	164,911	1154,377
Nefqa amministrattiva oħra	11,000	11,000	11,000	11,000	11,000	11,000	11,000	77,000
<b>Subtotal tal-INTESTATURA 4</b>	<b>175,911</b>	<b>175,911</b>	<b>175,911</b>	<b>175,911</b>	<b>175,911</b>	<b>175,911</b>	<b>175,911</b>	<b>1231,377</b>
<b>Barra mill-INTESTATURA 4</b>								
Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000

Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
<b>Subtotal barra mill- INTESTATURA 4</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>
<b>TOTAL</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>

### 3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani
- Il-proposta/L-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt

#### 3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat

*L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time (FTEs, Full-Time Equivalent)*<sup>51</sup>

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena 2028	Sena 2029	Sena 2030	Sena 2031	Sena 2032	Sena 2033	Sena 2034
<b>•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)</b>							
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	824	824	824	824	824	824	824
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0	0	0	0
04 01 01 11 (Riċerka indiretta)	45	45	45	45	45	45	45
Riċerka diretta	0	0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika)	0	0	0	0	0	0	0
<b>• Persunal estern (FTEs)</b>							
20 02 01 (AC, END mill-“pakkett globali”)	99	99	99	99	99	99	99
20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0	0	0	0
Ammin. Linja ta' appoġġ	168	168	168	168	168	168	168
[XX.01.YY.YY]	0	0	0	0	0	0	0
04 01 01 12 (AC, END - Riċerka indiretta)	25	25	25	25	25	25	25
AC, END - Riċerka diretta	0	0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 7	0	0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 7	0	0	0	0	0	0	0
<b>TOTAL</b>	<b>1161</b>	<b>1161</b>	<b>1161</b>	<b>1161</b>	<b>1161</b>	<b>1161</b>	<b>1161</b>

#### 3.2.4.2. Iffinanzjati minn dħul assenjat estern

DĦUL ASSENJAT ESTERN	Sena 2028	Sena 2029	Sena 2030	Sena 2031	Sena 2032	Sena 2033	Sena 2034
<b>•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)</b>							

<sup>51</sup> Speċifika taħt it-tabella, kemm mill-FTEs fl-għadd indikat huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew jistgħu jiġu riallokati fid-DG tiegħek, u x'inhuma l-ħtiġijiet netti tiegħek.

20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	0	0	0	0	0	0	0
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0	0	0	0
04 01 01 11 (Riċerka indiretta)	0	0	0	0	0	0	0
Riċerka diretta	0	0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika)	0	0	0	0	0	0	0
<b>• Persunal estern (f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time)</b>							
20 02 01 (AC, END mill-“pakkett globali”)	0	0	0	0	0	0	0
20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0	0	0	0
Ammin. Linja ta' appoġġ	- fil-Kwartieri Ġenerali	0	0	0	0	0	0
[XX.01.YY.YY]	- fid-Delegazzjonijiet tal-UE	0	0	0	0	0	0
04 01 01 12 (AC, END - Riċerka indiretta)		0	0	0	0	0	0
AC, END - Riċerka diretta		0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 7		0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 7		0	0	0	0	0	0
<b>TOTAL</b>		<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>

### 3.2.4.3. Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani

<b>TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI + DĦUL ASSENJAT ESTERN</b>	<b>Sena 2028</b>	<b>Sena 2029</b>	<b>Sena 2030</b>	<b>Sena 2031</b>	<b>Sena 2032</b>	<b>Sena 2033</b>	<b>Sena 2034</b>
<b>•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)</b>							
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	824	824	824	824	824	824	824
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0	0	0	0
04 01 01 11 (Riċerka indiretta)	45	45	45	45	45	45	45
Riċerka diretta	0	0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika)	0	0	0	0	0	0	0
<b>• Persunal estern (f'FTEs)</b>							
20 02 01 (AC, END mill-“pakkett globali”)	99	99	99	99	99	99	99
20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0	0	0	0
Ammin. Linja ta' appoġġ	-Fil-Kwartieri Ġenerali	168	168	168	168	168	168
[XX.01.YY.YY]	-Fid-Delegazzjonijiet	0	0	0	0	0	0
04 01 01 12 (AC, END - Riċerka indiretta)		25	25	25	25	25	25
AC, END - Riċerka diretta		0	0	0	0	0	0

Linji baġtarji oħra (speċifika) - Intestatura 7	0	0	0	0	0	0	0
Linji baġtarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 7	0	0	0	0	0	0	0
<b>TOTAL</b>	<b>1161</b>	<b>1161</b>	<b>1161</b>	<b>1161</b>	<b>1161</b>	<b>1161</b>	<b>1161</b>

Il-persunal meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta (f'FTEs):

	Għandu jiġi kopert mill-persunal attwali disponibbli fis-servizzi tal-Kummissjoni	Persunal addizzjonali		
		Għandu jiġi ffinanzjat taħt l-Intestatura 7 jew Riċerka	Għandu jiġi ffinanzjat mil-linja BA	Għandu jiġi ffinanzjat mit-tariffi
Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal	739	130	M/A	
Persunal estern (CA, SNEs, INT)	247		10	35

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu minn:

Uffiċjali u persunal temporanju	<p>Il-governanza u l-koordinazzjoni interna u esterna għall-implimentazzjoni tal-FEK</p> <p>L-implimentazzjoni tal-baġit taħt it-twieqi ta' politika kollha tal-FEK</p> <p>L-implimentazzjoni tal-Istrument InvestEU tal-FEK</p> <p>L-implimentazzjoni ta' Konsulenza għall-Proġetti u Azzjonijiet Trażversali</p>
Persunal estern	<p>Il-governanza u l-koordinazzjoni interna u esterna għall-implimentazzjoni tal-FEK</p> <p>L-implimentazzjoni tal-baġit taħt it-twieqi ta' politika kollha tal-FEK</p> <p>L-implimentazzjoni tal-Istrument InvestEU tal-FEK</p> <p>L-implimentazzjoni ta' Konsulenza għall-Proġetti u Azzjonijiet Trażversali</p>

### 3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali

Obbligatorju: fit-tabella ta' hawn taħt jenħtieġ li tiġi inklużi l-aħjar stima tal-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali li jirriżultaw mill-proposta/mill-inizjattiva.

B'mod eċċezzjonali, meta jkun meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva, l-appropriazzjonijiet skont l-Intestatura 4 għandhom jiġu ppreżentati fil-linja ddeżinjata.

L-appropriazzjonijiet skont l-Intestaturi 1 sa 4 għandhom jenħtieġ li jiġu riflessi bħala "Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali". Din in-nefqa tirreferi għall-baġit operazzjonali li għandu jintuża għall-użu mill-ġdid/għax-xiri/għall-iżvilupp ta' pjattaformi/għodod tal-IT relatati direttament mal-implimentazzjoni tal-inizjattiva u mal-investimenti assoċjati tagħhom (pereż. liċenzji, studji, ħżin ta' data eċċ.). L-informazzjoni

pprovduta f'din it-tabella jenħtieġ li tkun konsistenti mad-dettalji ppreżentati fit-Taqsima 4 "Dimensjonijiet diġitali".

TOTAL tal-approprjazzjonijiet diġitali u tal-IT	Sena 2028	Sena 2029	Sena 2030	Sena 2031	Sena 2032	Sena 2033	Sena 2034	TOTAL QFP 2028 - 2034
<b>INTESTATURA 4</b>								
Nefqa tal-IT (korporattiva)	9520200	9520200	9520200	9520200	9520200	9520200	9520200	66641400
<b>Subtotal tal-INTESTATURA 4</b>	<b>9520200</b>	<b>9520200</b>	<b>9520200</b>	<b>9520200</b>	<b>9520200</b>	<b>9520200</b>	<b>9520200</b>	<b>66641400</b>
<b>Barra mill-INTESTATURA 4</b>								
Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali	1447250	1447250	1447250	1447250	1447250	1447250	1447250	10130750
<b>Subtotal barra mill-INTESTATURA 4</b>	<b>1447250</b>	<b>1447250</b>	<b>1447250</b>	<b>1447250</b>	<b>1447250</b>	<b>1447250</b>	<b>1447250</b>	<b>10130750</b>
<b>TOTAL</b>	<b>10967450</b>	<b>10967450</b>	<b>10967450</b>	<b>10967450</b>	<b>10967450</b>	<b>10967450</b>	<b>10967450</b>	<b>76772150</b>

### 3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

Il-proposta/L-inizjattiva:

- tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP)
- tirrikjedi l-użu tal-marġni mhux allokat skont l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali kif definiti fir-Regolament QFP
- tirrikjedi reviżjoni tal-QFP

### 3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/L-inizjattiva:

- ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi
- tippredix l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena	Sena 2028	Sena 2029	Sena 2030	Sena 2031	Sena 2032	Sena 2033	Total	
								2034	
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament									

TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								
--	--	--	--	--	--	--	--	--

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
- fuq ir-riżorsi proprji
- fuq dħul ieħor
- jekk jogħġbok indika jekk id-dħul huwiex assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet pozzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva <sup>52</sup>						
		Sena 2028	Sena 2029	Sena 2030	Sena 2031	Sena 2032	Sena 2033	Sena 2034
Artikolu .....								

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[...]

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[...]

## 4. DIMENSIJONIJIET DIĠITALI

### 4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali

- Il-proposta hija vvalutata bħala li għandha rilevanza diġitali peress li se tipproduċi serje ġdida ta' data. Madankollu, se tibni fuq il-qafas diġitali tar-Regolament dwar il-Programm InvestEU, b'mod partikolari fir-rigward tas-Sistema ta' Informazzjoni Maniġerjali tal-InvestEU, li se tiġi adattata biex tipprovdi għall-implimentazzjoni tal-FEK, b'mod partikolari dwar l-iskambju ta' data ma' entitajiet fdati (sħab ta' implimentazzjoni u konsultattivi), mal-membri tal-Kumitat tal-Investment.

### 4.2. Data

- L-iskambju ta' data bejn il-Kummissjoni u l-entitajiet fdati se jkun ibbażat fuq ir-rekwiżiti stabbiliti fil-ftehimiet rilevanti. Din se tinkludi data operazzjonali, finanzjarja u tar-riskju, li se tiġi pprovduta fuq bażi regolari (eż. rapporti perjodiċi) kif ukoll fuq bażi *ad hoc* (eż. għas-sottomissjoni ta' operazzjonijiet minn entitajiet fdati).

<sup>52</sup> Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

- L-iskambju ta' data mal-membri tal-Kumitat tal-Investment se jkun limitat għal operazzjonijiet sottomessi minn entitajiet fdati lill-Kumitat tal-Investment.

#### **4.3. Soluzzjonijiet diġitali**

- Is-Sistema eżistenti ta' Informazzjoni Maniġerjali tal-InvestEU se tiġi adattata u użata għall-Istrument InvestEU tal-FEK u għall-implimentazzjoni tal-Konsulenza għall-Proġetti.

#### **4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà**

- Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-ġestjoni Maniġerjali tal-InvestEU se tintuża għall-FEK u se żżomm il-karatteristiċi tal-interoperabbiltà tagħha, b'mod partikolari mal-għodod tal-IT tal-Kummissjoni li ġejjin: Secunda+, Ares, Decide u s-Sistema ta' Notifika Korporattiva.

#### **4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali**

- Il-proġett tal-IT għall-adattament tas-Sistema ta' Informazzjoni Maniġerjali tal-InvestEU għall-FEK se jiġi żviluppjat u implimentat fil-Kummissjoni u jenħtieġ li jinvolvi l-utenti ewlenin tas-sistema (l-utenti tal-Kummissjoni, l-utenti sħab ta' implimentazzjoni u konsultattivi kif ukoll il-membri tal-Kumitat tal-Investment).